// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 258

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

6 ta' Ottubru 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1792 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni** ................ 1

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1793 tal-15 ta' Settembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1792 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni** ................ 3

**Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjonijiet u r-riassigurazzjonijiet** ................ 4

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1794 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali tal-2018 tal-FAEG** ................ 22

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja** ................ 24

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1796 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jrid jintuża għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni tal-ġobon lejn l-Istati Uniti tal-Amerka fl-2018 bil-kwoti msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 ................ 124

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1797 tat-23 ta' Mejju 2017 dwar l-iskemi ta' għajnuna SA.42393 (2016/C) (ex 2015/N) implimentata mill-Ġermanja għal ċerti konsumaturi aħħarin (tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP) u SA.47887 (2017/N) li l-Ġermanja beħsiebha timplimenta bil-għan li testendi l-iskema ta' sostenn lis-CHP rigward installazzjonijiet ta' CHP użati f'networks magħluqa** *(notifikata bid-dokument C(2017) 3400)* ([1]) ........................................ 127

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1792

**tad-29 ta' Mejju 2017**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2015 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka għal ftehim dwar ir-riassigurazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess permezz ta' skambju ta' ittri bejn in-negozjaturi ewlenin fit-12 ta' Jannar 2017.

(2) Jeħtieġ li l- Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ("il-Ftehim") jiġi ffirmat.

(3) Bil-ħsieb li jiġi permess it-twaqqif tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim, li ser jipprovdi forum għall-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, u sabiex tiġi permessa l-implementazzjoni ta' prattiki armonizzati mill-awtoritajiet ta' superviżjoni fl-Unjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-grupp li diġà huma possibbli taħt il-qafas legali attwali tal-Unjoni f'dak il-qasam, l-Artikoli 4 u 7 tal-Ftehim għandhom jiġu applikati fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

L-Artikoli 4 u 7 tal-Ftehim għandhom jiġu applikati fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikoli 9 u 10 tal-Ftehim, ([1]) sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim, wara li tkun semgħet il-fehmiet tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar is-servizzi finanzjarji, u għandha tgħarraf lil dak il-grupp ta' ħidma, kull meta jkun xieraq u mill-anqas kull sena, bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 5*

Kwalunkwe pożizzjoni li tiġi espressa f'isem l-Unjoni għandha tkun adottataf'konformità mat-Trattati u b'hekk mill-Kunsill kif previst fl-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CARDONA

([1]) Id-data minn meta l-Ftehim ser jiġi applikat b'mod provviżorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1793

## tal-15 ta' Settembru 2017

## li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1792 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 fil-kuntest tal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka għal Ftehim dwar ir-riassigurazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess permezz ta' skambju ta' ittri bejn in-negozjaturi prinċipali fit-12 ta' Jannar 2017.

(2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea bl-Ingliż, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Għal din il-fini, id-Deċiżjoni (UE) 2017/1792 [1] jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1792 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni kif ukoll l-iskambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka fir-rigward tal-arranġamenti lingwistiċi. L-iffirmar tal-Ftehim għandu jsir flimkien mal-iffirmar tal-iskambju ta' ittri."

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3a*

Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont il-liġi tal-Unjoni, il-Ftehim qiegħed jitfassal ukoll mill-Unjoni bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali jenħtieġ li jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka. Il-verżjonijiet awtentikati kollha għandu jkollhom valur ugwali.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MAASIKAS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1792 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

TRADUZZJONI

# FTEHIM BILATERALI

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjonijiet u r-riassigurazzjonijiet

Preambolu

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-Istati Uniti), il-Partijiet għal dan il-Ftehim,

Jikkondividu l-għan li d-detenturi tal-poloz tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-konsumaturi l-oħrajn jiġu protetti, filwaqt li jirrispettaw is-sistema ta' kull Parti f'dak li għandu x'jaqsam mas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

Jaffermaw li għall-Istati Uniti, il-miżuri prudenzjali applikabbli fl-Unjoni Ewropea, flimkien mar-rekwiżiti u l-impenji previsti f'dan il-Ftehim, jiksbu livell ta' protezzjoni għad-detenturi tal-poloz u l-konsumaturi l-oħrajn fir-rigward ta' ċessjonijiet ta' riassigurazzjoni u superviżjoni tal-grupp konsistenti mar-rekwiżiti tal-Federal Insurance Office Act tal-2010;

Jirrikonoxxu l-ħtieġa li dejjem qed tikber għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-UE u tal-Istati Uniti, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali, meta wieħed iqis iż-żieda fil-globalizzazzjoni tas-swieq tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni;

Jikkunsidraw li l-arranġamenti prattiċi dwar il-kooperazzjoni transfruntiera huma essenzjali għas-superviżjoni tal-assiguraturi u r-riassiguraturi kemm matul żminijiet ta' stabbiltà kif ukoll fi żminijiet ta' kriżi;

Jikkunsidraw l-informazzjoni skambjata fl-oqfsa regolatorji ta' kull Parti u wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' dawn l-oqfsa;

Jieħdu nota tal-benefiċċji mit-titjib taċ-ċertezza regolatorja fl-applikazzjoni tal-oqfsa regolatorji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għall-assiguraturi u r-riassiguraturi li joperaw fit-territorju ta' kull Parti;

Jirrikonoxxu l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-ftehimiet ta' riassigurazzjoni f'kuntest transfruntier sakemm jiġu sodisfaTti l-kundizzjonijiet prudenzjali applikabbli u b'kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz u l-konsumaturi l-oħrajn;

Jirrikonoxxu li s-superviżjoni tal-grupp tal-assiguraturi u r-riassiguraturi tippermetti lill-awtoritajiet superviżorji biex jiffurmaw ġudizzju xieraq tal-pożizzjoni finanzjarja ta' dawn il-gruppi;

Jirrikonoxxu l-ħtieġa għal rekwiżit kapitali tal-grupp jew valutazzjoni għall-assiguraturi u r-riassiguraturi li jifformaw parti minn grupp li jopera fit-territorju taż-żewġ Partijiet, u li rekwiżit tal-kapital tal-grupp jew valutazzjoni fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija jistgħu jkunu bbażati fuq l-approċċ tal-Parti ta' Oriġini;

Jaffermaw l-importanza tal-ispeċifikazzjonijiet għar-rekwiżit kapitali tal-grupp jew il-valutazzjoni għas-superviżjoni tal-grupp u, fejn meħtieġ, tal-applikazzjoni ta' miżuri korrettivi jew preventivi jew inkella ta' reazzjoni minn awtorità superviżorja abbażi ta' dak ir-rekwiżit jew valutazzjoni; kif ukoll

Jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji biex jissorveljaw l-assiguraturi u r-riassiguraturi fl-interess tad-detenturi tal-poloz u l-konsumaturi oħrajn,

B'DAN JAQBLU:

*Artikolu 1*

**Objettivi**

Dan il-Ftehim jindirizza dan li ġej:

(a) l-eliminazzjoni, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, ta' rekwiżiti ta' preżenza lokali imposti minn Parti jew l-awtoritajiet superviżorji tagħha fuq riassiguratur ċessjonarju li jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fil-Parti l-oħra, bħala kundizzjoni biex jidħol fi kwalunkwe ftehim ta' riassigurazzjoni ma' assiguratur ċedenti li għandu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fit-territorju tiegħu jew biex jippermetti lill-assiguratur ċedenti li jirrikonoxxi l-kreditu għar-riassigurazzjoni jew kreditu għall-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' tali ftehim ta' riassigurazzjoni;

(b) l-eliminazzjoni, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, ta' rekwiżiti tal-kollateral imposti minn Parti jew l-awtoritajiet superviżorji tagħha fuq riassiguratur ċessjonarju li jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fil-Parti l-oħra, bħala kundizzjoni biex jidħol fi kwalunkwe ftehim ta' riassigurazzjoni ma' assiguratur ċedenti li għandu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fit-territorju tiegħu jew biex jippermetti lill-assiguratur ċedenti li jirrikonoxxi l-kreditu għar-riassigurazzjoni jew kreditu għall-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' tali ftehim ta' riassigurazzjoni;

(c) ir-rwol tal-awtoritajiet superviżorji Ospitanti u ta' Oriġini fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-grupp tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li l-impriża omm tagħhom fuq skala dinjija tinsab fil-Parti ta' Oriġini, inkluż, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, (i) l-eliminazzjoni fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija tar-rekwiżiti prudenzjali tal-Parti Ospitanti għall-assigurazzjoni rigward solvenza u kapital, governanza, u rappurtar, u (ii) jiġi stabbilit li l-awtorità superviżorja ta' Oriġini, u mhux l-awtorità superviżorja Ospitanti teżerċita superviżjoni tal-grupp tal-assigurazzjoni prudenzjali fuq skala dinjija, mingħajr preġudizzju għal superviżjoni tal-grupp mill-Parti Ospitanti tal-grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-livell tal-impriża omm fit-territorju tagħha; kif ukoll

(d) l-appoġġ reċiproku tal-Partijiet għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji ta' kull Parti, u l-prattiki rakkomandati għal tali skambju.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Assiguratur ċedenti" tfisser assiguratur jew riassiguratur li huwa kontroparti għal riassiguratur ċessjonarju skont ftehim ta' riassigurazzjoni;

(b) "Kollateral" tfisser assi, bħal flus kontanti u ittri ta' kreditu, mirhuna mir-riassiguratur għall-benefiċċju tal-assiguratur ċedenti jew ir-riassiguratur biex jiġu ggarantiti jew assigurati l-obbligazzjonijiet tar-riassiguratur ċessjonarju lill-assiguratur ċedenti li jirriżultaw minn ftehim ta' riassigurazzjoni;

(c) "Kreditu għar-riassigurazzjoni jew kreditu għall-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' ftehimiet ta' riassigurazzjoni" tfisser id-dritt ta' assiguratur ċedenti taħt qafas regolatorju prudenzjali biex jirrikonoxxi l-ammonti dovuti minn riassiguraturi ċessjonarji rigward telf imħallas u mhux imħallas fuq ir-riskji ċeduti bħala assi jew tnaqqis minn obbligazzjonijiet rispettivament;

(d) "Grupp" tfisser żewġ impriżi jew iktar, li tal-inqas waħda minnhom tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, u waħda jkollha kontroll fuq waħda jew aktar minn impriża waħda tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew impriża oħra mhux regolata;

(e) "Superviżjoni tal-Grupp" tfisser l-applikazzjoni ta' superviżjoni regolatorja u prudenzjali minn awtorità superviżorja għal grupp tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għal raġunijiet li jinkludu l-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz u l-konsumaturi l-oħrajn, u għall-istabbiltà finanzjarja u l-impenn globali;

(f) "Parti ta' Oriġini" tfisser il-Parti li fit-territorju tagħha l-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew impriża jkollha l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħha;

(g) "Awtorità superviżorja ta' Oriġini" tfisser l-awtorità superviżorja tal-Parti ta' Oriġini;

(h) "Parti Ospitanti" tfisser Parti li fiha l-grupp jew l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni joperaw, iżda ma tkunx it-territorju li fih l-impriża omm fuq skala dinjija kollha tal-grupp jew l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom;

(i) "Awtorità superviżorja Ospitanti" tfisser awtorità superviżorja tal-Parti Ospitanti;

(j) "Assiguratur" tfisser impriża li tkun awtorizzata jew liċenzjata biex tibda jew tinvolvi ruħha fin-negozju ta' assigurazzjoni diretta jew primarja;

(k) "Impriża omm" tfisser impriża regolata jew mhux regolata li direttament jew indirettament tippossjedi jew tikkontrolla impriża oħra;

(l) "Dejta Personali" tfisser kull informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

(m) "Riassiguratur" tfisser impriża li tkun awtorizzata jew liċenzjata biex tibda jew tinvolvi ruħha fin-negozju tal-attivitajiet ta' rissigurazzjoni;

(n) "Attivitajiet ta' riassigurazzjoni" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-aċċettazzjoni tar-riskji ċeduti minn assiguratur jew riassiguratur ieħor;

(o) "Ftehim ta' riassigurazzjoni" tfisser kuntratt li fih ir-riassiguratur ċessjonarju jkun aċċetta r-riskju ċedut minn assiguratur jew riassiguratur;

(p) "Awtorità superviżorja" tfisser kull superviżur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fl-Istati Uniti;

(q) "Impriża" hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika;

(r) "Stat tal-Istati Uniti" tfisser kwalunkwe Stat liberu assoċjat, territorju jew fil-pussess tal-Istati Uniti, id-District of Columbia, il-Commonwealth ta' Puerto Rico, il-Commonwealth tal-Gżejjer tal-Mariana tat-Tramuntana, is-Samoa Amerikana, il-Guam, jew il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti;

(s) "Fuq skala dinjija" tfisser l-operazzjonijiet jew l-attivitajiet kollha ta' grupp kull fejn iseħħu; kif ukoll

(t) "Impriża omm fuq skala dinjija" tfisser l-impriża omm apikali ta' grupp.

*Artikolu 3*

**Riassigurazzjoni**

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4, riassiguratur ċessjonarju li jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fit-territorju tal-Parti l-oħra (hawn taħt għall-fini tal-Artikolu 3, "Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini") hekk kif jikkonkludi kuntratt ta' riassigurazzjoni ma' assiguratur ċedenti li jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu fit-territorju tiegħu (hawn taħt għall-fini tal-Artikolu 3, Assiguratur Ċedenti ta' Parti Ospitanti), Parti m'għandhiex twettaq l-azzjonijiet li ġejjin u tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji tagħha jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra ma jwettqux dawn l-azzjonijiet:

(a) iżżomm jew tadotta kwalunkwe rekwiżit biex jiddaħħal kollateral b'rabta maċ-ċessjonijiet minn Assiguratur Ċedenti ta' Parti Ospitanti għal Riassiguratur Ċessjonarju ta' Parti ta' Oriġini u kwalunkwe obbligu ta' rapportar relatat attribwibbli għal kollateral trasferit bħal dan, jew

(b) iżżomm jew tadotta kwalunkwe rekwiżit ġdid sostanzjalment bl-istess impatt regolatorju fuq ir-Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini bħar-rekwiżiti tal-kollateral trasferit skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe obbligu ta' rapportar attribwibbli għal kollateral trasferit bħal dan,

li, fil-każ ta' jew (a) inkella (b), jirriżulta fi trattament anqas favorevoli tar-Riassiguraturi Ċessjonarji tal-Parti ta' Oriġini mir-riassiguraturi ċessjonarji li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-istess awtorità superviżorja bħal Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti. Dan il-paragrafu ma jipprojbixxix lil Parti biex fit-territorju tagħha jkun hemm l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tal-assiguratur ċedenti (hawn taħt għall-fini tal-Artikolu 3, "Parti Ospitanti") jew l-awtoritajiet superviżorji tagħha milli japplikaw rekwiżiti bħala kundizzjoni biex jiġi permess lir-Riassiguraturi Ċessjonarji tal-Parti ta' Oriġini biex jidħlu fi ftehim ta' riassigurazzjoni ma' Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti jekk l-istess rekwiżiti japplikaw għall-ftehimiet ta' riassigurazzjoni bejn assiguratur ċedenti u riassiguratur ċessjonarju li jkollhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-istess awtorità superviżorja.

2. Soġġetta għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 4, kundizzjoni biex Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti jiġi permess jieħu kreditu għar-riassigurazzjoni jew għall-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' ftehimiet ta' riassigurazzjoni konklużi ma' Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini, Parti Ospitanti m'għandhiex twettaq l-azzjonijiet li ġejjin, u tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji tagħha jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra ma jwettqux dawn l-azzjonijiet:

(a) iżżomm jew tadotta kwalunkwe rekwiżit biex jiddaħħal kollateral b'rabta maċ-ċessjonijiet minn Assiguratur Ċedenti ta' Parti Ospitanti għal Riassiguratur Ċessjonarju ta' Parti ta' Oriġini u kwalunkwe obbligu ta' rapportar relatat attribwibbli għal kollateral trasferit bħal dan, jew

(b) iżżomm jew tadotta kwalunkwe rekwiżit ġdid sostanzjalment bl-istess impatt regolatorju fuq ir-Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini bħar-rekwiżiti tal-kollateral trasferit skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe obbligu ta' rapportar attribwibbli għal kollateral trasferit bħal dan,

li, fil-każ ta' jew (a) inkella (b), jirriżulta fi trattament anqas favorevoli tar-Riassiguraturi Ċessjonarji tal-Parti ta' Oriġini mir-riassiguraturi ċessjonarji li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-istess awtorità superviżorja bħal Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti. Dan il-paragrafu ma jipprekludix lil Parti Ospitanti jew

l-awtoritajiet superviżorji tagħha milli japplikaw ir-rekwiżiti bħala kundizzjoni li tippermetti lill-Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti biex jieħu kreditu għar-riassigurazzjoni jew l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-ftehimiet ta' riassigurazzjoni konklużi ma' Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini jekk l-istess rekwiżiti japplikaw għall-ftehimiet tar-riassigurazzjoni bejn l-assiguratur ċedenti u r-riassiguratur ċessjonarju li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-istess awtorità superviżorja.

3. Soġġetta għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 4, kundizzjoni biex jiġi konkluż kuntratt ta' riassigurazzjoni ma' Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti jew bħala kundizzjoni biex tippermetti li Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti li jirrikonoxxi kreditu għal riassigurazzjoni bħal din jew effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' ftehim ta' riassigurazzjoni bħal dan, Parti Ospitanti m'għandhiex twettaq l-azzjonijiet li ġejjin u għandha tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji tagħha jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra, kif applikabbli, ma tqwettaqx dawn l-azzjonijiet:

(a) iżżomm jew tadotta kull rekwiżit għal Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini biex ikollu preżenza lokali, jew

(b) iżżomm jew tadotta kwalunkwe rekwiżit ġdid sostanzjalment bl-istess impatt regolatorju fuq ir-Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini bħala preżenza lokali,

li, fil-każ ta' (a) jew (b), jirriżulta fi trattament inqas favorevoli tar-Riassiguratur Ċessjonarju tal-Parti ta' Oriġini milli r-riassiguraturi ċessjonarji li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-awtorità superviżorja tal-Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti jew li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju tal-Parti Ospitanti u għandhom liċenzja jew permess biex joperaw fit-territorju tal-awtorità superviżorja tal-Assiguratur Ċedenti tal-Parti Ospitanti. Għal Stat tal-Istati Uniti, "permess li jopera" ikun ifisser, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, li jkun ammess f'dak l-Istat.

4. Japplikaw il-paragrafu 1 sa 3, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riassiguratur ċessjonarju jkollu u jżomm fuq bażi kontinwa,

(i) mill-inqas EUR 226 miljun, fil-każ li l-assiguratur ċedenti jkollu l-uffiċċju ewlieni tiegħu fl-UE, jew 250 miljun dollaru Amerikan, fil-każ li l-assiguratur ċedenti jkollu d-domiċilju fl-Istati Uniti, ta' fondi proprji jew ta' kapital u eċċess, ikkalkulati skont il-metodoloġija tal-ġuriżdizzjoni tad-domiċilju tiegħu; jew

(ii) jekk ir-riassiguratur ċessjonarju jkun assoċjazzjoni li tinkludi sottoskritturi f'impriża u dawk individwali li ma jkunux sottoskritturi f'impriża:

(A) l-ekwivalent minimu f'kapital u eċċess (nett ta' obbligazzjonijiet) jew fondi proprji, ikkalkulati skont il-metodoloġija applikabbli fil-ġuriżdizzjoni tad-domiċilju, ta' mill-inqas EUR 226 miljun, jekk l-assiguratur ċedenti jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-UE, jew 250 miljun dollaru Amerikan, jekk l-assiguratur ċedenti jkollu d-domiċilju fl-Istati Uniti; kif ukoll

(B) fond ċentrali li jkun fih bilanċ ta' 'l fuq minn EUR 226 miljun, fil-każ li l-assiguratur ċedenti jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-UE, jew 250 miljun dollaru Amerikan, fil-każ li l-assiguratur ċedenti jkollu d-domiċilju tiegħu fl-Istati Uniti;

(b) ir-riassiguratur ċesjonarju jkollu u jżomm fuq bażi kontinwa:

(i) proporzjon tas-solvenza ta' 100 fil-mija tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza skont is-Solvibbiltà II jew kapital ibbażat fuq ir-riskju ta' 300 fil-mija ta' Livell ta' Kontroll Awtorizzat, kif applikabbli fit-territorju li fih ir-riassiguratur ċessjonarju jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu; jew

(ii) jekk ir-riassiguratur ċessjonarju jkun assoċjazzjoni li tinkludi sottoskritturi f'impriża u dawk individwali li ma jkunux sottoskritturi f'impriża, proporzjon tas-solvenza ta' 100 fil-mija tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza skont is-Solvibbiltà II jew kapital ibbażat fuq ir-riskju ta' 300 fil-mija ta' Livell ta' Kontroll Awtorizzat, kif applikabbli fit-territorju li fih ir-riassiguratur ċessjonarju jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu jew id-domiċilju tiegħu;

(c) ir-riassiguratur ċessjonarju jaqbel li jipprovdi minnufih avviż bil-miktub u spjegazzjoni lill-awtorità superviżorja fit-territorju tal-assiguratur ċedenti jekk:

(i) jaqa' taħt il-kapital minimu u l-eċċess jew fondi proprji, skont il-każ, speċifikat fis-subparagrafu (a), jew il-proporzjon ta' kapital jew ta' solvenza, skont il-każ, speċifikat fis-subparagrafu (b); jew

(ii) kwalunkwe azzjoni regolatorja tittieħed kontra tiegħu għal nuqqas ta' konformità mal-liġi applikabbli;

(d) ir-riassiguratur ċessjonarju jipprovdi konferma ta' kunsens bil-miktub lill-Awtorità superviżorja ospitanti lill-ġuriżdizzjoni tal-qrati tat-territorju li fih l-assiguratur ċedenti jkollu l-uffiċċju prinċipali jew id-domiċilju tiegħu, skont ir-rekwiżiti applikabbli ta' dak it-territorju għall-għoti ta' kunsens bħal dan. L-ebda dispożizzjoni f'dan il-Ftehim ma għandha tillimita jew tbiddel b'xi mod l-kapaċità tal-partijiet fil-ftehim ta' riassigurazzjoni biex jaqblu ma' mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim;

(e) fejn ikun applikabbli, għal finijiet ta' "notifika tal-proċess", ir-riassiguratur ċessjonarju jipprovdi konferma ta' kunsens bil-miktub lill-Awtorità superviżorja ospitanti għall-ħatra ta' dik l-awtorità superviżorja bħala rappreżentant għan-notifika tal-proċess. L-Awtorità superviżorja ospitanti tista' tesiġi li tali kunsens jingħata lilha u jiġi inkluż f'kull ftehim ta' riassigurazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha;

(f) ir-riassiguratur ċessjonarju jagħti kunsens bil-miktub li jħallas is-sentenzi finali kollha, kull fejn ikun qed jintalab l-infurzar għal dan, miksuba minn assiguratur ċedenti, li jkunu ġew iddikjarati infurzabbli fit-territorju fejn is-sentenza tkun inkisbet;

(g) ir-riassiguratur ċessjonarju jaqbel f'kull ftehim ta' riassigurazzjoni soġġett għal dan il-Ftehim li jipprovdi kollateral għal 100 fil-mija tal-obbligazzjonijiet tar-riassiguratur ċessjonarju attribwibbli għal riassigurazzjoni maħruġa skont dak il-ftehim, jekk ir-riassiguratur ċessjonarju jmur kontra l-infurzar ta' sentenza finali li hija infurzabbli skont il-liġi tat-territorju li fih tkun inkisbet jew deċiżjoni ta' arbitraġġ infurzabbli b'mod xieraq, kemm jekk miksuba mill-assiguratur ċedenti jew mill-patrimonju tar-riżoluzzjoni tiegħu, jekk applikabbli;

(h) Ir-riassiguratur ċessjonarju jew il-predeċessur legali jew is-suċċessur tiegħu, fejn applikabbli, jipprovdi d-dokumentazzjoni li ġejja lill-Awtorità superviżorja ospitanti, jekk dan jintalab minn din l-awtorità superviżorja:

  (i) fir-rigward tas-sentejn qabel id-dħul fil-ftehim ta' riassigurazzjoni u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem, ir-rapporti finanzjarji awditjati annwali tiegħu, f'konformità mal-liġi applikabbli fit-territorju tal-uffiċċju ewlieni tagħha, inkluż ir-rapport ta' awditjar estern;

  (ii) fir-rigward tas-sentejn qabel id-dħul fil-ftehim ta' riassigurazzjoni, rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jew l-opinjoni attwarja, jekk tiġi ppreżentata mas-superviżur tar-riassiguratur ċessjonarju;

  (iii) qabel ma jidħol fil-ftehim ta' riassigurazzjoni u mhux iktar minn sitt xhur minn hemm 'il quddiem, lista aġġornata tal-pretensjonijiet tar-riassigurazzjoni kollha li ma hemmx qbil dwarhom u li ilhom pendenti għal 90 jum jew aktar, fir-rigward ta' riassigurazzjoni assunta minn assiguraturi li jċedu tal-ġuriżdizzjoni tal-assiguratur ċedenti; kif ukoll

  (iv) qabel ma jidħol fil-ftehim ta' riassigurazzjoni u mhux iktar minn sitt xhur minn hemm 'il quddiem, informazzjoni dwar ir-riassigurazzjoni assunta tar-riassiguratur ċessjonarju minn kumpanija li titrasferixxi, riassigurazzjoni ċeduta mir-riassiguratur ċessjonarju, u riassigurazzjoni rekuperabbli fuq telf imħallas u dak li mhuwiex mir-riassiguratur ċessjonarju, biex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni tal-kriterji stabbiliti fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu 4;

(i) ir-riassiguratur ċessjonarju jżomm il-prattika ta' ħlas fil-pront tal-pretensjonijiet fi ftehimiet ta' riassigurazzjoni. In-nuqqas ta' ħlas fil-pront se jintwera fil-każ ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

  (i) aktar minn 15 fil-mija rekuperabbli tar-riassigurazzjoni jkunu skaduti u kkontestati kif ikun rappurtat lis-superviżur;

  (ii) iktar minn 15 fil-mija tal-assigurazzjoni tal-assiguraturi jew riassiguraturi li jċedu jkollhom ammonti rekuperabbli ta' riassigurazzjoni pendenti fuq telf imħallas ta' 90 jum jew iktar li ma jkunux ikkontestati u li jaqbżu l-EUR 90,400 għal kull assiguratur ċedenti, fil-każ li r-riassiguratur ċessjonarju ma jkollux l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-UE, jew 100,000 dollaru Amerikan, fil-każ li r-riassiguratur ċessjonarju jkollu d-domiċilju tiegħu fl-Istati Uniti; jew

  (iii) l-ammont aggregat ta' ammonti rekuperabbli ta' riassigurazzjoni fuq telf imħallas li mhuwiex ikkontestat, iżda huwa pendenti b'90 jum jew iktar, jeċċedi l-EUR 45 200 000, fil-każ li r-riassiguratur ċessjonarju jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-UE, jew 50 000 000 Dollaru Amerikan, fil-każ li r-riassiguratur ċessjonarju jkun domiċiljat fl-Istati Uniti;

(j) ir-riassiguratur ċessjonarju jikkonferma li fil-preżent mhuwiex qed jipparteċipa f'xi skema solventi ta' arranġament, li tinvolvi l-Assiguraturi Ċedenti tal-Parti Ospitanti, u jaqbel li jinnotifika lill-assiguratur ċedenti u l-awtorità superviżorja tiegħu u li jipprovdi 100 fil-mija kollateral lill-assiguratur ċedenti konsistenti mat-termini tal-iskema fil-każ li r-riassiguratur ċessjonarju jidħol f'arranġament bħal dan;

(k) jekk ikun soġġett għal proċess legali ta' riżoluzzjoni, riċevitura, jew proċeduri ta' stralċ, kif applikabbli, l-assiguratur ċedenti, jew ir-rappreżentant tiegħu, u f'każ li jkun determinat xieraq mill-qorti fejn ir-riżoluzzjoni, ir-riċevitura, jew il-proċeduri ta' stralċ ikunu pendenti, jista' jipprova jikseb ordni li tesiġi li r-riassiguratur ċessjonarju jdaħħal kollateral għall-obbligazzjonijiet ċeduti kollha pendenti; kif ukoll

(l) l-awtorità superviżorja ta' oriġini tar-riassiguratur ċessjonarju tikkonferma lill-Awtorità superviżorja tal-Parti Ospitanti fuq bażi annwali li r-riassiguratur ċessjonarju jikkonforma mas-subparagrafu (b).

5. L-ebda dispożizzjoni f'dan il-Ftehim ma tippreklудi riassiguratur ċessjonarju milli jipprovdi informazzjoni fuq bażi volontarja lill-awtoritajiet superviżorji.

6. Kull Parti għandha tiżgura li, fil-kapaċità tagħha bħala Parti Ospitanti, fir-rigward tal-awtoritajiet superviżorji tagħha, meta l-awtorità superviżorja Ospitanti tiddetermina li Riassiguratur Ċessjonarju ta' Parti ta' Oriġini ma jkunx għadu jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 4, l-awtorità superviżorja Ospitanti timponi biss xi rekwiżiti indirizzati fil-paragrafi 1 sa 3 jekk din l-awtorità superviżorja Ospitanti ssegwi l-istess proċedura stabbilita fis-subparagrafi minn (a) sa (c):

(a) qabel timponi dawn ir-rekwiżiti, l-awtorità superviżorja Ospitanti tikkomunika mar-riassiguratur ċessjonarju u, ħlief għal ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom huwa meħtieġ perjodu iqsar għall-protezzjoni tad-detentur ta' polza u konsumaturi oħra, tagħti lir-riassiguratur ċessjonarju 30 jum mill-komunikazzjoni inizjali biex jippreżenta pjan biex jirrimedja n-nuqqas u 90 ġurnata mill-komunikazzjoni inizjali biex jirrimedja għan-nuqqas, u jinforma lill-awtorità superviżorja ta' Oriġini;

(b) huwa biss meta, wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu ta' 90 jum jew inqas f'ċirkostanzi eċċezzjonali kif stabbilit f'(a), li l-awtorità superviżorja Ospitanti tikkunsidra li l-ebda azzjoni jew azzjoni mhux suffiċjenti tkun ittieħdet mir-riassiguratur ċessjonarju, l-awtorità superviżorja Ospitanti tista' timponi xi wieħed mir-rekwiżiti kif stipulat fil-paragrafi 1 sa 3; kif ukoll

(c) l-impożizzjoni ta' xi wieħed mir-rekwiżiti mniżżlin fil-paragrafi 1 sa 3 hija spjegata bil-miktub u kkomunikata lir-riassiguratur ċessjonarju kkonċernat.

7. Soġġett għal-liġi applikabbli u t-termini ta' dan il-Ftehim, xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jillimita jew b'xi mod ibiddel il-kapaċità tal-partijiet fi ftehim ta' riassigurazzjoni biex jaqblu dwar ir-rekwiżiti għal kollateral jew termini oħra f'dak il-ftehim ta' riassigurazzjoni.

8. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għal ftehimiet ta' riassigurazzjoni konklużi, emendati jew imġedda fid-data li fiha miżura li tnaqqas kollateral skont dan l-Artikolu tieħu effett jew wara, u biss fir-rigward ta' telf imġarrab u riżervi rrappurtati minn u wara l-aktar data tard ta' (i) id-data tal-miżura, jew (ii) id-data effettiva ta' tali ftehim ġdid, emenda jew tiġdid ta' riassigurazzjoni. L-ebda dispożizzjoni f'dan il-Ftehim ma għandha tillimita jew tbiddel b'xi mod il-kapaċità tal-partijiet għal kwalunkwe ftehim ta' riassigurazzjoni biex jiġi nnegozjat mill-ġdid tali ftehim ta' riassigurazzjoni.

9. Għal aktar kjarifika, fil-każ ta' terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, xejn f'dan il-Ftehim ma jipprevjeni lill-awtoritajiet ta' superviżjoni, jew awtoritajiet kompetenti oħra, milli jesiġu l-preżenza lokali ta' riassiguraturi ċessjonarji ta' Parti Ospitanti, jew li jesiġu li jiddaħħal kollateral u r-rekwiżiti relatati, jew il-konformità ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet taħt ftehim ta' riassigurazzjoni deskritti f'dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Superviżjoni tal-grupp**

Għall-finijiet tal-Artikoli 9 u 10, il-Partijiet stabbilixxew dawn il-prattiki tas-superviżjoni tal-grupp:

(a) Bla preġudizzju għas-subparagrafi minn (b) sa (h) u l-parteċipazzjoni f'kulleġġi superviżorji, il-Parti ta' Oriġini tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni hija soġġetta biss għas-superviżjoni tal-grupp tal-assigurazzjoni prudenzjali fuq skala dinjija, inkluża l-governanza fuq skala dinjija tal-grupp, is-solvenza u l-kapital, u r-rappurtar, kif applikabbli, mill-Awtoritajiet superviżorji ta' oriġini tagħha, u mhijiex soġġetta għal superviżjoni tal-grupp fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija kollha tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni minn kwalunkwe awtorità superviżorja Ospitanti.

(b) Minkejja s-subparagrafu (a), l-awtoritajiet superviżorji Ospitanti jistgħu jeżerċitaw superviżjoni fir-rigward ta' grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' Parti ta' Oriġini kif stipulat fis-subparagrafi (c) sa (h). L-awtoritajiet superviżorji Ospitanti jistgħu jeżerċitaw superviżjoni tal-grupp, fejn ikun xieraq, fir-rigward ta' grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' Parti ta' Oriġini fil-livell tal-impriża omm fit-territorju tagħha. L-awtoritajiet superviżorji Ospitanti ma jeżerċitawx superviżjoni tal-grupp fuq skala dinjija fir-rigward ta' grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' Parti ta' Oriġini, mingħajr preġudizzju għal superviżjoni tal-grupp tal-grupp ta'assigurazzjoni jew riassigurazzjoni fil-livell tal-impriża omm fit-territorju tal-Parti Ospitanti.

(c) Meta tiġi applikata sistema ta' ġestjoni tar-riskju fuq skala dinjija, kif muri bis-sottomissjoni ta' Valutazzjoni Interna tar-Riskju u s-Solvenza (ORSA) ta' grupp preżenti fid-dinja kollha għal grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' Parti ta' Oriġini, skont il-liġi applikabbli, l-awtorità superviżorja ta' Oriġini li titlob il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tipprovdi sommarju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tal-grupp preżenti fid-dinja kollha:

(i) lill-awtoritajiet superviżjoni Ospitanti, jekk ikunu membri tal-kulleġġ superviżorju tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, mingħajr dewmien, u;

(ii) lill-awtoritajiet superviżorji ta' sussidjarji jew fergħat sinifikanti ta' dan il-grupp fil-Parti Ospitanti, fuq talba ta' dawn l-awtoritajiet superviżorji.

Fejn l-ebda tali valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tal-grupp preżenti fid-dinja kollha tiġi applikata għal grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, skont il-liġi applikabbli, l-awtorità superviżorja rilevanti tal-Istat tal-Istati Uniti jew tal-Istat Membru tal-UE tipprovdi dokumentazzjoni ekwivalenti li hija mħejjija b'mod konsistenti mal-liġi applikabbli tal-awtorità superviżorja ta' Oriġini kif imsemmi fis-subparagrafi (i) u (ii) hawn fuq.

(d) Is-sommarju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tal-grupp preżenti fid-dinja kollha, jew id-dokumentazzjoni ekwivalenti kif stabbilit fis-subparagrafu (c), jinkludi l-elementi li ġejjin:

(i) deskrizzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni;

(ii) valutazzjoni tal-iskopertura għar-riskju tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-grupp; kif ukoll

(iii) valutazzjoni tal-grupp tal-kapital ta' riskju u valutazzjoni ta' solvenza prospettiva.

(e) Minkejja s-subparagrafu (a), jekk is-sommarju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza tal-grupp preżenti fid-dinja kollha, jew, fejn applikabbli, id-dokumentazzjoni ekwivalenti kif stabbilit fis-subparagrafu (c), jesponi kwalunkwe theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew il-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz ta' assigurazzjoni fit-territorju tal-awtorità superviżorja Ospitanti, din l-Awtorità superviżorja Ospitanti tista' timponi miżuri preventivi, korrettivi, jew inkella ta' reazzjoni fir-rigward tal-assiguraturi u r-riassiguraturi fil-Parti Ospitanti.

Qabel l-impożizzjoni ta' miżuri bħal dawn, l-awtorità superviżorja Ospitanti tikkonsulta lill-awtorità superviżorja rilevanti tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni. Il-Partijiet jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet superviżorji biex ikomplu jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' superviżjoni prudenzjali tal-grupp tal-assigurazzjoni fil-kulleġġi tas-superviżuri.

(f) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar tas-superviżjoni prudenzjali tal-grupp tal-assigurazzjoni kif stipulat fil-liġi applikabbli fit-territorju tal-Parti Ospitanti ma japplikawx fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni sakemm ma jikkonċernawx direttament ir-riskju ta' impatt negattiv qawwi fuq il-kapaċità tal-impriżi fil-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni biex iħallsu l-pretensjonijiet fit-territorju tal-Parti Ospitanti.

(g) Awtorità superviżorja ospitanti żżomm il-kapaċità li titlob u tikseb informazzjoni minn assiguratur jew riassiguratur li jwettaq attivitajiet fit-territorju tagħha, li l-impriża omm tiegħu fuq skala dinjija għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fit-territorju tal-Parti ta' Oriġini, għall-finijiet ta' superviżjoni tal-grupp prudenzjali tal-assigurazzjoni, fejn din l-informazzjoni titqies li hija meħtieġa mill-awtorità superviżorja Ospitanti biex tipproteġi lid-detenturi ta' poloz minn ħsara serja jew theddid serju għall-istabilità finanzjarja jew impatt serju fuq il-kapaċità ta' assiguratur jew riassiguratur biex iħallas il-pretensjonijiet tiegħu fit-territorju tal-awtorità superviżorja Ospitanti. L-awtorità superviżorja Ospitanti tibbaża tali talba għall-informazzjoni fuq il-kriterji ta' superviżjoni prudenzjali u kull meta jkun possibbli jiġu evitati talbiet doppji u ta' piż. L-awtorità superviżorja li tagħmel it-talba tinforma lill-kulleġġ tas-superviżuri dwar din it-talba.

Minkejja s-subparagrafu (a), in-nuqqas ta' assiguratur jew riassiguratur li jikkonforma ma' tali talba ta' informazzjoni jista' jirriżulta f'miżuri preventivi, korrettivi jew ta' reazzjoni li jiġu imposti fit-territorju tal-awtorità superviżorja Ospitanti.

(h) Fir-rigward ta' grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' Parti ta' Oriġini b'operazzjonijiet fil-Parti Ospitanti u li huwa soġġett għal valutazzjoni tal-kapital tal-grupp fil-Parti ta' Oriġini, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-valutazzjoni tal-kapital tal-grupp tinkludi kalkolu tal-kapital tal-grupp preżenti fid-dinja kollha li jidentifika r-riskju fil-livell tal-grupp kollu, inkluż l-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, li jista' jaffettwa l-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u l-attivitajiet li jseħħu fit-territorju tal-Parti l-oħra; kif ukoll

(ii) l-awtorità superviżorja fit-territorju tal-Parti fejn tiġi applikata l-valutazzjoni tal-kapital tal-grupp, kif stabbilit fis-subparagrafu (i) hawn fuq, ikollha l-awtorità timponi miżuri preventivi, korrettivi, jew inkella ta' reazzjoni fuq il-bażi tal-valutazzjoni, inkluż il-ħtieġa, fejn xieraq, ta' miżuri ta' kapital;

l-awtorità superviżorja Ospitanti ma timponix valutazzjoni tal-kapital tal-grupp jew ir-rekwiżit fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni skont il-liġi applikabbli fit-territorju tagħha.

Meta assiguratur jew riassiguratur ta' Parti ta' Oriġini jkun soġġett għal rekwiżit ta' kapital tal-grupp fit-territorju tal-Parti ta' Oriġini, l-awtorità superviżorja Ospitanti ma timponix rekwiżit ta' kapital tal-grupp jew valutazzjoni fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni.

(i) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni f'dan il-Ftehim, dan il-Ftehim mhuwiex maħsub biex jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tal-awtoritajiet superviżorji tal-UE biex jeżerċitaw awtorità superviżorja jew regolatorja fuq entitajiet jew gruppi li għandhom fil-pussess tagħhom jew jikkontrollaw istituzzjonijiet ta' kreditu fl-UE, ikollhom operazzjonijiet bankarji fl-UE, jew li d-diffikultajiet finanzjarji jew materjali tagħhom jew in-natura, l-iskop, id-daqs, l-iskala, il-konċentrazzjoni, l-interkonnettività jew it-taħlita ta' attivitajiet li jkunu ġew determinati jistgħu joħolqu theddida għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE, inkluż permezz ta': id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (CRD IV), ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (CRR), id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda

r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, jew liġijiet u regolamenti oħra.

Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'dan il-Ftehim, dan il-Ftehim mhuwiex maħsub biex jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tal-awtorità superviżorja tal-Istati Uniti applikabbli biex teżerċita awtorità superviżorja jew regolatorja fuq entitajiet jew gruppi li jkollhom fil-pussess tagħhom jew jikkontrollaw istituzzjonijiet depożitarji fl-Istati Uniti, ikollhom operazzjonijiet bankarji fl-Istati Uniti, jew li d-diffikultajiet finanzjarji materjali tagħhom, jew in-natura, l-iskop, id-daqs, l-iskala, il-konċentrazzjoni, l-interkonnettività jew it-taħlita tal-attivitajiet li jkunu ġew determinati jistgħu joħolqu theddida għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Uniti, inkluż permezz ta' eżerċizzju ta' awtorità skont il-Bank Holding Company Act (12 U.S.C. § 1841 et seq.), il-Home Owners' Loan Act (12 U.S.C. § 1461 et seq.), l-International Banking Act (12 U.S.C. § 3101 et seq.), id-Dodd-Frank Wall Street Reform u l-Consumer Protection Act (12 U.S.C. § 5301 et seq.) jew liġijiet jew regolamenti oħra relatati.

*Artikolu 5*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet superviżorji fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi tagħhom biex jikkooperaw fl-iskambju tal-informazzjoni skont il-prattiki stabbiliti fl-Anness. Il-Partijiet jifhmu li l-użu ta' prattiki bħal dawn isaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, filwaqt li jirrispettaw standard għoli ta' protezzjoni ta' kunfidenzjalità.

2. Dan il-Ftehim ma jinkludi xejn li jindirizza r-rekwiżiti li jistgħu japplikaw għall-iskambju ta' dejta personali mill-awtoritajiet superviżorji.

*Artikolu 6*

**Anness**

L-Anness ta' dan il-Ftehim għandu jifforma parti integrali minnu.

*Artikolu 7*

**Kumitat Konġunt**

1. B'dan, il-Partijiet jistabbilixxu Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Uniti u rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea, li għandu jipprovdi forum lill-Partijiet għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-Ftehim u l-implimentazzjoni xierqa tiegħu.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan il-Ftehim:

(a) bi qbil reċiproku tal-Partijiet jekk xi waħda mill-Partijiet tipproponi konsultazzjoni;

(b) mill-inqas darba fi żmien 180 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, skont liema data tiġi l-ewwel, u darba fis-sena minn hemm 'il quddiem, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor;

(c) jekk talba bil-miktub għal konsultazzjoni obbligatorja hija magħmula minn kwalunkwe Parti; kif ukoll

(d) jekk kwalunkwe waħda mill-Partijiet tipprovdi avviż bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha għal terminazzjoni.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jindirizza:

(a) kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim;

(b) l-effetti tal-Ftehim, fil-ġuriżdizzjonijiet tal-Partijiet, fuq il-konsumaturi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni u l-operazzjonijiet kummerċjali tal-assiguraturi u r-riassiguraturi;

(c) kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim proposta minn xi waħda mill-Partijiet;

(d) kwalunkwe kwistjoni li teħtieġ konsultazzjoni obbligatorja;

(e) avviż tal-intenzjoni biex jintemm dan il-Ftehim; kif ukoll

(f) kwistjonijiet oħra kif jistgħu jiġu deċiżi mill-Partijiet.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta regoli ta' proċedura.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut b'rotazzjoni fuq bażi annwali minn kull waħda mill-Partijiet, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor. Il-Kumitat Konġunt jista' jitlaqqa' mill-President tiegħu f'dak iż-żmien u tal-mod li jista' jiġi deċiż mill-Partijiet.

6. Il-Kumitat Konġunt jista' jsejjaħ kwalunkwe grupp ta' ħidma biex iħaffef ix-xogħol tiegħu.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ sebat ijiem wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub fejn huma jiċċertifikaw li kkonkludew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi jew f'tali data li jiftiehmu dwarha l-Partijiet.

*Artikolu 9*

**Implimentazzjoni tal-Ftehim**

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, skont liema data tiġi l-ewwel, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet rilevanti biex joqogħdu lura milli jieħdu kwalunkwe miżura li ma tkunx konsistenti ma' kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu tal-Ftehim, inkluż fir-rigward tal-eliminazzjoni ta' kollateral u rekwiżiti ta' preżenza lokali skont l-Artikolu 3. Dan jista' jinkludi, kif xieraq, skambji ta' ittri bejn l-awtoritajiet rilevanti dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, skont liema data tiġi l-ewwel, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, skont kif xieraq, sabiex jimplimentaw u japplikaw dan il-Ftehim malajr kemm jista' jkun skont l-Artikolu 10.

3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, skont liema waħda tiġi l-ewwel, l-Istati Uniti għandha tinkoraġġixxi lil kull Stat tal-Istati Uniti biex jadotta minnufih il-miżuri li ġejjin:

(a) it-tnaqqis, f'kull sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, tal-ammont ta' kollateral meħtieġ minn kull Stat biex jiġi permess kreditu sħiħ għal riassigurazzjoni b'20 fil-mija tal-kollateral li Stat tal-Istati Uniti jkun jeħtieġ sa mill-ewwel (1) ta' Jannar qabel l-iffirmar ta' dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) l-implimentazzjoni ta' kreditu rilevanti ta' Stat tal-Istati Uniti għal-liġijiet u r-regolamenti ta' riassigurazzjoni li huma konsistenti mal-Artikolu 3, bħala l-metodu għal adozzjoni ta' miżuri skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dak l-Artikolu.

4. Sakemm dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ, f'data mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xahar, 42 xahar wara d-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, l-Istati Uniti għandhom jibdew jevalwaw id-determinazzjoni ta' rkupru potenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe miżura Statali tal-Istati Uniti li l-Istati Uniti tiddetermina li ma tkunx konsistenti ma' dan il-Ftehim u toħloq trattament anqas favorevoli ta' assiguratur jew riassiguratur tal-UE minn assiguratur jew riassiguratur tal-Istati Uniti domiċiljat, liċenzjat, jew inkella ammess f'dak l-Istat tal-Istati Uniti. Sakemm dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ, f'data mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xahar 60 xahar wara d-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, l-Istati Uniti tal-Amerka għandhom jikkonkludu kwalunkwe determinazzjoni ta' rkupru meħtieġa skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe miżura ta' assigurazzjoni ta' Stat Amerikan soġġett għal tali evalwazzjoni. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Uniti għandhom jagħtu prijorità lil dawk l-Istati bl-ogħla volum ta' riassigurazzjoni ċeduta gross għall-finijiet ta' determinazzjonijiet ta' rkupru potenzjali.

*Artikolu 10*

**Applikazzjoni tal-Ftehim**

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, dan il-Ftehim għandu japplika fid-data tad-dħul fis-seħħ, jew 60 xahar mid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, skont liema data tiġi l-aħħar.

2. Minkejja l-Artikolu 8 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

(a) l-Unjoni Ewropea għandha tapplika provviżorjament l-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u minn hemm 'il quddiem tapplika l-Artikolu 4 billi tiżgura li l-awtoritajiet superviżorji u awtoritajiet kompetenti oħra jsegwu l-prattiki stabbiliti fih mis-seba' jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti u l-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għall-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim ikunu ġew konklużi.

    L-Istati Uniti għandhom japplikaw provviżorjament l-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u minn hemm 'il quddiem japplikaw l-Artikolu 4 billi jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji u awtoritajiet kompetenti oħra jsegwu l-prattiki stabbiliti fih mis-seba' jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti u l-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għall-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim ikunu ġew konklużi.

(b) Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew 60 xahar wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, skont liema data tiġi l-aħħar:

    (i) l-obbligi ta' Parti stipulati fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 u l-Artikolu 9 għandhom ikunu applikabbli biss jekk, u minn hemm 'il quddiem sakemm, l-awtoritajiet superviżorji tal-Parti l-oħra jeżerċitaw superviżjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4 u jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3;

    (ii) il-prattiki ta' Parti stipulati fl-Artikolu 4 u l-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3, għandhom ikunu applikabbli biss jekk, u minn hemm 'il quddiem sakemm, l-awtoritajiet superviżorji tal-Parti l-oħra jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2; kif ukoll

    (iii) l-obbligi ta' Parti stipulati fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 għandhom ikunu applikabbli biss jekk, u minn hemm 'il quddiem sakemm, l-awtoritajiet superviżorji tal-Parti l-oħra jeżerċitaw superviżjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4 u jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2;

(c) meta skont l-Artikolu 4, is-subparagrafu (i), il-miżuri jiġu applikati mill-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Uniti applikabbli barra t-territorju tal-Istati Uniti għal grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-UE, id-diffikultà jew

l-attivitajiet li l-Kunsill għas-Sorveljanza tal-Istabbiltà Finanzjarja (Financial Stability Oversight Council) ikun iddetermina jistgħu joħolqu theddida għall-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Uniti permezz tal-applikazzjoni tad-Dodd-Frank Wall Street Reform and Consumer Protection Act (12 U.S.C. § 5301 et seq.), kull waħda mill-Partijiet tista' ttemm dan il-Ftehim b'konsultazzjoni obbligatorja rapida u terminazzjoni. Meta, skont l-Artikolu 4, is-subparagrafu (i), jiġu applikati miżuri minn awtorità superviżorja tal-UE barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea għal grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-Istati Uniti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' theddida għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE, kull waħda mill-Partijiet tista' ttemm dan il-Ftehim b'konsultazzjoni u terminazzjoni obbligatorji rapidi;

(d) sad-data stabbilita fis-subparagrafu (b), u mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmi stabbiliti fihom, id-dispożizzjonijiet tar-riassigurazzjoni tal-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw fir-rigward ta' riassiguratur tal-UE fi Stat tal-Istati Uniti fl-ewwel data minn:

   (i) l-adozzjoni ta' miżura minn dan l-Istat tal-Istati Uniti, b'mod konsistenti mal-Artikolu 3, paragrafi 1 u 2; jew

   (ii) id-data effettiva ta' kwalunkwe determinazzjoni mill-Istati Uniti skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom li tali miżura tal-assigurazzjoni ta' dan l-Istat tal-Istati Uniti tiġi evitata peress li mhijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim u toħloq trattament anqas favorevoli ta' assiguratur jew riassiguratur tal-UE minn assiguratur jew riassiguratur tal-Istati Uniti domiċiljat, liċenzjat, jew inkella ammess f'dan l-Istat tal-Istati Uniti;

(e) mid-data tal-applikazzjoni provviżorja kif stabbilit fis-subparagrafu (a) u għal 60 xahar minn hemm 'il quddiem, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4, is-subparagrafu (h), l-awtoritajiet superviżorji fl-Unjoni Ewropea ma għandhomx jimponu r-rekwiżit tal-kapital tal-grupp fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija tal-grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, fir-rigward ta' grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-Istati Uniti b'operazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea;

(f) mid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, matul il-perjodu ta' 60 xahar imsemmi fis-subparagrafu (b), jekk waħda mill-Partijiet ma tissodisfax l-obbligi tal-Artikolu 3, fir-rigward ta' rekwiżiti ta' preżenza lokali, l-awtoritajiet superviżorji tal-Parti l-oħra jistgħu, wara konsultazzjoni obbligatorja, jimponu valutazzjoni tal-kapital tal-grupp jew rekwiżit tal-kapital tal-grupp fil-livell tal-impriża omm fuq skala dinjija fuq grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu jew huwa domiċiljat fil-Parti l-oħra;

(g) L-Artikolu 3, il-paragrafu 3 għandu jiġi implimentat u applikabbli fit-territorju tal-UE sa mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, sakemm il-Ftehim ikun ġie applikat provviżorjament jew daħal fis-seħħ;

(h) soġġetti għas-subparagrafi (b) u (d), l-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2, għandhom jiġu implimentati u applikati b'mod sħiħ fit-territorju kollu taż-żewġ Partijiet sa mhux aktar tard minn 60 xahar mid-data tal-iffirmar ta' dan il-ftehim miż-żewġ Partijiet, sakemm il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ; kif ukoll

(i) mid-data tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel, iż-żewġ Partijiet għandhom japplikaw l-Artikoli 7, 11 u 12.

3. Meta Parti ma tikkonformax mal-paragrafu 2, sad-dati stipulati fih, il-Parti l-oħra tista' titlob konsultazzjoni obbligatorja permezz tal-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 11*

**Terminazzjoni u Konsultazzjoni Obbligatorja**

1. Wara konsultazzjoni obbligatorja, kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin billi tippreżenta notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra, soġġetta għall-proċeduri ta' dan l-Artikolu. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor bil-miktub, din it-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fi żmien 180 jum, jew 90 jum f'dak li jirrigwarda t-terminazzjoni deskritta fl-Artikolu 10, is-subparagrafu 2(c), wara d-data ta' din in-notifika. B'mod partikolari, il-Partijiet jistgħu jtemmu dan il-Ftehim meta waħda mill-Partijiet tkun naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt dan il-Ftehim jew ħadet miżuri li mhumiex konsistenti mal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

2. Qabel ma tinnotifika d-deċiżjoni biex ittemm dan il-Ftehim, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10, Parti għandha tinnotifika lill-President tal-Kumitat Konġunt.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkomunikaw mal-partijiet interessati dwar l-effett tat-terminazzjoni fuq l-assiguraturi u r-riassiguraturi fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom.

4. Fil-każ li ssir talba minn waħda mill-Partijiet lill-President tal-Kumitat Konġunt, tkun meħtieġa konsultazzjoni obbligatorja permezz tal-Kumitat Konġunt li għandha tibda mhux iktar tard minn 30 jum, jew sebat (7) ijiem jekk

mitluba kif deskritt fl-Artikolu 10, is-subparagrafu 2(c), wara din it-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Il-Parti li qed titlob konsultazzjoni obbligatorja għandha tipprovdi notifika bil-miktub dwar l-elementi li għandha tibbaża fuqhom il-konsultazzjoni obbligatorja. Il-konsultazzjoni obbligatorja tista' tkun ospitata f'sit determinat mill-Partijiet, u jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-post, il-Parti li qed titlob il-konsultazzjoni obbligatorja għandha tipproponi tliet postijiet newtrali barra t-territorju ta' waħda mill-Partijiet, u l-Parti l-oħra għandha tagħżel waħda mit-tliet siti newtrali proposti.

5. Il-konsultazzjoni obbligatorja se tkun meħtieġa qabel it-tmiem ta' dan il-Ftehim, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10.

6. Jekk Parti tirrifjuta li tipparteċipa f'konsultazzjoni obbligatorja kif provdut f'dan l-Artikolu, il-Parti li tkun trid it-terminazzjoni tista' tipproċedi biex ittemm il-Ftehim kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 12*

**Emenda**

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu, bil-miktub, li jemendaw dan il-Ftehim.

2. Jekk xi Parti tkun tixtieq temenda dan il-Ftehim, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar it-talba sabiex jingħata bidu għan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim.

3. Talba biex jingħata bidu għan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim għandha tkun notifikata lill-Kumitat Konġunt.

Done at Washington on the twenty second day of September in the year two thousand and seventeen.

*ANNESS*

Mudell ta' Memorandum ta' Qbil tad-Dispożizzjonijiet rigward l-Iskambju ta' Informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji

*Artikolu 1*

**Objettiv**

1. L-Awtorità Superviżorja ta' (Stat tal-Istati Uniti) u l-Awtorità Superviżorja nazzjonali ta' (Stat Membru tal-UE), l-Awtoritajiet firmatarji ta' dan il-Memorandum ta' Qbil, jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kooperazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni.

2. L-Awtoritajiet jirrikonoxxu li l-arranġamenti prattiċi dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-informazzjoni huma essenzjali kemm għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi kif ukoll għas-superviżjoni ta' kuljum.

3. L-għan ta' dan il-Memorandum ta' Qbil huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fl-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Awtoritajiet sa fejn dan ikun permess mil-Liġi Applikabbli u b'mod konsistenti mal-għanijiet superviżorji u regolatorji.

4. L-Awtoritajiet jirrikonoxxu li xejn f'dan il-Memorandum ta' Qbil ma jindirizza r-rekwiżiti li jistgħu japplikaw għall-iskambju ta' dejta personali mill-awtoritajiet superviżorji.

5. Il-Liġi Applikabbli dwar l-iskambju u l-protezzjoni ta' Informazzjoni Kunfidenzjali hija fis-seħħ fit-territorju tal-Awtoritajiet, bl-għan li tiġi protetta n-natura kunfidenzjali tad-dejta skambjata bejn l-Awtoritajiet taħt dan il-Memorandum ta' Qbil. Fost affarijiet oħrajn, din il-Liġi Applikabbli għandha l-għan li tiżgura li:

(a) L-iskambju ta' Informazzjoni Kunfidenzjali hija biss għal raġunijiet direttament relatati mat-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji tal-Awtoritajiet; kif ukoll

(b) Il-persuni kollha li jkollhom aċċess għal tali Informazzjoni Kunfidenzjali fil-kors tad-dmirijiet tagħhom se jżommu l-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni, ħlief f'ċerti ċirkostanzi definiti kif stipulat fl-Artikolu 7.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan il-Memorandum ta' Qbil għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Il-Liġi Applikabbli" tfisser kwalunkwe liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew prattika legali applikabbli fil-ġuriżdizzjoni ta' Awtorità rilevanti għas-sorveljanza tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni superviżorja, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-immaniġġjar u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni;

(b) "Informazzjoni Kunfidenzjali" tfisser kwalunkwe Informazzjoni Pprovduta meqjusa bħala kunfidenzjali mill-ġuriżdizzjoni tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba.

(c) "Assiguratur" tfisser impriża li tkun awtorizzata jew liċenzjata biex tibda jew tinvolvi ruħha fin-negozju ta' assigurazzjoni diretta jew primarja;

(d) "Persuna" tfisser persuna fiżika, entità ġuridika, sħubija jew assoċjazzjoni mhux inkorporata;

(e) "Dejta Personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

(f) "Informazzjoni Pprovduta" tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn Awtorità li Ssirilha t-Talba lil Awtorità Rikjedenti wara talba għal informazzjoni;

(g) "Entità Regolata" tfisser assiguratur jew riassiguratur awtorizzat jew sorveljat minn Awtorità Superviżorja tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Uniti;

(h) "Riassiguratur" tfisser impriża li tkun awtorizzata jew liċenzjata biex tibda jew tinvolvi ruħha fin-negozju tal-attivitajiet ta' rissigurazzjoni;

(i) "Awtorità li Ssirilha t-Talba" tfisser l-Awtorità li ssirilha talba għall-informazzjoni;

(j) "Awtorità Rikjedenti" tfisser l-Awtorità li għamlet talba għall-informazzjoni;

(k) "Awtorità Superviżorja" tfisser kwalunkwe superviżur ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fl-Istati Uniti; kif ukoll

(l) "Impriża" hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika.

*Artikolu 3*

**Kooperazzjoni**

1. Soġġetta għal-Liġi Applikabbli, l-Awtorità li Ssirilha t-Talba għandha tikkunsidra t-talbiet mill-Awtorità Rikjedenti b'mod serju u għandha twieġeb fi żmien xieraq. Din għandha tipprovdi lill-Awtorità Rikjedenti bl-iktar rispons possibbli għal talba għal informazzjoni konsistenti mal-funzjonijiet regolatorji tagħha.

2. Soġġetta għal-Liġi Applikabbli, l-eżistenza u l-kontenut ta' kwalunkwe talba għal informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali kemm mill-Awtoritajiet li qed issirilhom it-Talba kif ukoll l-Awtoritajiet Rikjedenti, sakemm iż-żewġ Awtoritajiet reċiprokament ma jiddeċidux mod ieħor.

*Artikolu 4*

**Użu tal-Informazzjoni Pprovduta**

1. L-Awtorità Rikjedenti għandha tagħmel talbiet għal informazzjoni biss jekk din ikollha għan leġittimu regolatorju jew superviżorju għat-talba direttament rilevanti għal superviżjoni legali tal-Awtorità Rikjedenti ta' Entità Regolata. Il-fatt li Awtorità Rikjedenti tfittex informazzjoni dwar individwi ġeneralment mhuwiex meqjus bħala leġittimu għall-finijiet regolatorji jew superviżorji, sakemm it-talba ma tkunx direttament rilevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji.

2. L-Awtorità Rikjedenti għandha tuża l-Informazzjoni Pprovduta biss għall-finijiet leġittimi relatati mal-istabbiltà finanzjarja, regolatorja, superviżorja tal-Awtorità jew il-funzjonijiet prudenzjali tagħha.

3. Soġġetta għal-Liġi Applikabbli, kwalunkwe Informazzjoni Pprovduta li tiġi skambjata hija u tibqa' proprjetà tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba.

*Artikolu 5*

**Talba għal Informazzjoni**

1. Talbiet għall-informazzjoni mill-Awtorità Rikjedenti għandhom ikunu bil-miktub, jew skont il-paragrafu 2 fejn huwa urġenti, u jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) l-Awtoritajiet involuti, il-qasam ta' superviżjoni kkonċernat u l-iskop li għalih tkun qed tintalab l-informazzjoni;

(b) l-isem tal-persuna jew l-Entità Regolata kkonċernata;

(c) dettalji tat-talba li jistgħu jinkludu deskrizzjoni tal-fatti li fuqhom tkun ibbażata t-talba, mistoqsijiet speċifiċi taħt investigazzjoni, u indikazzjoni ta' xi sensittività dwar ir-rikjesta;

(d) l-informazzjoni mitluba;

(e) id-data sa meta l-informazzjoni hija mitluba u kwalunkwe skadenzi ġuridiċi; kif ukoll

(f) fil-każ li jkun rilevanti, jekk, kif, u lil min se tgħaddi l-informazzjoni, b'mod konsistenti mal-Artikolu 7.

2. Għal talbiet urġenti, tista' tiġi ppreżentata talba bil-fomm, u għandha tkun segwita minn konferma bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

3. L-Awtorità li Ssirilha t-Talba għandha tittratta t-talba kif ġej:

(a) L-Awtorità li Ssirilha t-Talba għandha tikkonferma li rċeviet it-talba.

(b) L-Awtorità li Ssirilha t-Talba għandha teżamina kull talba fuq bażi ta' każ b'każ biex tiddetermina kemm jista' jkun possibbli l-informazzjoni li tista' tiġi pprovduta skont dan il-Memorandum ta' Qbil u l-proċeduri applikabbli fil-ġuriżdizzjoni tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba. Fid-deċiżjoni dwar jekk u sa liema punt għandha tissodisfa talba, l-Awtorità li Ssirilha t-Talba tista' tikkunsidra:

   (i) jekk it-talba tkunx konformi mal-Memorandum ta' Qbil;

   (ii) jekk il-konformità mat-talba tkunx ta' piż tant li tfixkel it-twettiq korrett tal-funzjonijiet tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba;

   (iii) jekk b'xi mod ieħor tkunx kontra l-interess essenzjali tal-ġuriżdizzjoni tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba biex tipprovdi l-informazzjoni mitluba;

(iv) kwalunkwe kwistjoni oħra speċifikata mil-Liġi Applikabbli tal-ġuriżdizzjoni tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba (b'mod partikolari dawk dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza, u l-ġustizzja proċedurali); kif ukoll

(v) jekk il-konformità mat-talba tistax tippreġudika b'xi mod il-prestazzjoni mill-Awtorità li Ssirilha t-Talba tal-funzjonijiet tagħha.

(c) Meta Awtorità li Ssirilha Talba tirrifjuta jew ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba jew parti minnha, l-Awtorità li Ssirilha Talba għandha, sa fejn ikun prattiku u xieraq skont il-Liġi Applikabbli, tispjega r-raġunijiet għaliex ma tistax tipprovdi l-informazzjoni u tikkunsidra modi alternattivi possibbli biex tilħaq l-objettiv ta' superviżjoni tal-Awtorità Rikjedenti. Talba għall-Informazzjoni tista', b'mod partikolari, tiġi miċħuda mill-Awtorità li Ssirilha t-Talba meta t-talba tkun tesiġi li l-Awtorità li Ssirilha t-Talba taġixxi b'mod li tikser il-Liġi Applikabbli tagħha.

*Artikolu 6*

**Trattament tal-Informazzjoni Kunfidenzjali**

1. Bħala regola ġenerali, kwalunkwe informazzjoni li tasal skont dan il-Memorandum ta' Qbil għandha tiġi ttrattata bħala Informazzjoni Kunfidenzjali, għajr fejn indikat mod ieħor.

2. L-Awtorità Rikjedenti għandha tieħu l-azzjonijiet kollha skont il-liġi u raġonevolment prattikabbli biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-Informazzjoni Kunfidenzjali.

3. Soġġetta għall-Artikolu 7 u l-Liġi Applikabbli, l-Awtorità Rikjedenti għandha tillimita l-aċċess għal Informazzjoni Kunfidenzjali li tasal mingħand Awtorità li Ssirilha t-Talba għal persuni li jaħdmu mal-Awtorità Rikjedenti jew li jaġixxu f'isimha, li:

(a) huma soġġetti għall-obbligi tal-Awtorità Rikjedenti fil-ġuriżdizzjoni tagħha biex jiġi evitat l-iżvelar mhux awtorizzat ta' Informazzjoni Kunfidenzjali;

(b) huma taħt is-superviżjoni u l-kontroll tal-Awtorità Rikjedenti;

(c) ikollhom ħtieġa għal informazzjoni bħal din li tkun konsistenti mal-għan legali, regolatorju jew superviżorju, u tkun direttament relatata miegħu; kif ukoll

(d) huma soġġetti għal rekwiżiti kontinwi ta' kunfidenzjalità wara li jitilqu mill-Awtorità Rikjedenti.

*Artikolu 7*

**Kondiviżjoni ulterjuri tal-Informazzjoni Pprovduta**

1. Ħlief kif provdut fl-Artikolu 7(2), Awtorità Rikjedenti ma għandhiex tgħaddi Informazzjoni Pprovduta, li tasal mingħand Parti Rikjedenti lil parti terza, sakemm:

(a) l-Awtorità Rikjedenti ma tkunx kisbet il-kunsens bil-miktub minn qabel mill-Awtorità li Ssirilha t-Talba għal kondiviżjoni ulterjuri ta' din l-informazzjoni sakemm it-talba ma tkunx urġenti, f'liema każ tista' tiġi ppreżentata bil-fomm segwit minn konferma bil-miktub mingħajr dewmien; kif ukoll

(b) il-parti terza tikkommetti ruħha li timxi mar-restrizzjonijiet li jżommu livell sostanzjalment simili ta' kunfidenzjalità bħal dak li l-Awtorità Rikjedenti tkun soġġetta għalih kif stabbilit f'dan il-Memorandum ta' Qbil.

2. Soġġetta għal-Liġi Applikabbli, fil-każ li l-Awtorità Rikjedenti tkun soġġetta għal domanda legalment imġiegħla biex tiżvela Informazzjoni Pprovduta jew tkun taħt l-obbligu biex tagħmel dan, l-Awtorità Rikjedenti għandha tipprovdi lill-Awtorità li Ssirilha t-Talba b'avviż raġonevolment prattiku kemm jista' jkun ma' din it-talba, u kwalunkwe proċedimenti relatati biex jiġu ffaċilitati l-opportunitajiet biex tintervjeni u tasserixxi privileġġ. Jekk tal-Awtorità li Ssirilha t-Talba ma tagħtix kunsens għall-produzzjoni ta' Informazzjoni Pprovduta, l-Awtorità Rikjedenti għandha tieħu l-passi kollha raġonevoli fejn xieraq biex topponi l-iżvelar tagħha, inkluż billi tuża mezzi legali biex tirreżisti t-tali żvelar u tasserixxi u tipproteġi l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe Informazzjoni Kunfidenzjali soġġetta li tkun potenzjalment żvelata.

TRADUZZJONI

Brussell, 18 ta' Settembru 2017

L-Onorevoli Ambaxxatur Lighthizer
Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti
Office of the United States Trade Representative
600 17th Street NW
Washington, DC 20508
USA

Għażiż Ambaxxatur Lighthizer,

Jiena għandi l-pjaċir nipproċedi bl-iffirmar tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali rigward l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, ("il-Ftehim"), mehmuż fl-Anness għal din l-ittra. Fit-12 ta' Jannar 2017, it-test legali finali, bl-Ingliż, ġie maqbul mir-rappreżentanti tal-Istati Uniti u dawk tal-Unjoni Ewropea.

Il-Partijiet ikkompletaw kull proċedura interna neċessarja għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Partijiet jirrikonoxxu s-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet nota tad-dikjarazzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fil-15 ta' Settembru 2017, li tistipula fir-rigward tal-Ftehim:

Dan il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont id-dritt tal-Unjoni, dan il-Ftehim għandu jitfassal ukoll mill-Unjoni fil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Żvediża. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali għandhom jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Il-verżjonijiet awtentiċi kollha għandhom ikunu tal-istess valur.

L-Istati Uniti tikkonferma l-impenn tagħha li taħdem mal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill, biex jiġu indirizzati talbiet għall-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali tal-Ftehim.

Jiena għandi l-pjaċir nikkonferma li l-iffirmar tal-Ftehim bl-Ingliż għandu jkun il-bażi li fuqha l-Partijiet jiskambjaw l-ittri biex jibdew bl-applikazzjoni proviżorja. Il-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, bħall-proċeduri għal applikazzjoni proviżorja wara l-iffirmar, huma indipendenti mill-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra.

Dan l-iskambju ta' ittri ser jiġi ppubblikat mill-Unjoni Ewropea, flimkien mat-test tal-Ftehim.

Jien bgħatt din l-istess ittra lis-Segretarju Mnuchin.

Dejjem tiegħek,

Valdis DOMBROVSKIS

*Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea*

Brussell, 18 ta' Settembru 2017

L-Onorevoli Steven Mnuchin
Secretary of the U.S. Treasury
1500 Pennsylvania Avenue, NW
Washington, DC 20220

Għażiż Segretarju Mnuchin,

Jiena għandi l-pjaċir nipproċedi bl-iffirmar tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali rigward l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, ("il-Ftehim"), mehmuż fl-Anness għal din l-ittra. Fit-12 ta' Jannar 2017, it-test legali finali, bl-Ingliż, ġie maqbul mir-rappreżentanti tal-Istati Uniti u dawk tal-Unjoni Ewropea.

Il-Partijiet ikkompletaw kull proċedura interna neċessarja għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Partijiet jirrikonoxxu s-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet nota tad-dikjarazzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fil-15 ta' Settembru 2017, li tistipula fir-rigward tal-Ftehim:

Dan il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont id-dritt tal-Unjoni, dan il-Ftehim għandu jitfassal ukoll mill-Unjoni fil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Żvediża. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali għandhom jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Il-verżjonijiet awtentiċi kollha għandhom ikunu tal-istess valur.

L-Istati Uniti tikkonferma l-impenn tagħha li taħdem mal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill, biex jiġu indirizzati talbiet għall-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali tal-Ftehim.

Jiena għandi l-pjaċir nikkonferma li l-iffirmar tal-Ftehim bl-Ingliż għandu jkun il-bażi li fuqha l-Partijiet jiskambjaw l-ittri biex jibdew bl-applikazzjoni proviżorja. Il-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, bħall-proċeduri għal applikazzjoni proviżorja wara l-iffirmar, huma indipendenti mill-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra.

Dan l-iskambju ta' ittri ser jiġi ppubblikat mill-Unjoni Ewropea, flimkien mat-test tal-Ftehim.

Jien bgħatt din l-istess ittra lill-Ambaxxatur Lighthizer.

Dejjem tiegħek,

Valdis DOMBROVSKIS
*Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea*

22 ta' Settembru 2017

Valdis Dombrovskis
Viċi President
Kummissjoni Ewropea
Brussell, il-Belġju

Għażiż Viċi President Dombrovskis:

Aħna għandna l-pjaċir nipproċedu bl-iffirmar tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar miżuri prudenzjali rigward l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, ("il-Ftehim"), mehmuż fl-Anness għal din l-ittra. Fit-12 ta' Jannar 2017, it-test legali finali, bl-Ingliż, ġie maqbul mir-rappreżentanti tal-Istati Uniti u dawk tal-Unjoni Ewropea.

Il-Partijiet ikkompletaw kull proċedura interna neċessarja għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Partijiet jirrikonoxxu s-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet nota tad-dikjarazzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fil-15 ta' Settembru 2017, li tistipula fir-rigward tal-Ftehim:

Dan il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont id-dritt tal-Unjoni, dan il-Ftehim għandu jitfassal ukoll mill-Unjoni fil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Żvediża. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali għandhom jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Il-verżjonijiet awtentiċi kollha għandhom ikunu tal-istess valur.

L-Istati Uniti tikkonferma l-impenn tagħha li taħdem mal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill, biex jiġu indirizzati talbiet għall-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali tal-Ftehim.

Aħna għandna l-pjaċir nikkonfermaw li l-iffirmar tal-Ftehim bl-Ingliż għandu jkun il-bażi li fuqha l-Partijiet jiskambjaw l-ittri biex jibdew bl-applikazzjoni proviżorja. Il-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, bħall-proċeduri għal applikazzjoni proviżorja wara l-iffirmar, huma indipendenti mill-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra.

Dan l-iskambju ta' ittri ser jiġi ppubblikat mill-Unjoni Ewropea, flimkien mat-test tal-Ftehim.

Dejjem tiegħek,

Steven T. MNUCHIN, Segretarju
*Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti*

Ambaxxatur Robert E. LIGHTHIZER, Ambaxxatur
*Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1794

## tal-5 ta' Ottubru 2017

## li jistabbilixxi r-rati tal-imgħax li jridu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-finanzjament tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet għas-sena fiskali tal-2018 tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) u (4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 ([2]) jistipula li n-nefqa relatata mal-ispejjeż finanzjarji mġarrba mill-Istati Membri sabiex jimmobilizzaw fondi biex jixtru l-prodotti għandha tiġi ddeterminata skont il-metodi stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-punt I.1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 jistipula li l-kalkolu tal-ispejjeż ta' finanzjament ikkonċernati jrid isir abbażi ta' rata tal-imgħax li tkun l-istess fl-Unjoni kollha u li tkun stabbilita mill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena fiskali. Din ir-rata tal-imgħax tikkorrispondi għall-medja tar-rati tal-Euribor għal terminu ta' tliet xhur u ta' 12-il xahar, reġistrati matul il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur li jrid jiġi determinat mill-Kummissjoni, qabel in-notifika mingħand l-Istati Membri stipulata fl-ewwel paragrafu tal-punt I.2 ta' dak l-Anness, b'koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' terz u żewġ terzi rispettivament.

(3) Biex jiġu ddeterminati r-rati tal-imgħax applikabbli għal sena finanzjarja partikolari, l-ewwel paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 jistipula li l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, meta titlob dan, ir-rata tal-imgħax medja mġarrba minnhom fil-verità matul il-perjodu ta' referenza li hemm referenza għalih fil-punt I.1 ta' dan l-Anness, sa mhux iktar tard mid-data ta' skadenza msemmija f'dik it-talba.

(4) Barra minn hekk, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-punt I.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, jekk Stat Membru ma jibgħat l-ebda notifika, fil-forma u sad-data tal-iskadenza msemmijin fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, ir-rata tal-imgħax imġarrba minn dak l-Istat Membru għandha titqies bħala 0 %. Jekk Stat Membru jiddikjara li ma ġarrab l-ebda spiża tal-imgħax għax ma kellux prodotti agrikoli fil-ħżin pubbliku matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dik ir-rata tal-imgħax skont it-tielet paragrafu ta' dak il-punt.

(5) Skont il-punt I.3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014, ir-rata tal-imgħax stabbilita abbażi tal-punt I.2 ta' dak l-Anness għandha titqabbel mar-rata tal-imgħax uniformi stabbilita abbażi tal-punt I.1 ta' dak l-Anness. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal kull Stat Membru għandha tkun l-aktar waħda baxxa minn dawn iż-żewġ rati tal-imgħax. Madankollu, għall-fini tar-rimbors tal-infiq tal-Istati Membri, ir-rati tal-imgħax negattivi ma jistgħux jiġu kkunsidrati.

(6) Ir-rati tal-imgħax applikabbli għas-sena fiskali tal-2018 tal-FAEG jenħtieġ jiġu stabbiliti billi jitqiesu dawk il-fatturi differenti.

(7) Sabiex jiġi evitat li jkun hemm lakuna ġuridika rigward ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' finanzjament tal-miżuri ta' intervent, huwa xieraq li r-rata l-ġdida tapplika retroattivament mill-1 ta' Ottubru 2017,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infiq b'intervent pubbliku (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għan-nefqa marbuta mal-ispejjeż ta' finanzjament li ġarrbu l-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-fondi għax-xiri ta' prodotti li għandhom jitħallsu mis-sena fiskali 2018 tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), ir-rati tal-imgħax previsti fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 906/2014 skont l-Artikolu 3(1)(a) tal-istess Regolament, għandhom ikunu stabbiliti għal 0 %.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1795

## tal-5 ta' Ottubru 2017

## li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

#### 1.1. **Il-bidu**

(1) Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna ("il-pajjiżi kkonċernati") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) L-investigazzjoni ngħatat bidu wara lment li kien tressaq fit-23 ta' Mejju 2016 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("Eurofer" jew "l-ilmentatur") f'isem aktar minn 90 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar.

#### 1.2. **Il-partijiet interessati**

(3) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Hija speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa, lill-kummerċjanti u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu u stednithom jieħdu sehem.

(4) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u / jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari biex jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ.

#### 1.3. **Il-kampjunar**

(5) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni qalet li hija tista' tieħu kampjun mill-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Notifika ta' Bidu ta' proċediment antidumping dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna (ĠU C 246, 7.7.2016, p. 7)

(a) *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(6) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hi kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet kampjun fuq il-bażi tal-ogħla volumi rappreżentattivi ta' produzzjoni u ta' bejgħ filwaqt li żgurat firxa ġeografika. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-kampjun proviżorju, iżda ma rċeviet l-ebda kumment.

(7) Bħala riżultat, il-kampjun finali kien magħmul minn sitt produtturi tal-Unjoni li kienu jinsabu f'ħames Stati Membri differenti. Dan jammonta għal aktar minn 45 % tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(b) *Il-kampjunar tal-importaturi mhux relatati*

(8) Il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu biex tiddeċiedi jekk kienx bżonn li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel il-kampjun. Is-seba' importaturi li rrispondew kollha kemm huma kienu membri ta' konsorzju msemmi "Konsorzju għall-Importazzjonijiet ta' Prodotti Ċatti b'Laminazzjoni Termali" ("il-Konsorzju"). Dan il-Konsorzju ġie stabbilit *ad hoc*, għall-għanijiet tal-investigazzjoni, minn aktar minn 30 utent u importatur mhux relatat li jinsabu primarjament, iżda mhux esklussivament, fl-Italja. Dawn jikkonsistu primarjament minn SMEs.

(9) Stemcor London Ltd, membru tal-Konsorzju, aċċettat b'mod volontarju kooperazzjoni sħiħa bis-sottomissjoni ta' tweġiba għall-kwestjonarju. Dan l-importatur mhux relatat, ibbażat f'Londra, ir-Renju Unit, kien jinnegozja l-prodott ikkonċernat b'valur li ammonta għal aktar minn GBP 30 miljun tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan l-importatur mhux relatat saritlu żjara fil-post.

(c) *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi*

(10) Minħabba l-għadd żgħir ta' produtturi esportaturi magħrufa fl-Iran, fir-Russja, fis-Serbja u fl-Ukrajna ma kienx previst kampjunar rigward dawk il-pajjiżi.

(11) Minħabba l-għadd potenzjalment kbir ta' produtturi esportaturi fil-Brażil, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fil-Brażil biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu sabiex tiddeċiedi jekk kienx bżonn li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel il-kampjun. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Brażil għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u / jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(12) Ħames produtturi ppreżentaw it-tagħrif u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni sabet li tnejn minn dawn il-kumpaniji kienu relatati u għaldaqstant qisithom bħala (grupp) wieħed ta' produtturi esportaturi.

(13) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet produtturi esportaturi bbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. B'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha u l-awtoritajiet Brażiljani ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment.

(14) Il-kampjun magħżul jirrappreżenta 97,3 % tal-esportazzjonijiet totali mill-Brażil lejn l-Unjoni, kif irrapportat mill-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw.

1.4. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju**

(15) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-ilmentatur, lill-produtturi tal-Unjoni kollha inklużi fil-kampjun, lill-produtturi esportaturi kollha magħrufa fl-Iran, fir-Russja, fis-Serbja u fl-Ukrajna u lit-tliet produtturi fil-Brażil inklużi fil-kampjun, lill-utenti u lill-importaturi li ppreżentaw ruħhom sal-iskadenzi taż-żmien stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu.

(16) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-Eurofer, is-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u ċ-ċentri tas-servizzi tal-azzar relatati tagħhom, utent f'isem il-Konsorzju, importatur mhux relatat inkluż fil-kampjun u disa' gruppi ta' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati.

(17) Barra minn hekk, il-Konsorzju ppreżenta l-kummenti wara l-bidu ta' dan il-proċediment. Barra minn hekk, diversi utenti oħra, primarjament mill-Polonja u mill-Istati Baltiċi, il-Konfederazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Latvja u l-Assoċjazzjoni tal-Inġinerija Mekkanika u l-Industriji tax-Xogħol fil-Metall tal-Latvja ppreżentaw ukoll il-kummenti wara l-bidu tal-proċediment.

1.5. **Żjarat ta' verifika**

(18) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset bħala neċessarja biex jiġi stabbilit id-dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— ThyssenKrupp Steel Europe AG, Duisburg, il-Ġermanja

— Tata Steel IJmuiden BV, Velsen-Noord, in-Netherlands

— Tata Steel UK Limited, Port Talbot, South Wales, ir-Renju Unit

— ArcelorMittal Mediterranee SAS, Fos-sur-Mer, Franza

— ArcelorMittal Atlantique Et Lorraine, Dunkerque, Franza

— ArcelorMittal España SA, Gozón, Spanja

Utent:

— Marcegaglia Carbon Steel Spa, Gazoldo degli Ippoliti, l-Italja

Importatur mhux relatat:

— Stemcor London Ltd, Londra, ir-Renju Unit

Produttur esportatur fl-Iran:

— Mobarakeh Steel Company, Mobarakeh, Esfahan, l-Iran

Kummerċjant relatat fl-Unjoni:

— Tara Steel Trading GmbH, Düsseldorf, il-Ġermanja

Produtturi esportaturi fir-Russja:

— "Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron & Steel Works" ("PJSC MMK" jew "MMK"), Magnitogorsk

— Novolipetsk Steel, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ NLMK), Lipetsk

— PAO Severstal, ("Severstal") Cherepovets.

Ċentru tas-servizzi tal-azzar/negozjant/importatur relatat fl-Unjoni:

— SIA Severstal Distribution, Riga, il-Latvja

Kummerċjanti/importaturi relatati barra mill-Unjoni:

— NOVEX Trading (Swiss) SA ("Novex"), Lugano, l-Iżvizzera

— MMK Steel Trade AG, Lugano, l-Iżvizzera

— Severstal Export GmbH ("SSE"), Lugano, l-Iżvizzera.

Produttur esportatur fis-Serbja:

— Zelezara Smederevo d.o.o., Smederevo, is-Serbja

Importatur relatat fl-Unjoni:

— Pikaro, s.r.o., Kosice, is-Slovakkja

Produtturi esportaturi fl-Ukrajna:

Metinvest Group

— Integrated Iron and Steel Works "Zaporizhstal", PJSC, Zaporozhye, l-Ukrajna

— Ilyich Iron and Steel Works of Mariupol, PJSC, Mariupol, l-Ukrajna (ivverifikat mill-bogħod minn uffiċċji ta' Metinvest International SA, Geneva, l-Iżvizzera)

Kummerċjant relatat fl-Ukrajna:

— Limited Liability Company Metinvest-SMC, LLC, Kiev, l-Ukrajna

Kummerċjant relatat barra mill-Unjoni:

— Metinvest International SA, Ġinevra, l-Iżvizzera

Importatur relatat fl-Unjoni:

— Ferriera Valsider S.p.A, Vallese di Oppeano VR, l-Italja

Produtturi esportaturi fil-Brażil:

— ArcelorMittal Brasil S.A, Serra, il-Brażil

— Companhia Siderúrgica Nacional, São Paulo, il-Brażil

— Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A., Belo Horizonte, il-Brażil

Ċentru tas-servizzi tal-azzar/negozjant/importatur relatat fl-Unjoni:

— Lusosider Aços Planos S.A, Liżbona, il-Portugall

### 1.6. Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsiderat

(19) L-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

### 1.7. Reġistrazzjoni ta' oġġetti importati

(20) Fil-11 ta' Ottubru 2016, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar mill-pajjiżi kkonċernati skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Fil-21 ta' Novembru 2016, l-ilmentatur ipprovda *data* aġġornata dwar l-importazzjonijiet fir-rigward tat-talba tiegħu għal reġistrazzjoni. Wara analiżi bir-reqqa tat-talba u d-*data* ta' sostenn, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għal reġistrazzjoni kienu ssodisfati biss rigward l-importazzjonijiet mill-Brażil u mir-Russja.

(21) Għaldaqstant, fis-6 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni ppubblikat Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jagħmel soġġetti għar-reġistrazzjoni l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil u mir-Russja ([1]) mis-6 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

### 1.8. Proċedura sussegwenti

(22) Fl-4 ta' April 2017, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha permezz ta' dokument ta' informazzjoni ("id-Dokument ta' Informazzjoni") li hija kienet se tkompli l-investigazzjoni mingħajr ma timponi miżuri proviżorji fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati. Id-Dokument ta' Informazzjoni kien jinkludi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli l-investigazzjoni mingħajr ma timponi miżuri proviżorji.

(23) Sussegwentement għad-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet bil-miktub li bihom ipprovdew kummenti fuq l-informazzjoni u s-sejbiet divulgati. Il-partijiet interessati li talbu li jinstemgħu ngħataw ukoll seduta ta' smigħ.

(24) Fl-4 ta' Mejju 2017, saret seduta ta' smigħ mal-ilmentatur fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Fil-15 ta' Mejju 2017, saru seduti ta' smigħ ma' żewġ produtturi esportaturi Russi, jiġifieri MMK u PAO Severstal. Fl-1 ta' Ġunju 2017, saret seduta ta' smigħ mal-Konsorzju. Fit-8 ta' Ġunju 2017, saret seduta ta' smigħ oħra mal-ilmentatur. Barra minn hekk, fit-13 ta' Ġunju 2017, saret seduta ta' smigħ mal-produttur esportatur tal-Ukrajna Metinvest Group.

(25) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti kollha bil-fomm u bil-miktub fir-rigward tad-Dokument ta' Informazzjoni sottomessi mill-partijiet interessati qabel ma waslet għad-deċiżjoni finali tagħha. Dawn il-kummenti huma indirizzati f'dan ir-Regolament.

(26) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-utenti li ppreżentaw ruħhom fil-fażi inizjali biex jipprovdu aktar *data* dwar is-settur tal-inġinerija mekkanika u setturi oħra bil-għan li hi tivvaluta aktar fid-dettall l-impatt potenzjali tal-miżuri fuq is-setturi aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista għajr it-tubi u l-pajpijiet. Stiednet ukoll lill-partijiet interessati jikkummentaw fuq il-forma xierqa ta' miżuri, jekk hemm.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/5 tal-5 ta' Jannar 2017 li jagħmel soġġetti għar-reġistrazzjoni l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Russja u l-Brażil (ĠU L 3, 6.1.2017, p. 1).

(27) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, 18-il utent addizzjonali ppreżentaw ruħhom u talbu li jiġu rreġistrati bħala partijiet interessati. Mit-18, 17 tniżżlu bħala partijiet interessati. Sebgħa mit-18-il utent talbu li jiġu anonimizzati minħabba l-biża' ta' ritaljazzjoni. Din it-talba ntlaqgħet rigward sitta mis-sebgħa li huma. Dak li jifdal ma tniżżilx bħala parti interessata billi minkejja diversi tfakkiriet, ma ġġustifikax it-talba tiegħu għal anonimità.

(28) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha meħtieġa biex tasal għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. Għal dan il-għan, bagħtet kwestjonarji addizzjonali ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni ("wara l-PI") lis-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lil 74 utent (inklużi membri tal-Konsorzju) u 12-il assoċjazzjoni tal-utenti.

(29) Ġew riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarji dwar iż-żmien ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni mis-sitt produtturi tal-Unjoni kollha kemm huma u minn 23 utent. Barra minn hekk, tnejn mit-12-il assoċjazzjoni tal-utenti pprovdew informazzjoni addizzjonali. Barra minn hekk, l-ilmentatur, produttur wieħed tal-Unjoni: ([1]), u utenti magħżula (primarjament ([2]) fuq il-bażi tal-firxa ġeografika) ġew infurmati li s-servizzi tal-Kummissjoni kienu ġejjin bil-għan li jivverifikaw *data* rilevanti fil-post.

(30) Imbagħad, saru ħames żjarat ta' verifika addizzjonali tul il-perjodu 29 ta' Mejju sad-9 ta' Ġunju 2017 fil-bini tal-partijiet interessati li ġejjin fl-Unjoni Ewropea:

— ThyssenKrupp Steel Europe AG, Duisburg, il-Ġermanja (produttur tal-Unjoni:)

— HUS Ltd, Plovdiv, il-Bulgarija (utent, membru tal-"Konsorzju", kif imsemmi fil-premessa (8)

— Technotubi SpA, Alfianello, l-Italja (utent, membru tal-Konsorzju)

— Utent Taljan; mhux membru tal-Konsorzju u li kien talab l-anonimità

— Eurofer

(31) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kienet beħsiebha timponi miżuri antidumping definittivi. Huma ngħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara d-divulgazzjoni finali.

(32) Wara d-divulgazzjoni finali, fis-17 ta' Lulju 2017 ("id-divulgazzjoni finali"), fis-27 ta' Lulju 2017 saret seduta ta' smigħ mal-ilmentatur fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. F'din is-seduta ta' smigħ, il-Eurofer qajmet xi punti sostantivi u proċedurali.

(33) Fir-rigward tal-ewwel, il-Eurofer sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tapplika r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali li huwa ħareġ wara s-seduta ta' smigħ tal-4 ta' Mejju 2017 (ara l-premessa (24)). Fir-rapport tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2017, l-Uffiċjal tas-Seduta sostna li s-servizzi jenħtieġ li jiżvelaw il-marġnijiet ta' dumping u dannu qabel isir it-test tal-interess tal-Unjoni, *"mingħajr id-data attwalment użata fil-kalkoli"* ([3]) Barra minn hekk, huwa ħeġġeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni *"biex jiżvelaw id-dokument finali lill-partijiet interessati fil-ħin u jagħtu żmien biżżejjed għall-kummenti, mill-inqas 30 jum minflok il-perjodu ta' 10 ijiem tas-soltu"* ([4]).

(34) Il-Kummissjoni nnutat li kienet irċeviet ir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tas-Seduta fit-23 ta' Ġunju 2017, li kien qrib id-*data* tad-divulgazzjoni finali (is-17 ta' Lulju 2017). Rigward il-marġni tad-dannu, hija ddeċidiet li ma kienx hemm wisq skop li ċ-ċifri inizjali jiġu żvelati mingħajr kalkoli sottostanti fl-aħħar ta' Ġunju, bħala pass ulterjuri, meta l-partijiet interessati kellhom jirċievu l-kalkoli sħaħ tal-marġni ta' dannu xorta waħda b'divulgazzjoni finali fil-futur qrib permezz ta' divulgazzjoni finali. Matul is-seduta tas-27 ta' Lulju 2017, il-Eurofer ikkonfermat li kienet irċeviet informazzjoni komprensiva rigward il-marġni ta' dannu permezz tad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali u li l-kwistjoni saret mingħajr skop. Dwar l-iskadenza għall-kummenti fid-divulgazzjoni finali, l-Artikolu 20(5) tar-Regolament Bażiku jistipula li rappreżentazzjonijiet li saru wara d-divulgazzjoni finali għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk jaslu "fil-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni f'kull każ, li għandu jkun

([1]) Dak il-produttur tal-Unjoni ntgħażel billi kien wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li argumentaw li kienu f'pożizzjoni jżidu l-kapaċità tagħhom f'perjodu qasir ta' żmien.

([2]) Barra minn hekk, iż-żewġ utenti, membri tal-Konsorzju, kienu kontra l-impożizzjoni ta' miżuri. Madankollu, l-utent Taljan l-ieħor, li ppreżenta ruħu tard waqt il-proċess, kien favur l-impożizzjoni ta' miżuri.

([3]) Ir-rapport tas-seduta ta' smigħ tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali, 23 ta' Ġunju 2017, HO/AK ju-ca-11.ho(2017) 3604029, p. 3.

([4]) Ir-rapport tas-seduta ta' smigħ tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali, 23 ta' Ġunju 2017, HO/AK ju-ca-11.ho(2017) 3604029, p. 4.

mill-inqas 10 ijiem". Id-divulgazzjoni finali ġiet preżentata lill-partijiet interessati fis-17 ta' Lulju 2017, b'*data* ta' skadenza għall-kummenti fis-7 ta' Awwissu 2017, jiġifieri perjodu ta' tliet ġimgħat. Filwaqt li din l-iskadenza ma tilħaqx it-30 jum irrakkomandat mill-Uffiċjal tas-Seduta, ipprovdiet madankollu darbtejn aktar mill-minimu statutorju. Għaldaqstant il-Kummissjoni sostniet li kienet konformi mal-essenza tar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tas-Seduta, jiġifieri biex tipprovdi ħin "biżżejjed" biex isiru kummenti siewja dwar dokument li rriproduċa partijiet sostanzjali mill-informazzjoni li l-Kummissjoni kienet diġà għaddiet lill-partijiet fid-Dokument ta' Informazzjoni tal-4 ta' April (ara l-premessa (22)).

(35) Rigward il-kwistjonijiet sostantivi mqajma quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta, il-Kummissjoni ddeċidiet li tindirizzahom fil-partijiet rilevanti ta' dan ir-regolament hawn taħt, minħabba li kien tqajmu fil-kummenti bil-miktub li waslu wara d-divulgazzjoni finali.

(36) Fit-3 ta' Awwissu 2017, saret seduta ta' smigħ mal-produttur esportatur Iranjan, jiġifieri l-Mobarakeh Steel Company. Waqt seduta il-produttur esportatur Iranjan qajjem il-kwistjoni ta' żball klerikali fil-kalkolu tiegħu tad-dumping. Il-produttur esportatur spjega li bi żball ċerti ċifri ġew approssimati, probabbilment minħabba t-tul tagħhom.

(37) Il-Kummissjoni analizzat din l-allegazzjoni u kkonkludiet li fil-kalkolu tad-dumping għall-produttur esportatur tabilħaqq kien hemm żball klerikali, li kellu jiġi korrett. Bħala tali, il-kalkolu tad-dumping u l-kalkoli bbażati fuqu kellhom jiġu kkalkulati mill-ġdid bir-riżultati li ġejjin: il-marġni tad-dumping rivedut u r-rata ta' dazju antidumping għal Mobarakeh Steel Company ammontaw għal 17,9 %, u konsegwentement, il-PMI, aġġustat għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ammonta għal EUR 468,49 kull tunnellata.

(38) Fl-4 ta' Awwissu 2017, il-partijiet kollha ġew infurmati dwar din ir-reviżjoni permezz ta' divulgazzjoni addizzjonali finali u ġew mistiedna biex jikkummentaw dwar dan.

(39) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti kollha bil-fomm u bil-miktub fir-rigward tad-divulgazzjoni finali u d-divulgazzjoni finali addizzjonali ppreżentati mill-partijiet interessati qabel ma waslet għad-deċiżjoni finali tagħha. Dawn il-kummenti qed jiġu indirizzati f'dan ir-regolament, u fejn xieraq immodifikaw ir-riżultati tiegħu skont dan.

## 2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott ikkonċernat

(40) Prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-azzar huma prodotti permezz ta' laminazzjoni termali; dan huwa proċess li jiffurma l-metall li bih metall sħun jiġi mgħoddi minn par wieħed jew aktar ta' laminaturi termali biex titnaqqas il-ħxuna u biex il-ħxuna ssir uniformi, li permezz tiegħu t-temperatura tal-metall tkun ogħla mit-temperatura ta' rikristallizzazzjoni tiegħu. Jistgħu jiġu pprovduti f'bosta forom: f'koljaturi (mogħtija ż-żejt jew le, ippreżervati jew mhux ippreżervati), maqtugħin f'tulijiet (folji) jew fi strixxi rqaq.

(41) Hemm żewġ użi prinċipali tal-prodotti ċatti tal-azzar b'laminazzjoni termali. L-ewwel, huma l-materjal ewlieni għall-produzzjoni ta' diversi prodotti tal-azzar downstream b'valur miżjud, li jibdew minn prodotti tal-azzar ċatti u miksija b'laminazzjoni kiesħa ([1]). It-tieni, huma jintużaw bħala input industrijali li jinxtara mill-utenti aħħarija għal varjetà ta' applikazzjonijiet, inkluż fil-kostruzzjoni (il-produzzjoni ta' tubi tal-azzar), fil-bini ta' bastimenti, f'kontenituri tal-gass, f'karozzi, f'reċipjenti taħt pressjoni u f'pipelines tal-enerġija.

(42) Il-Kummissjoni eskludiet l-azzar tal-għodda u l-azzar ta' veloċità għolja mill-ambitu tal-prodott tal-proċedura antidumping li tittratta ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew ta' liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([2]).

(43) Fin-nuqqas ta' xi kumment rigward l-ambitu tal-prodott u l-prodott simili matul din l-investigazzjoni partikolari, u sabiex ikollha l-istess ambitu tal-prodott fid-diversi proċedimenti li jirrigwardaw ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew ta' liga oħra tal-azzar, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li teskludi l-azzar tal-għodda u l-azzar ta' veloċità għolja mill-ambitu tal-prodott f'dan il-każ.

(44) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dawn l-esklużjonijiet permezz tad-Dokument ta' Informazzjoni. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda osservazzjoni f'dan ir-rigward.

([1]) Il-proċess ta' rrumblar fil-kiesaħ huwa definit billi folja jew strippa — li tkun ġiet irrumblata bis-sħana u bil-wiċċ imnaddaf — tingħadda minn bejn rombli kisħin, jiġifieri taħt it-temperatura li trattab il-metall.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tas-6 ta' Ottubru 2016, li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 272, 7.10.2016, p. 33)

(45) Il-prodott ikkonċernat (ċatt b'laminazzjoni termali, "HRF") ġie b'hekk definit bħala ċerti prodotti tal-ħadid irromblati ċatti, tal-azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, kemm jekk f'koljaturi jew le (inklużi prodotti maqtugħin skont tul definit ("cut-to-length") u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux magħqudin flimkien (clad), indurati jew miksijin, li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna.

Il-prodott ikkonċernat ma jinkludix:

— prodotti tal-azzar inossidabbli u azzar elettriku tas-siliċju bil-granijiet orjentati,

— prodotti tal-azzar tal-għodda u tal-azzar ta' veloċità għolja,

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm u ta' wisa' ta' 600 mm jew aktar, u

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar, iżda li ma taqbiżx l-10 mm, u ta' wisa' ta' 2 050 mm jew aktar.

Il-prodott ikkonċernat bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10, 7225 30 90, ex 7225 40 60, 7225 40 90, ex 7226 19 10, 7226 91 91 u 7226 91 99.

### 2.2. **Il-prodott simili**

(46) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati;

(c) il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(47) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat li l-prodott ikkonċernat prodott u mibjugħ fil-pajjiżi kkonċernati u dak prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni huma simili, fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Metodoloġija ġenerali**

(48) F'din it-taqsima, il-Kummissjoni ddeskriviet il-metodoloġija ġenerali li użat sabiex jiġi kkalkulat il-marġni ta' dumping. Fejn meħtieġ, kull kwistjoni speċifika għal pajjiż jew kumpanija rilevanti għal dawn il-kalkoli kienet indirizzata fit-taqsimiet speċifiċi għall-pajjiżi ta' hawn taħt.

#### 3.1.1. *Valur normali*

(49) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur li jesporta jkun mill-inqas 5 % tal-volum tiegħu tal-bejgħ totali għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

Il-valur normali għat-tipi mhux rappreżentattivi (jiġifieri dawk li l-bejgħ domestiku tagħhom kien inqas minn 5 % tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jew li ma nbiegħu xejn fis-suq domestiku) ġie kkalkulat skont l-ispiża tal-manifattura ta' kull tip ta' prodott flimkien ma' ammont għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għall-profitti. Għall-bejgħ domestiku li sar fil-kors ordinarju tal-kummerċ intuża l-profitt skont it-tip ta' prodott għat-tipi ta' prodott ikkonċernati. Għat-tranżazzjonijiet kollha l-oħra li ma sarux fil-kors ordinarju tal-kummerċ intuża profitt medju.

Il-Kummissjoni mbagħad identifikat it-tipi ta' prodott mibjugħin fis-suq domestiku li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodott mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur li kkoopera għal kull tip ta' prodott kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.

(50) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-prezzijiet effettivi tal-bejgħ domestiku għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(51) Il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv skont it-tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ kienx profittabbli jew le, jekk:

(d) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-ispiża kkalkulata ta' produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(e) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità.

(52) F'dan il-każ, il-valur normali kien il-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(53) Il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, skont it-tip ta' prodott, tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ profittabbli tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum tal-bejgħ totali ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità.

(54) Fejn ma kien hemm l-ebda jew ma kienx hemm biżżejjed bejgħ ta' tip ta' prodott simili fil-kors ordinarju tal-kummerċ, jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali skont l-Artikoli 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(55) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-ispiża medja tal-produzzjoni tal-prodott simili ta' kull produttur esportatur li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) il-bejgħ medju ponderat, l-ispejjeż amministrattivi u ġenerali (BĠA) imġarrba minn kull produttur esportatur li kkoopera fil-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni. kif ukoll

(b) il-profitt medju ponderat magħmul minn kull produttur esportatur li kkoopera mill-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.1.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(56) Il-produtturi esportaturi esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala kummerċjanti u / jew importaturi.

(57) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, inkluż permezz ta' kummerċjanti, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet effettivament imħallsa jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(58) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni nħadem fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-prezz tal-esportazzjoni nħadem ukoll, skont l-istess Artikolu, meta l-prodott ikkonċernat ma reġax inbiegħ fil-kundizzjoni li kien importat fiha. F'każijiet bħal dawn, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-ispejjeż kollha li ġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż l-ispejjeż BĠA, u għall-profitti.

3.1.3. *Paragun*

(59) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(60) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

3.2. **Il-Brażil**

(61) Kien hemm ħames produtturi esportaturi fil-Brażil tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Wara l-għażla tal-kampjun, kumpanija waħda li tesporta, Aperam Inox América do Sul S.A., spjegat lill-Kummissjoni li bi żball kienet irrapportat każijiet ta' bejgħ lejn l-Afrika li kienu biss fi tranżitu mit-territorju tal-Unjoni bħala bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Għalhekk, tul il-perjodu ta' investigazzjoni, ma kellhiex esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Spjegat ukoll li għandha ishma komuni ma' ArcelorMittal Brasil S/A ("AMB"). Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tittratta lil dawn iż-żewġ kumpaniji bħala kumpaniji relatati.

Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. ("Usiminas") u Companhia Siderúrgica Nacional ("CSN") ukoll għandhom ishma komuni. Usiminas sostniet li kellhom jitqiesu bħala kumpaniji mhux relatati, billi bħalissa hemm proċedura għaddejja mal-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Brażil, li tipprevjeni l-eżerċitar ta' kwalunkwe dritt b'rabta ma' Usiminas min-naħa ta' CSN. Il-Kummissjoni vverifikat l-allegazzjoni u l-evidenza pprovduta minn Usiminas u kkonkludiet li CSN ma kinitx f'pożizzjoni li teżerċita d-drittijiet tagħha b'rabta ma' Usiminas. Il-Kummissjoni aċċettat it-talba u ttrattat lil dawn il-kumpaniji bħala mhux relatati. Iż-żewġ kumpaniji ma oġġezzjonawx meta l-Kummissjoni ħabbret id-deċiżjoni tagħha fid-dokument li jinforma lill-kumpaniji li ma kinux se jiġu imposti miżuri proviżorji. Id-deċiżjoni dwar jekk dawn iż-żewġ kumpaniji humiex relatati jew le tista' tinbidel f'reviżjonijiet sussegwenti fil-każ li l-awtorità Brażiljana dwar il-kompetizzjoni toħroġ deċiżjoni differenti fil-futur.

(62) Fis-suq domestiku, il-produtturi esportaturi kollha biegħu l-prodott simili kemm direttament kif ukoll permezz ta' kummerċjanti relatati u mhux relatati. Il-parti l-kbira tal-prodott simili mibjugħ ġiet ipproċessata aktar fi prodott li jew baqa' l-prodott simili jew sar prodott downstream ieħor.

(63) Usiminas esportat il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti. Iż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn esportaw lejn l-Unjoni primarjament koljaturi mhux ipproċessati (mhux maqtugħin) li kienu jew jinbiegħu mill-ġdid jew jiġu pproċessati aktar mill-kumpanija relatata tagħhom fl-Unjoni.

3.2.1. *Valur normali*

(64) Il-valur normali għat-tliet produtturi esportaturi kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.1. ta' hawn fuq.

(65) Għat-tliet produtturi esportaturi, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku għal 14 %, 35 % u 91 % rispettivament tat-tipi ta' prodott esportati lejn l-Unjoni, li rrappreżentaw 54 %, 78 % u 99 % rispettivament tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-valur normali għall-bqija tat-tipi ta' prodott inħadem kif stipulat fil-premessi (54) u (55).

(66) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, Usiminas stqarret li l-ammont tal-ispejjeż BĠA ma ġiex ikkalkulat fil-livell kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika u li ċerti spejjeż ma kinux relatati mal-prodott ikkonċernat u għalhekk kellhom jiġu esklużi mill-ammont BĠA.

(67) Il-Kummissjoni aċċettat it-talba u kkoreġiet l-ammont BĠA skont dan.

(68) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, CSN sostniet li biex jiġi stabbilit l-ammont tal-ispejjeż BĠA, kien ikun aħjar kieku ntużat l-aħħar verżjoni tat-tabella BĠA sottomessa tul iż-żjara ta' verifika. Skont hi, dik il-verżjoni kienet tkun aktar preċiża billi ċerti spejjeż relatati mal-esportazzjonijiet kienu allokati biss għall-bejgħ għall-esportazzjoni u mhux għall-bejgħ domestiku.

(69) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba billi l-metodu ta' allokazzjoni tal-aħħar verżjoni tat-tabella BĠA ppreżentata mill-kumpanija ma setax jiġi vverifikat billi dan kien ipprovdut fl-aħħar taż-żjara ta' verifika. Minflok, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont tal-ispejjeż BĠA fuq il-bażi ta' verżjoni preċedenti li ġiet sottomessa matul iż-żjara ta' verifika u li setgħet tiġi vverifikata. Madankollu, din il-verżjoni kien fiha xi żbalji, u dawn ġew ikkoreġuti manwalment mill-Kummissjoni u divulgati lil CSN. CSN ma kkummentatx aktar fuq din id-divulgazzjoni. Fil-kalkolu, il-Kummissjoni ma allokatx spejjeż tal-esportazzjoni għall-bejgħ domestiku. Il-metodu ta' allokazzjoni użat mill-Kummissjoni ma ġiex ikkontestat minn CSN.

3.2.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(70) Il-prezz tal-esportazzjoni għat-tliet produtturi esportaturi kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.2. ta' hawn fuq.

(71) Għal Usiminas, li kienet tbigħ il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(72) Iż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn kienu jbigħu l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' partijiet relatati. Madankollu, anki għal dawk il-produtturi esportaturi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku billi l-Kummissjoni setgħet tivverifika li l-prezzijiet ta' bejn il-partijiet relatati kienu skont il-prinċipju ta' distakkament u jirriflettu l-prezzijiet tas-suq.

3.2.3. *Paragun*

(73) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(74) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u spejjeż anċillari (fil-medda ta' bejn 3,4 % u 4,6 % kif espress fil-fatturat nett), roħs, ribassi u kwantitajiet (fil-medda ta' bejn 0,2 % u 3,5 % kif espress fil-fatturat nett) u spejjeż ta' kreditu (fil-medda ta' bejn 1,8 % u 2,3 % kif espress fil-fatturat nett).

(75) Il-produtturi esportaturi kollha ppreżentaw talba skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku għal aġġustament għall-ħlas lura tad-dazju, bl-argument li l-eżistenza ta' skema ta' rifużjoni tad-dazju għal ċerti materji primi kienet timplika li l-bejgħ domestiku kollu tagħhom kien jinkorpora taxxa indiretta meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni.

(76) Madankollu, il-produtturi esportaturi ma kinux f'pożizzjoni juru li l-eżistenza fiha nnifisha tal-iskema ta' rifużjoni tad-dazju kienet taffettwa l-paragunabbiltà tal-prezz. Barra minn hekk, tul iż-żjara ta' verifika, il-produtturi esportaturi kkonfermaw li l-iskema ta' rifużjoni tad-dazju ma taffettwax il-prezz tal-bejgħ. Għaldaqstant, din it-talba ma setgħetx tintlaqa'.

(77) Usiminas għamlet talba skont l-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku għal aġġustament fid-differenzi tal-livelli kummerċjali, bl-argument li l-bejgħ domestiku kollu tagħha sar lil utenti aħħarin, filwaqt li l-bejgħ għall-esportazzjoni kollu tagħha lejn l-Unjoni kien lil kummerċjanti relatati jew mhux relatati.

(78) Il-produttur esportatur madankollu ma seta' juri l-ebda differenza konsistenti u distinta fil-prezz għal-livelli differenti ta' kummerċ, la fis-suq domestiku u lanqas tal-esportazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, din it-talba ma setgħetx tintlaqa'.

(79) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, Usiminas sostniet li anki l-aġġustament tal-ispejjeż ta' kreditu kellu jitnaqqas sabiex jinħadem il-valur normali.

(80) Il-Kummissjoni ma aċċettatx it-talba billi l-aġġustament għall-ispejjeż ta' kreditu huwa aġġustament li jsir rigward il-prezzijiet effettivi biex jiġi rifless il-perjodu miftiehem ta' kreditu, irrispettivament mid-*data* effettiva tal-ħlas. Huwa aġġustament purament tal-prezz, li mhuwiex iġġustifikat meta jinħadem il-valur normali.

3.2.4. *Marġni ta' dumping*

(81) Għall-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(82) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali, CSN sostniet li l-valuri CIF użati għall-kalkolu tal-marġni tal-orħos prezz kellhom jiġu użati wkoll għall-kalkolu tal-marġni ta' dumping. It-talba ġiet aċċettata u l-kalkolu tad-dumping ġie kkoreġut skont dan.

(83) Il-marġni medju ponderat ta' dumping għall-produtturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw ġie kkalkulat skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni kien stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet li ġew stabbiliti għat-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun.

(84) Il-livell ta' kooperazzjoni fil-Brażil huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw jammontaw għal kważi 100 % tal-esportazzjonijiet totali Brażiljani lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu u applikabbli għall-kumpaniji kollha l-oħrajn fl-istess livell bħal dak stabbilit għall-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni ta' dumping, jiġifieri Usiminas.

(85) Il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni ta' dumping |
|---|---|
| ArcelorMittal Brasil S.A. | 16,3 % |
| Aperam Inox América do Sul S.A. | 16,3 % |
| Companhia Siderúrgica Nacional | 73,0 % |
| Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. | 65,9 % |
| Kumpanija oħra li kkooperat (Gerdau Açominas S.A.) | 49,3 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 73,0 % |

### 3.3. **L-Iran**

(86) Fl-Iran, hemm produttur esportatur wieħed biss tal-prodott ikkonċernat, li kkoopera bis-sħiħ ma' din l-investigazzjoni. Il-parti l-kbira tal-bejgħ tiegħu lejn l-Unjoni kienet bejgħ dirett lil xerrejja indipendenti, għalkemm xi wħud mit-tranżazzjonijiet saru permezz ta' kummerċjant relatat fil-Ġermanja.

#### 3.3.1. *3.3.1. Valur normali*

(87) Il-valur normali għall-produttur esportatur uniku kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.1. ta' hawn fuq. B'riżultat ta' dan, il-valur normali għal 61 % tat-tipi ta' prodott li rrappreżentaw 67 % tal-volum esportat mill-produttur esportatur lejn l-Unjoni kien ibbażat fuq il-prezz domestiku fil-kors ordinarju tal-kummerċ. Il-valur normali għall-bqija tat-tipi ta' prodott inħadem. Madankollu, jekk il-prezz medju ponderat ta' xi tip ta' prodott kien inqas mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità, il-valur normali kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-premessa (55) ta' hawn fuq.

(88) Il-produttur esportatur argumenta wkoll li l-Kummissjoni użat proporzjon żbaljat rigward l-ispejjeż BĠA għall-eżami fil-kors ordinarju tal-kummerċ u l-istabbiliment tal-valur normali. Dan kien żball fl-arrotondament, li ġie kkoreġut sussegwentement. Din it-tibdila ma kellha l-ebda impatt fuq il-marġnijiet ta' dumping stabbiliti fil-premessa (98).

#### 3.3.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(89) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit bl-użu tal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.2. ta' hawn fuq u b'mod partikolari fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

#### 3.3.3. *Paragun*

(90) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur uniku fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(91) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u spejjeż anċillari (fil-medda ta' bejn 1 % u 3 %), ippakkjar (fil-medda ta' bejn 0 % u 1 %), spejjeż ta' kreditu (fil-medda ta' bejn 1 % u 3 %), kummissjonijiet (fil-medda ta' bejn 0,1 % u 2 %), roħs iehor (fil-medda ta' bejn 0 % u 0,5 %), fatturi oħra (fil-medda ta' bejn 0 % u 1 %). Sar ukoll aġġustament fuq il-bażi tal-Artikolu 2(10)(i) għall-bejgħ għall-esportazzjoni permezz tal-kummerċjant relatat fl-Unjoni (fil-medda ta' bejn 2 % u 6 %).

(92) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur sostna li dawn l-aġġustamenti jidhru li huma għoljin u talab lill-Kummissjoni biex tagħti spjegazzjoni ulterjuri għal dawn l-aġġustamenti. Il-Kummissjoni ma tistax tagħti aktar dettalji dwar dawn l-aġġustamenti mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Dawn l-aġġustamenti kollha ġew analizzati u vverifikati mill-Kummissjoni f'konformità mal-mandat tagħha skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(93) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur argumenta li, meta nħadem il-valur normali, il-Kummissjoni ma naqqsitx l-adattamenti relatati mal-ispejjeż. Din it-talba hija fattwalment skorretta billi l-Kummissjoni naqqset dawn l-adattamenti. Il-produttur esportatur tenna din it-talba fil-kumment tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni spjegat il-metodoloġija tagħha dwar dan il-punt lill-produttur esportatur u ma waslu l-ebda kummenti oħra.

(94) Waqt il-valutazzjoni tal-adattamenti, il-Kummissjoni rieżaminat l-evidenza relatata mal-aġġustament ibbażat fuq l-iskema ta' rifużjoni tad-dazju. L-evidenza għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni wriet li, filwaqt li l-produttur esportatur irċieva dak li sostna li huwa rimborż ta' dazji, l-ewwel nett lanqas ma hemm evidenza li huwa ħallas xi dazju billi, skont l-informazzjoni ppreżentata mill-produttur esportatur, il-materja prima kollha nkisbet lokalment. Għaldaqstant, id-dazju ma kienx "imġarrab […] minn materjal fiżikament inkorporat [fil-prodott]" bit-tifsira tal-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku, li huwa prerekwiżit għal dan l-aġġustament. Għalhekk, ma sarx tali aġġustament.

3.3.4. *Marġni ta' dumping*

(95) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(96) Fil-kummenti tiegħu rigward id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur ġibed l-attenzjoni għal żball klerikali fil-kalkolu ta' dumping. Il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżball klerikali, li kien minħabba l-arrotondament mhux meħtieġ ta' ċerti valur, u emendat il-kalkolu skont dan. Il-partijiet interessati kollha ġew infurmati b'din il-bidla b'divulgazzjoni addizzjonali finali.

(97) Il-livell ta' kooperazzjoni mill-Iran kien għoli ħafna minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera ammontaw għal madwar 100 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu fl-istess livell bħal dak għall-produttur esportatur uniku.

(98) Il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni ta' dumping |
|---|---|
| Mobarakeh Steel Company | 17,9 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 17,9 % |

(99) Fil-kummenti tiegħu għad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur argumenta li l-marġni ta' dumping ikkalkulat fuq il-bażi tad-*data* miġbura minnu kien ogħla b'mod sinifikanti. Il-parti interessata stiednet lill-Kummissjoni tipprovdi aktar dettalji dwar kif ġie kkalkulat il-marġni ta' dumping għall-Iran.

(100) Il-Kummissjoni bbażat il-kalkolu tagħha fuq *data* fattwali tal-kumpanija li ġiet ivverifikata fil-post. Il-parti interessata inkwistjoni ma kellhiex aċċess għal dan il-livell ta' informazzjoni, u dan il-fatt potenzjalment jispjega d-diskrepanza. Il-Kummissjoni ma tistax tipprovdi aktar dettalji rigward il-kalkolu mingħajr ma tiddivulga informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tal-produttur esportatur.

(101) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni addizzjonali finali, l-ilmentatur talab aktar informazzjoni dwar dan l-iżball klerikali ta' arrotondament, li turi li tnaqqis ta' 5 punti perċentwali fil-livell tal-marġini tad-dumping probabbilment mhuwiex minħabba żball ta' arrotondament.

(102) Il-Kummissjoni ma tistax tiddivulga l-kalkolu tad-dumping dettaljat lil partijiet oħrajn għajr il-parti interessata kkonċernat direttament, billi dan jiddivulga informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Kif spjegat fil-premessa (96)

hawn fuq, l-iżball jikkonċerna l-arrotondament mhux meħtieġ ta' ċerti valuri twal aktar minn 13-il ċifra (pereżempju ċ-ċifra 112.769.871.468,69 ġiet ikkunsidrata fil-kalkolu bħala 1,13). Ċifri twal bħal dawn kienu jinvolvu l-aktar tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni importanti kkonvertiti fil-munita lokali Iranjana għall-kalkolu tad-dumping. Għaldaqstant it-tnaqqis tal-punti perċentwali ta' 5,1 tal-marġni ta' dumping.

3.4. **Ir-Russja**

(103) Fir-Russja, hemm tliet produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat, li kkooperaw bis-sħiħ ma' din l-investigazzjoni. Huma jirrappreżentaw kważi fl-intier tagħhom l-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat mir-Russja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.4.1. *Valur normali*

(104) Il-valur normali għat-tliet produtturi esportaturi flimkien kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.1. ta' hawn fuq. B'riżultat ta' dan, il-valur normali għall-maġġoranza tat-tipi ta' prodott esportati lejn l-Unjoni għat-tlieta li huma kien ibbażat fuq il-prezz domestiku (76 % jirrappreżentaw 98,9 % tal-kwantitajiet esportati, 49 % jirrappreżentaw 86,7 % tal-kwantitajiet esportati u 73 % jirrappreżentaw 96,6 % tal-kwantitajiet esportati rispettivament).

(105) Il-valur normali għall-bqija tat-tipi nħadem bil-metodoloġija deskritta hawn fuq fil-premessi (54) u (55) jew billi ma kienx hemm bejgħ domestiku jew billi l-kwantitajiet tal-bejgħ fis-suq domestiku kienu żgħar wisq biex jitqiesu rappreżentattivi (inqas minn 75 MT għal kull tip ta' prodott).

3.4.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(106) Il-produtturi esportaturi esportaw lejn l-Unjoni jew direttament, permezz ta' importaturi relatati fl-Unjoni, jew permezz ta' negozjanti / importaturi relatati bbażati fl-Iżvizzera. Il-kumpaniji relatati fl-Iżvizzera xtraw il-prodott ikkonċernat mingħand il-produtturi esportaturi u mbagħad biegħuh fl-Unjoni u pajjiżi oħrajn.

(107) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit bl-użu tal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.2. ta' hawn fuq.

(108) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, Severstal ikkuntestat l-applikabbiltà tal-aġġustamenti li saru għall-ispejjeż BĠA u l-profitt skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għall-bejgħ permezz tal-kummerċjant/importatur Żvizzeru relatat, SSE.

(109) Fil-fehma tagħha, l-aġġustamenti huma biss xierqa fuq bażi speċifika għat-tranżazzjoni għat-tranżazzjonijiet fejn it-termini tal-bejgħ jeħtieġu li prodott jiġi konsenjat wara l-iżdoganar tal-merkanzija, jiġifieri għat-tranżazzjonijiet li fihom il-parti relatata taġixxi ta' importatur. Madankollu, għall-maġġoranza tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ permezz tal-kummerċjant / tal-importatur relatat fl-Iżvizzera t-termini ta' konsenja ma jirrikjedux li l-kummerċjant / l-importatur Żvizzeru jiżdogana l-oġġetti. Fl-istess ħin, Severstal ippretendiet li l-kummerċjanti / l-importaturi relatati tagħha bbażati fl-Iżvizzera kellhom jitqiesu bħala parti min-netwerk ta' esportazzjoni tal-produttur u mhux bħala importaturi.

(110) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba. L-investigazzjoni stabbilixxiet li SSE wettqet ħidmiet ta' importazzjoni għall-bejgħ tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-Incoterms differenti (CIF, CFR, FOB, DAP jew CIF) ma jbiddlux il-fatt li SSE kienet topera bħala importatur relatat għas-suq tal-Unjoni. Fid-dawl tal-fatt li l-kummerċjant / l-importatur huwa relatat mal-produttur esportatur, l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jimplika li d-*data* ta' dan il-kummerċjant / l-importatur mhijiex kredibbli u b'hekk kien meħtieġ aġġustament.

(111) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li SSE ma setgħetx titqies bħala parti min-netwerk ta' esportazzjoni tal-produttur. Ma hemmx relazzjoni esklussiva bejn l-impriża prinċipali u l-kumpanija sussidjarja fl-Iżvizzera fejn jidħol il-bejgħ lejn l-UE. L-investigazzjoni stabbilixxiet li fil-grupp kien hemm ukoll dipartimenti oħra tal-bejgħ involuti fl-esportazzjonijiet lejn l-UE. B'mod aktar partikolari, l-impriża prinċipali fir-Russja kienet tmantni tliet kanali ta' esportazzjoni differenti lejn l-UE għall-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-bejgħ dirett, il-bejgħ permezz taċ-ċentru tas-servizzi relatat fil-Latvja u l-bejgħ permezz tal-kummerċjant / tal-importatur tagħha fl-Iżvizzera.

(112) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aġġustamenti għall-ispejjeż BĠA u l-profitt għat-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ permezz tal-kummerċjant/importatur Żvizzeru relatat kellhom jiġu applikati b'konformità 2(9) mal-Artikolu tar-Regolament bażiku.

(113) Fid-divulgazjoni, Severstal tenniet in-nuqqas ta' qbil qawwi dwar l-applikazzjoni tal-Kummisssjoni tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, hija sostniet li kellha trattament inkoerenti mill-Kummissjoni meta mqabbel ma' produtturi esportaturi b'importaturi / b'kummerċjanti relatati jew ġewwa inkella barra mill-Unjoni.

(114) Il-Kummissjoni kkonfermat l-approċċ tagħha li l-kummerċjanti / l-importaturi jistgħu jiġu trattati skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku meta jwettqu funzjonijiet ta' importaturi, anki jekk ikunu barra l-Unjoni. Kif stipulat fil-premessa (110), dan kien il-każ għal SSE, filwaqt li kummerċjanti / importaturi minn produtturi esportaturi kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet differenti, skont id-diversi funzjonijiet ta' kull kumpanija.

(115) Barra minn hekk, Severstal ikkontestat bid-determinazzjoni tal-Kummissjoni li SSE ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala parti min-netwerk tagħha ta' esportazzjoni, Madankollu, għall-Kummissjoni, ir-raġunament sottostanti ta' Severstal, bħal kontroll ta' SSE mill-kumpanija ewlenija u l-allokazzjoni tal-profitti u telf għall-kumpanija ewlenija ma kkumpensawx għall-fatturi stabbiliti fil-premessa (111), li turi l-kuntrarju. Skont dan, SSE ma tistax tiġi kkunsidrata bħala dipartiment intern ta' esportazzjoni ta' Severstal.

(116) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur NLMK ikkuntesta wkoll l-applikabbiltà tal-aġġustamenti li saru għall-ispejjeż BĠA u l-profitt skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għall-bejgħ permezz tal-kumpanija sussidjarja Żvizzera relatata tagħha Novex.

(117) Huwa sostna li Novex ma aġixxietx ta' importatur relatat sa fejn ma kinitx timporta l-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Sa fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(9) timplika li parti relatata għandha tkun qed taġixxi ta' importatur, l-ebda aġġustament fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) ma seta' jiġi applikat fuq il-prezz tal-esportazzjoni ta' Novex.

(118) Sabiex tappoġġa l-pretensjoni tagħha, NLMK argumentat li fis-swieq tal-esportazzjoni hija tbigħ prodotti tal-ħadid u tal-azzar sistematikament permezz ta' żewġ kummerċjanti relatati, jiġifieri Novex fl-Iżvizzera u Novexco (Cyprus) Limited f'Ċipru. Novex hija inkarigata mill-bejgħ lejn l-Unjoni filwaqt li Novexco tbigħ lejn il-bqija tad-dinja. Dawn il-kumpaniji jaġixxu bħala d-dipartiment tal-bejgħ għall-esportazzjoni ta' NLMK u ma hemmx funzjoni oħra jew dipartiment ieħor fl-NLMK Group li jkunu inkarigati mit-twettiq ta' dan il-bejgħ għall-esportazzjoni. Mhux qed isir bejgħ dirett għall-esportazzjoni ta' prodotti tal-ħadid u l-azzar minn NLMK.

(119) Novex u Novexco huma sussidjarji 100 % ta' NLMK, li lilhom NLMK fdat il-ħidmiet tagħha ta' bejgħ għall-esportazzjoni mhux biss għall-prodott ikkonċernat, iżda għall-portafoll ta' prodotti kollu ta' NLMK. Dawn iż-żewġ kumpaniji relatati jaġixxu taħt il-kontroll ekonomiku ta' NLMK, kemm bis-saħħa tal-istruttura tal-kapital tal-NLMK Group kif ukoll mil-lat ekonomiku. Huwa importanti li Novex u Novexco jikkummerċjalizzaw biss żewġ prodotti miksuba mill-kumpaniji relatati tagħhom fl-NLMK Group. B'hekk, mhux qed iwettqu attività ekonomika awtonoma li setgħet issir b'mod indipendenti barra mill-NLMK Group.

(120) Filwaqt li l-bejgħ għall-esportazzjoni kollu ta' prodotti tal-ħadid u l-azzar minn NLMK isir permezz ta' Novex u Novexco, dawn il-kumpaniji relatati normalment mhux qed jaġixxu ta' importaturi ta' dawk il-prodotti lejn l-UE jew xi mkien ieħor, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tal-azzar elettriku bil-granijiet orjentati (GOES), li qed jinbiegħu b'termini ta' konsenja bid-dazju mħallas (DDP). Il-bejgħ l-ieħor għall-esportazzjoni kollu mwettaq minn Novex u Novexco huwa bbażat fuq termini ta' konsenja li ma jinvolvux li huma jaġixxu ta' importaturi fir-rigward tal-prodotti rilevanti tal-ħadid u tal-azzar.

(121) Għalhekk, NLMK qieset li Novex ma setgħetx tiġi kkwalifikata bħala "importatur" tal-prodotti rilevanti sa fejn ma kinitx twettaq l-iżdoganar tal-merkanzija jew xi funzjonijiet oħra, li jkun jaqdi importatur.

(122) Barra minn hekk, NLMK argumentat li l-persunal ta' Novex jipparteċipa fil-kumitat għall-ippjanar tal-istrateġija ta' bejgħ tal-NLMK Group u jikkontribwixxi għall-ippjanar tal-bejgħ u l-ipprezzar tal-grupp fuq il-bażi tal-għarfien tiegħu tas-swieq tal-esportazzjoni. Għalhekk, NLMK ma għandhiex għarfien sħiħ tal-prezz li Novex tapplika għall-ewwel klijent indipendenti, iżda dan il-prezz qed jiġi stabbilit flimkien minn persunal ta' NLMK u Novex f'azzjoni komuni. Fl-istess ħin, fis-settur tal-prodott ikkonċernat, il-klijenti ewlenin, għall-inqas fil-każ tal-esportazzjonijiet ta' NLMK lejn l-Unjoni, huma kumpaniji kummerċjali li jippreferu jiżdoganaw il-prodotti huma stess bil-għan li jottimizzaw l-ispejjeż. Anki x-xiri tal-prodott ikkonċernat b'termini frank abbord (FOB), port tal-esportazzjoni, jew kost, assigurazzjoni u noll (CIF) jippermetti lill-kumpaniji kummerċjali jbigħu t-tagħbija fuq notifika qasira lejn kwalunkwe destinazzjoni li toffri l-aħjar prezz, li mhux neċessarjament tinsab fl-Unjoni. Għalhekk, għall-kummerċjanti l-iżdoganar tal-prodott mill-fornitur lejn l-Unjoni huwa ta' valur żgħir.

(123) Bi ftit kliem, NLMK qieset li filwaqt li l-prodotti GOES jiġu forniti l-aktar direttament lill-proċessuri, prodotti oħra tal-ħadid u tal-azzar jiġu forniti l-aktar lil kummerċjanti mhux relatati fl-Unjoni. id-differenza fit-tipi ta' klijenti

tirriżulta f'differenza rigward l-Incoterms miftiehma u r-rwol korrispondenti li jkollhom Novex u Novexco. Dan iwassal għal sitwazzjoni li fiha, skont NLMK, iċ-ċirkostanzi li wieħed jara fl-investigazzjoni dwar il-GOES ma jkunux rappreżentattivi tar-rwol effettiv ta' Novex li hija taqdi rigward il-prodott ikkonċernat jew prodotti oħra tal-ħadid u tal-azzar. NLMK ikkonkludiet li Novex kellha tiġi ttrattata bħala dipartiment intern għall-bejgħ ta' NLMK.

(124) Il-Kummissjoni fakkret li l-valutazzjoni jekk produttur u kummerċjant relatat għandhomx jiġu ttrattati bħala entità ekonomika waħdanija u l-kummerċjant relatat bħala dipartiment intern għall-bejgħ tal-produttur jew le trid tqis il-funzjonijiet ġenerali tal-kummerċjant relatat u b'hekk għandha wkoll tieħu inkonsiderazzjoni attivitajiet relatati ma' prodotti differenti mill-prodott ikkonċernat ([1]).

(125) Filwaqt li l-investigazzjoni kkonfermat li Novex ma kinitx taqdi funzjonijiet importanti għall-prodott ikkonċernat fil-perjodu ta' investigazzjoni, ta' min wieħed jinnota dawn li ġejjin rigward il-kwalifikazzjoni ta' Novex għall-finijiet ta' dan il-każ. Novex hija stabbilita bħala kummerċjant taħt il-liġi Żvizzera ([2]). Skont l-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha, l-oġġett tagħha huwa x-xiri, il-bejgħ, id-distribuzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti tal-azzar u materja prima fl-Iżvizzera u barra minnha. Ma hemmx limitazzjoni formali rigward il-fornituri u l-prodotti nnegozjati. Barra minn hekk, NLMK u Novex iffirmaw kuntratti oqfsa komprensivi li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri bejn il-partijiet. Dawn il-kuntratti jistabbilixxu, pereżempju, proċeduri ddettaljati għal pretensjonijiet rigward oġġetti mhux konformi u jipprovdu għal penali f'każijiet ta' ħlasijiet jew konsenji ta' oġġetti mdewma kif ukoll għal arbitraġġ minn terzi f'każ ta' tilwim. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-attivitajiet prinċipali ta' Novex skont ir-rapporti finanzjarji tagħha tal-2015 huma l-kummerċ tal-azzar, inklużi kwalunkwe attivitajiet b'imgħax, u li parti sinifikanti tax-xirjiet tagħha tal-azzar issir mingħand kumpaniji oħra fl-NLMK Group.

(126) Barra minn hekk, NLMK innifisha rrikonoxxiet fis-sottomissjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2017 li għall-prodotti GOES, Novex taġixxi bħala importatur relatat, fatt li jikkorrobora l-konklużjoni li Novex mhijiex ekwivalenti għal dipartiment intern għall-bejgħ ta' NLMK.

(127) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-relazzjoni bejn Novex u NLMK ma kinitx waħda ta' dipartiment integrat u intern għall-bejgħ li bis-saħħa tagħha ż-żewġ entitajiet legali setgħu jikkostitwixxu entità ekonomika waħdanija, iżda minflok tqieset ekwivalenti għal aġent li jaħdem bil-kummissjoni bit-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(128) Wara d-divulgazzjoni finali, NLMK tenniet it-talba tagħha li hija u l-kummerċjant Novex jikkostitwixxu entità ekonomika unika. Hija ħasset li l-Kummissjoni naqqset milli tieħu inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ entitajiet. B'mod partikolari, hija kkritikat lill-Kummissjoni li l-approċċ tal-Kummissjoni rigward Novex kien purament formali u teoretiku. Novex ma kinitx irreġistrata bħala kumpanija kummerċjali u n-nuqqas ta' limitazzjoni formali kien immaterjali, minħabba li fir-realtà ma ħadux il-provvista tagħhom minn sorsi oħra. Barra minn hekk, anki jekk kien hemm kuntratt bejn NLMK u Novex, ikun hemm solidarjetà effettiva bejn iż-żewġ entitajiet. Ir-riżultati ta' novex kienu allegatament kompletament ikkonsolidati fil-kontijiet tal-grupp.

(129) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn it-talbiet. Sabiex tiġi vvalutata r-relazzjoni bejn Novex u NLMK, l-eżistenza ta' kuntratt qafas li jirregola l-bejgħ u x-xiri bejn it-tnejn li huma ma jistax jiġi miċħud bħala teoretiku jew formali. Iżda, dan juri li ż-żewġ entitajiet għandhom funzjonijiet differenti u li ma hemm l-ebda relazzjoni ta' subordinazzjoni bejniethom. Barra minn hekk, mhuwiex komuni għal dipartiment ta' bejgħ intern biex iwettaq funzjonijiet ta' importazzjoni, li jkun wettaq Novex għal mill-inqas prodott wieħed tal-azzar (GOES). Fl-aħħar nett, Novex jista' f'xi ħin jiddeċiedi li jixtri HRF minn sorsi oħra, li dipartiment tal-bejgħ tal-esportazzjoni integrat ma jixtrix. Skont dan, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku kien ġustifikat.

(130) Wara d-divulgazzjoni finali, anki MMK ikkontestat, għall-ewwel darba, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċjant relatat MMK Trade Steel AG. B'riflessjoni tal-fehmiet legali ta' Severstal, hija sostniet ukoll li l-kontroll sħiħ mill-kumpanija ewlenija u l-allokazzjoni ta' profitti u t-telf għall-kumpanija ewlenija Russa wrew li MMK Trade Steel AG kienet parti minn netwerk ta' esportazzjoni uniku.

([1]) Ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, *PT Musim Mas vs il-Kunsill*, T-26/12, EU:T:2015:437, paragrafu 52. Ara wkoll ir-Rapport tad-WTO tal-Bord f'DS442, *European Union — Anti-dumping Measures On Imports Of Certain Fatty Alcohols From Indonesia*, paragrafi 7.89 u segwitu.

([2]) Novex kienet indipendenti minn NLMK sal-2008, meta NLMK akkwistat lil Novexco (Cyprus) limited ("Novexco") u lil Novex Trading (Swiss) S.A. ("Novex") fl-intier tagħhom permezz tax-xiri ta' ishma. Ara l-każ Nru COMP/M.5101 — NOVOLIPETSK STEEL / NOVEXCO / NOVEX TRADING.

(131) Il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha legali li l-kummerċjanti/importaturi jistgħu jiġu trattati skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku meta jwettqu funzjonijiet ta' importaturi, anki jekk ikunu barra l-Unjoni. MMK Trade Steel AG taqa' f'dik il-kategorija, kif instab fl-investigazzjoni dwar prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([1]).

(132) Għaldaqstant, barra minn hekk il-Kummissjoni ma tistax ma taċċettax it-talba li MMK u MMK Trade Steel AG jistgħu jiffurmaw entità ekonomika waħda. F'kull każ, MMK kienet topera wkoll id-dipartiment tagħha stess fir-Russja u biegħet parti mill-azzar tagħha direttament lill-Ewropa. Skont dan, Trade Steel AG ma tistax titqies bħala dipartiment ta' esportazzjoni intern ta' MMK.

3.4.3. *Paragun*

(133) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(134) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għal karatteristiċi fiżiċi (fil-medda ta' bejn 0 % u 2 %) għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u spejjeż anċillari (fil-medda ta' bejn 1 % u 8 %), ippakkjar (fil-medda ta' bejn 0 % u 1 %), spejjeż ta' kreditu (fil-medda ta' bejn 0 % u 2 %), kummissjonijiet (fil-medda ta' bejn 0 % u 4 %), fatturi oħra (fil-medda ta' bejn 0 % u 1 %).

(135) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, Severstal sostniet li xi aġġustamenti BĠA saru b'mod skorrett, jiġifieri l-aġġustamenti għall-introjtu finanzjarju u l-ispejjeż tat-trasport.

(136) Skont il-kumpanija, l-introjtu finanzjarju kellu jittieħed inkonsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-perċentwali ta' BĠA. Barra minn hekk, id-dħul għall-kumpanija sussidjarja relatata fl-Iżvizzera kien fl-istess ħin nefqa għal Severstal kif irrapportat fit-tabella G-PL fit-tweġibiet għall-kwestjonarji, li min-naħa tagħha kienet ittieħdet inkonsiderazzjoni meta ġie ddeterminat jekk il-bejgħ fis-suq domestiku sarx fil-kors ordinarju tal-kummerċ.

(137) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba. Severstal kemm tipproduċi kif ukoll tbigħ firxa wiesgħa ta' prodotti u ma kinitx f'pożizzjoni turi li l-introjtu finanzjarju inkwistjoni, li huwa self estiż mill-kumpanija sussidjarja Żvizzera għall-impriża prinċipali, kien relatat mal-prodott ikkonċernat.

(138) Wara d-divulgazzjoni, Severstal tenniet id-dikjarazzjoni tagħha u sostniet li l-introjtu finanzjarju msemmi hawn fuq huwa "l-interessi mis-self mogħti biex jiġu ffinanzjati prodotti ta' ċiklu twil ta' produzzjoni ta' Severstal, li l-prodott ikkonċernat huwa parti minnhom." Barra minn hekk, hija talbet biex talloka l-ammont rilevanti għall-prodott ikkonċernat biss. Madankollu, għall-Kummissjoni, din it-talba ma setgħetx tintlaqa' billi ma kinitx dettaljata, għalfejn self ġenerali għal "ċiklu twil ta' produzzjoni tal-prodotti" kien relatat ukoll mal-prodott ikkonċernat.

(139) Rigward l-aġġustament għall-ispejjeż tat-trasport, Severstal sostniet li l-Kummissjoni kienet waslet għal ammont żbaljat ta' spejjeż tat-trasport bħala porzjon mill-ispejjeż BĠA.

(140) Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni ta' Severstal rigward l-ispejjeż tat-trasport u għall-kalkoli użat l-ispejjeż effettivi tat-trasport kif irrapportati mill-kumpanija. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, ġew issettjati f'zero ladarba kienu diġà ttieħdu inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-adattamenti.

3.4.4. *Marġni ta' dumping*

(141) Għall-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(142) Il-livell ta' kooperazzjoni fir-Russja huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw ammontaw għal kważi 100 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu u applikabbli għall-kumpaniji kollha l-oħrajn fl-istess livell bħal dak stabbilit għall-kumpanija bl-ogħla marġni ta' dumping, jiġifieri Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron & Steel Works (PJSC MMK) Group.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016, ĠU L 210, 4.8.2016, p.1, premessi 64-67, li jirreferu, fost oħrajn, għall-importatur/kummerċjant Żvizzeru relatat tal-MMK.

(143) Il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni ta' dumping |
|---|---|
| Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 33,0 % |
| PAO Severstal | 5,3 % |
| Novolipetsk Steel | 15,0 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 33,0 % |

3.5. **Is-Serbja**

(144) Fis-Serbja, hemm produttur esportatur wieħed biss tal-prodott ikkonċernat li kkoopera bis-sħiħ ma' din l-investigazzjoni. Il-parti l-kbira tal-bejgħ tiegħu lejn l-Unjoni kienet bejgħ dirett lil xerrejja indipendenti, għalkemm xi wħud mit-tranżazzjonijiet saru permezz ta' importatur relatat fis-Slovakkja.

3.5.1. *Valur normali*

(145) Il-valur normali għall-produttur esportatur uniku kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.1. ta' hawn fuq. B'riżultat ta' dan, il-valur normali għal 23 % tat-tipi ta' prodott li rrappreżentaw 71 % tal-volum esportat mill-produttur esportatur lejn l-Unjoni kien ibbażat fuq il-prezz domestiku fil-kors ordinarju tal-kummerċ. Kull meta l-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' xi tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni rrappreżenta inqas minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli, il-valur normali għal dak it-tip inħadem bl-użu tal-ispejjeż BĠA u l-profitt ta' dak it-tip u mhux tal-medja ponderata tal-ispejjeż BĠA u tal-profitt. Madankollu, jekk il-prezz medju ponderat ta' xi tip ta' prodott kien inqas mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità, il-valur normali kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-premessa (55) ta' hawn fuq.

3.5.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(146) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit bl-użu tal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.2. ta' hawn fuq u b'mod partikolari fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku. Għall-bejgħ permezz tal-importatur relatat, il-prezz tal-esportazzjoni nħadem fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

3.5.3. *Paragun*

(147) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur uniku fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(148) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u spejjeż anċillari (fil-medda ta' bejn 5 % u 9 %), spejjeż ta' kreditu (fil-medda ta' bejn 0 % u 1,5 %), tariffi tal-banek (fil-medda ta' bejn 0 % u 1 %) u kummissjonijiet (fil-medda ta' bejn 0,5 % u 2 %).

3.5.4. *Marġni ta' dumping*

(149) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(150) Il-livell ta' kooperazzjoni mis-Serbja kien għoli ħafna minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera ammontaw għal madwar 100 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu fl-istess livell bħal dak għall-produttur esportatur uniku.

(151) Il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni ta' dumping |
|---|---|
| Zelezara Smederevo d.o.o. | 38,7 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 38,7 % |

### 3.6. **L-Ukrajna**

(152) Hemm grupp wieħed magħmul minn tliet produtturi esportaturi relatati tal-prodott ikkonċernat fl-Ukrajna (kollettivament imsemmi "il-produttur esportatur" f'din it-taqsima) li kkooperaw bis-sħiħ ma' din l-investigazzjoni. Tnejn mis-siti ta' produzzjoni huma bbażati f'Mariupol fir-reġjun ta' Donetsk, li matul l-investigazzjoni kien reġjun ta' kunflitt. Fuq talba tal-produttur esportatur, il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi mill-kalkolu wieħed minn dawn is-siti, li kellu biss volumi ta' esportazzjoni żgħar lejn l-Unjoni.

(153) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur talab li l-Kummissjoni tispjega d-deċiżjoni tagħha li teskludi kumpanija waħda tal-Ukrajna mill-kalkolu tal-marġni ta' dumping.

(154) Il-Kummissjoni eskludiet il-kumpanija billi l-porzjon żgħir tal-bejgħ tagħha meta mqabbel mal-bejgħ tal-grupp ma kienx se jaffettwa l-marġni ta' dumping. Barra minn hekk, minħabba l-attivitajiet militari fir-reġjun, il-verifika tad-*data* rilevanti kienet impossibbli. Il-Kummissjoni qieset is-sitwazzjoni bħala forza maġġuri.

(155) Fis-suq domestiku, il-produttur esportatur kien ibigħ il-prodott simili direttament u permezz ta' kummerċjant relatat.

(156) Il-bejgħ kollu mill-produttur esportatur lejn l-Unjoni kien isir permezz ta' kummerċjant relatat fl-Iżvizzera. Il-kummerċjant kien ibigħ il-prodott ikkonċernat lil importaturi kemm relatati kif ukoll mhux relatati fl-Unjoni.

#### 3.6.1. *Valur normali*

(157) Il-valur normali għall-produttur esportatur kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.1. ta' hawn fuq. Il-valur normali għal wieħed mis-siti ta' produzzjoni kien ibbażat esklussivament fuq il-prezzijiet domestiċi fil-kors ordinarju tal-kummerċ. Il-valur normali għas-sit ta' produzzjoni l-ieħor f'parti minnu kien ibbażat fuq il-prezzijiet domestiċi fil-kors ordinarju tal-kummerċ (għal 38 % tat-tipi ta' prodott li jirrappreżentaw 12 % tal-volum totali tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni minn dak is-sit) u f'parti minnu nħadem. Kull meta l-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' xi tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni rrappreżenta inqas minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli, il-valur normali għal dak it-tip inħadem bl-użu tal-ispejjeż BĠA u l-profitt ta' dak it-tip u mhux tal-medja ponderata tal-ispejjeż BĠA u tal-profitt. Madankollu, jekk il-prezz medju ponderat ta' xi tip ta' prodott kien inqas mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità, il-valur normali kien stabbilit b'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-premessa (55) ta' hawn fuq.

(158) Il-produttur esportatur sostna aġġustament għall-ispejjeż tal-produzzjoni f'wieħed mis-siti ta' produzzjoni bbażati fiż-żona tal-kunflitt, jiġifieri Ilyich Iron and Steel Works ta' Mariupol ("Ilyich"), minħabba l-ispejjeż ta' produzzjoni mhux normali kkawżati direttament u indirettament mill-operazzjonijiet militari fir-reġjun. Il-produttur esportatur ippropona li jiġi stabbilit il-livell tal-aġġustament b'paragun tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż għal kull unità f'Ilyich mal-evoluzzjoni tal-ispejjeż għal kull unità fis-sit ta' produzzjoni mhux affettwat mill-kunflitt, jiġifieri Integrated Iron and Steel Works Zaporizhstal ("Zaporizhstal"). Sabiex jiġi stabbilit dak li l-produttur esportatur irrefera għalih bħala "spejjeż għal kull unità", għal kull sit ta' produzzjoni l-produttur esportatur ħa l-ispejjeż tal-oġġetti mibjugħa kollha u ddividihom bil-volum tal-prodotti tal-azzar b'laminazzjoni termali prodotti fis-sena kalendarja konkreta. Il-produttur esportatur segwa dan il-metodu mill-2013 (il-perjodu ta' qabel il-kunflitt) sal-2015 u fuq din il-bażi ppropona aġġustament 'l isfel tal-ispejjeż ta' Ilyich b'ċertu perċentwali.

(159) Wara li kkunsidratu bir-reqqa, il-Kummissjoni qieset li l-metodu propost ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament mhuwiex xieraq. L-ewwel, dak li sar riferiment għalih bħala"spejjeż għal kull unità" ma kienx jikkorrispondi għall-ispejjeż għal unità ta' azzar ċatt b'laminazzjoni termali billi kien jinkludi l-ispejjeż għall-oġġetti mibjugħa kollha,

bl-inklużjoni ta' oġġetti oħra. Dawk l-oġġetti l-oħra ffurmaw parti sinifikanti mill-produzzjoni f'Zaporizhstal u parti saħansitra ikbar mill-produzzjoni f'Ilyich. Il-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament xejn ma kkunsidra l-iżvilupp tal-output u tal-ispejjeż tal-prodotti l-oħrajn. L-output u l-ispejjeż tal-prodotti l-oħrajn ma baqgħux kostanti matul il-perjodu kollu li għalih il-produttur esportatur ippropona l-użu ta' dan il-metodu. Il-produttur esportatur ammetta fis-sottomissjoni tiegħu li Ilyich għadda minn żieda sostanzjali fil-produzzjoni ta' xi wħud mill-prodotti l-oħrajn bejn l-2012 u l-2016. Il-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament attribwixxa dawk l-ispejjeż dejjem jiżdiedu lill-output dejjem jonqos ta' azzar ċatt b'laminazzjoni termali u b'hekk għolla, b'mod possibbilment sinifikanti, iż-żieda f'dak li hu sejjaħ l-ispejjeż għal kull unità. It-tieni, anki jekk l-ispejjeż li l-użu tagħhom li ppropona l-produttur esportatur kienu l-ispejjeż effettivi tal-produzzjoni ta' prodotti tal-azzar ċatt b'laminazzjoni termali, huwa ppropona li l-kwantità tal-produzzjoni titqabbel mal-ispejjeż tal-bejgħ, mingħajr kunsiderazzjoni xierqa għall-varjazzjoni fil-ħażniet. Il-produttur esportatur kellu jqabbel jew il-kwantità tal-produzzjoni mal-ispejjeż tal-produzzjoni jew il-kwantità mibjugħa mal-ispejjeż tal-bejgħ. It-tielet, il-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament qabbel ix-xejriet sas-sena kalendarja 2015 u jipproponi li jiġi applikat ir-riżultat ta' dan il-kalkolu — jiġifieri t-tnaqqis — fuq id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016). Dan hu skorrett billi l-metodu kellu jsegwi x-xejriet sal-perjodu ta' investigazzjoni.

(160) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur ma indirizzax in-nuqqasijiet tal-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament li ġie diskuss hawn fuq. Minflok, huwa qabbel l-ispejjeż tal-manifattura għal kull tip ta' prodott bejn iż-żewġ siti tul il-perjodu ta' investigazzjoni, bl-argument li r-riżultat ta' dan l-eżerċizzju kien simili għal dak li jrendi l-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament. Madankollu, il-produttur esportatur injora l-fatt li proprju r-raġuni għaliex huwa rrikorra għall-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament kienet li l-ispejjeż taż-żewġ siti ma jistgħux sempliċiment jitqabblu tul ċerta sena billi kienu differenti sa minn qabel il-kunflitt. Skont id-*data* użata għall-metodu ta' kwantifikazzjoni tal-aġġustament, "l-ispejjeż għal kull unità" f'Ilyich fl-2013 kienu ħafna ogħla mill-ispejjeż għal kull unità f'Zaporizhstal. Id-differenza espressa bħala proporzjon hija ikbar mid-differenza fl-ispejjeż tal-manifattura għal kull tip ta' prodott bejn iż-żewġ siti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li l-produttur esportatur ried jużah sabiex jappoġġa l-metodu.

(161) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur argumenta li l-Kummissjoni ma kinitix involuta fi djalogu kostruttiv mal-produttur esportatur billi titlob jew tispeċifika informazzjoni addizzjonali li setgħet kienet meħtieġa għal valutazzjoni xierqa tal-pretensjoni. Skont il-produttur esportatur, l-unika darba li l-Kummissjoni speċifikat liema informazzjoni u metodoloġija kienet meħtieġa sabiex tiġi vvalutata l-pretensjoni kienet fid-divulgazzjoni finali tas-17 ta' Lulju 2017.

(162) Il-Kummissjoni nnutat li din il-pretensjoni mhijiex fattwalment korretta. Fl-4 ta' April 2017, ġiet ikkomunikata spjegazzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet tal-metodu ta' aġġustament propost lill-produttur esportatur, fl-Anness 4 tad-Dokument tal-Informazzjoni. Ir-raġuni għall-inklużjoni ta' din id-deskrizzjoni dettaljata kienet biex il-produttur esportatur jingħata l-opportunità u żmien biżżejjed biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet. Kif imsemmi fil-premessa (160) above, il-produttur esportatur ma għamilx dan.

(163) Fil-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur sostna li oġġetti għajr prodotti tal-azzar b'laminazzjoni termali msemmija fil-premessa (159) above ma ffurmawx parti mill-produzzjoni f'Zaporizhstal u f'Ilyich. Sabiex jappoġġa din it-talba, il-produttur esportatur irrefera għad-*data* ppreżentata lill-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2017, li tikkonċerna l-kwantitajiet ta' produzzjoni f'Ilyich.

(164) Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni nnutat li d-*data* msemmija mill-produttur esportatur ġiet ippreżentata, wara li ż-żjara ta' verifika kienet diġà saret u għalhekk ma setgħetx tkun verifikata. Barra minn hekk, id-*data* tikkonċerna l-kwantità ta' produzzjoni f'tunnellati, u ma tikkonċernax l-ispejjeż jew il-valur. Il-kwantità prodotta ma tirriflettix l-ispejjeż tal-produzzjoni, speċjalment meta jiġi kkunsidrat li l-prodotti l-oħrajn jinkludu iktar valur miżjud u b'hekk prodotti bi spiża addizzjonali bħal azzar b'laminazzjoni kiesħa u azzar galvanizzat. Rigward id-*data* użata mill-Kummissjoni għad-dikjarazzjoni tagħha, bir-risposta għall-kwestjonarju antidumping, il-produttur esportatur ippreżenta d-*data* dwar il-fatturat iġġenerat mill-impjant, il-fatturat iġġenerat mid-diviżjoni rilevanti tal-impjant u l-fatturat iġġenerat mill-prodott ikkonċernat. Din id-*data* tal-fatturat ġiet ivverfikata mill-Kummissjoni waqt iż-żjara u intużat bħala indikatur għall-ispejjeż, li kuri li l-prodotti tal-azzar b'laminazzjoni mhux termali iffurmaw parti sinifikanti tal-produzzjoni f'Ilyich.

(165) Fil-kummenti ulterjuri tad-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur ma qabilx mal-kumment tal-Kummissjoni fil-premessa (159) above rigward iż-żieda fil-produzzjoni ta' prodotti tal-azzar b'laminazzjoni mhux termali li indebitament jgħollu l-"ispejjeż għal kull unità" użati fil-metodu. Il-produttur esportatur sostna li ż-żieda ġenerali tal-ispiża totali tal-oġġetti mibjugħa minn Ilyich tmur kontra l-loġika tal-Kummissjoni li żieda tal-output ta' prodotti oħra jistgħu jgħollu l-ispiża ta' kull unità kkalkulata għall-prodotti tal-azzar b'laminazzjoni termali.

(166) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan il-kumment. Kif imsemmi hawn fuq, il-produttur esportatur stabbilixxa l-"ispiża għall kull unità" billi ddivida l-ispejjeż kollha tal-oġġetti mibjugħa (inkluż il-prodotti tal-azzar b'laminazzjoni mhux termali) bil-kwantità tal-oġġetti tal-azzar b'laminazzjoni termali, prodotti mill-impjant matul

il-perjodi rilevanti. Kif rikonoxxut mill-produttur esportatur, matul il-perjodu li ġie kkunsidrat mill-metodu, il-kwantià ta' ċerti prodotti tal-azzar b'laminazzjoni mhux termali żdiedet b'mod sinifikanti. L-ispejjeż żejda li rriżultaw tal-produzzjoni ta' dawn il-prodotti ġew attribwiti mill-metodu propost mill-produttur esportatur għal prodotti tal-azzar b'laminazzjoni termali li kkaġunaw żieda fl-ispejjeż għal kull unità (jiġifieri għaż-żieda tal-ispejjeż għal kull unità matul il-perjodu rilevanti) li fuq il-bażi tagħhom il-produttur esportatur ippropona li jaġġusta l-ispejjeż f'Ilych. Dan jibqa' validu, indipendentement minn jekk l-ispejjeż ġenerali tal-oġġetti mibjugħa mill-impjant żdiedux, tnaqqsux jew baqgħux kostanti.

(167) Rigward il-kumment tal-Kummissjoni fil-premessa (159) li l-metodu kellu jsegwi t-tendenzi sal-perjodu tal-investigazzjoni, il-produttur esportatur sostna fil-kummenti tiegħu rigward id-divulgazzjoni finali li ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi d-*data* għall-perjodu tal-investigazzjoni biex tiġi użata fil-metodu, minħabba li sa ftit ilu r-rapport awditjat tal-2016 ma kienx disponibbli.

(168) Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni semmiet li l-produttur esportatur kien f'pożizzjoni li jippreżenta ammonti sostanzjali tad-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni għall-finijiet ta' tlestija tal-kwestjonarju dwar l-antidumping. Għaldaqstant mhuwiex ċar għalfejn il-produttur esportatur ma setax jipproduċi *data* tal-perjodu ta' investigazzjoni għall-iskop ta' sostanzjar tal-metodu propost. Dan huwa iktar minnu billi, kif imsemmi fil-premessa (162) above, il-produttur esportatur kellu l-opportunità u ż-żmien biex jagħmel dan.

(169) Fl-aħħar nett, fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur saħaq li d-differenza fl-ispejjeż tal-produzzjoni skont it-tip tal-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni bejn iż-żewġ siti ta' produzzjoni, diskussi fil-premessa (160) above, tappoġġa l-metodu ta' aġġustament minħabba li d-differenza hija simili għal dik żviluppata mill-metodu.

(170) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan il-kumment. Fil-kummenti tiegħu, il-produttur esportatur ma indirizzax il-fatt li skont id-*data* użata għall-metodu ta' kwantifikazzjoni, l-"ispejjeż għal kull unità" fl-2013 (jiġifieri taħt kundizzjonijiet normali ta' qabel kunflitt) f'Ilyich kienu ferm ogħla mill-"ispiża għal kull unità" f'Zaporizhstal. Id-differenza espressa bħala proporzjon hija ikbar mid-differenza fl-ispejjeż tal-manifattura għal kull tip ta' prodott bejn iż-żewġ siti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan ifisser li, jew id-diskrepanza bejn l-ispejjeż tal-unità Ilyich u Zaporizhstal naqset bejn l-2013 u l-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri l-ispejjeż għal kull unità ta' Ilyich naqsu relattivament mal-ispejjeż għal kull unità ta' Zaporizhstal) jew "l-ispejjeż għal kull unità" użati fil-metodu huma kompletament mhux affidabbli. Kif spjegat fil-premessa (159) hawn fuq, mill-inqas tal-aħħar huwa veru, minħabba li l-"ispejjeż għal kull unità" skont il-metodu huma mgħawġa minħabba l-inklużjoni ta' spejjeż ta' bejgħ ta' prodotti oħrajn, li ġew prodotti b'mod differenti fiż-żewġ siti matul il-perjodu rilevanti. Dan ifisser li d-differenza fl-ispiża tal-produzzjoni għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni ma tappoġġax il-preċiżjoni tal-metodu propost mill-produttur esportatur.

(171) Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(172) Fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha, Zaporizhstal irrikonoxxiet telf sinifikanti dovut għad-differenzi fil-kambju li rriżultaw mill-konverżjoni ta' tranżazzjonijiet mhux denominati fil-hryvnia tal-Ukrajna. Il-produttur esportatur argumenta li dawn l-ispejjeż mhux imġarrba fil-kors ordinarju tal-kummerċ ikollhom jiġu stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku u llimitati f'livell li jirrappreżenta l-kundizzjonijiet ta' operat normali tal-kumpanija.

(173) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan l-argument. Dan it-telf ġie mniżżel kif dovut fil-kontijiet tal-kumpanija u ġġarrab waqt il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet din il-pretensjoni; qieset dawk bħala parti mill-ispejjeż BĠA tal-kumpanija relatati mal-operat tagħha u inkludiethom fil-kalkolu tal-valur normali.

(174) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur irrikonoxxa li l-ispejjeż finanzjarji użati fil-kalkolu tal-ispejjeż BĠA ta' Zaporizhstal kienu mniżżla kif dovut fil-kontijiet tal-kumpanija u ġġarrbu waqt il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad, il-produttur esportatur tenna l-argument tiegħu li l-ispejjeż BĠA inkwistjoni kellhom ikunu bbażati fuq l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, u xi wħud mill-ispejjeż finanzjarji ma kinux relatati mal-produzzjoni u / jew il-bejgħ tal-prodotti. Sabiex isaħħaħ dan l-argument, il-produttur esportatur ippreżenta sett ġdid ta' *data*, sew wara li saret iż-żjara ta' verifika u li tressqet il-pretensjoni oriġinarjament. Fl-aħħar, il-produttur esportatur ġibed l-attenzjoni għal diversi dispożizzjonijiet fir-Regolament bażiku li jirregolaw kif jinħadmu l-ispejjeż BĠA u li jirrikjedu li dan il-mod ikun wieħed "raġonevoli".

(175) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-analiżi. Skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż BĠA għandhom ikunu bbażati fuq *data* attwali relattiva għall-produzzjoni u l-bejgħ. Biss meta dawn l-ammonti ma

jistgħux jiġu ddeterminati, tista' tiġi skattata d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6)(c). Kif ġie rikonoxxut mill-produttur esportatur, id-*data* attwali tal-ispejjeż BĠA hija disponibbli fil-kontijiet tiegħu u tinkludi l-ispejjeż finanzjarji inkwistjoni. L-argument li xi whud mill-ispejjeż finanzjarji mhumiex relatati mal-produzzjoni u / jew il-bejgħ tal-prodotti għandu jiġi rrifjutat. L-ewwel, id-*data* ppreżentata mill-produttur esportatur biex jissostanzja din il-pretensjoni ma tistax tiġi vverifikata f'din il-fażi tal-investigazzjoni. Il-produttur esportatur kellu biżżejjed żmien u notifika minn qabel biex jipprovdi din il-informazzjoni meta saret il-verifika, iżda ma ħax vantaġġ minn din l-opportunità. It-tieni, Zaporizhstal hija attiva biss fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-prodotti tagħha. Qatt ma ġiet ippreżentata evidenza kuntrarja mill-produttur esportatur. Ir-referenza għar-rekwiżit li l-mod ta' kif jinħadmu l-ispejjeż BĠA ikun raġonevoli hija irrelevanti billi l-Kummissjoni ma ħadmitx l-ispejjeż BĠA inkwistjoni, iżda stabbilixxiethom skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, din il-pretensjoni ġiet irrifjutata.

(176) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur argumenta li l-ispejjeż inkwistjoni kienu jirrigwardaw operazzjoni ekonomika tal-impjant, iżda mhux għall-operazzjoni li tinvolvi l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Il-produttur esportatur argumenta wkoll li l-Kummissjoni ma indirizzatx l-elementi ta' prova dwar it-talba biex teskludi dawn l-ispejjeż. Il-produttur esportatur sussegwentement argumenta li l-Kummissjoni ċaħdet anki l-fatt li ebda evidenza ma kienet sottomessa bħala sostenn għall-pretensjoni, billi ddikjarat li ma ġiet ppreżentata l-ebda evidenza li tikkontradixxi li Zaporizhstal hija biss attiva fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti tagħha. Fl-aħħar nett, f'dak li għandu x'jaqsam mal-osservazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sett ta' *data* ppreżentata biex tiġi appoġġata l-esklużjoni ta' xi spejjeż finanzjarji, il-produttur esportatur iddikjara li din il-pretensjoni saret bħala risposta għall-kwestjonarju dwar l-antidumping u d-*data* rilevanti kienet fir-rapport awditjat sottomess b'risposta.

(177) Bħala risposta għal dan, il-Kummissjoni nnutat li l-produttur esportatur għamel żewġ talbiet marbutin ma din il-pretensjoni. L-ewwel talba, li saret bħala risposta għall-kwetjonarju antidumping u mbagħad issostanzjata fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Jannar 2017, kienet biex jiġu aġġustati l-ispejjeż finanzjarji ta' Zaporizhstal għal-livell storiku taħt kundizzjonijiet operattivi normali. It-tieni talba, li saret għall-ewwel darba fil-kummenti dwar id-Dokument ta' Informazzjoni fit-2 ta' Mejju 2017, wara l-verifika ta' Zaporizhstal, kienet biex jiġu aġġustati l-ispejjeż BĠA billi jiġu esklużi l-ispejjeż li allegatament mhux relatati mal-produzzjoni u / jew bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(178) Kif spjegat fil-premessa (175) hawn fuq, il-Kummissjoni ma tistax taġġusta l-ispejjeż finanzjarji ta' Zaporizhstal għal-livell storiku taħt kundizzjonijiet operattivi normali,, minħabba li skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż BĠA għandhom jiġu bbażati fuq *data* attwali tal-produzzjonu u tal-bejgħ. Din id-*data* kienet għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u ġiet użata fil-kalkolu rilevanti. Ma ġew provduti l-ebda argumenti ġodda dwar dan il-punt fil-kummenti tal-produttur esportatur dwar id-divulgazzjoni finali, għaldaqstant l-ebda spjegazzjoni ulterjuri ma hija meħtieġa.

(179) Rigward it-tieni talba, jiġifieri biex jiġi aġġustat il-valur normali ta' Zaporizhstal biex jiġu eskludi l-ispejjeż allegatament mhux relatati mal-produzzjoni u / jew mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni nnutat li mhuwiex ċar mill-kummenti fid-Dokument ta' Informazzjoni li dawn l-ispejjeż mhumiex marbutin direttament jew indirettament mal-produzzjoni u / jew il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha informazzjoni, li l-attivitajiet ta' Zaporizhstal huma limitati għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott tagħha. Għaldaqstant, l-ispejjeż finanzjarji jkunu b'xi mod jew ieħor marbutin ma' dawn l-attivitajiet. Tabilħaqq, oġġetti msemmija mill-produttur esportatur fil-kummenti dwar id-Dokument ta' Informazzjoni bħala mhux relatati mal-produzzjoni u / jew bejgħ tal-prodott ikkonċernat jinvolvu fluss ta' flus marbut ma' investimenti, self għal materjal prima li jipproduċu sussidjarji, jew obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn benefiċċji tal-impjegati. Dawn l-ispejjeż jidhru li huma għall-inqas marbutin indirettament mal-produzzjoni u / jew mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(180) Verifika ulterjuri ta' din il-kwistjoni kienet impossibbli billi din it-talba kienet saret sat-2 ta' Mejju 2017, ħafna wara li ż-żjara ta' verifika rilevanti ġiet konkluża (jiġifieri, fl-24 ta' Novembru 2016). Fil-Komunikazzjoni tal-5 ta' Jannar 2017, li ġiet sottomessa wkoll wara ż-żjara ta' verifika rilevanti, il-produttur esportatur semma li xi spejjeż finanzjarji marbutin mas-self kienu intużati għal skop ġenerali u ma kinux marbutin mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. L-ebda dettalji oħra dwar dan il-punt ma ngħataw dak iż-żmien, minħabba li l-produttur esportatur ma talabx l-esklużjoni ta' dan is-self iżda sostna t-talba tiegħu biex jaġġusta l-ispejjeż finanzjarji ta' Zaporizhstal għal-ivell storiku taħt kundizzjonijiet operattivi normali.

(181) Dwar dan il-punt, fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur argumenta li matul iż-żjara ta' verifika għand Zaporizhstal, il-Kummissjoni ġiet ipprovduta b'verżjoni kompleta u komprensiva ta' rapporti ta' awditjar, li tqajjem b'mod ċar il-kwistjoni tal-ispejjeż finanzjarji tal-impjant mhux marbut mal-produzzjoni u bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Il-produttur esportatur argumenta għalhekk li l-Kummissjoni setgħet tuża din l-opportunità biex tivverifika u titlob, jekk meħtieġ, aktar kjarifiki rigward l-evidenza ppreżentata minn Zaporizhstal.

(182) Il-Kummissjoni l-ewwel innotat li, kif imsemmi mill-produttur esportatur, ir-rapporti annwali sħaħ ta' Zaporizhstal ma ġewx ipprovduti saż-żjara ta' verifika, minkejja li kienu mitluba fil-kwestjonarju dwar l-antidumping. Kif ikkomunikat lill-produttur esportatur fl-ittra ta' qabel il-verifika tas-27 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni nnotat ukoll, li l-iskop taż-żjara kien li tiġi vverifikata l-informazzjoni fir-risposti għall-kwestjonarji billi d-dettalji rreġistrati fihom jiġu vverifikati mad-dokumenti tas-sors, l-ispejjeż u r-rekords tal-kontabbiltà u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati. Sat-2 ta' Mejju 2017, il-kwistjoni ta' ċerti spejjeż finanzjarji ta' Zaporizhstal allegatament mhux marbutin mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat ma tqajmitx u kienet imsemmija biss fil-komunikazzjoni tal-5 ta' Jannar 2017. Dawn it-tnejn seħħew wara li ż-żjajjar ta' verifika fl-istabbilimenti ta' Zaporizhstal kienu diġà ġew konklużi. Għaldaqstant, l-analiżi tal-kwistjoni u l-verifika ta' dawn l-ispejjeż ma kinux u ma setgħux kienu fil-programm ta' ħidma tal-Kummussjoni għal dik iż-żjara. Li jiġi argumentat li l-kwistjoni tal-ispejjeż finanzjarji mhux marbutin mal-produzzjoni jew il-bejgħ tqajmet sempliċement għax dawn l-ispejjeż kienu rreġistrati fir-rapporti awditjati ifisser li l-iskop taż-żjara ta' verifika r-rwol tal-Kummissjoni f'dan ma jiġix ikkunsidrat, kif ikkomunikat lill-produttur esportatur fl-ittra ta' qabel il-verifika qabel il-bidu tagħha. Dan, flimkien mal-fatt li r-rapporti awditjati ġew provduti biss matul iż-żjara ta' verifika u kif imsemmi hawn fuq, fejn mhuwiex ċar li l-ispejjeż rilevanti mhumiex marbutin mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, iwassal li din il-parti tat-talba tiġi miċħuda.

(183) Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din it-talba ġiet miċħuda.

3.6.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(184) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit bl-użu tal-metodoloġija ġenerali stabbilita fit-Taqsima 3.1.2. ta' hawn fuq u b'mod partikolari fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku. Għall-bejgħ permezz tal-importaturi relatati, il-prezz tal-esportazzjoni nħadem fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(185) Il-produttur esportatur sostna li l-kummerċjant Żvizzeru — Metinvest International SA ("MISA") — kien jaġixxi bħala sempliċi dipartiment tal-esportazzjoni tas-siti ta' produzzjoni billi ma kienx iwettaq l-iżdoganar tal-oġġetti forniti lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, il-produttur esportatur sostna li ma kellux isir tnaqqis tal-ispejjeż BĠA u l-profitt tal-kummerċjant (jew kummissjoni nominali) billi l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku mhuwiex applikabbli għall-każ preżenti billi l-kummerċjant mhuwiex ibbażat fl-Unjoni.

(186) Il-Kummissjoni ma ħadmitx il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għall-bejgħ għall-esportazzjoni lil xerrejja indipendenti permezz tal-kummerċjant Żvizzeru. Madankollu, anki jekk ix-xerrej ikun dak responsabbli għall-iżdoganar, dan ma jbiddilx il-fatt li l-bejgħ isir minn kummerċjant relatat li jġorr spejjeż BĠA u li normalment ifittex jagħmel il-profitt mis-servizzi tiegħu. Għalhekk, kif ġie nnutat fil-premessa (194), il-Kummissjoni qieset li jenħtieġ aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(187) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur sostna li MISA mhijiex kummerċjant li jfittex il-profitt, iżda kumpanija relatata fdata b'kompiti li normalment jaqgħu fir-responsabiltajiet ta' dipartiment intern tal-bejgħ għall-esportazzjoni.

(188) Fuq il-bażi tal-evidenza għad-disponiment tagħha, il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-oġġezzjoni. MISA hija kumpanija li tfittex il-profitt, li tiddeskrivi lilha nnifisha bħala waħda li tfittex li ssib il-bilanċ bejn il-profittabbiltà, is-sodisfazzjon tal-klijenti, u l-immaniġġar tar-riskju. L-attivitajiet ta' MISA mhumiex limitati għall-bejgħ ta' prodotti tal-Metinvest Group. MISA u s-siti ta' produzzjoni għandhom proprjetarji differenti. U fl-aħħar, MISA tiffirma kuntratti ddettaljati ta' bejgħ u xiri mas-siti ta' produzzjoni. Dawn il-ftehimiet fihom klawsoli dwar penali f'każijiet ta' nuqqas li jitwettqu, jew li jitwettqu kif dovut, l-obbligi rispettivi, kif ukoll dwar arbitraġġ minn terzi f'każ ta' tilwim, ħaġa aktar komuni f'kuntratti bejn kummerċjanti indipendenti milli bejn dipartiment tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-istess kumpanija. Fuq il-bażi ta' din l-evidenza, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-relazzjoni bejn MISA u ż-żewġ siti ta' produzzjoni hija aktar waħda ta' aġent milli waħda ta' dipartiment integrat għall-bejgħ. Kif ġie spjegat fil-premessa (194), l-aġġustament rilevanti huwa meħtieġ kull meta MISA jkollha sehem f'xi tranżazzjoni.

(189) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku għal bejgħ permezz ta' MISA, il-produttur esportatur iddeduċa li l-Kummissjoni aċċettat li MISA taġixxi bħala dipartiment tal-bejgħ tal-grupp. Għalhekk il-produttur esportatur ma qabilx mal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, u argumenta li MISA ma taġixxix bħala aġent jew kummerċjant. Sabiex jenfasizza dan il-punt, il-prodottur esportatur argumenta li MISA tbigħ biss parti żgħira u mhux sinifikanti ta' prodotti mhux manifatturati mill-grupp. Il-produttur esportatur argumenta wkoll li l-fatt li MISA qed tipprova

ssib bilanċ tajjeb bejn il-profittabbiltà, is-sodisfazzjoni tal-klijenti u l-ġestjoni tar-riskju, jew li tiffirma kuntratti ta' bejgħ u xiri mas-siti ta' produzzjoni, jew li għandha d-direttur l-persunal tagħha stess, lu huwa differenti mill-impjanti fl-Ukrajna, ikun rekwiżit li jirriżulta minn konformità ma' rekwiżiti legali meħtieġa fl-Ukrajna u l-Iżvizzera.

(190) Kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni ma taċċettax li MISA taġixxi bħala dipartiment tal-bejgħ bl-esportazzjoni tal-grupp. MISA aġixxiet bħala kummerċjant relatat u għalhekk il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 2(8) flimkien mal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, MISA mhux biss tbigħ parti żgħira u mhux sinifikanti ta' prodotti mhux manifatturati mill-grupp, għalkemm dan il-fatt biss huwa ta' importanza sinifikanti għal din il-konklużjoni. MISA tbigħ ukoll ammonti sostanzjali ta' prodotti ta' parti terza lill-grupp. Rigward l-evidenza deskritta fil-premessa (188) above, il-produttur esportatur sempliċement argumenta li dawn l-elementi huma meħtieġa bil-liġi u ma jinnegawx il-pożizzjoni ta' MISA bħala dipartiment tal-esportazzjoni. L-ebda dettalji ma ngħataw, rigward liema element jirrikjedu l-liġijiet. Barra minn hekk, il-produttur esportatur ma spjegax għaliex l-elementi bħall-fatt li huwa xprunat mill-profitt (li qabel kien ikkontestat mill-produttur esportatur fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni) jew li għandu ftehimiet bi klawżoli dwar il-penali għal nuqqas prestazzjoni jew prestazzjoni baxxa tal-obbligi rispettivi, kif ukoll is-soluzzjoni ta' tilwim ta' partijiet terzi ma jinnegawx il-pożizzjoni ta' MISA bħala dipartiment tal-esportazzjoni. Għaldaqstant, l-ebda kummenti oħra dwar dan il-punt ma huma meħtieġa.

(191) Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din it-talba ġiet miċħuda.

3.6.3. *Paragun*

(192) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur uniku fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(193) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u / jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għal ħlasijiet fuq l-importazzjoni (fil-medda ta' bejn 0,1 % u 0,7 %) għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u spejjeż anċillari (fil-medda ta' bejn 1 % u 8 %), ippakkjar (fil-medda ta' bejn 0 % u 0,1 %), spejjeż ta' kreditu (fil-medda ta' bejn 0 % u 0,7 %), spejjeż ta' wara l-bejgħ (fil-medda ta' bejn 0,1 % u 0,4 %), miżati tal-banek (fil-medda ta' bejn 0 % u 0,3 %) u kummissjonijiet (fil-medda ta' bejn 0 % u 0,2 %).

(194) Barra minn hekk, ladarba l-bejgħ kollu lejn l-Unjoni seħħ permezz tal-kummerċjant relatat fl-Iżvizzera, sar aġġustament rilevanti fuq il-bażi tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(195) Il-produttur esportatur ippretenda livell ta' aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku, bl-argument li l-kanali ta' bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku kienu sinifikantement differenti minn dawk tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni u li dan kien jaffettwa l-paragunabbiltà tal-prezz. Argumenta wkoll li kien hemm differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku u fil-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(196) Il-produttur esportatur ma wriex differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Id-*data* pprovduta mill-produttur esportatur ma kkorroborratx tali sejba. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

(197) Fil-kummenti tiegħu dwar id-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur ikkontesta din il-ġustifikazzjoni bil-qawwa kollha bħala waħda arbitrarja u mhux sostanzjata. Ma pprovda, però, l-ebda evidenza li kien hemm differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Minflok, iffoka biss fuq l-ewwel parti ta' dan ir-rekwiżit, bl-argument li hemm differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet fil-bejgħ fid-diversi livelli ta' kummerċ fi swieq differenti, filwaqt li ħalla barra r-rekwiżit li dan kellu jintwera fis-suq domestiku. Il-Kummissjoni vverifikat il-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli tal-kummerċ fis-suq domestiku u ma kinitx f'pożizzjoni ssib differenzi konsistenti u distinti.

(198) Il-produttur esportatur argumenta li jekk il-Kummissjoni kienet tal-fehma li ma japplikax l-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha tirrikorri għall-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament bażiku. B'hekk, barra riferiment vag għal evidenza *prima facie*, il-produttur esportatur ma pprovda l-ebda argument għaliex kellha tkun applikabbli din id-dispożizzjoni. Il-livelli rilevanti tal-kummerċ kienu jeżistu fis-suq domestiku, u ma ntweriex b'mod ċar li ċerti funzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' livelli tal-kummerċ differenti minn dak li għandu jintuża fil-paragun. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għall-każ inkwistjoni.

(199) Fil-kumment tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur argumenta li l-Kummissjoni kkontradixxiet lilha nnifisha fir-raġunament tagħha meta semmiet li, filwaqt li jeżistu livelli differenti ta' kummerċ fis-suq domestiku, il-produttur esportatur ma uriex differenzi konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għal dawn il-livelli.

(200) Il-Kummissjoni ma rat l-ebda kontradizzjonif'din id-dikjarazzjoni.

(201) Barra minn hekk, il-produttur esportatur argumenta li fil-komunikazzjoni tal-5 ta' Jannar 2017 ma pprovdiex lill-Kummissjoni bl-analiżi u l-paragun tiegħu tal-livelli diversi ta' kummerċ tas-suq domestiku, billi jiġu identifikati u mqabbla l-livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku u tintwera d-differenza fil-prezzijiet bejn dawn il-livelli.

(202) Il-Kummissjoni irrispondiet billi semmiet li fil-komunikazzjoni rilevanti, il-kumpanija qabblet kanali ta' bejgħ domestiku differenti, mhux il-livelli ta' kummerċ ta' wieħed mis-siti ta' produzzjoni tagħha. F'dan il-paragun diġà żbaljat, il-produttur esportatur argumenta wkoll li l-kanal l-aktar komparabbli għall-kanali ta' bejgħ tal-Unjoni huwa dak dirett, jiġifieri dak li m'għandux involviment tal-kummerċjant domestiku. Ma ngħatat l-ebda evidenza rigward għaliex dan ikun il-każ, speċjalment meta wieħed iqis li l-bejgħ kollu lejn l-Unjoni sar permezz ta' negozjant relatat fl-Iżvizzera, jiġifieri MISA. Għalhekk il-Kummissjoni żammet mal-fatt li l-produttur esportatur ma wriex li kien hemm differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni.

(203) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur allega wkoll li l-Kummissjoni ma ndirizzatx il-fatt li huwa ppreżenta lista ta' bejgħ bl-esportazzjoni riveduta tal-kumpanija relatata MISA. F'din il-lista, il-produttur esportatur kien indirizza n-nota tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livelli kummerċjali għal għadd kbir ta' tranżazzjonijiet, li ma kinux korretti fir-risposta oriġinali għall-kwestjonarju dwar l-antidumping. Il-produttur esportatur sostna li ma jistax jingħad li din l-informazzjoni kienet ippreżentata tard wisq fl-investigazzjoni, għax kieku l-Kummissjoni kienet tivverifikaha, jekk kien meħtieġ, matul iż-żjara ta' verifika tal-entitajiet relatati tal-kumpanija fl-Unjoni.

(204) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din id-dikjarazzjoni. L-informazzjoni addizzjonali dwar il-lista tal-bejgħ ta' MISA ġiet ipprovduta wara l-verifika MISA. Sabiex jiġi żgurat li preċiżament sitwazzjoni bħal din tiġi evitata, qabel iż-żjara ta' verifika fil-bini ta' MISA, fil-komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni fakkret lill-kumpanija, li jekk talba jew kwalunkwe aspetti tagħha kienu jeħtieġu verifika, kellha tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli qabel iż-żjara ta' verifika sabiex il-grupp responsabbli mill-każ seta' jipprepara l-parti rilevanti taż-żjara. Fl-aħħar nett, anki jekk il-Kummissjoni setgħet tivverifika din id-*data* fil-bini ta' MISA, dan ma jbiddilx il-fatt li, kif imsemmi hawn fuq, li l-produttur esportatur ma wriex li kien hemm differenzi konsistenti u distinti rigward il-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni.

(205) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur tenna wkoll l-affermazzjoni tiegħu li, jekk il-Kummissjoni kkunsidrat li l-evidenza ppreżentata mill-kumpanija f'appoġġ tal-Artikolu 2(10)(d) (i) tar-Regolament bażiku ma jurux id-differenzi konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku, dik l-istess evidenza setgħet tintuża mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni ta' aġġustament speċjali skont l-Artikolu 2(10)(d) (ii), jiġifieri f'każijiet tan-"nuqqas tal-livelli rilevanti fis-suq domestiku". Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-livelli rilevanti ta' kummerċ tassew kienu jeżistu fis-suq domestiku. Il-produttur esportatur ma weriex li kien hemm differenzi konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għal dawn il-livelli, iżda dan ma jibdilx il-fatt li dawn il-livelli kienu preżenti fis-suq domestiku. Għaldaqstant il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' Artikolu 2(10)(d) (ii) tar-Regolamenti bażiċi ma ġewx issodisfati.

(206) Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din it-talba ġiet miċħuda.

(207) Il-produttur esportatur sostna wkoll li, għall-finijiet ta' paragun ġust, il-valur normali kellu jiġi aġġustat fuq il-bażi tal-ispejjeż tat-trasport tal-prodott simili bejn is-sit ta' produzzjoni u l-kummerċjant domestiku relatat.

(208) Skont l-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku, irid isir aġġustament għad-differenzi fl-ispejjeż relatati direttament li jinġarrbu meta l-prodott ikkonċernat u / jew il-prodott simili jinġarr mill-post fejn jaħdem il-produttur esportatur lejn bejjiegħ indipendenti, meta tali spejjeż jkunu inklużi fil-prezzijiet applikati. Din id-dispożizzjoni ma tkoprix l-ispejjeż tat-trasport bejn żewġ partijiet relatati, li donnhom mhumiex riflessi fil-prezz mitlub mix-xerrej indipendenti. Għalhekk il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni.

3.6.4. *Marġni ta' dumping*

(209) Wara d-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur ippreżenta sett ġdid ta' *data* għall-bejgħ mill-importaturi relatati. Dan is-sett ta' *data* ġie sussegwentement ivverifikat mill-Kummissjoni. Dawn iċ-ċifri ġodda affettwaw il-kalkolu tad-dumping oriġinarjament stabbilit fid-Dokument ta' Informazzjoni.

(210) Għall-produttur esportatur, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(211) Il-livell ta' kooperazzjoni mill-Ukrajna kien għoli ħafna minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera ammontaw għal aktar minn 95 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni ta' dumping għall-pajjiż kollu fl-istess livell bħal dak għall-produttur esportatur uniku.

(212) Il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni ta' dumping |
|---|---|
| Metinvest Group | 19,4 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 19,4 % |

4. **ID-DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(213) Fl-Unjoni, 17-il kumpanija pprovdew *data* dwar il-produzzjoni u l-bejgħ fl-eżerċizzju permanenti u indikaw li pproduċew il-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli mill-ilment, dawn is-17-il kumpanija jirrappreżentaw madwar 90 % tal-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni.

(214) Apparti minn dawn is-17-il kumpanija, kien hemm ħames kumpaniji oħra li kienu jipproduċu l-prodott simili waqt il-perjodu ta' investigazzjoni.

(215) Parti interessata waħda sostniet li l-inklużjoni tad-*data* tal-produttur Taljan Ilva tgħawweġ l-istampa tad-dannu għall-industrija tal-azzar tal-Unjoni kollha minħabba s-sitwazzjoni partikolari ta' din il-kumpanija ([1]) u, għalhekk, il-produttur Taljan kellu jiġi eskluż. Madankollu, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, it-terminu "industrija tal-Unjoni" jirreferi għall-produtturi kollha tal-prodotti simili fl-Unjoni jew proporzjon maġġuri minnhom. Billi l-Kummissjoni ma kellhiex raġuni biex tirrestrinġi l-analiżi tagħha għal proporzjon maġġuri, kellha tanalizza l-industrija kollha, inkluża Ilva. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ma ntlaqgħetx.

(216) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal madwar 72,9 miljun tunnellata. Il-Kummissjoni stabbilixxiet din iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni mill-ilmentatur u mill-produtturi kollha magħrufa fl-Unjoni. Kif indikat fil-premessa (7), sitt produtturi tal-Unjoni ngħażlu fil-kampjun li jirrappreżenta aktar minn 45 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili, li nstab li jikkostitwixxi kampjun rappreżentattiv.

([1]) Fl-20 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni Ewropea fethet inkjesta fil-fond biex tivvaluta jekk l-għajnuna mill-Istat Taljan lill-produttur tal-azzar Ilva kienx konformi mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, u hija estendiet l-inkjesta fil-15 ta' Mejju 2016. Fit-3 ta' Lulju 2017, din l-investigazzjoni għadha mhijiex finalizzata.

(217) Il-mudell kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni u l-livell ta' integrazzjoni vertikali tagħhom ivarjaw. Madankollu, b'mod ġenerali l-industrija tal-Unjoni tista' tiġi kkaratterizzata bħala industrija b'livell għoli ta' integrazzjoni vertikali, kif spjegat aktar fil-premessa (219) hawn taħt.

### 4.2. **Il-konsum tal-Unjoni**

(218) Kif imsemmi fil-premessa (45) hawn fuq, il-prodott ikkonċernat jaqa' fi ħdan għadd ta' kodiċijiet NM inklużi ċerti kodiċijiet ex. Sabiex il-konsum tal-Unjoni ma jiġix sottovalutat, u fid-dawl tal-impatt marġinali apparenti ta' tali kodiċijiet fuq il-konsum totali, il-volumi tal-importazzjoni tal- kodiċijiet NM ex ġew ikkunsidrati kollha sabiex jiġi kkalkulat il-konsum tal-Unjoni.

(219) Billi l-industrija tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tagħha hija integrata vertikalment u l-prodott ikkonċernat jitqies bħala materjal ewlieni għall-produzzjoni ta' diversi prodotti downstream b'valur miżjud, li jibdew minn prodotti b'laminazzjoni kiesħa, il-konsum fis-suq ristrett u fis-suq ħieles ġie analizzat separatament.

(220) Id-distinzjoni bejn suq ristrett u suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu. Barra minn hekk, fis-suq ristrett, il-prezzijiet ta' trasferiment jiġu ffissati skont diversi politiki tal-prezzijiet. Għall-kuntrarju, il-produzzjoni destinata għas-suq ħieles tal-Unjoni tinsab f'kompetizzjoni diretta ma' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, u l-prezzijiet huma prezzijiet tas-suq ħieles.

(221) Sabiex tipprovdi stampa kemm jista' jkun kompluta tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-attività kollha tal-prodott simili u ddeterminat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu ristrett jew għas-suq ħieles. Il-Kummissjoni sabet li tul il-perjodu ta' investigazzjoni, madwar 58 % tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għall-użu ristrett.

(222) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur Serb innota li l-konsum tas-suq ħieles tal-prodott ikkonċernat naqas bejn l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni b'aktar minn 1,2 miljun tunnellata u li dan jimplika tnaqqis enormi fil-konsum tal-Unjoni tul it-tieni nofs tal-2015. Hu, għalhekk, talab li l-Kummissjoni tinvestiga aktar jekk id-*data* tal-bejgħ ipprovduta mill-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles kinitx preċiża fir-realtà.

(223) Il-Kummissjoni analizzat id-*data* tal-bejgħ u tal-konsum ipprovduta mill-industrija tal-Unjoni u kkonfermat li d-*data* pprovduta għall-konsum tas-suq ħieles mill-industrija tal-Unjoni kienet preċiża u kredibbli.

#### 4.2.1. *Il-konsum ristrett fis-suq tal-Unjoni*

(224) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum ristrett tal-Unjoni fuq il-bażi tal-użu ristrett u tal-bejgħ ristrett fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha magħrufa fl-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-konsum ristrett tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 1*

**Il-konsum ristrett fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-konsum ristrett | 42 418 062 | 42 887 175 | 42 271 071 | 42 454 866 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *101* | *100* | *100* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(225) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum ristrett tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli.

4.2.2. *Konsum tas-suq ħieles fis-suq tal-Unjoni*

(226) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni fuq il-bażi ta' (a) il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha magħrufin fl-Unjoni u (b) l-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi terzi kollha kif irrapportat mill-Eurostat, sabiex b'hekk qieset ukoll id-*data* ppreżentata mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati. Fuq din il-bażi, il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

**Konsum tas-suq ħieles (tunnellati)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Konsum tas-suq ħieles | 32 292 192 | 33 139 474 | 35 156 318 | 33 930 726 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *103* | *109* | *105* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(227) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni żdied b'madwar 5 %. Iż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-irkupru ekonomiku tal-industrija downstream.

4.3. **Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-volumi tal-importazzjoni u l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(228) Il-Kummissjoni stħarrġet jekk l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati għandhomx ikunu vvalutati b'mod kumulattiv, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(229) Dik id-dispożizzjoni tistipula li l-importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed iridu jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk ikun iddeterminat li:

(a) il-marġni ta' dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikun iktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) u li l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ma jkunx negliġibbli; kif ukoll

(b) valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Unjoni.

(230) Il-marġnijiet ta' dumping stabbiliti b'rabta mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati huma mniżżla hawn fuq fit-Taqsima 3 "Dumping". Dawn il-marġnijiet kollha huma ogħla mil-livell limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

(231) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna ġew ivvalutati u ma kinux negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna kellhom sehem mis-suq ta' 1,79 %, 3,32 %, 4,29 % u 3,17 % rispettivament, kif imsemmi fit-Tabella 3 ta' hawn taħt.

(232) Min-naħa l-oħra, instab li l-volumi tal-importazzjonijiet mis-Serbja huma negliġibbli fit-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-importazzjonijiet mis-Serbja naqas minn 427 558 tunnellata fl-2015 għal madwar 354 000 tunnellata fil-PI, ammont li jfisser sehem mis-suq ta' 1,04 % biss. Hija l-prattika tal-Kummissjoni li tqis "negliġibbli" sehem mis-suq taħt il-livell limitu ta' 1 % kif stabbilit mir-Regolament bażiku fil-fażi tal-bidu. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li f'dan il-każ, 1,04 % għadu negliġibbli billi 0,04 % għandu jitqies

immaterjali, b'mod partikolari meta, f'termini relattivi, il-volumi tal-importazzjonijiet mis-Serbja huma konsiderevolment aktar baxxi mill-volumi minn kull wieħed mill-erba' pajjiżi l-oħra. Il-volumi tal-importazzjonijiet mis-Serbja kienu kważi nofs il-volumi mill-Brażil, it-tieni l-iżgħar pajjiż fejn jidħlu il-volumi tal-importazzjonijiet.

*Tabella 3*

**Il-volum tal-importazzjoni (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| IL-BRAŻIL | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Brażil | 41 895 | 108 973 | 580 525 | 608 541 |
| Is-sehem mis-suq tal-Brażil | 0,13 % | 0,33 % | 1,65 % | 1,79 % |
| L-IRAN | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Iran | 125 202 | 527 161 | 1 015 088 | 1 127 659 |
| Is-sehem mis-suq tal-Iran | 0,39 % | 1,59 % | 2,89 % | 3,32 % |
| IR-RUSSJA | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja | 1 334 322 | 1 376 412 | 1 714 880 | 1 455 436 |
| Is-sehem mis-suq tar-Russja | 4,13 % | 4,15 % | 4,88 % | 4,29 % |
| IS-SERBJA | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mis-Serbja | 155 055 | 211 835 | 427 558 | 354 145 |
| Is-sehem mis-suq tas-Serbja | 0,48 % | 0,64 % | 1,22 % | 1,04 % |
| L-UKRAJNA | | | | |
| Il-volum ta' importazzjonijiet mill-Ukrajna | 905 397 | 939 545 | 1 084 477 | 1 075 244 |
| Is-sehem mis-suq tal-Ukrajna | 2,80 % | 2,84 % | 3,08 % | 3,17 % |
| PAJJIŻI KKONĊERNATI | | | | |
| *Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati* | 2 561 872 | 3 163 926 | 4 822 529 | 4 621 026 |
| Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati | 7,93 % | 9,55 % | 13,72 % | 13,62 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *120* | *173* | *172* |

*Sors:* Eurostat. L-ishma mis-suq ġew stabbiliti billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni kif irrapportat fit-Tabella 2.

(233) Wara d-divulgazzjoni finali u waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2017, l-ilmentatur argumenta li l-esportazzjonijiet Serbi jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv mal-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi oħra, minħabba li l-esportazzjonijiet Serbi eċċedew il-1 % tal-livell limitu *de minimis*. Fil-fehma tiegħu, il-livell limitu ta' 1 % ma jippermettix għal ebda eċċezzjoni, irrispettivament kemm ikun żgħir il-perċentwal addizzjonali.

(234) Il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument. Id-deċiżjoni rigward jekk l-importazzjonijiet għandhomx ikunu vvalutati jew le b'mod kumulattiv trid tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ma jagħti importanza lill-ebda minn dawn il-kriterji individwali. Filwaqt li huwa minnu li l-importazzjonijiet minn pajjiż ma jistgħux jiġu akkumulati jekk il-volum ikun negliġibbli, f'każ kuntrarju ma jfissirx li ma għandhomx *de facto* jiġu akkumulati. Barra minn hekk, ir-Regolament bażiku ma jistabbilix b'mod espliċitu il-livell limitu negliġibbli. Filwaqt li l-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku jista' jservi ta' gwida rigward il-volumi ta' importazzjoni negliġibbli, l-Artikolu 3(4) ma jinkorporax permezz ta' referenza dawn il-livelli limiti. Iżda, il-kliem jagħti flessibilità biżżejjed biex il-Kummissjoni twettaq analiżi każ b'każ b'kunsiderazzjoni li l-volumi extra ta' 0,04 % kienu immaterjali.

(235) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni mis-Serbja kienu differenti mill-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-erba' pajjiżi l-oħra għar-raġunijiet li ġejjin:

— anki jekk il-prezzijiet medji tal-bejgħ Serbi naqsu wkoll matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz medju tal-bejgħ tagħhom tul il-perjodu ta' investigazzjoni (EUR 365 għal kull tunnellata) huwa l-ogħla wieħed waqt il-perjodu ta' investigazzjoni u ferm ogħla mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna, li jvarjaw bejn EUR 319 għal kull tunnellata u EUR 346 għal kull tunnellata; kif imsemmi fit-Tabella 4 hawn taħt, kif ukoll

— il-prezzijiet medji tal-bejgħ Serbjani kienu sinifikantement ogħla mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħra.

*Tabella 4*

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR / tunnellata)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| IL-BRAŻIL | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil | 461 | 433 | 386 | 346 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *94* | *84* | *75* |
| L-IRAN | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Iran | 454 | 415 | 369 | 316 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *91* | *81* | *70* |
| IR-RUSSJA | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja | 448 | 431 | 387 | 324 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *86* | *72* |
| IS-SERBJA | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mis-Serbja | 468 | 442 | 400 | 365 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *94* | *86* | *78* |
| L-UKRAJNA | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Ukrajna | 429 | 415 | 370 | 319 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *97* | *86* | *74* |
| PAJJIŻI KKONĊERNATI | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati | 443 | 424 | 380 | 327 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *86* | *74* |

*Sors:* Eurostat

(236) F'dan ir-rigward, l-iffissar tal-prezzijiet, flimkien mal-volum negliġibbli, jissuġġerixxi li l-produttur esportatur Serb aktar joqgħod għall-prezzijiet milli jiffissahom hu għall-prodott ikkonċernat. Dan jintwera wkoll mill-fatt li t-tnaqqis fil-prezzijiet bejn l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni huwa aktar baxx anki f'termini relattivi meta mqabbel mat-tnaqqis fil-prezzijiet fl-erba' pajjiżi l-oħrajn ikkonċeranti.

(237) Wara d-divulgazzjoni finali, matul is-seduta ta' smigħ tas-27 ta' Lulju 2017 (ara l-premessa (33)), l-ilmentatur talab lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jipprovdu *data* rigward it-twaqqigħ tal-prezzijiet jew il-bejgħ taħt il-prezz għall-produttur esportatur Serb sabiex ikun jista' jagħmel rieżami tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif stabbilit fil-premessi (235) u (236), li l-produttur esportatur Serb ikun pjuttost segwaċi tal-prezzijiet milli stipulant. Barra minn hekk, skont l-ilmentatur ma hemm l-ebda evidenza li s-Serbja hija segwaċi tal-prezzijiet.

(238) Il-Kummissjoni innotat li kienet iddivulgat 'il fuq mill-medja tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Din id-*data* turi li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Serbi kienu l-ogħla fl-2013 (EUR 468 għal kull tunnellata) u baqgħu l-ogħla fis-snin ta' wara sal-prezz fil-PI (EUR 365 għal kull tunnellata). Barra minn hekk, l-indiċi fit-Tabella 4 ta' hawn fuq juri li n-nuqqas relattiv tal-prezzijiet Serbi inbidel minn 100 għal 78 bis-sena 2013 indiċjata sa 100, filwaqt li l-erbgħa l-oħra wrew tnaqqis għal 75 (il-Brażil), 70 (l-Iran), 72 (ir-Russja) u l-Ukrajna (74). L-ilmentatur seta' għalhekk jagħmel rieżami tal-konklużjoni tal-Kummissjoni, li l-produttur esportatur kien pjuttost segwaċi tal-prezzijiet milli stipulatur, fir-rigward tal-prezz tal-importazzjonijiet u t-tnaqqis relattiv tiegħu bejn l-2013 u l-PI. Il-Kummissjoni ma użatx *data* dwar it-twaqqigħ fil-prezzijiet u l-bejgħ taħt il-prezz għal din il-valutazzjoni minħabba li l-kalkoli tat-twaqqigħ fil-prezzijiet u l-bejgħ taħt il-prezz jagħtu biss ħarsa lejn il-perjodu ta' investigazzjoni għalhekk ma jippermettux li jkun hemm paragunabbiltà tal-prezzijiet matul numru ta' snin. Minħabba li l-ilmentatur ma pprovdiex iktar raġunijiet biex tiġi ddivulgata d-*data* dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u l-bejgħ taħt u l-prezz minbarra r-rieżami tad-dikjarazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (235) u (236) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni, konsegwentement, ċaħdet din it-talba.

(239) Minħabba li l-ilmentatur ma kkontestax iċ-ċifri kif stipulat fit-Tabella 4, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li l-importatur Serb segwa biss ix-xejra ġenerali fil-prezzijiet stabbilita minn importaturi oħra milli strateġija ta' prezzar aggressiva bħala "price leader".

(240) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet mis-Serbja m'għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv mal- importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi l-oħra. B'konsegwenza tal-konklużjoni li l-importazzjonijiet mis-Serbja kienu *de minimis*, ma hemmx bżonn ta' miżuri protettivi rigward l-importazzjonijiet ta' HRF li joriġinaw mis-Serbja. Għaldaqstant, b'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jenħtieġ li jiġi tterminat fir-rigward tal-importazzjonijiet mis-Serbja.

(241) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħrajn u l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-prodott simili u sabet li kienu simili. Il-prodotti importati kienu jikkompetu ma' xulxin u mal-prodott simili prodott fl-Unjoni. Il-prodotti huma interkambjabbli u kienu kkummerċjalizzati fl-Unjoni permezz ta' mezzi ta' bejgħ komparabbli, billi kienu jinbiegħu lil kategoriji simili ta' klijenti aħħarija.

(242) Wara l-bidu tal-investigazzjoni, diversi partijiet issottomettew kummenti dwar il-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Il-Missjoni tal-Ukrajna għall-Unjoni Ewropea, il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tar-Russja u produttur esportatur Russu kif ukoll żewġ produtturi esportaturi mill-Brażil ikkontestaw l-adegwatezza tal-valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet minn pajjiżhom flimkien mal-pajjiżi investigati l-oħra u sostnew li l-importazzjonijiet minn pajjiżhom ma kellhomx jiġu kkumulati magħhom. Il-Missjoni tal-Ukrajna għall-Unjoni Ewropea argumentat li l-volumi tal-importazzjonijiet tal-Ukrajna kienu stabbli tul il-perjodu 2011-2016, għall-kuntrarju tal-pajjiżi l-oħrajn, u li hemm differenza sinifikanti bejn l-istruttura ġeografika tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna minn naħa u mill-Brażil, l-Iran, is-Serbja u r-Russja min-naħa l-oħra. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tar-Russja kien tal-opinjoni li tinħtieġ valutazzjoni eżawrjenti tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni. Il-produttur esportatur Russu argumenta li l-importazzjonijiet tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni effettivament naqsu, li parti mill-importazzjonijiet kienu provvisti ristretti fi ħdan il-grupp li ma daħlux fis-suq ħieles tal-Unjoni fih innifsu u li t-tipi ta' prodotti mibjugħa kienu differenti. Barra minn hekk, produttur esportatur Brażiljan argumenta li hu ma kienx isegwi xejra simili fil-prezzijiet u li dawk l-importazzjonijiet kienu jitqassmu permezz ta' kanali tal-bejgħ differenti meta mqabbla mal-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħrajn. Produttur esportatur Brażiljan ieħor argumenta li l-importazzjonijiet Brażiljani kienu negliġibbli u li l-importazzjonijiet mill-Brażil ma kinux isegwu l-istess xejriet bħal dawk mill-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħrajn fejn jidħlu l-volumi, is-sehem mis-suq u l-prezz.

(243) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. L-importazzjonijiet mir-Russja u mill-Ukrajna lejn l-Unjoni żdiedu f'termini assoluti tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, għalkemm l-importazzjonijiet kienu naqsu tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dan il-fatt mhuwiex kriterju biex jiġi ddeterminat jekk il-volum tal-importazzjonijiet huwiex negliġibbli fit-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(244) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u l-prodott simili ġew ivvalutati bħala simili għar-raġunijiet ta' hawn taħt.

(a) L-ewwel, il-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna użaw kanali tal-bejgħ simili, billi biegħu jew direttament jew permezz ta' kummerċjant/importatur relatat, ibbażat jew fl-Unjoni jew barra minnha. Kanali tal-bejgħ simili ntużaw anki fl-Unjoni mill-produtturi tal-azzar tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prodotti importati mill-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħra kienu jikkompetu ma' xulxin u mal-prodott ikkonċernat immanifatturat fl-Unjoni.

(b) It-tieni, il-Kummissjoni qieset it-total tal-importazzjonijiet irrispettivament jekk dawn kinux jinkludu provvisti f'xi grupp. Kieku ma kienx hemm dawk l-importazzjonijiet, kien ikun probabbli ħafna li l-kumpaniji jiksbu l-prodott simili, li huwa prodott bażiku, minn sorsi oħra disponibbli fis-suq ħieles tal-Unjoni, inkluż il-prodott simili mmanifatturat mill-industrija tal-Unjoni.

(c) Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (264), xejriet simili bil-prezzijiet jonqsu ġew identifikati għall-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna.

(d) It-tipi ta' prodott tal-produtturi esportaturi kienu qed jiġu mmanifatturati u mibjugħa anki mill-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, it-tipi ta' prodott tagħhom ma kinux differenti minn dawk mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni.

(e) Rigward il-volumi Russi, kif stabbilit fit-Tabella tal-premessa (262), il-volumi tal-importazzjonijiet Russi żdiedu kemm f'termini ta' volumi assoluti u kemm f'termini ta' sehem mis-suq.

(245) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna. Konsegwentement, dawn l-importazzjonijiet ġew eżaminati b'mod kumulattiv għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu.

(246) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet diversi sottomissjonijiet rigward il-valutazzjoni kumulattiva tal-pajjiżi kkonċernati, li qed jiġu indirizzati fil-premessi ta' hawn taħt.

(247) L-ilmentatur argumenta li l-importazzjonijiet mis-Serbja kkawżaw dannu lill-produtturi tal-Unjoni b'mod simili bħall-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi l-oħra. F'dan ir-rigward, l-ilmentatur irrefera għall-fatt li l-importazzjonijiet mis-Serbja rduppjaw il-volum tagħhom u s-sehem tagħhom mis-suq fil-perjodu bejn l-2013 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li l-prezzijiet tagħhom ukoll naqsu ħafna f'dan il-perjodu u li l-importazzjonijiet mis-Serbja waqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni b'ammonti apprezzabbli tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, l-ilmentatur sostna wkoll li l-importazzjonijiet mis-Serbja għandhom sehem mis-suq ta' 1,04 %, li huwa ftit 'il fuq mil-livell limitu ta' 1 % tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. B'żieda ma' dan, l-ilmentatur irrefera għal riskju potenzjali ta' ċirkomvenzjoni, billi t-terminazzjoni fir-rigward tas-Serbja tista' twassal li l-impriża prinċipali Ċiniża tal-uniku produttur esportatur tas-Serbja tbigħ lejn l-Unjoni permezz tal-kumpanija sussidjarja Serbjana tagħha.

(248) Il-Kummissjoni rrifjutat l-allegazzjoni li l-importazzjonijiet mis-Serbja jikkawżaw dannu lill-produtturi tal-Unjoni b'mod simili bħall-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra għar-raġunijiet stipulata hawn taħt.

— L-ewwel, il-volumi ta' importazzjonijiet Serbi nstabu li kienu *de minimis*. B'konsegwenza ta' dan, huma negliġibbli u ma jistgħux jinstabu li jikkawżaw dannu lill-industrija tal-UE. Il-fatt li l-medja Serba tal-prezzijiet tal-bejgħ tul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet ferm ogħla mill-medja tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħrajn huwa indikazzjoni oħra li dan il-volum baxx ta' importazzjonijiet ma jistax jikkawża dannu lill-industrija tal-UE.

— It-tieni, fejn jidħol is-sehem mis-suq li jaqbeż il-livell limitu ta' 1 % stabbilit mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, jiġifieri 1,04 %, dan huwa "negliġibbli" f'kull każ. L-għażla tal-kelma "negliġibbli" timplika li l-Kummissjoni tgawdi minn ċertu livell ta' diskrezzjoni fl-analiżi tagħha tal-volumi ta' importazzjoni meta tivvaluta l-kumulazzjoni. F'dan il-każ partikolari, kif ġie spjegat fil-premessa (234), id-differenza ta' 0,04 % instabet immaterjali f'termini assoluti u relattivi.

— U fl-aħħar, rigward ir-riskju potenzjali ta' ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni nnutat li l-volumi ta' produzzjoni attwali u l-kapaċità ta' produzzjoni tal-uniku produttur esportatur Serb kienu kkomunikati lis-servizzi tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċjali lil dan ir-riskju potenzjali ta' ċirkomvenzjoni billi timmonitorja mill-qrib jekk hemmx indikazzjoni ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ li tissuġġerixxi ċirkomvenzjoni potenzjali li toriġina mis-Serbja. Barra minn hekk, għalkemm ħaġa inqas importanti, il-produttur esportatur Serb sostna li l-istrateġija primarja tiegħu hija li jirrispondi għat-talba domestika u t-talba reġjonali tal-pajjiżi tal-Balkani.

(249) Barra minn hekk, żewġ produtturi esportaturi Brażiljani inklużi fil-kampjun sostnew li l-valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet mill-Brażil flimkien ma' dawk mill-Iran, mir-Russa u mill-Ukrajna ma kinitx iġġustifikata għar-raġunijiet stipulati fiż-żewġ premessi li ġejjin.

(250) Wieħed argumenta li aktar minn terz tal-importazzjonijiet mill-Brażil ma kinux jidħlu fil-kompetizzjoni ma' prodotti mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna filwaqt li ġab provi li juru li l-kanali tal-bejgħ tal-importazzjonijiet mill-Brażil kienu differenti minn dawk mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna. Barra minn hekk, il-produttur esportatur argumenta li, b'mod simili bħas-Serbja, il-prezzijiet Brażiljani kienu ferm ogħla mill-prezzijiet medji tal-Iran, tar-Russja u tal-Ukrajna u li l-produtturi esportaturi Brażiljani kienu wkoll aktar joqogħdu għall-prezzijiet milli jiffissawhom huma. U fl-aħħar, argumenta li l-ebda wieħed mill-produtturi Brażiljani ma kien iwaqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(251) Il-produttur esportatur l-ieħor tal-Brażil argumenta li tali valutazzjoni kumulattiva ma kinitx xierqa minħabba l-volumi negliġibbli tal-importazzjonijiet Brażiljani (bħal fil-każ tas-Serbja) u d-differenza fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, meta wieħed iqis il-volumi negliġibbli, il-produttur esportatur Brażiljan argumenta li s-sehem mis-suq tal-Brażil qabeż il-livell limitu ta' 1 % biss mill-2015 'il quddiem u kien jammonta biss għal 1,79 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'żieda ma' dan, il-volumi tal-importazzjonijiet tiegħu kienu żgħar wisq biex jikkontribwixxu għal kwalunkwe dannu u, għaldaqstant, immaterjali. Rigward il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni differenti, irrefera għall-fatt li kważi 60 % tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Brażil tul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu bejgħ jew trasferimenti lejn kumpaniji Ewropej relatati li ma jidħlux f'kompetizzjoni diretta ma' prodotti maħsuba għas-suq ħieles u għaldaqstant jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni differenti minnhom. Barra minn hekk, ikkuntesta l-istqarrija tal-Kummissjoni fid-Dokument ta' Informazzjoni li l-importazzjonijiet mill-Brażil u l-prodott simili tal-Unjoni huma interkambjabbli. Argumenta f'dan il-kuntest li l-produtturi esportaturi tal-Brażil jesportaw primarjament tipi kummerċjali ta' HRF, li għandhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi differenti kif ukoll utenti aħħarija differenti mill-prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni, li huma primarjament tipi ta' HRF ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, ikkontesta li l-produtturi esportaturi tal-Brażil jużaw kanali tal-bejgħ simili bħall-produtturi esportaturi mill-pajjiżi kkonċernati l-oħrajn. Argumenta li dawk il-produtturi normalment ibigħu direttament lil klijenti indipendenti fis-suq ħieles tal-Unjoni, għall-kuntrarju tal-maġġoranza tal-importazzjonijiet mill-Brażil. Fl-aħħar, għamel kummenti dwar il-prezzijiet simili għal dawk ippreżentati mill-produttur esportatur l-ieħor.

(252) Il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjonijiet taż-żewġ produtturi esportaturi Brażiljani inklużi fil-kampjun, kif stipulat hawn taħt.

(253) L-ewwel, bil-għan li tiddefinixxi l-konsum, il-Kummissjoni qieset it-total tal-importazzjonijiet mill-Brażil, irrispettivament mill-fatt li dawn kienu jinkludu provvisti f'xi gruppi. Ir-raġuni ta' dan hija li fin-nuqqas ta' tali importazzjonijiet, kien ikun probabbli ħafna li l-kumpaniji jiksbu HRF minn sorsi oħra disponibbli fis-suq ħieles tal-Unjoni, inkluż il-prodott simili mmanifatturat mill-industrija tal-Unjoni.

(254) It-tieni, għal parti mill-bejgħ mill-Brażil, il-kanali tal-bejgħ mhumiex differenti minn dawk tal-Iran, tar-Russja u tal-Ukrajna. Il-produtturi kollha li kkooperaw mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna jużaw kanali tal-bejgħ simili billi jbigħu jew direttament jew permezz ta' kummerċjant/importatur relatat li jinsab jew fl-Unjoni jew barra minnha. Barra minn hekk, rigward l-argument li 60 % tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Brażil tul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu bejgħ jew trasferimenti lejn kumpaniji Ewropej relatati li ma jidħlux f'kompetizzjoni diretta ma' prodotti maħsuba għas-suq ħieles u għaldaqstant jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni differenti minnhom, ta' min wieħed jinnota dawn li ġejjin. Parti mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi Russi kienu wkoll tranżazzjonijiet ta' bejgħ lil kumpaniji Ewropej relatati, u parti minnhom tkomplew jiġu pproċessati minn dawk il-kumpaniji Ewropej relatati. Konsegwentement, dawk il-produtturi esportaturi qed jiffaċċjaw l-istess kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni.

(255) It-tielet, kif stipulat fit-Tabella 4, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-prezzijiet Brażiljani huma ogħla mill-prezzijiet medji tal-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna. Madankollu, it-Tabella 4 uriet ukoll li l-prezzijiet Brażiljani kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni Serbjani tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jiġifieri s-snin 2013, 2014, 2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(256) Ir-raba', rigward l-argument li l-produtturi esportaturi Brażiljani wkoll aktar joqogħdu għall-prezzijiet milli jiffissawhom huma, il-prezz tal-produttur esportatur Serb ġie vvalutat f'konnessjoni mal-volumi negliġibbli tiegħu. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jasal għall-istess konklużjoni rigward il-Brażil.

(257) Il-ħames, rigward il-volumi, kif diġà stabbilit fit-Tabella 3, l-importazzjonijiet mill-Brażil ammontaw għal 608 541 tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni, meta mqabbla mat-354 145 tunnellata tal-importazzjonijiet Serbi. B'hekk, il-volumi tal-importazzjonijiet tal-HRF Brażiljani kienu ogħla minn dawk tas-Serbja b'aktar minn 70 % u rrappreżentaw sehem mis-suq ta' 1,79 % meta mqabbel mal-1,04 % tas-Serbja. B'riżultat ta' dan, dawn l-importazzjonijiet ma tqisux negliġibbli.

(258) U fl-aħħar, rigward l-allegazzjoni ta' taħlita ta' prodotti differenti fejn jidħlu l-produtturi esportaturi Brażiljani, kien ċar li l-prodotti tagħhom kienu jinsabu f'kompetizzjoni diretta mal-prodotti tal-Unjoni u prodotti minn produtturi esportaturi oħrajn. Għall-kuntrarju tal-allegazzjoni tal-produtturi esportaturi, l-investigazzjoni wriet li t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat, inklużi t-tipi mibjugħa mill-produtturi esportaturi Brażiljani, kienu wkoll immanifatturati u mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li aktar minn 99,9 % tat-tipi ta' prodott kollha mibjugħa mit-tliet produtturi esportaturi Brażiljani kienu jinbiegħu wkoll mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, valutazzjoni kumulattiva ssir għall-intier tal-pajjiż li jkun, b'kunsiderazzjoni għall-ambitu sħiħ tal-prodott ikkonċernat u mhux billi jitqiesu biss ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat.

(259) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Brażiljan CSN tenna li l-kanali tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Brażil huma pjuttost differenti minn dawk tal-importazzjonijiet mill-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna. Rigward il-kanali tal-bejgħ, huwa semma li is-sussidjarju tiegħu Lusosider mhuwiex kummerċjant u lanqas importatur, iżda utent ta' HRF. Huwa argumenta li b'mod partikolari s-sitwazzjoni ta' NLMK Europe ma kinitx l-istess bħas-sitwazzjoni ta' Lusosider. Huwa semma wkoll li Lusosider ma kellux aċċess faċli għall-HRF mibjugħ fis-suq tal-Unjoni. Rigward il-prezzijiet tal-importazzjoni, huwa semma li x-xejra tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Brażil isegwu l-istess xejra 'l fuq bħall-prezzijiet tal-importazzjonijiet mis-Serbja.

(260) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet bħala bla bażi. Rigward il-kanali tal-bejgħ, kien hemm sussidjarji oħrajn Russi fil-Latvja u l-Polonja u kumpanija ewlenija Russa minbarra NLMK, li parzjalment użaw u pproċessaw sa ċertu punt l-HRF matul il-PI li kisbu mill-kumpanija tagħhom ewlenija Russa. Barra minn hekk, minkejja l-allegazzjoni li Lusosider ma kellux aċċess faċli għal HRF mibjugħ fis-suq tal-Unjoni, matul seduta ta' smigħ il-Kummissjoni ġiet mgħarrfa, li Lusosider kien fornut minn sorsi oħra matul il-perjodu ta' investigazzjoni, bħat-Turkija, it-Tajwan u r-Russja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda evidenza tal-fatt, li l-produtturi tal-Unjoni ma ridux ifornu lil Lusosider u dan tal-aħħar ma pprovda l-ebda tali evidenza. Barra minn hekk, rigward il-prezzijiet, il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-prezzijiet Brażiljani kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni Serbjani tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jiġifieri s-snin 2013, 2014, 2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa (235)). Għalhekk, il-Kummissjoni ma aċċettatx it-talba tal-produttur esportatur Brażiljan, li l-importazzjonijiet mill-Brażil ma għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv mal-importazzjonijiet mit-tliet pajjiżi l-oħra.

(261) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 3(4) huma ssodisfati mill-erba' pajjiżi l-oħrajn u għaldaqstant l-importazzjonijiet mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna kellhom jiġu eżaminati b'mod kumulattiv bil-għan li jiġi ddeterminat id-dannu.

4.3.2. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna*

(262) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna żviluppaw kif ġej:

*Tabella 5*

**Il-volum tal-importazzjoni (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| IL-BRAŻIL | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Brażil | 41 895 | 108 973 | 580 525 | 608 541 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *260* | *1 386* | *1 453* |
| Is-sehem mis-suq tal-Brażil | 0,13 % | 0,33 % | 1,65 % | 1,79 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *253* | *1 273* | *1 382* |
| L-IRAN | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Iran | 125 202 | 527 161 | 1 015 088 | 1 127 659 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *421* | *811* | *901* |

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Is-sehem mis-suq tal-Iran | 0,39 % | 1,59 % | 2,89 % | 3,32 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *410* | *745* | *857* |
| IR-RUSSJA | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja | 1 334 322 | 1 376 412 | 1 714 880 | 1 455 436 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *103* | *129* | *109* |
| Is-sehem mis-suq tar-Russja | 4,13 % | 4,15 % | 4,88 % | 4,29 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *101* | *118* | *104* |
| L-UKRAJNA | | | | |
| Il-volum ta' importazzjonijiet mill-Ukrajna | 905 397 | 939 545 | 1 084 477 | 1 075 244 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *104* | *120* | *119* |
| Is-sehem mis-suq tal-Ukrajna | 2,80 % | 2,84 % | 3,08 % | 3,17 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *101* | *110* | *113* |
| PAJJIŻI KKONĊERNATI | | | | |
| *Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati* | 2 406 816 | 2 952 091 | 4 394 970 | 4 266 880 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *123* | *183* | *177* |
| Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati | 7,45 % | 8,91 % | 12,50 % | 12,57 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *120* | *168* | *169* |

*Sors:* Eurostat. L-ishma mis-suq ġew stabbiliti billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni kif irrapportat fit-Tabella 2.

(263) It-Tabella ta' hawn fuq turi li f'ċifri assoluti l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod parallel, is-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni żdied bi kważi 5 punti perċentwali (minn 7,45 % fl-2013 għal 12,57 %, jew żieda b'69 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.3.3. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz*

(264) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 6*

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR / tunnellata)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| IL-BRAŻIL | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil | 461 | 433 | 386 | 346 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *94* | *84* | *75* |

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-IRAN | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Iran | 454 | 415 | 369 | 316 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *91* | *81* | *70* |
| IR-RUSSJA | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja | 448 | 431 | 387 | 324 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *86* | *72* |
| L-UKRAJNA | | | | |
| Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Ukrajna | 429 | 415 | 370 | 319 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *97* | *86* | *74* |
| PAJJIŻI KKONĊERNATI | | | | |
| *Prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati* | 442 | 423 | 378 | 323 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *96* | *86* | *73* |

*Sors:* Eurostat

(265) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqsu minn EUR 442 għal kull tunnellata fl-2013 għal EUR 323 għal kull tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, it-tnaqqis fil-prezz medju unitarju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kien ta' 27 %.

(266) Il-Kummissjoni vvalutat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott tas-sitt produtturi tal-Unjoni imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq ħieles tal-Unjoni, aġġustati għal livell mill-fabbrika; kif ukoll

(b) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni CIF għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi li kkooperaw tal-pajjiż ikkonċernat lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, b'aġġustamenti xierqa għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni.

(267) It-tqabbil tal-prezzijiet sar tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament debitu fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-aġġustamenti ewlenin relatati mal-ispejjeż tal-konsenja (li jvarjaw bejn 3,4 % u 8,9 % għal kull produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun), l-ispejjeż ta' kreditu (li jvarjaw bejn 0,1 % u 0,4 %) u l-iskontijiet (li jvarjaw bejn 0,1 % u 2 %).

(268) Kif intqal fil-premessa (16), importatur mhux relatat wieħed biss issottometta tweġiba għall-kwestjonarju. Fuq il-bażi tal-evidenza miġbura tul il-verifika għand dak l-importatur mhux relatat, żdiedu spejjeż ta' wara l-importazzjoni, li ġew stabbiliti b'7 EUR għal kull tunnellata.

(269) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, instab li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-maġġoranza tal-produtturi esportaturi kkonċernati inklużi fil-kampjun waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'bejn 8,45 % u 17,74 %, kif jidher fit-Tabella ta' hawn taħt. Għall-kumpaniji kollha tal-Brażil ma nstabx twaqqigħ tal-prezz.

*Tabella 7*

**Marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz**

| Pajjiż | Kumpanija | Marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz |
|---|---|---|
| Il-Brażil | Arcelor Mittal Brasil S.A. u Aperam Inox América do Sul S.A. | – 3,30 % |
| | Companhia Siderúrgica Nacional | – 6,95 % |
| | Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. | – 0,12 % |
| L-Iran | Mobarakeh Steel Company | 8,45 % |
| Ir-Russja | Novolipetsk Steel | 8,87 % |
| | Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 14,0 % |
| | PAO Severstal | 17,74 % |
| L-Ukrajna | Metinvest Group | 8,45 % |

(270) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur u l-produttur esportatur Iranjan innutaw li l-informazzjoni pprovduta fid-Dokument ta' Informazzjoni kienet inkonsistenti ma' dik ipprovduta f'wieħed mill-annessi tiegħu. Filwaqt li d-dokument kien jgħid li ma nstabx twaqqigħ tal-prezz għall-kumpanija Iranjana, anness speċifiku wera marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ta' 8,45 % fir-rigward tal-kumpanija Iranjana.

(271) B'risposta għal dawn il-kummenti, il-Kummissjoni tikkonferma li l-parti deskrittiva tad-Dokument ta' Informazzjoni b'mod skorrett għamlet riferiment għall-kumpanija Iranjana u li l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ipprovdut fl-anness kien korrett.

(272) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas sostna li l-Artikoli 3(2) u 3(3) tar-Regolament bażiku jirrikjedu li l-Kummissjoni twettaq analiżi xierqa tal-effett tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u tikkunsidra jekk kienx hemm twaqqigħ sinifikanti tal-prezzijiet. Analiżi bħal din jenħtieġ li ma tkunx limitata għal tqabbil matematiku sempliċi, iżda tikkonsisti wkoll f'valutazzjoni dinamika tal-iżviluppi tal-prezzijiet u x-xejriet fir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u dawk tal-prodotti simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(273) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dan l-argument: Hija l-ewwel ipprovdiet il-prezzijiet unitarji medji ponderati ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq ħieles fl-Unjoni fit-Tabella tal-premessa (295). Konsegwentement, kif stabbilit fil-premessa (297), il-Kummissjoni saħqet li l-produtturi tal-Unjoni kellhom isegwu l-ispiral 'l isfel tal-prezzijiet u naqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom b'mod sinifikanti, b'mod partikolari matul is-sena 2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-prodott ikkonċernat huwa prodott bażiku, il-produtturi tal-Unjoni kellhom isegwu l-ispiral tat-tnaqqis fil-prezz. Kummenti simili mill-Kummissjoni jinsabu fil-premessa (387). Barra minn hekk, hija rreferiet ukoll għall-analiżi tal-fatturi l-oħrajn, li flimkien jew b'mod separat ma setgħux ikissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. (ara l-premessa (390)). Għaldaqstant, l-analiżi tal-Kummissjoni ma kienx limitat għal tqabbil matematiku sempliċi. L-aħħar kunsiderazzjoni, iżda mhux l-inqas, hija li la l-produttur esportatur Brażiljan ma pprovda spjegazzjoni u lanqas il-Kummissjoni ma kienet konxja tar-raġunijiet għaliex analiżi addizzjonali bħal din tagħmel l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet aktar sinifikanti, meta jiġi kkunsidrat in-natura tat-tip ta' prodott inkwistjoni.

## 4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(274) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(275) L-indikaturi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, l-istokkijiet, it-tkabbir, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġnijiet ta' dumping) ġew ivvalutati fil-livell tal-industrija sħiħa tal-Unjoni. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, li ġiet imbagħad kontroverifikata ma' *data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni u minn statistika uffiċjali disponibbli (Eurostat).

(276) L-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi (il-prezzijiet tal-bejgħ, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, il-possibbiltà li jiġi ġġenerat kapital, il-pagi u l-ispejjeż tal-produzzjoni) twettqet fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni tagħhom, ivverifikata kif xieraq.

(277) Sabiex tipprovdi stampa kemm jista' jkun kompluta tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-produzzjoni kollha tal-prodott ikkonċernat u ddeterminat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu ristrett jew għas-suq ħieles. Għal uħud mill-indikaturi tad-dannu relatati mal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni analizzat b'mod separat id-*data* relatata mas-suq ħieles u dik relatata mas-suq ristrett u għamlet analiżi komparattiva. Dawn il-fatturi huma: il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-prezzijiet unitarji, l-ispiża għal kull unità, il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus. Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħra jistgħu jiġu eżaminati b'mod siewi biss billi wieħed jirreferi għall-attività sħiħa, inkluż l-użu ristrett tal-industrija tal-Unjoni. Dawn il-fatturi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, l-impjiegi, il-produttività, l-istokkijiet u l-kostijiet lavorattivi. Għal dawn il-fatturi, il-Kummissjoni tista' twettaq valutazzjoni siewja biss billi tirreferi għall-attività sħiħa tal-industrija tal-Unjoni. Din l-analiżi hija konformi mal-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni u tad-WTO ([1]).

### 4.4.2. *L-indikaturi makroekonomiċi*

#### 4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità

(278) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 8*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 74 588 182 | 75 509 517 | 74 718 189 | 72 920 472 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *101* | *100* | *98* |
| Kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati) | 100 667 836 | 100 040 917 | 98 093 841 | 98 162 252 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *97* | *98* |
| L-użu tal-kapaċità | 74,1 % | 75,5 % | 76,2 % | 74,3 % |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer

([1]) Il-Kawża C-315/90 tal-Qorti tal-Ġustizzja Gimelec vs il-Kummissjoni, EU:C:1991:447, paragrafi minn 16 sa 29; Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO tal-24.7.2001, WT/DS184/AB/R, paragrafi minn 181 sa 215.

(279) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas ftit b'madwar 1,7 miljun tunnellata (– 2 %).

(280) Iċ-ċifri tal-kapaċità rrapportati jirreferu għall-kapaċità teknika, ħaġa li timplika li kienu tqiesu l-aġġustamenti, meqjusa bħala standards mill-industrija, għall-ħin tat-twaqqif, għall-manutenzjoni, għall-ostakli u għal perjodi normali oħra ta' waqfien. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni naqset minħabba t-tnaqqis ta' parti mill-kapaċità ta' produzzjoni, primarjament fil-Belġju u fl-Italja.

(281) Ir-rata tal-użu tal-kapaċità baqgħet relattivament stabbli tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni billi kienet tvarja bejn 74,1 % u 76,2 %.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(282) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles żviluppaw kif ġej:

*Tabella 9*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq (suq ħieles)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ (tunnellati) | 27 468 243 | 27 910 748 | 27 327 906 | 26 027 000 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *102* | *99* | *95* |
| Sehem mis-suq | 85,1 % | 84,2 % | 77,7 % | 76,7 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *91* | *90* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer u tal-Eurostat

(283) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni naqas b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn 27,5 miljun tunnellata għal 26 miljun tunnellata.

(284) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' konsum tal-Unjoni naqas b'aktar minn 8 punti perċentwali, minn 85,1 % għal 76,7 %. It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni u t-telf ta' sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kkoinċidew ma' żieda fil-konsum fis-suq ħieles tal-Unjoni, indikatur ta' deterjorament tal-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni.

(285) Fir-rigward tas-suq ristrett fl-Unjoni, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum ristrett u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej:

*Tabella 10*

**Volum ristrett fis-suq tal-Unjoni u s-sehem mis-suq**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum ristrett fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 42 418 062 | 42 887 175 | 42 271 071 | 42 454 866 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *101* | *100* | *100* |
| Produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni (tunnellati) | 74 588 182 | 75 509 517 | 74 718 189 | 72 920 471 |
| % tal-volum ristrett meta mqabbel mal-produzzjoni totali | 56,9 % | 56,8 % | 56,6 % | 58,2 % |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer u tal-Eurostat

(286) Il-volum ristrett tal-industrija tal-Unjoni (magħmul mit-trasferimenti ristretti u l-bejgħ ristrett fis-suq tal-Unjoni) fis-suq tal-Unjoni f'ċifri assoluti baqa' relattivament stabbli tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(287) Is-sehem tal-użu ristrett (espress bħala perċentwali mit-total tal-produzzjoni) tal-industrija tal-Unjoni żdied ftit tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn 56,9 % fl-2013 għal 58,2 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.3. L-impjiegi u l-produttività

(288) L-impjiegi ġew ikkalkulati billi ttieħdu biss il-ħaddiema li jaħdmu direttament għall-prodott simili fl-impjanti differenti tal-azzar tal-produtturi tal-Unjoni. Dan il-metodu pprovda *data* preċiża li hija relattivament faċli li tiġi ddeterminata.

(289) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

*Tabella 11*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati (Impjiegi/impjegati full time) | 18 632 | 17 739 | 17 829 | 17 722 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *95* | *96* | *95* |
| Produttività (tunnellata/impjegat) | 4 003 | 4 257 | 4 191 | 4 115 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *106* | *105* | *103* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(290) Il-livell tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni stabbilixxiet tul l-investigazzjoni li dan it-tnaqqis ġie kkawżat mill-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u tinkiseb effiċjenza fid-dawl tal-kompetizzjoni ikbar mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq. Dan irriżulta fi tnaqqis tal-ħaddiema b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, mingħajr ma jittieħed inkonsiderazzjoni l-ebda impjieg indirett. Dovut għal u minkejja l-volum tal-produzzjoni li qed jonqos ftit (– 2 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-produttività tal-ħaddiema tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni għal kull persuna impjegata fis-sena, żdiedet (+ 3 %). Dan juri li l-industrija tal-Unjoni kienet tipprova tadatta għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq sabiex tibqa' kompetittiva.

4.4.2.4. Inventarji

(291) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 12*

**Inventarji**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Ħażniet tal-għeluq (tunnellati) | 2 646 989 | 2 653 224 | 2 798 420 | 2 469 667 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *100* | *106* | *93* |
| Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 3,55 % | 3,51 % | 3,75 % | 3,39 % |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *99* | *106* | *95* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(292) Il-maġġoranza tat-tipi ta' prodott simili huma prodotti mill-industrija tal-Unjoni skont ordnijiet speċifiċi tal-utenti. Għalhekk, l-istokkijiet ma kinux meqjusa bħala indikatur importanti ta' dannu għal din l-industrija. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-analiżi tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni. Kif jidher hawn fuq, dan l-indikatur baqa' relattivament stabbli f'madwar 3,4 % sa 3,7 % tal-volum tal-produzzjoni.

4.4.2.5. Id-daqs tal-marġni ta' dumping

(293) Il-marġnijiet ta' dumping mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet għoljin attwali ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna.

4.4.2.6. Tkabbir

(294) Il-konsum tal-Unjoni (suq ħieles) żdied b'madwar 5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni naqas b'madwar 5 %. L-industrija tal-Unjoni għalhekk tilfet sehem mis-suq, għall-kuntrarju tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna, li żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.3. *L-indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(295) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-prezzijiet unitarji medji ponderati ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq ħieles fl-Unjoni żviluppaw kif ġej:

*Tabella 13*

**Prezzijiet tal-bejgħ fis-suq ħieles fl-Unjoni**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz tal-bejgħ (EUR/tunnellata) | 498 | 471 | 427 | 383 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *95* | *86* | *77* |
| Spiża għal kull unità ta' produzzjoni (EUR/tunnellata) | 511 | 469 | 431 | 413 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *92* | *84* | *81* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(296) It-tabella ta' hawn fuq turi l-evoluzzjoni tal-prezz unitarju tal-bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni meta mqabbel mal-ispejjeż tal-produzzjoni korrispondenti. Bħala medja, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu inqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull unità, bl-eċċezzjoni tal-2014, meta s-suq tal-Unjoni beda jirkupra u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kkonċernati l-oħra kien aktar baxx milli kien fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(297) Ġeneralment, l-ispejjeż tal-produzzjoni baqgħu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ li qed jonqsu, bl-eċċezzjoni tal-2014. Sabiex jiġi limitat it-telf fis-sehem mis-suq u billi l-prodott ikkonċernat huwa prodott bażiku, il-produtturi tal-Unjoni kellhom isegwu l-ispiral 'l isfel tal-prezzijiet u naqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom b'mod sinifikanti, b'mod partikolari matul is-sena 2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-prodott ikkonċernat huwa prodott bażiku, il-produtturi tal-Unjoni kellhom isegwu l-ispiral tat-tnaqqis fil-prezz.

(298) Fost il-produtturi fil-kampjun, ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew ta' liga oħra tal-azzar għall-konsum ristrett ġew trasferiti jew inbiegħu bi prezzijiet ta' trasferiment għal ipproċessar downstream ulterjuri bl-użu ta' politiki differenti ta' pprezzar (primarjament bi spejjeż għal trasferiment ristretti u bi prezzijiet ta' bejgħ ristrett). Għaldaqstant, ma tista' tinstilet ebda konklużjoni siewja mill-evoluzzjoni tal-prezz tal-użu ristrett.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(299) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-kost lavorattiv medju tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 14*

**Spejjeż medji tax-xogħol għal kull impjegat**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 63 374 | 66 039 | 66 023 | 67 045 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *104* | *104* | *106* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(300) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet b'4 %.

4.4.3.3. Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(301) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

*Tabella 15*

**Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redittu fuq l-investimenti**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq ħieles (% tal-fatturat tal-bejgħ) | – 2,7 % | 0,4 % | – 0,8 % | – 7,8 % |
| Fluss tal-flus (EUR '000) | 139 285 | 221 982 | 122 723 | – 79 661 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *159* | *88* | *– 57* |
| Investimenti (EUR '000) | 256 013 | 289 582 | 291 771 | 268 839 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *113* | *114* | *105* |
| Redditu fuq l-investiment | – 3,5 % | 0,5 % | – 1,0 % | – 8,5 % |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(302) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni billi esprimiet it-telf nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili fis-suq ħieles fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(303) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni il-profittabbiltà żviluppat b'mod negattiv: matul il-perjodi kollha ġie sostnut telf, bl-eċċezzjoni tal-2014. Filwaqt li l-telf fis-sena 2013 kien marbut parzjalment mal-konsegwenzi tal-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro, il-produtturi tal-azzar tal-Unjoni setgħu jirkupraw parzjalment matul l-2014 u fl-ewwel nofs tal-2015. Kif jintwera fit-tabella taħt il-premessa (295), il-prezz unitarju tal-bejgħ tnaqqas bi 23 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minħabba pressjoni b'saħħitha fuq il-prezz mingħand l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem. Dan wassal għal telf sinifikanti ta' 7,8 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni, li huwa l-agħar riżultat tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(304) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett segwiet xejra simili 'l isfel bħall-profittabbiltà u saret negattiva, f'livelli insostenibbli.

(305) Minkejja t-telf imġarrab tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-investimenti (inkluża s-sostituzzjoni ta' ċerti assi ta' produzzjoni) baqgħu 'l fuq minn EUR 240 miljun tul is-snin kollha tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu, l-investimenti kienu jinsabu f'livell relattivament baxx tul il-perjodu kollu billi l-abbiltà li jinġabar il-kapital ġiet affettwata mit-telf tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (apparti l-qligħ żgħir li nkiseb fl-2014).

(306) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt (jew it-telf) f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Minħabba t-telf imġarrab, ir-redditu fuq l-investiment kien negattiv tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-2014.

4.4.3.4. Kummenti rigward l-indikaturi mikroekonomiċi

(307) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-produtturi esportaturi Russi, MMK Group u Severstal Group, u l-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku ssottomettew li l-Kummissjoni ma indirizzatx b'mod xieraq il-fattur tas-suq ristrett fl-analiżi tagħha tal-indikaturi mikroekonomiċi. Il-produtturi esportaturi Russi nnutaw li l-Kummissjoni analizzat l-indikaturi mikroekonomiċi għas-suq ħieles biss, li huwa segment żgħir mis-suq, jiġifieri 41,8 % — 43,1 % biss tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Huma sostnew li eżami tal-indikaturi mikroekonomiċi biss b'rabta mas-suq ħieles tal-Unjoni jkun probabbli li juri stampa aktar negattiva minn wieħed li jirreferi għas-suq kollu tal-UE tal-prodott simili. F'dan ir-rigward, huma rreferew għas-sejbiet tar-Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO f'*United States — Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan*, ([1]) li fl-opinjoni tagħhom jirrikjedi li eżami bbilanċjat u oġġettiv tal-indikaturi mikroekonomiċi jinkludi kemm is-suq ħieles kif ukoll dak ristrett.

(308) Il-Kummissjoni rrifjutat l-allegazzjoni li hija ma wettqitx eżami bbilanċjat u oġġettiv tal-indikaturi mikroekonomiċi, inklużi kemm is-suq ħieles u kemm is-suq ristrett.

(309) L-ewwel, spjegat il-metodoloġija tagħha fil-premessa (277) billi stqarret kif u meta għamlet distinzjoni bejn id-*data* relatata mas-suq ħieles u dik relatata mas-suq ristrett.

(310) It-tieni, l-asserzjoni li l-Kummissjoni ma mxietx b'konformità ma' dak ir-rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO mhijiex korretta. Il-Kummissjoni, għall-analiżi, ma injoratx is-suq ristrett. Ipprovdiet ċifri mis-suq ristrett u qisitu fejn xieraq fl-analiżi tagħha (ara, f'dan ir-rigward, il-premessi minn (224) sa (225) u l-premessi minn (285) sa (287)).

(311) It-tielet, f'dan il-każ partikolari, il-maġġoranza tas-suq ristrett ikkonsistiet fi trasferimenti ristretti (kważi 87 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni), kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

*Tabella 16*

**Tqassim bejn trasferimenti ristretti u bejgħ ristrett**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Trasferimenti ristretti (tunnellati) | 35 884 971 | 36 155 050 | 35 865 270 | 36 787 755 |
| Bejgħ ristrett (tunnellati) | 6 533 091 | 6 732 125 | 6 405 801 | 5 667 111 |
| Volum ristrett fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 42 418 062 | 42 887 175 | 42 271 071 | 42 454 866 |

(312) Tali trasferimenti ma jidħlux fis-suq ħieles billi l-prodott jintuża minn produttur integrat għall-ipproċessar ulterjuri, it-trasformazzjoni jew l-assemblaġġ fi proċess integrat. Dawn it-trasferimenti interni huma kkaratterizzati mill-fatt li mhux qed jinħargu fatturi kummerċjali u li l-produttur / l-utent integrat mhuwiex entità legali separata, b'differenza mill-bejgħ ristrett. Bħala riżultat, ma hemmx prezzijiet tal-bejgħ għal dawk it-trasferimenti ristretti.

([1]) WT/DS184/AB/R, 24 ta' Lulju 2001, paġna 69, paragrafu 204.

(313) Barra minn hekk, huwa diffiċli ħafna biex wieħed jistabbilixxi l-profittabbiltà jew ir-redditu fuq l-investiment għal dawn it-trasferimenti ristretti billi t-tipi ta' prodott (meta jiġu ttrasferiti b'mod ristrett) qed jitkomplew jiġu pproċessati internament u f'diversi prodotti downstream tal-azzar, mingħajr ma jinħarġu kwalunkwe fatturi tal-bejgħ (ħaġa essenzjali biex jiġi ddeterminat id-dħul u wieħed mill-elementi kruċjali biex ikun jista' jiġi ddeterminat xi profitt).

(314) Madankollu, kif stabbilit fil-premessa (41), it-tipi ta' prodott differenti tal-HRF, huma l-materja prima għall-produzzjoni ta' diversi prodotti downstream tal-azzar bil-valur miżjud, li jibdew minn prodotti ċatti u miksija ([1]) b'laminazzjoni kiesħa. F'dan ir-rigward, ir-regolament proviżorju dwar il-prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa pprovda li "*is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni mindu t-telf beda jakkumula mill-2012 'il quddiem. Tabilħaqq, il-volumi ta' bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni naqsu b'14 %, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu b'19 % filwaqt li l-kost tal-produzzjoni naqas b'16 % biss. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u kellha tnaqqas l-investimenti fid-dawl tar-redditu kontinwament negattiv fuq l-investiment.* ([2])." Din il-konklużjoni f'din il-premessa ġiet ikkonfermata fil-fażi definittiva ([3]) u għadha rilevanti. Il-perjodu ta' investigazzjoni tal-każ tal-prodotti tal-azzar ċatti irrumblati fil-kiesaħ ([4]) ippreċeda l-perjodu ta' investigazzjoni fil-każ attwali. Madankollu, anki bil-perjodu ta' investigazzjoni differenti, l-indikaturi ta' hawn fuq juru, b'mod simili bħal fis-suq ħieles, stampa negattiva għall-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ, jiġifieri għall-ewwel suq downstream li għalih jintużaw trasferimenti ristretti u bejgħ ristrett tal-HRF.

(315) Bħala riżultat, ibbażat fuq l-argumenti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjonijiet tal-produtturi esportaturi Russi u tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku u tikkonferma li aġixxiet bid-diliġenza dovuta u żgurat li ż-żewġt iswieq ġew eżaminati kif xieraq.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu materjali*

(316) Minkejja l-azzjonijiet konkreti mill-industrija tal-Unjoni biex tittejjeb l-effiċjenza bit-tnaqqis tal-ispejjeż (bħat-tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol ta' kull ġimgħa) u kontroll iebes fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat b'mod sinifikanti: it-telf żdied minn – 2,7 % fl-2013 għal – 7,8 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Bħala riżultat, ġie akkumulat telf tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bl-eċċezzjoni tas-sena 2014.

(317) Barra minn hekk, minkejja żieda b'5 % fil-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'5 %, bil-prezzijiet unitarji tal-bejgħ jitnaqqsu b'aktar minn 20 %, u l-produzzjoni tonqos bi 2 %. Barra minn hekk, l-impjiegi naqsu b'5 %. B'konsegwenza ta' dan, anki l-indikaturi l-oħra tad-dannu żviluppaw b'mod negattiv.

(318) Il-konsegwenzi tal-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro fl-2013 affettwaw b'mod negattiv il-profittabbiltà fl-2013, filwaqt li segwa rkupru moderat fl-2014. Imbagħad, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-produtturi tal-Unjoni: biegħu l-prodott ikkonċernat bi prezzijiet iżjed baxxi mill-ispiża primarjament mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem, sabiex iżommu s-sehem tagħhom mis-suq. Il-produtturi esportaturi kollha mill-erba' pajjiżi: kkonċernati biegħu bi prezzijiet oġġett ta' dumping, u fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-prezzijiet tagħhom waqqgħu il-prezzijiet tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni u b'hekk eżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-bejgħ fl-industrija tal-Unjoni.

(319) Minħabba t-telf imġarrab matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'riżultat tal-fatturi deskritti hawn fuq, l-indikaturi l-oħrajn bħall-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment segwew l-istess xejriet 'l isfel bħall-indikatur tal-profittabbiltà.

(320) Il-partijiet interessati kienu informati bid-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni qed iġġarrab dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5), u ngħataw l-opportunità biex jipprovdu kummenti.

([1]) Il-proċess ta' rrumblar fil-kiesaħ huwa definit billi folja jew strippa — li tkun ġiet irrumblata bis-sħana u bil-wiċċ imnaddaf — tingħadda minn bejn rombli kisħin, jiġifieri taħt it-temperatura li trattab il-metall.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠU L 37, 12.2.2016, p. 25, premessa (153)).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 15, premessa (117)).

([4]) Kopra l-perjodu mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015, li huwa differenti mill-perjodu ta' investigazzjoni li jkopri dan il-każ (ara l-premessa (19)).

(321) Il-produtturi esportaturi Russi (MMK Group u Severstal Group) u l-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku stqarru li kien impossibbli li l-Kummissjoni ssib dannu materjali fil-proċediment preżenti billi l-proċedimenti Ċiniżi ([1]) koprew preċiżament l-istess prodott ikkonċernat u *de facto* eżatt l-istess perjodu għall-valutazzjoni tax-xejriet ta' dannu u l-kawżalità (sa Ġunju 2016 u saħansitra Settembru 2016). Għal din ir-raġuni, huma allegaw li l-konnessjoni b'saħħitha bejn iż-żewġ proċedimenti twassal għan-neċessità li s-sejbiet rigward id-dannu u l-kawżalità fiż-żewġ proċedimenti jkunu allinjati ma' xulxin.

(322) Il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas kellu wkoll dubji dwar jekk is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni setgħetx kienet iddeterjorat minn sitwazzjoni li fiha kien hemm theddida ta' dannu għal sitwazzjoni ta' dannu materjali fi żmien sitt xhur biss, bil-kunsiderazzjoni li l-perjodi ta' investigazzjoni għall-proċediment Ċiniż u l-proċediment preżenti t-tnejn li huma jkopru t-tieni nofs tal-2015. Għall-istess raġunijiet, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku talab ukoll li l-Kummissjoni terġa' tikkunsidra d-determinazzjoni tad-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni fil-proċediment attwali.

(323) Barra minn hekk, Usiminas allegat li diversi indikaturi wrew xejra stabbli jew ftit negattiva biss u li għalhekk id-dannu allegatament imġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma jikkwalifikax bħala materjali. F'dan ir-rigward, dan il-produttur esportatur irrefera għat-tnaqqis żgħir fil-produzzjoni tal-Unjoni, il-volum tal-bejgħ u l-impjiegi. Barra minn hekk, dan il-produttur esportatur sostna li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq, għalkemm aktar sinifikanti, kien madankollu żgħir fid-dawl tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni żammet sehem mis-suq: dominanti ta' 76,7 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(324) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-investigazzjoni attwali tkopri preċiżament l-istess prodott ikkonċernat u prodott simili bħall-investigazzjonijiet dwar iċ-Ċina.

(325) Madankollu, l-investigazzjoni attwali u dawk dwar iċ-Ċina ma jkoprux l-istess perjodi rilevanti għall-valutazzjoni tax-xejriet għad-dannu u l-kawżalità. L-ewwel nett, l-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu fl-investigazzjoni preżenti kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016, filwaqt li l-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2016. Fejn jidħlu l-investigazzjonijiet taċ-Ċina, l-investigazzjoni dwar dumping, sussidju u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, filwaqt li l-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-tmiem l-2015. Għalkemm huwa minnu li hemm sovrapożizzjoni ta' sitt xhur rigward il-perjodu ta' investigazzjoni bejn iż-żewġ investigazzjonijiet (il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015), id-determinazzjoni tad-dumping u d-dannu sar fuq il-bażi ta' perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni li kienu differenti fl-investigazzjoni attwali u l-investigazzjonijiet taċ-Ċina u li kienu diġà ġew definiti b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku u mħabbra fin-Notifika ta' Bidu. Dan ġie spjegat b'mod ċar fil-premessa (115) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 ([2]) (ir-"Regolament definittiv rigward iċ-Ċina"), li tistqarr: *"Il-Kummissjoni ma sabithiex possibbli f'dan il-każ li tikkumula l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping billi tgħaqqad iż-żewġ investigazzjonijiet. Il-kunċett ta' importazzjonijiet li jkunu" fl-istess ħin soġġetti għal investigazzjonijiet kontra dumping, "skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku jirrekjedi jew importazzjonijiet li qegħdin taħt l-istess investigazzjoni jew importazzjonijiet li huma taħt żewġ investigazzjonijiet differenti li għaddejjin simultanjament u li għandhom l-istess perjodi ta' investigazzjoni jew perjodi ta' investigazzjoni li huma fil-biċċa l-kbira mrikkbin. F'dan il-każ, iż-żewġ investigazzjonijiet għandhom perjodi ta' investigazzjoni differenti, bi trikkib tal-PI ta' sitt xhur biss."*

(326) Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni kienet irċeviet evidenza biżżejjed għall-bidu ta' proċedura bbażata fuq l-allegazzjoni ta' dannu attwali, b'mod partikolari minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna, matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-każ taċ-Ċina jirrigwarda, għall-kuntrarju, theddida ta' dannu li tkopri perjodu ta' investigazzjoni parzjalment preċedenti mill-perjodu ta' investigazzjoni fil-każ preżenti, li ma tkunx ibbażata biss fuq l-ipprezzar u l-iżvilupp fil-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda wkoll fuq l-imġiba mistennija fil-futur ta' produtturi esportaturi Ċiniżi minħabba, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet żejda eżistenti.

(327) Il-ġurisprudenza teħtieġ li l-Kummissjoni twettaq analiżi ta' attribuzzjoni tal-fatturi differenti. Fil-każ preżenti, l-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kkawżaw dannu effettiv lill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' dan il-każ.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68).

(328) Indipendentement minn dan id-dannu attwali, l-importazzjonijiet Ċiniżi kkostitwixxew theddida addizzjonali ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, minħabba d-differenza fiż-żewġ perjodi ta' investigazzjonijiet u l-konklużjonijiet li saru fl-investigazzjoni preżenti, it-theddida tad-dannu miċ-Ċina ma tistax tkisser ir-rabta ta' kawżalità f'dan il-każ.

(329) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-metodu użat għall-kalkolu tal-marġni ta' dannu, li huwa bbażat fuq is-sottokwotazzjoni osservata min-naħa tal-kumpaniji mill-erba' pajjiżi, jinkludi, mit-tfassil innifsu, kwalunkwe attribuzzjoni tad-dannu possibbilment ikkawżat miċ-Ċina lill-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi:.

(330) Fejn jidħlu d-dubji tal-produttur esportatur Brażiljan dwar jekk is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni setgħetx kienet iddeterjorat minn sitwazzjoni li fiha kien hemm theddida ta' dannu għal sitwazzjoni ta' dannu materjali fi żmien sitt xhur biss, il-Kummissjoni qabblet il-perjodu ta' investigazzjoni fil-każijiet taċ-Ċina mal-perjodu ta' investigazzjoni fil-każ preżenti u sabet li kien hemm deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'dan il-perjodu ta' 6 xhur. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi, pereżempju, għat-tnaqqis ulterjuri fil-volumi ta' produzzjoni, il-volumi tal-bejgħ, l-impjiegi, u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u s-sitwazzjoni negattiva li marret għall-agħar (profittabbiltà) kif jidher fit-Tabella ta' hawn taħt.

*Tabella 17*

**Tqabbil ta' xi indikaturi mikro u makro ewlenin bejn "il-każ taċ-Ċina" u l-ħames (5) pajjiżi għall-perjodi rispettivi tagħhom ta' investigazzjoni**

| | Premessi | 2015 (perjodu ta' investigazzjoni fil-każ taċ-Ċina) | PI |
|---|---|---|---|
| Il-volumi ta' produzzjoni | (278) | 74 718 189 | 72 920 472 |
| L-użu tal-kapaċità | (278) | 76,2 % | 74,3 % |
| Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni | (282) | 27 327 906 | 26 027 000 |
| Is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq ħieles | (282) | 77,7 % | 76,7 % |
| L-Impjiegi | (289) | 17 829 | 17 722 |
| Il-prezzijiet tal-bejgħ | (295) | 427 | 383 |
| Telf imġarrab mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun | (301) | – 0,8 % | – 7,8 % |

(331) Rigward l-allegazzjoni li diversi indikaturi juru xejra stabbli jew ftit negattiva biss u għaldaqstant id-dannu allegatament imġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma jikkwalifikax bħala materjali, il-Kummissjoni rreferiet għad-deterjorament ulterjuri tal-indikaturi ta' dannu ewlenin, kif stabbilit fil-premessi minn (316) sa (319). Il-Kummissjoni sabet li tali deterjorament kien suffiċjenti biex jikkwalifika s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bħala waħda ta' dannu materjali.

(332) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi Russi (MMK Group u Severstal Group) ikkontestaw s-sejba tal-Kummissjoni dwar id-dannu materjali għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-industrija tal-Unjoni għamlet profitt ta' 8,6 % matul il-perjodu bejn Jannar u Marzu 2017 (ara l-premessa (425);

— Fis-6 ta' April 2017, ir-regolament li jimponi dazji antidumping fir-rigward tal-investigazzjoni dwar il-prodotti ċatti tal-azzar b'laminazzjoni termali miċ-Ċina ([1]) definittivament stabbilixxa n-nuqqas ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni għall-prodott ikkonċernat sal-31 ta' Diċembru 2015. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda dannu materjali sal-1 ta' Jannar 2016, u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni reġgħet kienet diġà 2 % fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2016 (ara wkoll il-premessa (425));

— Kumment simili ġie sottomess mill-produttur esportatur Brażiljan Usiminas ([2]) li argumenta li "jixtieq jindika li l-paragun ([3]) ma jispjegax jekk is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni setgħet marret għall-agħar minn sitwazzjoni li kienet teżisti theddida ta' dannu għal sitwazzjoni fejn kien hemm dannu materjali f'***sitt xhur biss***."

— Id-deterjorament moderat ta' indikaturi ekonomiċi mill-2015 sal-PI (ara t-Tabella tal-premessa (330)) ma jistax jiġi vvalutat bħala materjali

(333) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti għar-raġunijiet li ġejjin:

— Fil-premessa (426), il-Kummissjoni ttenni li, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjoni dwar id-dannu ntlaħqet fuq il-bażi ta' *data* vverifikata mill-PI. Il-ġbir u l-verifika tad-*data* ta' wara l-PI, min-naħa l-oħra, saru biss fil-qafas tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni. It-Tabella fil-premessa (301) wriet telf kbir mis-sena 2013 'il quddiem (ħlief għas-sena 2014).

Anki b'kunsiderazzjoni tad-*data* ta' wara l-PI, l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni ta' dannu: il-profitti miksuba matul il-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2016 u bejn Jannar u Marzu 2017 ma jistgħux jikkumpensaw għal perjodi konsekuttivi ta' telf ta' livell għoli. Barra minn hekk, l-analiżi tad-dannu hija bbażata fuq numru ta' fatturi, li minnhom il-profitt huwa biss wieħed minn ħafna;

— Dwar ir-Regolament li jimponi dazji antidumping fuq prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ miċ-Ċina, il-Kummissjoni rreferiet għall-argumenti tagħha fil-premessa (325)u b'mod partikolari l-fatt li l-investigazzjoni attwali u ċ-Ċina investigazzjonijiet ma jkoprux l-istess perjodi rilevanti għall-valutazzjoni tax-xejriet għal dannu u kawżalità;

— Rigward id-deterjorazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni tenniet li l-indikaturi kollha marru għall-agħar, ikkaratterizzati minn tnaqqis ulterjuri fil-volumi tal-produzzjoni, u l-volumi tal-bejgħ, l-impjiegi u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja negattiva li marret għall-agħar (profittabbiltà). Dan fih innifsu jista' jitqies bħala indikatur ta' dannu materjali.

(334) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. **KAWŻALITÀ**

(335) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk id-dannu lill-industrija tal-Unjoni kienx ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna ma kienx attribwit lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(336) Il-fatti kkunsidrati mill-Kummissjoni kienu: il-kriżi ekonomika, in-nuqqas ta' kompetittività tal-produtturi tal-Unjoni, importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, l-impatt tas-sitwazzjoni ta' produttur tal-azzar Taljan wieħed fuq l-istampa tad-dannu, il-prestazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-bejgħ għall-esportazzjoni, il-"kapaċità żejda" tal-industrija Ewropea tal-azzar, u l-korrelazzjoni bejn il-prezzijiet tal-HRF fis-suq tal-Unjoni:, minn naħa, u l-prezzijiet tal-materja prima u tal-HRF madwar id-dinja, min-naħa l-oħra.

---

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68).

([2]) Sottomissjoni mill-produttur esportatur Brażiljan Usiminas, 7 ta' Awwissu 2017, paġna 2.

([3]) Il-produtturi esportaturi Brażiljani rreferew għat-Tabella 15 ta' dan ir-Regolament. L-istess tabella kienet murija fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali.

### 5.1. L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna

(337) Bħala medja, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi naqsu minn EUR 442 għal kull tunnellata fl-2013 għal EUR 323 għal kull tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni (– 27 %). Billi baxxew kontinwament il-prezz tal-bejgħ għal kull unità tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-produtturi esportaturi mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna setgħu jżidu b'mod sinifikanti s-sehem mis-suq tagħhom minn 7,45 % fl-2013 għal 12,57 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, kif turi t-tabella fil-premessa (262). Kien hemm ukoll żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fl-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mas-snin ta' qabel.

(338) Il-Kummissjoni sabet li l-volumi jiżdiedu u t-tnaqqis drammatiku fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Dan hu l-każ billi, iffaċċjati bl-istrateġija aggressiva tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi tal-pajjiżi kkonċernati, il-produtturi tal-Unjoni: ma kellhomx għażla ħlief li jnaqqsu huma wkoll il-prezzijiet u li jbigħu bit-telf bil-għan li jżommu ċertu livell ta' volumi ta' bejgħ u s-sehem mis-suq. Konsegwentement, dan kellu impatt negattiv fuq il-profittabbiltà tal-industrija, li waslet għal-livell mhux sostenibbli ta' – 7,8 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(339) Minħabba l-koinċidenza fiż-żmien bejn, minn naħa waħda, il-livell tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem jonqsu u, min-naħa l-oħra, it-telf tal-volum tal-bejgħ u d-dipressjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ikkawżaw dannu materjal lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

#### 5.2.1. *Il-kriżi ekonomika*

(340) Il-Kummissjoni sabet li l-konsegwenzi tal-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro affettwaw b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni fl-2013. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (303), il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-industrija tal-Unjoni bdiet tirkupra tul l-2014 u l-ewwel nofs tal-2015.

(341) B'mod partikolari, is-suq kien beda jirkupra mill-effetti tal-kriżi b'talba relattivament stabbli u saħansitra tiżdied mill-2014 'il quddiem. B'riżultat ta' dan, mill-2014 'il quddiem, l-industrija tal-Unjoni setgħet ibbenefikat aktar mill-irkupru tas-suq. Però, l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi żdiedu gradwalment u qabdu ishma mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Il-pressjoni kontinwa tal-importazzjonijiet bdiet tinħass bis-sħiħ mit-tieni nofs tal-2015, il-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(342) B'hekk, b'kunsiderazzjoni għall-irkupru tas-suq tal-Unjoni, kif evidenzjat miż-żieda fil-konsum fis-suq ħieles tal-Unjoni tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-Tabella tal-premessa (226), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro kellha impatt negattiv primarjament tul is-sena 2013 tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u qabel il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, din ma kkontribwixxitx għad-dannu materjali li nstab tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

#### 5.2.2. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

##### 5.2.2.1. Iċ-Ċina

(343) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum ta' importazzjonijiet u s-sehem mis-suq (f'volum tal-importazzjonijiet totali) miċ-Ċina żviluppaw kif ġej:

*Tabella 18*

**Volumi, prezzijiet unitarji u ishma mis-suq miċ-Ċina**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina | | | | |
| Volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina | 336 028 | 592 104 | 1 519 304 | 1 578 848 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *176* | *452* | *470* |

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezzijiet unitarji għall-importazzjoni miċ-Ċina | 505 | 463 | 404 | 339 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *92* | *80* | *67* |
| Sehem mis-suq | 1,04 % | 1,79 % | 4,32 % | 4,65 % |
| Is-sehem tal-volum totali tal-importazzjoni tal-Unjoni | 6,97 % | 11,32 % | 19,41 % | 19,98 % |

*Sors:* Eurostat

(344) Kif stipulat fit-Tabella ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu bi 370 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr il-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna (inkluża ċ-Ċina) żdiedu b'51 % biss. Barra minn hekk, bil-paragun taċ-ċifri assoluti tal-importazzjoni ġie osservat li:

— Iċ-Ċina flimkien mar-Russja u l-Ukrajna kienet fost l-ikbar tliet esportaturi lejn is-suq tal-Unjoni tul il-perjodu 2013-2015;

— Iċ-Ċina kienet l-ikbar esportatur lejn l-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(345) Barra minn hekk, il-prezzijiet Ċiniżi nbidlu minn EUR 505 għal kull tunnellata fl-2013 għal EUR 339 għal kull tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(346) Il-ġurisprudenza teħtieġ li l-Kummissjoni twettaq analiżi ta' attribuzzjoni tal-fatturi differenti. Fl-investigazzjoni preżenti, l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kkawżaw dannu effettiv lill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' dan il-każ. B'mod indipendenti mill-investigazzjoni preżenti, fil-kuntest tal-investigazzjoni dwar l-istess prodott importat miċ-Ċina, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miċ-Ċina oġġett ta' dumping u t-theddid ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni (b'mod partikolari tul it-tieni nofs tal-2015) ([1]).

(347) Minkejja li l-investigazzjoni "taċ-Ċina" u l-investigazzjoni preżenti ma jkoprux l-istess perjodi rilevanti għall-valutazzjoni tax-xejriet ta' dannu u r-rabta kawżali, l-ewwel, hemm sovrappożizzjoni ta' sitt xhur rigward il-perjodu ta' investigazzjoni bejn iż-żewġ investigazzjonijiet (il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015). It-tieni, kif imsemmi fil-premessa (59) tar-Regolament definittiv "taċ-Ċina" ([2]), il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied aktar (bi 8,5 %) fl-ewwel nofs tal-2016 (773 275 tunnellata) meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2015 (712 390 tunnellata). Barra minn hekk, kif stipulat fit-tabella fil-premessa (343), il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina tul il-perjodu ta' investigazzjoni ma kinux negliġibbli. It-tielet, kif imsemmi fil-premessa (93) tal-każ "taċ-Ċina" definit, il-"*produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom iffissar aggressiv tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fit-tieni nofs tal-2015 u fl-ewwel nofs tal-2016. Jekk ma tittieħed l-ebda miżura, u meta wieħed iqis il-kapaċità żejda massiva eżistenti tal-azzar Ċiniża, inkluż il-prodott ikkonċernat, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jistgħu jżommu strateġija ta' prezzijiet aggressiva, waqt li jnaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom għal livelli minimi.*"

(348) Għal dawn ir-raġunijiet kollha, b'mod partikolari dovut għall-volumi ta' importazzjoni Ċiniżi mhux negliġibbli u l-iffissar aggressiv tal-prezzijiet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, huwa possibbli li l-importazzjonijiet Ċiniżi kkontribwixxew ukoll għad-dannu materjali li nstab f'din l-investigazzjoni.

(349) Min-naħa l-oħra, wieħed ma jistax jassumi li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu l-unika raġuni għas-sitwazzjoni li kienet qed tiddeterjora tal-industrija tal-Unjoni. Kieku, ipotetikament, kellu jiġi eliminat l-effett tal-importazzjonijiet Ċiniżi, kieku l-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi l-oħrajn baqgħu kawża indipendenti fihom innifishom. B'mod partikolari, il-livell tal-importazzjonijiet tul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-erba' pajjiżi kkonċernati (4,2 miljun tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni) huwa ħafna aktar sinifikanti u kważi tliet darbiet ikbar mill-livell tal-importazzjonijiet Ċiniżi tul il-perjodu ta' investigazzjoni (1,6 miljun tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tal-5 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 272, 7.10.2016, p. 62), premessa (197).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p.76), premessa (59).

(350) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi Ċiniżi tqiesu bħala li jiffissaw il-prezzijiet għas-suq tal-Unjoni, iżda dan l-iffissar tal-prezzijiet għall-HRF miċ-Ċiniżi waħdu ma kienx deċiżiv. X'aktarx, l-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi: bil-volum u s-sehem mis-suq sinifikanti tagħhom baxxew ukoll il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Mingħajr tali allinjament mal-politika tal-prezzijiet aggressiva mill-erba' pajjiżi, id-dannu kieku ma seħħx.

(351) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa probabbli li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kkontribwixxew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, dan ma kissirx ir-rabta ta' kawżalità bejn id-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-erba' pajjiżi l-oħrajn minħabba l-volumi sinifikanti tagħhom u l-prezzijiet komparattivament baxxi.

(352) Barra minn hekk, kwalunkwe effett mill-esportazzjonijiet Ċiniżi mhuwiex attribwit lill-erba' pajjiżi billi l-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu jqis biss l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-erba' pajjiżi (ara l-premessa (554)).

5.2.2.2. Pajjiżi oħra

(353) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-volum ta' importazzjonijiet u s-sehem mis-suq (f'volum tal-importazzjonijiet totali) minn pajjiżi terzi żviluppaw kif ġej:

*Tabella 19*

**Volumi, prezzijiet unitarji u ishma mis-suq minn pajjiżi terzi (għajr iċ-Ċina)**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| It-Turkija | | | | |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mit-Turkija | 1 001 157 | 473 194 | 667 119 | 824 099 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *47* | *67* | *82* |
| Il-prezzijiet unitarji għall-importazzjoni mit-Turkija | 462 | 452 | 397 | 344 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *98* | *86* | *74* |
| Sehem mis-suq | 3,10 % | – 1,43 % | 1,90 % | 2,43 % |
| Is-sehem tal-volum totali tal-importazzjoni tal-Unjoni | 20,76 % | 9,00 % | 8,45 % | 10,4 % |
| Total (il-pajjiżi kollha barra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, l-Ukrajna u ċ-Ċina) | | | | |
| Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha (tunnellati) | 2 081 103 | 1 684 531 | 1 914 137 | 2 057 998 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *81* | *92* | *99* |
| Prezzijiet unitarji tal-importazzjoni mill-pajjiżi l-oħra kollha | 478 | 461 | 423 | 365 |
| *Indiċi (2013 = 100)* | *100* | *97* | *89* | *76* |
| Sehem mis-suq | 6,44 % | 5,08 % | 5,44 % | 6,07 % |
| Is-sehem tal-volum totali tal-importazzjoni tal-Unjoni | 43,16 % | 32,22 % | 24,24 % | 26,04 % |

*Sors:* Eurostat

(354) Produttur esportatur Brażiljan wieħed sostna li l-fatt li t-Turkija ma kinitx soġġetta għal din l-investigazzjoni kien diskriminatorju. Dan il-produttur esportatur allega li l-volum tal-importazzjonijiet Torok kien ogħla minn dak Brażiljan tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Torok kienu wkoll aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Brażil. Għal dawn ir-raġunijiet, dik il-parti interessata ssottomettiet li l-importazzjonijiet Torok kienu kawża maġġuri tad-dannu li jista' jkun li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni u li l-ilmentatur kellu żball billi ma kkunsidrax l-impatt tal-importazzjonijiet Torok.

(355) Rigward il-pretensjoni dwar diskriminazzjoni, il-Kummissjoni nnutat li l-ilmentatur fl-ilment tiegħu pprovda evidenza *prima facie* li l-produtturi esportaturi Torok ma kinux qed iwettqu dumping tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, kalkoli simili għall-Brażil u l-pajjiżi kkonċernati l-oħrajn issuġġerixxew li l-importazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi kienu oġġett ta' dumping, fatt li ġie kkonfermat ukoll minn din l-investigazzjoni.

(356) Rigward id-dannu potenzjali kkawżat mill-importazzjonijiet mit-Turkija, il-Kummissjoni sabet li l-volum tal-importazzjonijiet mit-Turkija naqas tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, anki jekk l-importazzjonijiet mit-Turkija kkontribwixxew għad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, ma setgħux ikunu l-kawża tax-xejriet dejjem aktar negattivi li nstabu fl-analiżi tad-dannu. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija (EUR 344 għal kull tunnellata, ara t-tabella fil-premessa (353)) bħala medja huma ogħla mill-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati, kif elenkati fit-tabella fil-premessa (264) u ma kinux oġġett ta' dumping fuq il-bażi tal-evidenza *prima facie* ipprovduta mill-ilmentatur (ara l-premessa(355)). Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet Torok ma kissrux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-erba' pajjiżi u d-dannu materjali kkawżat lill-industrija tal-Unjoni.

(357) Rigward il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn, il-Kummissjoni qabblithom mal-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi: kkonċernati. Hija nnutat li l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kkostitwixxew il-maġġoranza vasta tal-importazzjonijiet kollha (4 266 881 tunnellata) fl-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni u li l-volum tagħhom żdied b'77 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. is-sehem tagħhom mis-suq tul il-perjodu ta' investigazzjoni kien 12,58 %. B'kuntrast ma' dan, il-volum aggregat mill-pajjiżi l-oħra kollha biss kien ta' 3 636 846 tunnellata u s-sehem mis-suq tagħhom kien ta' 10,72 % matul l-istess perjodu. Kif elenkat fit-tabella fil-premessa (353), il-volum aggreggat tal-pajjiżi kollha l-oħrajn apparti ċ-Ċina ammonta għal 2 057 998 tunnellata biss, u s-sehem mis-suq tagħhom kien 6,07 %.

(358) Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-pajjiżi terzi l-oħrajn (EUR 365 għal kull tunnellata għall-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn, ara t-Tabella 14 ta' hawn fuq) kienu ogħla mill-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna (EUR 323 għal kull tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni, ara l-premessa (265)). Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn ma kissrux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(359) Il-ġurisprudenza teħtieġ li l-Kummissjoni twettaq analiżi ta' attribuzzjoni tal-fatturi differenti. Fl-investigazzjoni preżenti, l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kkawżaw dannu effettiv lill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Indipendentement mill-investigazzjoni preżenti, bis-sejbiet preżenti dwar volumi u prezzijiet elenkati fil-premessi (357) u (358), l-importazzjonijiet tal-pajjiżi kollha l-oħrajn apparti ċ-Ċina ma kissrux ir-rabta ta' kawżalità fil-każ inkwistjoni, u kellhom biss impatt marġinali jew xejn, fuq l-istampa tad-dannu.

5.2.3. *Il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni*

(360) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppa kif ġej:

*Tabella 20*

**Il-volumi tal-esportazzjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun**

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati | 2 379 035 | 2 777 446 | 2 409 721 | 2 075 670 |

| | 2013 | 2014 | 2015 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi (2013 = 100) | *100* | *117* | *101* | *87* |
| Prezz medju (EUR/tunnellata) | 463 | 459 | 391 | 357 |
| Indiċi (2013 = 100) | *100* | *99* | *84* | *77* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(361) Il-volum tal-bejgħ għall-esportazzjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun naqas bi 13 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet, dawn naqsu b'mod sinifikanti, bi 23 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(362) Il-bejgħ għall-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ikkorrisponda għal madwar 25 % tal-bejgħ totali tagħhom fis-suq ħieles tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, mil-lat tal-perċentwali it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni segwa l-istess xejra bħall-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

(363) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kkontribwixxiet għad-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, sabet li dan il-fattur ma kissirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni kemm għall-istess raġuni stipulata fil-premessi (350) u (351), jiġifieri minħabba l-volumi sinifikanti u l-prezzijiet komparattivament baxxi tal-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi, u billi l-impatt tagħhom kien marġinali biss.

5.2.4. *Is-sitwazzjoni speċifika ta' produttur Taljan wieħed tal-Unjoni*

(364) Parti interessata waħda ppretendiet li l-inklużjoni tal-produttur Taljan Ilva fid-*data* tad-dannu kienet tgħawweġ l-istampa tad-dannu. Ippretendiet li l-produzzjoni effettiva u l-bejgħ tal-produttur Taljan naqsu b'mod sinifikanti tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għal raġunijiet mhux relatati mal-importazzjonijiet tal-pajjiżi kkonċernati.

(365) L-ewwel, kif stipulat fil-premessa (215), id-definizzjoni u l-analiżi tal-industrija tal-Unjoni huma bbażati fuq l-industrija tal-Unjoni kollha, inkluż dak il-produttur Taljan. B'hekk, mhuwiex xieraq kieku dak il-produttur jiġi eskluż mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-fatt li dak il-produttur Taljan naqqas il-produzzjoni attwali tiegħu (b'inqas minn 700 000 tunnellata) tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma jistax jispjega bis-sħiħ it-tnaqqis fil-livelli ta' produzzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni (– 1,7 miljun tunnellata). Xi produtturi tal-Unjoni kienu f'pożizzjoni jżidu l-produzzjoni effettiva tagħhom tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda xi wħud oħrajn (bħal Ilva) ma kinux. L-istess raġunament jgħodd għad-*data* dwar il-bejgħ.

(366) B'żieda ma' dan, Ilva mhuwiex produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun, u b'hekk ma influwenzax ix-xejriet osservati fl-indikaturi mikroekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġarrbu telf tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan ikkorrobora s-sejba li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu fl-intier tagħha.

(367) Barra minn hekk, l-impatt tas-sitwazzjoni speċifika ta' wieħed produttur Taljan fuq l-istampa ġenerali tal-industrija tal-Unjoni kien ukoll limitat. Minkejja l-fatt li dak il-produttur Taljan naqqas il-volumi tiegħu tal-produzzjoni u tal-bejgħ, produtturi oħra tal-Unjoni kienu f'pożizzjoni jipproduċu u jbigħu volumi relattivament ikbar u mlew il-vojt ikkreat minn dak il-produttur Taljan. Madankollu, dawn il-produtturi tal-Unjoni ma kellhom ebda għażla oħra ħlief li jsegwu l-livell tal-prezzijiet stabbiliti mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping sabiex jevitaw li jitilfu aktar mis-sehem mis-suq tagħhom.

(368) Barra minn hekk, il-fatt li ċerti produtturi tal-Unjoni jkollhom prestazzjoni relattivament aħjar fis-suq tal-Unjoni minn oħrajn jista' jkun riżultat ta' diversi fatturi iżda ma jaffettwax il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni inġenerali ġarrbet dannu kkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(369) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt ta' wieħed produttur Taljan kien limitat u ma kienx jikkontribwixxi għad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Il-kapaċità żejda tal-industrija Ewropew tal-azzar u l-kapaċità żejda fl-industrija dinjija tal-azzar*

(370) Xi partijiet interessati ppretendew li dak li kkawża d-dannu lill-industrija tal-UE ma kienx l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, iżda x'aktarx il-kapaċità żejda tal-produtturi tal-Unjoni. Sabiex jikkorroboraw il-pretensjoni tagħhom, dawk il-partijiet interessati rreferew għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-azzar.

(371) Il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument. Minkejja li f'livell dinji hawn problema ta' kapaċitajiet żejda fil-qasam tal-azzar ([1]), inkluż fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li tliet fabbriki ([2]) tal-industrija tal-Unjoni naqqsu konsiderevolment il-volumi ta' produzzjoni effettivi tagħhom tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'livell globali, il-volum ta' produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni tnaqqas bi 2 %, kif elenkat fit-tabella fil-premessa (278).

(372) Kif jidher mit-tabella tal-premessa (301), il-profittabbiltà ħżienet b'mod sinifikanti, u ġġarrab telf rekord tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Konsegwentement, dan juri li m'hemmx korrelazzjoni diretta bejn iċ-ċifri relattivament stabbli tal-produzzjoni u tal-kapaċità minn naħa u t-telf jeħżien min-naħa l-oħra, meta wieħed iqis ir-rieda tal-industrija tal-Unjoni li tadatta għall-kundizzjonijiet tas-suq jinbidlu sabiex tibqa' kompetittiva.

(373) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kapaċità żejda tal-industrija Ewropea tal-azzar ma kissritx ir-rabta ta' kawżalità.

(374) Rigward l-argument addizzjonali li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni ġie kkawżat mill-kapaċità żejda f'livell dinji fil-qasam tal-HRF, it-tabella ta' hawn taħt turi l-kapaċitajiet ta' riżerva teoretiċi għall-azzar mhux maħdum u l-livelli effettivi ta' produzzjoni fil-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna.

*Tabella 21*

**Kapaċitajiet għall-azzar mhux maħdum u livelli effettivi ta' produzzjoni tal-prodott simili mil-lat tal-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna (f'eluf ta' tunnellati)**

| Pajjiż | Kapaċità ta' azzar mhux maħdum stmat għas-sena 2015 ([1]) | Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2015 ([2]) | Kapaċità eċċessiva teoretika fl-2015 ([1]) ([2]) | Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2014 | Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2015 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Brażil | 49 220 | 33 256 | 15 964 | 14 229 | 13 388 |
| L-Iran | 28 850 | 16 146 | 12 704 | 8 276 | 7 872 |
| Ir-Russja | 90 000 | 70 898 | 19 102 | 26 898 | 27 509 |
| L-Ukrajna | 42 500 | 22 968 | 19 532 | 7 867 | 6 314 |

([1]) *Sors tad-data dwar il-kapaċità:* OECD (OECD, DSTI/SU/SC(2016)6/Final, 5 ta' Settembru 2016, id-Direttorat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, Ċifri aġġornati dwar il-kapaċità tax-xogħol tal-azzar u qafas propost għat-titjib tal-attività ta' monitoraġġ tal-kapaċità, Anness, p. 7 u segwitu).
([2]) *Sors tad-data dwar il-produzzjoni:* L-Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Il-Yearbook tal-Istatistika tal-Azzar 2015 (L-Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Il-Yearbook tal-Istatistika tal-Azzar 2016, it-Tabella 1 fil-Paġni 1 u 2 u t-Tabella 13 fil-Paġna 35, http://www.worldsteel.org/statistics/statistics-archive/yearbook-archive.html).

(375) Dawn il-kapaċitajiet żejda skattaw prattiki ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kollha.

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa, (COM(2016) 155 final, Brussell, 16.3.2016. Dan id-dokument jipprovdi t-tagħrif li ġej dwar il-kapaċità żejda fil-qasam tal-azzar f'livell dinji:
— Paġna 2: … "it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fiċ-Ċina u f'ekonomiji emerġenti oħra kellu impatt negattiv fuq id-domanda globali tal-azzar mill-2014";
— Paġna 6: … "Flimkien mal-miżuri mmirati biex itaffu l-effetti globali tal-kapaċità żejda, il-Kummissjoni qed tindirizza l-kawżi sottostanti tal-problema mas-sħab ewlenin tagħna. Problema globali teħtieġ soluzzjoni globali."

([2]) Ilva, ThyssenKrupp u Tata Steel UK

(376) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kapaċitajiet żejda madwar id-dinja ma jkissrux ir-rabta ta' kawżalità fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ. F'dan il-każ, il-kapaċità żejda hija waħda mir-raġunijiet għall-prattiki ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

5.2.6. *Il-produtturi tal-Unjoni mhumiex kompetittivi biżżejjed*

(377) Xi partijiet interessati allegaw li l-produtturi tal-Unjoni: ma kinux kompetittivi biżżejjed minħabba spejjeż komparattivament ogħla tal-enerġija (primarjament tal-elettriku). Parti interessata oħra allegat li l-industrija tal-Unjoni kienet ikkaratterizzata min-nuqqas ta' investimenti u ta' innovazzjoni.

(378) Fejn jidħlu l-ispejjeż tal-enerġija, l-enerġija, għalkemm importanti, mhijiex il-parti ewlenija tal-ispejjeż għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni sabet fuq il-bażi ta' studju speċjalizzat reċenti li l-prezzijiet Ewropej tal-elettriku naqsu bi 12 % tul il-perjodu 2010 — 2015. Bħala riżultat, l-Unjoni saret ir-reġjun bir-raba' l-inqas livell ta' prezzijiet tal-elettriku fid-dinja ([1]). B'hekk, wieħed ma jistax jargumenta li l-produtturi tal-Unjoni: għandhom żvantaġġ komparattiv f'dan ir-rigward. It-tielet, dawn l-argumenti dwar l-ispejjeż tal-elettriku ma jistgħux jiġu rrikonċiljati mal-fatt li l-industrija tal-Unjoni xorta kienet kapaċi tikseb profitti ta' madwar 0,4 % fl-2013 kif ukoll matul il-perjodu 2007 — 2011, meta dan l-allegat żvantaġġ komparattiv f'termini ta' spejjeż kien jeżisti wkoll.

(379) Rigward l-allegazzjoni dwar nuqqas ta' investimenti u ta' innovazzjoni, il-Kummissjoni sabet matul l-investigazzjoni li kien għad hemm investimenti għaddejjin li jaqbżu l-EUR 240 miljun tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara l-premessa (305)). Fejn tidħol l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx innovattiva, dik il-parti interessata ma pprovdiet l-ebda evidenza biex tissostanzja din l-asserzjoni.

(380) Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjoni li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva biżżejjed u kkonkludiet li dawn il-fatturi ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.7. *Prezzijiet baxxi tal-HRF fis-suq tal-Unjoni minħabba prezzijiet baxxi tal-materja prima u / jew prezzijiet baxxi tal-HRF madwar id-dinja*

(381) Produttur esportatur wieħed mill-Brażil sostna li l-prezzijiet baxxi tal-materja prima fil-manifattura tal-azzar, b'mod partikolari ta' minerali tal-ħadid, wasslu għal tnaqqis tal-prezzijiet tas-suq tal-HRF fis-suq tal-Unjoni. Il-produttur esportatur tal-Ukrajna argumenta li l-allegat effett tal-prezzijiet fis-suq domestiku tal-Unjoni ma kienx ikkawżat mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, iżda x'aktarx dovut għal xejra 'l isfel kullimkien fid-dinja rigward il-prezzijiet tal-HRF.

(382) Il-Kummissjoni analizzat kemm il-prezzijiet tal-HRF u kemm l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-materja prima għall-HRF għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(383) Matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonfermat li l-prezzijiet għall-materja prima waqgħu bejn l-2012 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Pereżempju, il-prezz għall-minerali tal-ħadid naqas minn madwar USD 141 kull MT għal USD 52 kull MT — tnaqqis ta' aktar minn 60 %.

(384) Madankollu, meta jiġu analizzati l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-akbar produttur tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni sabet li l-impatt ta' dan it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima huwa ħafna aktar baxx mill-evoluzzjoni osservata fil-prezzijiet. Pereżempju, il-kontribut mill-aktar materji primi importanti ammonta għal madwar 70 % tal-ispiża totali tal-produzzjoni tiegħu fl-2013, iżda kien għadu jirrappreżenta madwar 60 % tal-ispiża totali tal-produzzjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni diretta bejn it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima u tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni fir-rigward tal-HRF.

(385) Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-produzzjoni fi ħdan l-industrija tal-Unjoni b'kollox naqsu b'19 % (ara l-premessa (295)), ħaġa li kienet riżultat mhux biss ta' spejjeż aktar baxxi tal-materja prima, iżda wkoll dovut għal titjib fl-effiċjenza milħuq mill-produtturi tal-Unjoni kif stipulat fil-premessa (290). Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni naqsu b'perċentwal ogħla tul l-istess perjodu, jiġifieri b'27 % (ara l-premessa (265)).

([1]) Estratt mill-istudju axxendenti l-aħħar riċenti tal-KE dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija li sar minn konsorzju ta' konsulenti, fosthom Ecofys u CEPS, Lulju 2016.

(386) Taħt kundizzjonijiet ġusti tas-suq, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' żżomm il-livelli tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex tikseb il-benefiċċji mit-tnaqqis fl-ispejjeż u terġa' ssir profittabbli. Però, il-produtturi tal-Unjoni kellhom isegwu x-xejra tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u jnaqqsu l-prezzijiet tagħhom huma wkoll. Tul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni: kienu sfurzati jbigħu bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża sabiex jevitaw li jiċċkien aktar is-sehem tagħhom mis-suq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjoni li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-HRF madwar id-dinja u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima kkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

## 5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(387) Ġiet stabbilita rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna minn naħa u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni min-naħa l-oħra. Kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda qawwija tal-livell tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi tnaqqis kontinwu tal-prezzijiet tal-bejgħ mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna u l-waqgħa tal-prestazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem. L-industrija tal-Unjoni ma kellha ebda għażla oħra ħlief li ssegwi l-livell tal-prezzijiet stabbiliti mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping sabiex tevita li jiċċkien aktar is-sehem tagħha mis-suq. Dan irriżulta f'sitwazzjoni ta' telf. Bħala riżultat, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tibbenefika mill-irkupru tal-konsum tal-Unjoni u kienet sfurzata tbigħ il-prodotti tagħha fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispejjeż.

(388) Il-Kummissjoni sabet li fatturi oħra li forsi kellhom xi impatt fuq is-sitwazzjoni fl-industrija tal-Unjoni kienu: importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, u l-kapaċità żejda fl-industrija Ewropea tal-azzar u l-kapaċità żejda tal-industrija tal-azzar f'livell dinji.

(389) Fil-qosor, il-Kummissjoni qieset li l-ebda argument ippreżentat mill-partijiet interessati dwar il-fatturi l-oħra wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni ma jista' jbiddel ir-riżultati li stabbilixxew rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

(390) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-fatturi flimkien jew separatament ma setgħux ikissru r-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li nstab li ġie kkawżat lill-industrija tal-Unjoni u li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati baqgħu l-kawża ewlenija tad-dannu għar-raġunijiet li ġejjin. Kif stabbilit fil-premessa (357), l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kkostitwixxew il-maġġoranza vasta tal-importazzjonijiet kollha (4 266 881 tunnellata) fl-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni u l-volum tagħhom żdied b'77 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (362), il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-esportazzjoni jikkorrispondi biss għal parti żgħira (25 %) mill-bejgħ totali fis-suq ħieles filwaqt li l-kapaċitajiet żejda fl-erba' pajjiżi kkonċernati huma preċiżament waħda mir-raġunijiet għall-prattiki ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

(391) Xi wħud mill-fatturi magħrufa apparti l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping — il-kriżi ekonomika, is-sitwazzjoni ta' produttur Taljan wieħed partikolari, in-nuqqas ta' kompetittività tal-produtturi tal-Unjoni, u l-prezzijiet baxxi tal-HRF fis-suq tal-Unjoni minħabba l-prezzijiet baxxi tal-materja prima u / jew prezzijiet baxxi tal-HRF madwar id-dinja — instab li ma kinux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(392) Il-partijiet tgħarrfu b'dawn is-sejbiet permezz tad-Dokument ta' Informazzjoni. Il-partijiet interessati pprovdew kummenti, li huma indirizzati fil-premessi li ġejjin. Dawn il-kummenti ttieħdu inkonsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta hija wasslet għad-deċiżjoni finali tagħha.

(393) Il-produtturi esportaturi Russi MMK Group u Severstal Group ippretendew li r-rabta kawżali allegata bejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u kwalunkwe deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bejn l-1 ta' Lulju 2015 u t-30 ta' Ġunju 2016 titkisser b'mod ovvju mis-sejbiet tar-Regolament definittiv dwar iċ-Ċina. F'dan ir-rigward, huma għamlu riferiment għat-tkabbir sostanzjali u rapidu tal-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi mill-2015 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni fil-proċediment attwali u għax-xejra aktar 'l isfel tal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi (– 33 %), kif stabbilit fil-premessa (161) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1778 ([1]) ("ir-Regolament proviżorju dwar iċ-Ċina"). Dawn il-produtturi esportaturi Russi jirreferu b'mod speċifiku għall-premessi minn (178) sa (182), (184) u (188) tar-Regolament proviżorju dwar iċ-Ċina bħala evidenza li kienu l-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu responsabbli għas-sitwazzjoni li marret għall-agħar fil-perjodu Lulju 2015 — Ġunju 2016 u mhux l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, b'mod simili

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68).

għall-kummenti tal-produtturi esportaturi Russi, il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku stqarr li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu fattur deċiżiv li affettwa b'mod negattiv l-istat tal-industrija tal-Unjoni, mhux l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Wara d-divulgazzjoni finali, l-istess pretensjoni kienet imtennija minn dawn il-produtturi esportaturi Russi u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.

(394) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. Il-premessi li għalihom irreferew il-produtturi esportaturi Russi għandhom x'jaqsmu mal-perjodu 2012–2015 u mhux il-perjodu taħt kunsiderazzjoni fil-proċediment attwali. L-istess jgħodd rigward ix-xejra 'l isfel tal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-ispjegazzjonijiet inklużi fil-premessa (325) u ttenni li m'hemmx kontradizzjoni bejn il-każ preżenti u l-każ li jirrigwarda liċ-Ċina. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina jista' jkun li kkontribwixxew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa (349), iżda li ma kinux ikissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali li nstab tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(395) Il-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku stqarr ukoll li, għall-kuntrarju tal-produtturi tal-Unjoni, għall-manifatturi Russi s-sehem tal-ispejjeż tal-materja prima fl-ispejjeż totali tal-produzzjoni kien jikkorrispondi għal aktar minn 60 % fl-2015. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima wassal għal tnaqqis ikbar fil-prezzijiet tal-HRF tal-produtturi esportaturi Russi milli tal-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, kien jistenna li l-Kummissjoni se tivvaluta dan l-element b'mod xieraq għall-finijiet ta' dan il-proċediment. Barra minn hekk, il-Ministeru Russu ppretenda li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu ħafna aktar baxxi mill-kost unitarju medju tal-produzzjoni u li n-nuqqas ta' profittabbiltà fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni seta' kien fattur li kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Ministeru Russu talab li l-Kummissjoni terġa' tikkunsidra d-determinazzjoni tal-kawżalità fil-proċediment attwali. Wara d-divulgazzjoni finali, l-istess pretensjoni rigward il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet imtennija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.

(396) Rigward l-argumenti tal-Ministeru Russu dwar il-prezzijiet tal-materja prima, il-Kummissjoni rreferiet għall-premessa (381) u s-segwitu, fejn sabet li rigward il-produtturi tal-Unjoni:, m'hemmx korrelazzjoni diretta bejn il-waqgħa fil-prezzijiet tal-materja prima u xi tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni għall-HRF. Jekk it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima wassal għal tnaqqis ikbar fil-prezzijiet tal-HRF tal-produtturi esportaturi Russi milli tal-produtturi tal-Unjoni, dan kellu jiġi rifless kemm fil-prezz domestiku kif ukoll fil-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur Russu. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-produttur esportatur Russu kien qed iwettaq dumping tal-prodotti tiegħu fis-suq tal-UE.

(397) Rigward in-nuqqas ta' profittabbiltà b'rabta mal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-premessa (360) u s-segwitu. Mhux biss kienet tirrikonoxxi li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-volumi esportati naqsu b'mod sinifikanti, iżda wkoll li l-volumi tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma kinux jikkorrispondu għal aktar minn 25 % tal-bejgħ totali tagħhom fis-suq ħieles tul il-perjodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa (362)). Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni kellha kontribut marġinali għad-dannu lill-industrija tal-Unjoni, iżda li dan il-fattur ma kissirx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(398) Barra minn hekk, il-produttur esportatur Brażiljan CSN issottometta li l-akkuratezza tal-valutazzjoni tal-kawżalità kienet tiġi affettwata b'mod negattiv (i) mill-inklużjoni tal-importazzjonijiet imwettqa mill-ArcelorMittal Group fil-valutazzjoni tad-dannu; u (ii) mill-kontradizzjoni bejn is-sejbiet fil-każ preżenti rigward l-effetti tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni antidumping parallela dwar l-importazzjoni tal-HRF miċ-Ċina. Rigward l-inklużjoni tal-importazzjonijiet imwettqa mill-ArcelorMittal Group, CSN stqarret li dawn l-importazzjonijiet jikkostitwixxu deċiżjoni konxja u meħuda b'intenzjoni ħażina fi ħdan il-grupp. L-esportatur Brażiljan Usiminas ipprovda kummenti simili billi stqarr li l-parti l-kbira tal-importazzjonijiet mill-Brażil kienu bejgħ/trasferiment ristretti, b'mod partikolari minn ArcelorMittal Brazil għal ArcelorMittal fl-Ewropa. Rigward l-effetti taċ-Ċina, CSN ma qablitx mal-konklużjoni tal-premessa (349), li tipprovdi li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kissrux ir-rabta każwali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi taħt investigazzjoni. F'dan ir-rigward, l-esportatur Brażiljan irrefera għaż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi — bi prezzijiet jonqsu aktar — li żdiedu b'ritmu ħafna aktar mgħaġġel mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi taħt investigazzjoni.

(399) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet. Rigward l-inklużjoni tal-importazzjonijiet imwettqa mill-ArcelorMittal Group mill-kumpanija relatata tagħha fil-Brażil lil kumpaniji relatati fl-Unjoni, il-Kummissjoni

nnutat li ladarba hi kkonkludiet li ġew issodisfati l-kriterji għal valutazzjoni kumulattiva tal-effett tal-importazzjoni oġġett ta' dumping skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-kawżalità għandha titwettaq b'rabta mal-pajjiżi kollha taħt investigazzjoni flimkien. Kif ġie spjegat fil-Kapitolu 4.3.1, il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni kumulattiva ġew issodisfati rigward il-Brażil, ir-Russja, l-Iran u l-Ukrajna. Għalhekk, fil-każ inkwistjoni, il-mistoqsija jekk l-industrija tal-Unjoni ġabitux id-dannu b'idejha tikkonsisti fil-kwistjoni jekk l-importazzjonijiet mill-Brażil imwettqa mill-industrija tal-Unjoni kinux ta' tali natura li jkissru r-rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta vvalutati b'mod kumulattiv. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-importazzjonijiet imwettqa mill-ArcelorMitttal Group tul il-PI rrappreżentaw biss 5,8 % tal-importazzjonijiet totali tal-pajjiżi taħt investigazzjoni. Fuq din il-bażi, ikkonkludiet li dawn il-volumi baxxi ma kinux kapaċi jkissru r-rabta ta' kawżalità bejn id-dumping u d-dannu misjub. L-impatt tagħhom fuq id-dannu kien marġinali.

(400) Rigward il-pretensjoni dwar l-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni għamlet riferiment għall-premessa (394). Anki jekk ikun veru li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'pass aktar mgħaġġel mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi taħt investigazzjoni, il-livell tal-importazzjonijiet tul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati (4,2 miljun tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni) huwa kważi tliet darbiet ikbar mil-livell tal-importazzjonijiet Ċiniżi tul il-perjodu ta' investigazzjoni (1,6 miljun tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni). Għaldaqstant, kif diġà ssemma' qabel, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina jista' jkun li kkontribwixxew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa (349), iżda li ma kinux ikissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali li nstab tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(401) Il-produttur esportatur Usiminas stqarr li l-Kummissjoni falliet li tistabbilixxi li kien hemm rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-importazzjonijiet ta' HRF mill-Brażil. Usiminas ippretendiet li ma kellux ikun hemm dubju li l-importazzjonijiet Brażiljani, bil-volumi baxxi u l-prezzijiet komparattivament ogħla, sempliċiment ma kinux kapaċi jħallu l-effetti ddikjarati ta' dannu fuq l-industrija tal-Unjoni. Usiminas stqarret ukoll li, minkejja li l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kienu kkumulati, il-volumi tagħhom ma setgħux jitqiesu "sinifikanti" skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, is-sehem mis-suq ikkombinat tal-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kien l-aktar l-aktar ta' 12,58 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni, livell baxx wisq biex jikkawża dannu meta wieħed iqis li l-industrija tal-Unjoni kienet iżżomm sehem mis-suq ikbar minn 75 % tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, Usiminas issottomettiet li, fuq il-bażi tad-*data* pprovduta fid-Dokument ta' Informazzjoni, it-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-Unjoni u ż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet ikkombinati mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna ma kkoinċidux fiż-żmien. F'dan ir-rigward, Usiminas sostniet, pereżempju, li l-aktar telf sinifikanti fil-profittabbiltà seħħ bejn l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni, meta s-sehem mis-suq ikkombinat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'mhux aktar minn 0,08 %. U fl-aħħar, hija talbet li l-Kummissjoni tispjega kif kien possibbli li s-sitwazzjoni tal-importazzjoni mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna nbidlet b'mod tant drastiku f'perjodu ta' żmien tant qasir li importazzjonijiet li ma kinux jippreżentaw theddid ta' dannu saru l-kawża ta' dannu materjali effettiv lill-industrija tal-Unjoni.

(402) L-ewwel, kif ġie spjegat fil-premessa (261), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kienu ssodisfati skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Il-marġnijiet ta' dumping stabbiliti b'rabta mal-importazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi, kif elenkati taħt it-Taqsima 3, Dumping, kienu ogħla mil-livell limitu *"de minimis"* u għalhekk mhux negliġibbli.

(403) It-tieni, il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjoni li l-volumi mill-pajjiżi kkonċernati ma jistgħux jitqiesu bħala "sinifikanti" bit-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku. Is-sehem mis-suq: ikkombinat tal-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kien ta' 7,45 % tul l-2013 u laħaq 12,58 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Anki f'volumi assoluti, l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi żdiedu b'mod sinifikanti tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn 2,4 miljun tunnellata tul l-2013 għal 4,3 tunnellata tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 85,1 % għal 76,7 % tul l-istess perjodu, ħaġa li tindika deterjorament fil-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni.

(404) It-tielet, huwa veru li s-sehem mis-suq ikkombinat tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna żdied b'0,08 % biss tul l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, tul l-istess perjodu, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna tnaqqsu wkoll b'mod sinifikanti b'10 %, b'14 %, b'16 % u b'14 % rispettivament, element ieħor li għandu jittieħed inkonsiderazzjoni meta wieħed jiddetermina jekk importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kinux il-kawża ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(405) U fl-aħħar, rigward il-pretensjoni li l-volumi tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma kinux jippreżentaw theddida ta' dannu, il-premessa (188) tar-Regolament proviżorju dwar iċ-Ċina jipprovdi f'dan il-kuntest li "*huwa wkoll probabbli li l-importazzjonijiet mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja, mis-Serbja u mill-Ukrajna kkontribwew għat-theddida ta' dannu materjali*" ([1]). Din l-istqarrija ġiet ikkonfermata fil-premessa (116) tar-Regolament definittiv fir-rigward taċ-Ċina ([2]).

(406) B'żieda ma' dan, l-analiżi tal-kawżalità kif imsemmija fil-premessi minn (337) sa (339) tispjega b'mod ċar u tissostanzja għaliex l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna saru kawża ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Minħabba l-koinċidenza fiż-żmien bejn il-livell li baqa' jiżdied tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem jonqsu u t-telf tal-volum tal-bejgħ u d-dipressjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf, u b'kunsiderazzjoni għal dawn il-livelli msemmija, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu responsabbli għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(407) Barra minn hekk, Usiminas allegat li kwalunkwe dannu li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet tul il-perjodu ta' investigazzjoni kien dovut, mill-inqas parzjalment, għall-effetti tar-reċessjoni ekonomika li kompliet tinħass tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Allegat ukoll li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kif ukoll mit-Turkija, apparti l-ispejjeż għolja tal-enerġija fl-Unjoni, kienu kawża ħafna aktar probabbli tal-allegat dannu milli l-importazzjonijiet mill-Brażil.

(408) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet kif ġej. Rigward l-argument li r-reċessjoni ekonomika kienet kawża tad-dannu, għallinqas f'parti minnu, il-Kummissjoni kkonkludiet tul l-investigazzjoni li minkejja li l-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro kellha impatt negattiv tul is-sena 2013, ma kkawżatx id-dannu materjali li nstab tul il-perjodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa (342)).

(409) Rigward l-argument li fatturi oħra (l-importazzjonijiet miċ-Ċina u mit-Turkija, u spejjeż għolja tal-enerġija) kienu kawża ħafna aktar probabbli tad-dannu allegatament imġarrab mill-industrija tal-Unjoni milli l-importazzjonijiet mill-Brażil, wieħed jista' jistqarr dawn li ġejjin.

(a) L-importazzjonijiet miċ-Ċina: kif stipulat fil-premessi minn (343) sa (349), il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa possibbli li importazzjonijiet Ċiniżi, b'kunsiderazzjoni għall-volumi u l-prezzijiet tagħhom, ikkontribwixxew għad-dannu materjali li nstab f'din l-investigazzjoni, iżda li dan il-fatt ma kissirx ir-rabta kawżali bejn id-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-erba' pajjiżi l-oħrajn;

(b) L-importazzjonijiet mit-Turkija: kif stipulat fil-premessa (356), l-importazzjonijiet mit-Turkija naqsu tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, anki jekk l-importazzjonijiet mit-Turkija kkontribwixxew għad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, ma jistgħux ikunu l-kawża tax-xejriet dejjem aktar negattivi li nstabu fl-analiżi tad-dannu.

(c) Spejjeż għolja tal-enerġija: F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (378). Wieħed ma jistax jargumenta li l-produtturi tal-Unjoni: għandhom żvantaġġ komparattiv rigward dawn l-ispejjeż. Bis-saħħa tal-prezzijiet tal-elettriku dejjem jonqsu tul il-perjodu 2010–2015, l-Unjoni saret ir-reġjun bir-raba' l-inqas livell ta' prezzijiet tal-enerġija fid-dinja

(410) il-Kummissjoni qieset li l-ebda argument ippreżentat mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni ma jista' jbiddel ir-riżultati li stabbilixxew rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(411) Wara d-divulgazzjoni finali, kumpanija Brażiljana CSN sostniet li l-impatt tal-ArcelorMittal Group fuq id-dannu għandu jiġi separat u distint mill-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Brażil. B'konsegwenza ta' dan, l-investigazzjoni fir-rigward tal-Brażil jenħtieġ li tintemm, billi s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping jonqos taħt il-livell *de minimis* fin-nuqqas ta' importazzjonijiet minn ArcelorMittal Group, ikklassifikat bħala dannu kkaġunat mill-industrija stess.

(412) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni. Anke jekk il-Kummissjoni kellha tiżola l-importazzjonijiet ta' ArcelorMittal Group, il-bqija tal-importazzjonijiet Brażiljani, ikun manifestament mhux negliġibbli. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (399), ladarba jiġi konkluż li ġew issodisfati l-kriterji għal valutazzjoni kumulattiva tal-effett tal-importazzjoni oġġett ta' dumping skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-kawżalità jneħiteġ li titwettaq b'rabta mal-pajjiżi kollha taħt investigazzjoni flimkien.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 272, 7.10.2016).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68).

(413) Għalhekk, fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja u mill-Ukrajna. Fatturi oħra magħrufa li fl-istess żmien kellhom xi impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, meqjusa b'mod individwali jew kollettiv, ma kissrux ir-rabta ta' kawżalità.

## 6. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

### 6.1. **Kummenti preliminari**

(414) B'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ. Hija tat konsiderazzjoni speċjali lill-bżonn li jiġu eliminati l-effetti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni minn dumping dannuż u li tiġi ristabbilita kompetizzjoni effettiva. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

(415) Il-partijiet ġew informati bis-sejbiet tal-Kummissjoni dwar l-interess tal-Unjoni permezz tad-Dokument ta' Informazzjoni. Il-partijiet interessati pprovdew kummenti, li huma indirizzati fil-premessi li ġejjin. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (28) u s-segwitu, il-Kummissjoni ġabret ukoll informazzjoni addizzjonali dwar l-iżviluppi ta' wara l-PI. Żaret għadd ta' utenti, assoċjazzjonijiet u produtturi tal-Unjoni wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, kif spjegat fil-premessa (29). Il-kummenti tal-partijiet u l-informazzjoni addizzjonali miġbura dwar l-iżviluppi ta' wara l-PI ttieħdu inkonsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta hija waslet għad-deċiżjoni finali tagħha dwar l-interess tal-Unjoni, u jiġu diskussi fil-premessi li ġejjin.

(416) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur stqarr li kellu riżervazzjonijiet serji rigward il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tad-*data* ta' wara l-PI bil-għan li jiġi ddeterminat l-interess tal-Unjoni. L-ilmentatur stqarr li l-perjodu ta' wara l-PI ma setax ikun bażi għad-dgħajfien tal-konklużjonijiet ovvji li għandhom jirriżultaw mid-*data* tal-PI. B'żieda ma' dan, hu stqarr li, jekk il-Kummissjoni ddeċidiet li tivvaluta *data* ta' wara l-PI, ikollha tħares ukoll lejn il-perjodu ta' wara Marzu tal-2017 billi "*id-data Q2 2017 hija l-aħjar evidenza ta' x'jiġri kieku ma jiġux imposti dazji* ([1])".

(417) Barra minn hekk, wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti rigward il-ħtieġa li jittieħdu inkonsiderazzjoni żviluppi importanti ta' wara l-PI mil-lat tal-membri tal-Konsorzju, mill-produtturi esportaturi u mill-Missjoni tal-Brażil għall-Unjoni Ewropea. Il-parti l-kbira tal-kummenti rreferew għal żviluppi relatati mal-prezzijiet, b'mod partikolari li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili żdiedu sinifikantement wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(418) Rigward l-argumenti tal-ilmentatur, huwa prinċipju bażiku li, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment m'għandhiex tittieħed inkonsiderazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li fil-kuntest tad-determinazzjoni ta' jekk hemmx interess tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni tista' tiġi kkunsidrata. ([2]). Il-valutazzjoni tad-*data* ta' wara l-PI kopriet kemm jista' jkun aktar mill-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Intbagħtu xi mistoqsijiet ta' segwitu lill-partijiet interessati għall-perjodu ta' wara Marzu tal-2017, u t-tweġibiet ittieħdu wkoll inkonsiderazzjoni.

(419) L-iżviluppi ta' wara l-PI rreferew, b'mod partikolari, għal żieda drastika fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili u nuqqas ta' provvisti fis-suq rigward ċerti tipi ta' prodott, li huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni rigward l-impożizzjoni ta' miżuri adegwati, b'mod partikolari minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ. Għalhekk, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li, b'mod eċċezzjonali, tinvestiga dawn l-iżviluppi ta' wara l-PI fil-perjodu ta' bejn Lulju 2016 u Marzu 2017 (u lil hinn minn Marzu 2017) fil-kuntest tal-valutazzjoni tagħha tal-interess tal-Unjoni kienet iġġustifikata u xierqa.

([1]) Sottomissjoni mill-Eurofer tat-2 ta' Mejju 2017, p. 12: Din l-istqarrija tirreferi għall-fatt li waqt il-fażi proviżorja, il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli l-investigazzjoni mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

([2]) Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, *Transnational Company "Kazchrome" and ENRC Marketing v il-Kunsill*, il-Kawża T-192/08. EU:T:2011:619, paragrafu 221.

### 6.2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(420) L-industrija tal-Unjoni tinsab f'diversi Stati Membri (ir-Renju Unit, Franza, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Belġju, il-Polonja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Portugall, l-Ungerija u Spanja), u timpjega direttament madwar 18 000 impjegat li jaħdmu għall-prodott simili fid-diversi impjanti tal-azzar tal-produtturi tal-Unjoni: (ara l-premessa (289)).

(421) Sbatax-il produttur ikkooperaw matul l-investigazzjoni. Produttur wieħed Taljan oppona l-bidu tal-investigazzjoni.

(422) Kif intwera fil-premessa (387), l-industrija kollha tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha, b'mod partikolari mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem, u ġiet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. B'mod partikolari, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, bħall-profittabbiltà, ġew affettwati serjament.

(423) Barra minn hekk, huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping definittivi tistabbilixxi mill-ġdid kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tirkupra. Dan iwassal għal titjib fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni lejn livelli meqjusa neċessarji għal din l-industrija b'kapital intensiv. L-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brazil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna.

(424) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji addizzjonali ta' wara l-PI lis-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Ġew riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarji ta' wara l-PI mis-sitt produtturi tal-Unjoni kollha kemm huma, u l-ilmentatur ġie infurmat li s-servizzi tal-Kummissjoni kienu ġejjin bil-għan li jivverifikaw *data* rilevanti fil-post.

(425) Id-*data* ta' wara l-PI miġbura mingħand is-sitt produtturi tal-Unjoni wriet li l-profittabbiltà ta' kull produttur individwali tal-Unjoni qiegħda tvarja. Bħala medja, matul il-PI, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġarrbu telf li jammonta għal – 7,8 %. Tul il-perjodi ta' wara l-PI minn Lulju sa Diċembru 2016 u Jannar sa Marzu 2017, il-profittabbiltà kienet 2 % u 8,6 %, rispettivament. Dawn il-perċentwali huma l-medja taċ-ċifri tal-profittabbiltà ponderati qabel it-taxxa għall-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, kif muri fid-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-introjtu tagħhom espressi bħala perċentwali b'rabta mal-bejgħ tagħhom fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati.

(426) Il-Kummissjoni ttenni li, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjoni dwar id-dannu ntlaħqet fuq il-bażi ta' *data* vverifikata mill-PI. Il-ġbir u l-verifika tad-*data* ta' wara l-PI, min-naħa l-oħra, saru biss fil-qafas tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni. It-Tabella fil-premessa (301) uriet it-telf għoli u l-fluss tal-flus negattiv mis-sena 2013 'il quddiem.

(427) Fuq il-bażi tal-informazzjoni addizzjonali riċevuta, il-Kummissjoni sabet li l-valutazzjoni ġenerali tal-iżvilupp tal-profitti u l-ispejjeż tul il-perjodi ta' wara l-PI la tista' ttaffi x-xejriet negattivi li nstabu għall-indikaturi l-oħra tad-dannu u lanqas tpatti għall-erba' perjodi konsekuttivi ta' telf għoli.

(428) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping definittivi tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.3. L-interess tal-importaturi

(429) Kif intqal fil-premessa (8), is-seba' importaturi li ppreżentaw ruħhom kienu kollha membri tal-Konsorzju u kienu kontra l-impożizzjoni ta' miżuri f'din l-investigazzjoni partikolari.

(430) Fejn jidħol l-importatur mhux relatat inkluż fil-kampjun, l-attivitajiet relatati mal-prodott ikkonċernat kienu jirrappreżentaw bejn 5 % u 10 % tal-fatturat totali tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Hu oppona l-impożizzjoni potenzjali ta' miżuri antidumping bil-kunsiderazzjoni li dawn jistgħu jwasslu għal tnaqqis ulterjuri jew waqfien tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

(431) Il-Kummissjoni nnutat li, kif stipulat fil-premessi (453) u (458), tul l-ewwel xhur tal-2017, importazzjonijiet tal-HRF minn pajjiżi oħra apparti l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna pattew sa ċertu punt għall-volumi li kienu qed jiġu importati mill-pajjiżi kkonċernati qabel il-bidu ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux se tħalli effett konsiderevolment negattiv fuq l-importaturi, iżda li huma jkollhom jibdlu sorsi, ħaġa li twassal għal spejjeż addizzjonali għal dawn l-importaturi.

### 6.4. **L-interess tal-utenti**

#### 6.4.1. *Introduzzjoni*

(432) Il-prodotti ċatti tal-azzar b'laminazzjoni termali jintużaw bħala input industrijali li l-utenti aħħarin jixtru għal varjetà ta' applikazzjonijiet, inkluż fil-kostruzzjoni (il-produzzjoni ta' tubi tal-azzar), fil-bini ta' bastimenti, kontenituri tal-gass, kontenituri taħt pressjoni u pipelines tal-enerġija.

(433) Fis-swieq downstream tal-prodott ikkonċernat, l-utenti qed jikkompetu mal-kumpaniji relatati integrati vertikalment fl-industrija tal-Unjoni. Il-prodott ikkonċernat/prodott simili huwa element ta' kost għad-diversi utenti li minnhom qed jiġi pproċessat.

(434) Il-Konsorzju għamel diversi sottomissjonijiet tul diversi fażijiet tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, fuq talba tiegħu seħħew tliet seduti ta' smigħ.

(435) Il-kumpanija bbażata fl-Italja Marcegaglia Carbon Steel Spa (minn hawn 'il quddiem, "Marcegaglia"), li tipproċessa l-prodott ikkonċernat/simili u tipproduċi, fost l-oħrajn, tubi, pajpijiet u prodotti downstream oħra tal-azzar u hija membru tal-Konsorzju, ipprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju bħala membru tal-Konsorzju. Il-prodott ikkonċernat/prodott simili huwa element ta' kost għal dan l-utent, bħalma jiġri anki fil-każijiet tal-utenti l-oħrajn. Weħidha, Marcegaglia ta' kull sena qed tikkonsma bejn 2.9 u 4.4 miljun tunnellata tal-prodott ikkonċernat/prodott simili. Timporta bejn 1,6 u 2,4 miljun tunnellata tal-prodott kemm mill-pajjiżi kkonċernati u kemm minn pajjiżi terzi oħra. Ikkooperat bis-sħiħ fl-investigazzjoni; Issottomettiet tweġiba għall-kwestjonarju, sussegwentement saritilha żjara fuq il-post, u pprovdiet l-informazzjoni kollha mitluba mill-Kummissjoni tul l-investigazzjoni.

(436) Barra minn hekk, utenti oħra apparti l-membri tal-Konsorzju, b'mod partikolari utenti Baltiċi u Pollakki, issottomettew kummenti direttament wara li nfetaħ il-każ, kif stipulat fil-premessa (17). Esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-ftuħ tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Konfederazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Latvja u l-Assoċjazzjoni tal-Inġinerija Mekkanika u l-Industriji tax-Xogħol fil-Metall tal-Latvja wkoll issottomettew kummenti li bihom opponew il-bidu tal-proċediment. Minkejja li ġiet imfittxija aktar kooperazzjoni mingħand dawn il-partijiet interessati tul l-investigazzjoni, anki wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, ma waslu l-ebda kummenti addizzjonali.

(437) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur stqarr li l-analiżi tal-interess tal-Unjoni kienet qed titgħawweġ mill-fatt li kienet tiffoka biss fuq utenti mhux integrati li jiddependu fuq esportazzjonijiet u li kienu qed jibbenefikaw (u jkomplu jibbenefikaw) mill-provvista ta' materjal ta' input oġġett ta' dumping. Fl-istess ħin, hu allega li l-Kummissjoni naqset milli tqis l-interessi tal-kumpaniji utenti l-oħrajn — utenti relatati ma' produtturi tal-Unjoni u utenti oħrajn li għal diversi raġunijiet mhumiex f'pożizzjoni jiddependu fuq importazzjonijiet. Ippretenda f'dan ir-rigward li n-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri kellu effetti negattivi ħafna fuq l-utenti relatati mal-produtturi tal-Unjoni li jridu jikkompetu mal-utenti li joqogħdu fuq importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(438) Kif imsemmi fil-premessi (28) u (29), wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni,, il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa għas-sejbiet finali tagħha. Għal dan l-għan, bagħtet kwestjonarji addizzjonali ta' wara l-PI lil 74 utent (inklużi membri tal-Konsorzju, utenti relatati ma' produtturi tal-Unjoni, u utenti oħra li għal diversi raġunijiet mhumiex f'pożizzjoni jiddependu fuq importazzjonijiet) u 12-il assoċjazzjoni tal-utenti.

(439) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarji ta' wara l-PI mingħand 25 utent:

— 11-il membru tal-Konsorzju ([1]), jiġifieri li rrappreżentaw 33 % tal-membri kollha tal-Konsorzju, bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju ta' wara l-PI. Huma kontra l-impożizzjoni ta' miżuri.

— Tliet utenti relatati ma' produtturi esportaturi mlew il-kwestjonarju. Huma kontra l-impożizzjoni ta' miżuri.

— Disa' utenti relatati ma' produtturi tal-Unjoni mlew il-kwestjonarju ta' wara l-PI. Huma favur l-impożizzjoni ta' miżuri.

— Żewġ utenti mhux relatati ma' produtturi tal-Unjoni mlew il-kwestjonarju ta' wara l-PI. Huma favur l-impożizzjoni ta' miżuri.

Mill-25 tat-tweġibiet għall-kwestjonarju ta' wara l-PI, 14 tlestew kompletament mill-utenti.

(440) Barra minn hekk, tnejn mit-12-il assoċjazzjoni tal-utenti pprovdew informazzjoni addizzjonali.

(441) F'dan ir-rigward, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kellha tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda impatt fuq l-utenti minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin: Kienu biss ftit l-utenti li rreaġixxew għall-ewwel kwestjonarju, il-livell ta' rispons mill-utenti għal numru kbir ta' kwestjonarji ta' wara l-IP kien baxx, inkluż rata baxxa ta' risposti mill-membri tal-Konsorzju, u fl-aħħar nett l-opinjonijiet tal-maġġoranza tal-utenti, li pprovdew *data* finanzjarja u li appoġġaw id-dazji, ġew fil-biċċa l-kbira injorati.

(442) Il-Kummissjoni reġgħet tenniet li hija kienet wettqet l-investigazzjoni ta' interess tal-Unjoni f'konformità sħiħa mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku:

Meta saret id-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni (ara l-premessa (22), 4 ta' April 2017), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien hemm livell baxx ta' kooperazzjoni mill-utenti għall-ewwel kwestjonarju. Hija stiednet lill-partijiet biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li kienu nġabru sa dak iż-żmien fl-istadju proviżorju. Hija nnutat ukoll f'dak il-mument li l-provi dokumentarji miksuba minn sors wieħed ma kinux konsistenti ma' dawk miksuba minn sorsi oħra, inklużi l-istqarrijiet konfliġġenti bejn l-industrija tal-Unjoni u l-konsorzju dwar il-marġini tal-profittabbiltà u l-possibbiltà li jgħaddu żidiet fil-prezzijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ddeterminat liema proċeduri addizzjonali kienu meħtieġa biex tinġabar evidenza kompetenti. Dan kien f'konformità mal-Artikolu 21(1) (it-tieni sentenza) u 21(2) tar-Regolament bażiku, skont liema, determinazzjoni skont dan l-Artikolu tenħtieġ li ssir biss meta l-partijiet kollha jkunu ngħataw l-opportunità li jippreżentaw l-opinjonijiet. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(5) tar-Regolament bażiku jipprevedi li l-Kummissjoni għandha teżamina li l-informazzjoni tiġi ppreżentata kif suppost wara l-istadju proviżorju.

(443) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx konvinta mill-argument tal-ilmentatur, li l-livell ta' tweġibiet mill-utenti għall-kwestjonarji ta' wara l-IP kienu baxxi wisq biex jinsiltu konklużjonijiet sinifikanti minnhom. Hija kienet irċeviet 14-il kwestjonarju ta' wara l-PI mimlijin mill-utenti (ara t-Tabella fil-premessa (498)). Dawn ir-risposti kienu jinkludu utent wieħed importanti (Marcegaglia), kif spjegat fil-premessa (435), li waħedha kkunsmat bejn 8,5 % u 13 % tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni HRF. Barra minn hekk, it-weġiba ta' wara l-PI ta' ESTA tirrappreżenta mill-anqas aktar minn 100 produttur tat-tubi tal-azzar fl-Unjoni ([2]). L-informazzjoni tagħha dwar il-profittabbiltà kemxejn negattiva tas-settur kollu tat-tubi ikkonfermat l-evidenza miksuba mill-utenti li kkooperaw bis-sħiħ billi mlew il-kwestjonarji ta' wara l-PI. Il-Kummissjoni għalhekk temmen li l-25 tweġiba (14 minnhom kienu kwestjonarji sħaħ ta' wara l-PI mingħand l-utenti) jistgħu jitqiesu bħala rappreżentattivi sabiex jittieħdu l-konklużjonijiet dwar is-suq kollu ta' produtturi ta' tubi tal-azzar f'konformità sħiħa mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament bażiku:

([1]) Minkejja li l-membri kollha tal-Konsorzju ntalbu jimlew il-kwestjonarji ta' wara l-PI, l-avukat li kien jirrappreżenta l-Konsorzju semma' li xi whud ma kellhomx l-istruttura organizzazzjonali biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba ta' wara l-PI, filwaqt li oħrajn kienu mħabbtin bl-għeluq tas-sena finanzjarja, apparti l-festi pubbliċi u l-iskadenza qasira mogħtija biex jimtela l-kwestjonarju.

([2]) ESTA stess wieġbet, fl-10 ta' Mejju 2017 lis-servizzi tal-Kummissjoni li "*hija tirrappreżenta aktar minn 100 produttur ta' tubi tal-azzar fi 17-il pajjiż tal-UE u tkopri aktar minn 90 % tal-produzzjoni fl-UE. Id-diversità ta' dawn il-produtturi … tista' tkun gruppi internazzjonali kbar jew SMEs b'faċilità ta' produzzjoni waħda biss f'pajjiż wieħed, li jistgħu jkunu wkoll sussidjarji ta' produtturi ewlenin tal-azzar jew kumpaniji mmexxijin mill-familja…*".

(444) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni tal-ilmentatur li hija kienet injorat l-opinjonijiet tal-utenti li kienu favur il-miżuri. L-opinjoni tagħhom kienet imsmmija b'mod ċar fil-premessa (439) u fit-Tabella fil-premessa (498). Madankollu, il-Kummissjoni fehmet ukoll li l-maġġoranza tagħhom kienu parti mill-produtturi tal-azzar tal-HRF tal-Unjoni integrati vertikalment. Dawn ippreżentaw lilhom infushom biss wara azzjoni koordinata, kif muri bis-sottomissjoni ta' formulazzjonijiet standard favur miżuri mingħajr ebda informazzjoni speċifika dwar is-sitwazzjoni partikolari tagħhom Minħabba li kienu bażikament qed jirrepetu l-opinjonijiet ġenerali tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni vvalutat li dawn ma kienu ppreżentaw ebda element ġdid li jista' jibdel il-valutazzjoni tal-interessi rilevanti inkwistjoni.

(445) Is-sottotaqsimiet li ġejjin fihom il-valutazzjoni tal-informazzjoni kollha riċevuta tul din l-investigazzjoni u s-sejbiet tal-Kummissjoni, li għalihom waslet wara li ħadet inkonsiderazzjoni l-kummenti kollha li waslu mingħand il-partijiet interessati.

### 6.4.2. *Pretensjonijiet mingħand l-utenti*

(446) Il-Konsorzju argumenta li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, b'żieda mal-miżuri fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina, twassal kieku għal sitwazzjoni li fiha l-utenti m'għadx għandhom aċċess għal provvisti affidabbli fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari ta' koljaturi ta' kwalità għolja użati għall-irrublar mill-ġdid. Il-membri utenti tal-Konsorzju stqarru wkoll tul is-seduti ta' smigħ li l-industrija tal-Unjoni mhux dejjem tforni ċerti tipi ta' prodott aktar speċjalizzati (bħal dawk użati fis-settur awtomobilistiku). Stqarru wkoll li l-produtturi tal-Unjoni jridu ħafna ħin biex iwasslu l-prodotti u li, b'differenza mill-produtturi tal-Unjoni, il-kummerċjanti fl-Unjoni jaħżnu wkoll tipi ta' prodott differenti u jippjanaw konsenji żgħar skont il-konvenjenza tal-utenti.

(447) Il-Konsorzju ġibed l-attenzjoni li 88 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tirriżulta minn 16-il kumpanija biss li jappartjenu għal tmien gruppi kbar, fejn l-akbar parti tal-produzzjoni tintuża fis-suq ristrett. Għalhekk, bħala riżultat tas-sehem relattivament għoli mis-suq tagħhom jistgħu jeżerċitaw pressjoni qawwija kemm fis-suq tal-prodott ikkonċernat kif ukoll fis-suq downstream. Membri individwali tal-Konsorzju wkoll ikkonfermaw dawn l-istqarrijiet tul is-seduti ta' smigħ.

(448) Il-Konsorzju ppretenda wkoll li "*l-adozzjoni ta' dazji antidumping kontra l-pajjiżi kkonċernati kieku tagħmel l-industrija mhux relatata tal-ipproċessar tal-UE vulnerabbli għall-aħħar għall-kompetituri stabbiliti f'pajjiżi terzi li jistgħu jbigħu fis-swieq tal-UE prodotti magħmula mill-HRF mhux suġġetti għal miżuri antidumping*." Argumenta wkoll li l-produtturi tal-azzar tal-Unjoni kellhom prestazzjoni aħjar fit-tieni nofs tal-2016 (il-perjodu ta' wara l-PI) minħabba ż-żieda sinifikanti tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni.

(449) L-Assoċjazzjoni tal-Inġinerija Mekkanika u l-Industriji tax-Xogħol fil-Metall tal-Latvja argumentat fit-18 ta' Lulju 2016 li "… *Kwalunkwe miżuri kontra importazzjonijiet ta' dan il-prodott u n-neċessità li wieħed isib fornituri oħra se jżidu sinifikantement l-ispejjeż tal-produzzjoni u jnaqqsu l-kompetittività tal-prodotti Latvjani ta' valur miżjud fis-swieq kollha fuq medda ta' żmien qasir u medju*". Kummenti simili, li jiġifieri l-impożizzjoni ta' miżuri kieku twassal għal żieda tal-ispejjeż għall-utenti, saru b'mod konġunt mill-Konsorzju kif ukoll individwalment minn diversi membri tiegħu.

### 6.4.3. *Analiżi tal-istqarrijiet tal-utenti*

#### 6.4.3.1. Nuqqas tal-provvista

(450) Rigward l-argument li l-impożizzjoni ta' miżuri tista' twassal għal nuqqas tal-provvista tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni tinnota li l-objettiv tad-dazji antidumping mhuwiex li jingħalaq is-suq tal-Unjoni għal kull importazzjoni, iżda li jitreġġa' lura l-kummerċ ġust billi jitneħħa l-effett tad-dumping dannuż. Għalhekk, l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna x'aktarx mhux se jieqfu, iżda se jkomplu, però bi prezzijiet ġusti.

(451) Fl-istess ħin, wieħed ma jistax jeskludi fil-prattika li l-miżuri kontra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna jista' jkollhom effett projbittiv fuq dawn il-pajjiżi.

(452) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-utenti mhumiex dipendenti esklussivament fuq importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna, iżda kienu jixtru l-prodott ikkonċernat anki mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi f'pajjiżi terzi oħra bħat-Turkija, il-Korea t'Isfel u l-Indja.

(453) Bħala riżultat, l-utenti potenzjalment jistgħu jaqilbu lejn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nnutat żieda relattiva fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn fl-2016, bħat-Turkija, l-Indja u l-Korea t'Isfel. F'termini assoluti, dawn il-pajjiżi esportaw madwar 2,25 miljun tunnellata fl-2016.

(454) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet matul l-investigazzjoni li l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità żejda, kif elenkat fit-tabella tal-premessa (278). Barra minn hekk, l-ilmentatur stqarr li parti sinifikanti (madwar 7 miljun tunnellata) mill-kapaċità żejda eżistenti tista' ssir operattiva fuq terminu ta' żmien qasir kieku l-kundizzjonijiet fis-suq jippermettu dan. L-ilmentatur irrefera b'mod speċifiku għall-ftuħ mill-ġdid potenzjali ta' tliet siti ta' produzzjoni fir-Renju Unit, fi Spanja u fil-Ġermanja. B'dan, il-Kummissjoni kkonfermat li dawn is-siti ta' produzzjoni jeżistu u potenzjalment jistgħu jerġgħu jinfetħu.

(455) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħajr diversi partijiet interessati dwar is-sejbiet tagħha rigward in-nuqqas potenzjali tal-provvista.

(456) Żewġ produtturi esportaturi Russi (MMK Group/Severstal Group) stqarru li l-miżuri kieku jkollhom effett projbittiv/restrittiv fuq l-importazzjoni u, f'dan is-sens, kieku jqiegħdu f'periklu l-provvista ta' HRF, mhux biss għall-kumpaniji sussidjarji tagħhom, iżda għall-utenti indipendenti kollha madwar l-Unjoni.

(457) Min-naħa l-oħra, l-ilmentatur issottometta li l-importazzjonijiet tal-HRF mill-ħames pajjiżi kkonċernati, li huma madwar 421 000 tunnellata fix-xahar tul l-2016, setgħu jiġu aktar minn ikkumpensati b'importazzjonijiet mit-Turkija, l-Indja, il-Korea t'Isfel u l-Eġittu, li ammontaw għal 450 000 tunnellata fix-xahar tul l-ewwel tliet xhur tal-2017. Min-naħa l-oħra, il-Konsorzju stqarr li l-utenti ma kellhom l-ebda ċertezza li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi se jkunu sors validu u stabbli ta' provvista minħabba, pereżempju, it-talba domestika qawwija għall-azzar fit-Turkija u fl-Indja. Barra minn hekk, il-Konsorzju ddikjara li, wara l-impożizzjoni tad-dazji proviżorji antidumping kontra ċ-Ċina f'Ottubru 2016, l-importazzjonijiet ta' HRF miċ-Ċina naqsu bi 98 %, meta wieħed iqabbel il-perjodu bejn Ottubru 2016 u Jannar 2017 u bejn Ottubru 2015 u Jannar 2016.

(458) Kif imsemmi fil-premessa (452), il-Kummissjoni sabet li l-utenti mhumiex dipendenti esklussivament fuq importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna, iżda xtraw ukoll HRF minn produtturi tal-Unjoni: kif ukoll minn produtturi f'pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu ta' investigazzjoni. F'dan ir-rigward, fuq il-bażi ta' *data* disponibbli tal-Eurostat, tul l-ewwel xhur tal-2017, l-importazzjonijiet tal-HRF minn pajjiżi oħra apparti l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna pattew għall-volumi li kienu qed jiġu importati mill-pajjiżi kkonċernati qabel il-bidu ta' din l-investigazzjoni. L-importazzjonijiet ewlenin l-oħrajn minn pajjiżi terzi fl-ewwel xhur tal-2017 ġew minn pajjiżi bħall-Eġittu, l-Indja, il-Korea t'Isfel u t-Turkija. Madankollu, il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra apparti l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna mhux qed ipattu bis-sħiħ għall-volumi mnaqqsa tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, l-Ukrajna u ċ-Ċina.

*Tabella 22*

**Paragun tal-volumi tal-importazzjonijiet**

| Pajjiżi | Importazzjonijiet totali tul il-PI | Medja ta' kull xahar tul il-PI | Importazzjonijiet totali tul l-ewwel 3 xhur tal-2017 | Medja ta' kull xahar tul l-ewwel 3 xhur tal-2017 | Differenza fil-medja tal-importazzjonijiet fix-xahar |
|---|---|---|---|---|---|
| Erba' pajjiżi: (il-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna) | 4 266 881 (ara l-premessa (262)) | 355 573 | 386 485 | 128 828 | – 226 745 |
| Iċ-Ċina | 1 578 848 (ara l-premessa (343)) | 131 571 | 5 364 | 1 788 | – 129 783 |

| Pajjiżi | Importazzjonijiet totali tul il-PI | Medja ta' kull xahar tul il-PI | Importazzjonijiet totali tul l-ewwel 3 xhur tal-2017 | Medja ta' kull xahar tul l-ewwel 3 xhur tal-2017 | Differenza fil-medja tal-importazzjonijiet fix-xahar |
|---|---|---|---|---|---|
| Pajjiżi terzi oħra (l-Eġittu, l-Indja, il-Korea t'Isfel, it-Turkija…) | 2 057 998 (ara l-premessa (353)) | 171 499 | 1 463 824 | 487 941 | + 316 442 |
| Importazzjonijiet totali | 7 903 727 | 658 643 | 1 855 673 | 618 557 | – 40 086 |

*Sors:* Eurostat

(459) It-Tabella ta' hawn fuq turi li l-volum medju totali tal-importazzjonijiet naqas b'madwar 40 000 tunnellata fix-xahar (480 000 tunnellata fis-sena) meta wieħed iqabbel il-volumi tul il-PI mal-volumi tul l-ewwel tliet xhur tal-2017. Konsegwentement, għal dawn il-perjodi, il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ikkumpensaw parti kbira mit-tnaqqis fil-volumi mill-erba' pajjiżi: kkonċernati u miċ-Ċina, għalkemm mhux kollu.

(460) It-tabella li ġejja turi l-produzzjoni attwali f'xi pajjiżi terzi oħra ewlenin (l-Eġittu, l-Indja, il-Korea t'Isfel, u t-Turkija).

*Tabella 23*

**Il-produzzjoni attwali tal-prodott simili minn pajjiżi terzi (f'eluf ta' tunnellati)**

| Pajjiż | Kapaċità ta' azzar mhux maħdum għas-sena 2014 (1) | Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2014 (2) | Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2015 (2) | Kapaċità eċċessiva teoretika fl-2014 | Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2014 | Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Eġittu | 11 200 | 6 485 | 5 506 | 4 715 | 849 | 689 |
| L-Indja | 108 000 | 87 292 | 89 026 | 20 708 | 40 956 | 48 100 (3) |
| il-Korea t'Isfel | 85 900 | 71 543 | 69 670 | 14 357 | 48 587 | 47 489 |
| It-Turkija | 49 400 | 34 035 | 31 517 | 17 883 | NA (4) | NA (4) |

(1) *Sors tad-data dwar il-kapaċità:* OECD (OECD, DSTI/SU/SC(2016)6/Final, 5 ta' Settembru 2016, id-Direttorat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, Ċifri aġġornati dwar il-kapaċità tax-xogħol tal-azzar u qafas propost għat-titjib tal-attività ta' monitoraġġ tal-kapaċità, Anness, p. 7 u segwitu).
(2) *Sors tad-data dwar il-produzzjoni:* L-Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Il-Yearbook tal-Istatistika tal-Azzar 2016 (L-Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Il-Yearbook tal-Istatistika tal-Azzar 2016, it-Tabella 1 fil-paġni 1 u 2 u t-Tabella 13 fil-paġna 35, http://www.worldsteel.org/statistics/statistics-archive/yearbook-archive.html).
(3) Stima
(4) Ma hemm l-ebda data disponibbli

(461) L-aħħar ċifri disponibbli tal-perjodu 2014/2015 ta' hawn fuq għall-prodott simili juru li dawn il-pajjiżi terzi għandhom il-kapaċità għall-produzzjoni u ċertu livell ta' kapaċità żejda disponibbli għall-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum. Madankollu, it-talba domestika għall-azzar fl-Indja (1) hija qawwija, u fit-Turkija huwa probabbli li tiżdied (2). Iż-żieda fit-talba għall-azzar fil-Korea t'Isfel (3) kienet sostnuta mill-boom fl-output tal-kostruzzjoni tul dawn l-aħħar ftit snin, għalkemm indikaturi reċenti ħafna jissuġġerixxu li l-pass li bih hu miexi s-settur tal-kostruzzjoni forsi qed jonqos bħalissa. Barra minn hekk, il-produzzjoni tal-azzar fl-Eġittu (4) qed tonqos, parzjalment minħabba nuqqas fid-distribuzzjoni tal-gass naturali u deċiżjoni mill-awtoritajiet Eġizzjani li jneħħu s-sussidji lill-industrija tal-azzar għall-gass naturali.

(1) L-Istati Uniti, l-Amministrazzjoni tal-Kummerċ Internazzjonali, Global Steel Trade Monitor, Frar 2017, Steel Exports Report India, http://www.trade.gov/steel/countries/pdfs/2017/q1/exports-india.pdf
(2) OECD, DSTI/SC(2017)1/Final, il-Kumitat tal-Azzar tal-OECD, 24 ta' Marzu 2017, Steel Market Developments — Q2 2017, l-analiżi fil-paġni 6 u 9, http://www.oecd.org/industry/ind/steel-market-developments-2017Q2.pdf
(3) OECD, DSTI/SC(2017)1/Final, il-Kumitat tal-Azzar tal-OECD, 24 ta' Marzu 2017, Steel Market Developments — Q2 2017, l-analiżi fil-paġna 7, http://www.oecd.org/industry/ind/steel-market-developments-2017Q2.pdf
(4) OECD, DSTI/SC(2017)1/Final, il-Kumitat tal-Azzar tal-OECD, l-24 ta' Marzu 2017, Steel Market Developments — Q2 2017, l-analiżi f'paġna 10, http://www.oecd.org/industry/ind/steel-market-developments-2017Q2.pdf Ara wkoll OECD, DSTI/SU/SC(2016)6/Final, il-5 ta' Settembru 2016, Direttorat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għal deċiżjoni biex jitneħħa l-gass naturali sussidju, paġna 19

(462) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-industrija tal-Unjoni stqarret li l-kapaċità żejda tista' kieku ssir operattiva malli titreġġa' lura l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Skont xi stimi mill-produtturi kkonċernati tal-Unjoni, il-ftuħ mill-ġdid tat-tliet siti ta' produzzjoni fir-Renju Unit, fi Spanja u fil-Ġermanja jkun kwistjoni ta' bejn ġimagħtejn (2) u 6 xhur. Din il-produzzjoni addizzjonali tista' tiġi ssupplimentata minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn.

(463) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni li l-impożizzjoni ta' miżuri ser twassal għal nuqqas ta' provvista tal-prodott ikkonċernat / tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping huwa probabbli ħafna li twassal għal dipendenza ogħla tal-utenti fuq l-industrija tal-Unjoni (ara t-Taqsima 6.4.3.2).

6.4.3.2. Is-setgħa ta' negozjar tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni

(464) Kif jidher fit-tabella taħt il-premessa (282), is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, f'termini tal-konsum tal-Unjoni, ammonta għal 76,7 % tul il-PI. Konsegwentement, l-importazzjonijiet totali fl-Unjoni rrappreżentaw 23,3 % tal-konsum tal-Unjoni tul il-PI. Aktar minn 70 % ta' dawn l-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni tul il-PI kienu mill-pajjiżi kkonċernati (il-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna) kif ukoll miċ-Ċina, li l-importazzjonijiet tagħha ġew soġġetti għal dazji antidumping mis-7 ta' Ottubru 2016 ([1]).

(465) B'hekk, kieku jiġu imposti dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna, kieku aktar minn 70 % mill-importazzjonijiet totali (inkluża ċ-Ċina, diġà suġġetta għal miżuri) tul il-PI jkunu suġġetti għal miżuri, minkejja l-fatt li pajjiżi terzi oħrajn apparti l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna bdew jimportaw lejn l-Unjoni sussegwentement għall-perjodu ta' investigazzjoni, kif deskritt fil-premessa (457). Madankollu, il-fatt li 70 % mill-importazzjonijiet kollha tul il-PI kienu jkunu suġġetti għal miżuri isaħħaħ kieku b'mod sinifikanti l-pożizzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-HRF tal-Unjoni.

(466) Il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni ma tinkludix biss produtturi individwali, iżda tikkonsisti wkoll minn gruppi ta' produtturi relatati fid-diversi pajjiżi tal-Unjoni, li diġà qed ifornu lill-utenti b'volum kbir tal-prodott simili (kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (464), is-sehem mis-suq totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni jammonta għal 76,7 %). L-ikbar grupp ta' produtturi tal-azzar tal-Unjoni jikkorrispondi għal aktar minn terz tal-produzzjoni tal-HRF fl-Unjoni kollha, filwaqt li l-ikbar tliet gruppi ta' produtturi flimkien jikkorrispondu għal aktar minn żewġ terzi tal-produzzjoni tal-HRF fl-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet ukoll li madwar 60 % tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għall-użu ristrett.

(467) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur sfida l-istqarrijiet tal-Kummissjoni rigward is-setgħa ta' negozjar miżjuda tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni, bl-argument li dawn mhux qed jirriflettu l-prinċipji bażiċi tal-ekonomija. Allega li kien hemm u kien se jibqa' hemm fil-futur kompetizzjoni b'saħħitha fost għadd sinifikanti ta' gruppi kbar tal-azzar tal-Unjoni u li l-prezzijiet kienu se jibqgħu f'livell kompetittivi. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, biex isostni l-argumenti tiegħu, l-ilmentatur issottometta mudell ekonomiku li fuq il-bażi tiegħu sostna li "*l-għadd tal-fornituri tal-Unjoni u mill-pajjiżi terzi jinstab suffiċjenti biex iwarrab it-tħassib li l-istruttura tas-suq tista' tagħti potenzjal għal kwalunkwe setgħa sinifikanti rigward l-iffissar tal-prezzijiet, speċjalment fid-dawl tad-disponibbiltà kontinwa ta' provvista residwa li mhijiex l-oġġett ta' dumping minn fornituri li qed jiffaċċjaw marġnijiet moderati ta' dannu u b'hekk jikkonfermaw ir-riżultati mill-mudellar kwantitattiv tal-impatti tal-kwantità u l-prezz.* ([2])" Dan il-mudell ekonomiku ġie ppreżentat ukoll f'seduta ta' smigħ fit-8 ta' Ġunju 2017.

(468) Madankollu, żewġ produtturi Russi (MMK GROUP/Severstal) irreferew għall-istruttura oligopolistika tas-suq tal-Unjoni, struttura li, flimkien mal-miżuri antidumping, tista' twassal għall-ħolqien tal-potenzjal biex jiġu stabbiliti prezzijiet suprakompetittivi mill-ftit gruppi ta' fornituri li baqgħu.

(469) Rigward l-argumenti tal-ilmentatur, il-Kummissjoni nnutat:

— Il-mudell ekonomiku msemmi hawn fuq ma kienx jiddistingwi bejn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u importazzjonijiet Ċiniżi. Dan huwa punt dgħajjef fil-mudell billi d-*data* statistika turi li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma baqgħux jidħlu fis-suq tal-Unjoni mir-raba' trimestru tal-2016 'il quddiem;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 272, 7.10.2016).

([2]) Sottomissjoni mill-Eurofer, Analiżi ekonomika tal-impatt ta' miżuri antidumping f'AD635 fuq importazzjonijiet magħżula ta' prodotti ċatti b'laminazzjoni termali (HRF) fuq il-prodotti downstream tal-UE, mingħajr data, mibgħut lis-servizzi tal-Kummissjoni fit-31 ta' Mejju 2017, p. 1.

— Il-mudell ekonomiku tal-Eurofer ma jinkludi l-ebda informazzjoni dwar il-kapaċitajiet disponibbli f'pajjiżi terzi oħra (apparti dawk soġġetti għall-investigazzjoni u ċ-Ċina) ([1]). Teknikament, dan ifisser li l-elastiċità ta' 10 rigward il-provvista mhijiex ivverifikata għal medda suffiċjenti tal-funzjoni ta' provvista;

— Il-marġnijiet ta' dumping u ta' dannu fil-mudell ekonomiku kienu preżunti li jvarjaw bejn 11,4 % u 22, 8 %, filwaqt li l-ogħla marġni kkalkulat f'din l-investigazzjoni huwa ogħla, jiġifieri sa 33 % (ara l-premessa (583));

— L-investigazzjoni żvelat li f'xi każijiet l-utenti mhumiex forniti fiż-żmien dovut mill-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, l-elastiċità 10 tal-provvisti domestiċi, li ntużat fil-mudell ekonomiku, tqajjem dubji u jista' jkun li ġiet stmata għolja żżejjed.

— Anki jekk il-konklużjoni prinċipali tal-analiżi ekonomika kienet korretta, u d-dazji *ad valorem* ikollhom impatt limitat biss fuq il-prezzijiet u impatt li jinħass aktar fuq il-volumi, madankollu huwa fatt li matul il-perjodu Jannar-Marzu ta' wara l-PI, il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni: marret minn telf ta' 7,8 % għal profitt ta' 8,6 % (Jannar — Marzu 2017), filwaqt li l-profittabbiltà tal-manifatturi tat-tubi tal-azzar tal-HRF kienet biss ta' 0,4 % għall-istess perjodu.

(470) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur allega li s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar is-setgħa ta' negozjar jonqsu milli jirrispettaw il-prinċipji ekonomiċi bażiċi.

— L-ewwel nett, ma hemm l-ebda referenza għall-Indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI) l-indiċi, li hija l-għodda standard użata biex tkejjel il-konċentrazzjoni tas-suq u s-saħħa fis-suq. Barra minn hekk, ġie allegat li tmien parteċipanti ewlenin u ħafna kapaċità żejda huma indikaturi ta' suq kompetittiv.

— It-tieni, il-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq allegazzjonijiet magħmula minn Severstal u MMK dwar l-oligopolji u l-prezzijiet soprakompetittivi meta dawn jiġu kontradetti mid-*data* u mhumiex sostnuti minn evidenza. Dawn l-allegazzjonijiet ġew ċitati biss biex jappoġġaw ideat prestabbiliti.

(471) Il-Kummissjoni kkunsidrat dawn il-kummenti bħala bla bażi.

— L-ewwel nett, fir-rigward, tal-konċentrazzjoni tas-suq u s-setgħa ta' nnegozjar tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-konsolidazzjoni potenzjali ulterjuri fis-suq tal-Unjoni: ThyssenKrupp ħabbret li se ċċedi n-negozju tal-azzar tagħha fl-Ewropa, u fużjoni ma' Tata Steel jew kompetitur ieħor hija fost l-għażliet imsemmija pubblikament. Barra minn hekk, il-kompetitur preċedenti Ilva bil-kapaċità ta' produzzjoni enormi tiegħu inkiseb prinċipalment minn ArcelorMittal, li jżid iktar saħħa ta' negozjar lix-xerrejja. F'dan ir-rigward, minkejja tnaqqis fil-produzzjoni f'Ilva matul il-perjodu kkunsidrat, kif stabbilit fil-premessa (365), il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-akkwirenti impenjaw ruħhom li jibdew jipproduċu 6.5 miljun tunnellata ta' azzar fl-2018 u 9.5 miljun tunnellata ta' prodotti ċatti. B'hekk, il-Kummissjoni kellha raġunijiet fattwali mhux ikkontestati ta' żieda ulterjuri tas-setgħa ta' negozjar tal-akbar produttur tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

— It-tieni, il-Kummissjoni rrifjutat bil-qawwa l-allegazzjoni li hija warrbet il-mudell ekonomiku. Hija kienet enfasizzat b'mod ċar dwar dan il-mudell ekonomiku fil-premessa (467) u kkummentat dwar dan il-mudell fil-premessa (469). Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sottomisjoni ta' MMK Group/Severstal Group, il-Kummissjoni indikat li hija għandha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-evidenza kollha fil-fajl. Dan ma jfissirx neċessarjament li tapprova l-valutazzjoni li saru f'dawn is-sottomissjonijiet.

(472) Barra minn hekk, l-ilmentatur allega wkoll li l-Kummissjoni kienet b'mod żbaljat qieset il-mudell ekonomiku indipendenti ibbażat fuq nuqqasijiet allegati fl-analiżi.

— L-ewwel nett, il-kritika tal-Kummissjoni li l-mudell ekonomiku ma kienx iddifferenzja bejn l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-importazzjonijiet Ċiniżi, u lanqas ma kkunsidra li l-informazzjoni dettaljata dwar il-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi ma kinitx korretta, għax fit-tieni rapport rivedut tal-15 ta' Ġunjum, dawn in-nuqqasijiet ġew ikkoreġuti.

— It-tieni, il-fatt li l-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu kkalkulati mill-Kummissjoni kienu ftit ogħla meta mqabbel ma' dawk li kienu użati fil-mudell ekonomiku kien argument inġust għall-aħħar, biex iwassal li l-mudell ekonomiku jiġi miċħud, minħabba li l-ilmentatur ma kienx irċieva din id-*data* meta l-istudju ġie kkummissjonat.

([1]) Il-Kummissjoni ppreżentat xi ċifri f'dan ir-Regolament. Ara l-premessa (460).

— It-tielet, il-Kummissjoni injorat il-fatt li l-profittabbiltà mtejba tal-produtturi tal-Unjoni toriġina prinċipalment miż-żieda fil-bejgħ u għalhekk l-utilizzazzjoni ogħla tal-kapaċità, tnaqqas l-ispejjeż tal-unità, mhux iż-żieda fil-prezzijiet.

— Ir-raba', il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza li l-elastiċità tal-provvista domestika ta' 10 hija dubjuża.

(473) Il-Kummissjoni aċċettat l-ewwel żewġ punti proċedurali.

— L-ewwel nett, hija kienet irċeviet żewġ verżjonijiet tar-rapport, jiġifieri waħda għas-seduta ta' smigħ tat-8 ta' Ġunju 2017 u t-tieni permezz tal-posta elettronika fil-15 ta' Ġunju 2017. Il-posta elettronika tal-15 ta' Ġunju 2017 mingħand l-ilmentatur m'għamlithiex ċar li kien hemm differenza bejn iż-żewġ verżjonijiet, għaldaqstant il-Kummissjoni kienet ikkummentat dwar l-ewwel verżjoni biss fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali. Madankollu, hija vverifikat li d-*data* li hija kkritikat bħala mhux kompluta, ġiet inkluża fit-tieni verżjoni, u għalhekk minħabba din ir-raġuni, abbandunat il-kritika tagħha dwar ir-rapport.

— It-tieni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-ilmentatur ma kienx konxju tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu, meta ġie stabbilit il-mudell ekonomiku li kienet ordnat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni aċċettat li dan il-fatt ma setax jiġi kkunsidrat kontra l-istudju. Madankollu, fl-istess ħin, dan ma jibdilx il-fatt li ċ-ċifri, kif stipulat fil-premessa (469), huma aktar preċiżi minn dawk użati fl-istudju.

(474) B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni ċaħdet iż-żewġ punti sostantivi oħra kontra l-kritika tagħha dwar l-istudju.

— Profittabbiltà mtejba tal-industrija tal-Unjoni wara l perjodu ta' investigazzjoni tista' tkun ir-riżultat ta' żieda fil-prezz jew ta' spiża aktar baxxa, jew l-effett kombinat ta' dawn iż-żewġ elementi. Kif stabbilit fil-premessa (494), il-prezzijiet żdiedu b'aktar minn 30 % wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-istess ħin, żdiedu wkoll l-ispejjeż tal-materja prima, iżda mhux bl-istess mod u b'livell ogħla ta' volatilità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qabblet ir-rata tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI (74 %) ma' rata tal-użu tal-kapaċità fl-ewwel kwart tal-2017 (76 %). Huwa improbabbli li din id-differenza ta' 2 punti perċentwali rriżultat fi tnaqqis kbir fl-ispejjeż għal kull unità bħala l-fattur ewlieni għat-titjib fil-profittabbiltà. Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' dan il-kalkolu, jista' jiġi preżunt li ż-żidiet fil-prezzijiet kellhom rwol importanti fiż-żieda fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

— Dwar l-elastiċità tal-provvista domestika ta' 10, il-Kummissjoni ċċarat il-fatt li kienet ġabret evidenza fil-fajl dwar xi utenti li kienu ffaċjaw diffikultajiet fil-provvisti tal-HRF. Dawn il-fatti ġew debitament ivverifikati matul l-investigazzjoni, kif spjegat f'iktar dettall fil-premessa (506) u kkonfermaw id-dubji tal-Kummissjoni rigward l-elastiċità tal-provvista domestika.

— Barra minn hekk, il-Kummissjoni ttestjat is-suppożizzjoni tal-mudell ekonomiku tal-ilmentatur li d-dazji *ad valorem* m'għandu jkollhom l-ebda effett fuq il-prezzijiet tal-Unjoni kontra l-esperjenza mar-Regolament riċenti fejn dazji *ad valorem* li jvarjaw bejn 18,1 % u 35,9 % kienu ġew imposti fuq l-importazzjonijiet ta' HRF miċ-Ċina. Hija nnutat li, wara l-impożizzjoni ta' miżuri kontra HRF li joriġinaw mir-RPĊ, il-prezzijiet tal-Unjoni żdiedu b'rata relattivament ogħla mill-prezzijiet tas-suq dinji. B'mod partikolari, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-importazzjoni CIF tal-Unjoni u l-prezzijiet mill-fabbrika (medja sempliċi fuq ir-reġjuni u l-kwalitajiet) kienet ta' madwar EUR 26 wara l-impożizzjoni tal-miżuri f'Ottubru 2016, filwaqt li f'perjodu daqstant twil qabel l-impożizzjoni, kienet madwar EUR 9. Ir-Regolament li jimponi dazji antidumping fuq prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ miċ-Ċina kien b'hekk tabilħaqq ħoloq effett ta' prezz partikolari fuq is-suq tal-Unjoni, li l-istudju ma setax jispjega.

— F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qieset ukoll li, fis-sitwazzjoni li tfaċċat sa minn tmiem l-2016, tariffa *ad valorem* addizzjonali fuq l-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kellu jkollha effett ta' amplifikazzjoni fuq iż-żieda fil-prezzijiet tas-suq dinji u ħolqot effett fuq il-prezz lill-produtturi tal-UE aktar mid-dumping u d-dannu osservat.

— Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li, kieku ġew imposti dazji antidumping kontra l-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna, ikun probabbli li l-produtturi tal-azzar tal-Unjoni jkunu f'pożizzjoni ta' nnegozjar aħjar *vis-à-vis* l-utenti.

#### 6.4.3.3. L-utenti jsiru inqas kompetittivi meta mqabbla mal-kompetituri fil-pajjiżi terzi

(475) Il-Kummissjoni analizzat il-pretensjoni li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping kieku ġġib l-industrija tal-ipproċessar mhux relatata (bħall-industrija tal-pajpijiet u t-tubi) f'pożizzjoni vulnerabbli għall-aħħar għal kompetituri stabbiliti f'pajjiżi terzi li jistgħu kieku jbigħu lejn is-suq tal-Unjoni prodotti magħmula mill-HRF akkwistati mingħajr kwalunkwe miżuri.

(476) Il-Kummissjoni nnutat li din l-allegazzjoni ma kinitx akkumpanjata minn evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, hemm miżuri antidumping fis-seħħ fl-Unjoni għal ċerti tipi ta' pajpijiet u tubi importati li joriġinaw miċ-Ċina, mir-Russja u mill-Bjelorussja ([1]).

(477) Għalhekk, u fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni rrifjutat din l-allegazzjoni.

#### 6.4.3.4. Iż-żieda fl-ispejjeż għall-utenti

##### 6.4.3.4.1. Introduzzjoni

(478) Wara l-bidu tal-investigazzjoni, l-ilmentatur allega li, bl-eċċezzjoni tal-industrija tat-tubi tal-azzar, kwalunkwe żieda fl-ispejjeż għall-utenti x'aktarx mhux se jkollha impatt materjali fuq il-maġġoranza vasta tas-segmenti ta' utenti, bħas-settur tal-kostruzzjoni, is-settur awtomobilistiku eċċ. Rigward l-industrija tat-tubi tal-azzar, l-ilmentatur allega li dawk il-produtturi tat-tubi li huwa probabbli li jkunu affettwati b'mod sinifikanti biss ikunu dawk li jkollhom bżonn joqogħdu fuq importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(479) Min-naħa l-oħra, il-Konsorzju sostna li l-impatt fuq l-ispejjeż għall-utenti ma kienx limitat għall-industrija tat-tubi tal-azzar, kif allega l-ilmentatur. F'dan ir-rigward, il-Konsorzju sostna li l-prodott ikkonċernat jirrappreżenta madwar 85-95 % tal-ispejjeż tat-tubi tal-provvista pubblika u madwar 75-80 % tal-ispejjeż ta' tipi oħrajn ta' tubi wweldjati, bħat-tubi tal-enerġija jew ta' preċiżjoni mekkanika. B'żieda ma' dan, il-Konsorzju ssottometta ([2]) li utenti oħra apparti l-produtturi tat-tubi jkollhom impatt darbtejn daqs dak ikkalkulat mill-Eurofer, minħabba l-allegata żieda fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat wara l-PI. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (449), l-Assoċjazzjoni tal-Inġinerija Mekkanika u l-Industriji tax-Xogħol fil-Metall tal-Latvja u l-Konsorzju argumentaw ukoll li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping twassal għal żieda għall-ispejjeż tal-produzzjoni għall-membri tiegħu.

(480) Kif intqal fil-premessa (514), l-aktar konsum/użi importanti tal-prodott ikkonċernat għandhom x'jaqsmu mal-oqsma li ġejjin: l-industrija tat-tubi tal-azzar (32 %), il-kostruzzjoni (20 %), is-settur tal-karozzi (15 %) u l-inġinerija mekkanika (15 %).

(481) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar (minn hawn il quddiem imsemmija "ESTA"), li tirrappreżenta aktar minn 100 produttur tat-tubi tal-azzar fi 17-il Stat Membru li jkopru aktar minn 90 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, ipprovdiet, fuq talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni addizzjonali, nota li fiha kkjarifikat xi punti prinċipali. Bħala assoċjazzjoni li tirrappreżenta diversi utenti, l-ESTA ma ħaditx pożizzjoni rigward liema eżatt ikun l-impatt probabbli tad-dazji fuq is-sitwazzjoni tal-manifatturi tat-tubi tal-azzar. Madankollu, ikkonfermat li l-HRF huwa l-fattur ewlieni rigward l-ipprezzar tat-tubi wweldjati (b'differenza mit-tubi mingħajr saldatura, li huma magħmula minn billetti tal-azzar) ([3]).

(482) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni miġbura kollha u fuq din il-bażi vvalutat kull segment separatament.

##### 6.4.3.4.2. L-impatt tal-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-ispejjeż tal-manifatturi tat-tubi tal-azzar

###### 6.4.3.4.2.1. Introduzzjoni

(483) L-istatistika sottomessa mill-ilmentatur ([4]) uriet li l-industrija tat-tubi tal-azzar hija l-aktar settur importanti li juża l-prodott ikkonċernat. Skont din l-istatistika, madwar 32 % tal-prodotti HRF kollha jintużaw għall-konsum mill-industrija tat-tubi tal-azzar.

---

([1]) L-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar (ESTA) ikkummentat li dawn it-tipi huma tabilħaqq pajpijiet u tubi wweldjati (l-hekk imsejħa "pajpijiet tal-gass"), iżda ma jirrappreżentawx aktar minn 10 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tat-tubi wweldjati. (posta elettronika tal-ESTA lis-servizzi tal-Kummissjoni, l-1 ta' Ġunju 2017)

([2]) Sottomissjoni tal-Konsorzju, Kummenti bi tweġiba għas-sottomissjoni tal-Eurofer tas-7 ta' Frar 2017, sottomessi f'isem CIHFR, mingħajr data, dokument riċevut bil-posta elettronika fit-2 ta' Marzu 2017, p. 4.

([3]) ESTA, AD 635 — ESTA Kummenti, 10 ta' Mejju 2017.

([4]) Sottomissjoni tal-Eurofer, Sottomissjoni li tanalizza l-impatt tad-dazji proviżorji fuq l-utenti, 7 ta' Frar 2017, p. 2.

(484) Il-kumpanija li tipparteċipa fil-Konsorzju, Marcegaglia, li pprovdiet tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju, tipproċessa HRF u tipproduċi, fost l-oħrajn, tubi, pajpijiet u prodotti oħra downstream tal-azzar. Weħidha, din il-kumpanija kienet responsabbli għall-importazzjoni ta' madwar 1,6 — 2,4 miljun tunnellata HRF (madwar 20-30 % tal-importazzjonijiet totali ta' HRF) tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, xtrat ukoll 1,3 — 2,0 miljun tunnellata tal-prodott simili mill-produtturi tal-azzar tal-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni rrikkorriet għal dan l-utent il-kbir biex tiddeduċi konklużjonijiet dwar l-impatt tal-miżuri fuq l-utenti mis-segment tat-tubi tal-azzar inġenerali.

(485) B'dan l-objettiv, tul verifika fil-post, il-Kummissjoni talbet lir-rappreżentanti ta' Marcegaglia iwettqu simulazzjonijiet biex jiġi vvalutat l-impatt possibbli ta' kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri antidumping, fuq il-bażi taċ-ċifri tagħha ta' profittabbiltà (rapport tal-introjtu) għall-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn is-simulazzjonijiet saru mir-rappreżentanti tal-kumpanija bl-ipoteżi li kienu jiġu akkwistati eżatt l-istess volumi mill-istess fornituri (produtturi tal-Unjoni, produtturi esportaturi mill-pajjiżi kkonċernati u produtturi esportaturi minn pajjiżi terzi oħrajn) bħal tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn is-simulazzjonijiet la jqisu ż-żidiet fil-prezzijiet direttament wara l-PI u lanqas il-kwistjoni jekk parti miż-żidiet fil-prezz kinux se jiġu mgħoddija lill-klijenti ta' dawn l-utenti.

(486) Ir-riżultati kienu kif ġej:

— Simulazzjoni waħda wriet li dazju antidumping ta' 18 % kontra ċ-Ċina u ta' 10 % kontra l-pajjiżi kkonċernati jwassal għal punt ta' ekwilibriju għal dan l-utent Taljan.

— Simulazzjoni oħra wriet li dazju antidumping ta' 18 % kontra ċ-Ċina u ta' 20 % kontra l-pajjiżi kkonċernati jwassal għal telf.

(487) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-ilmentatur [1] ippretenda li dawn is-sitwazzjonijiet kellhom nuqqasijiet minħabba l-preżunzjoni li l-ispejjeż għal Marcegaglia kienu se jiżdiedu bl-ammont tad-dazji, filwaqt li Marcegaglia kellu għadd ta' għażliet oħra għall-akkwisti. Barra minn hekk, l-ilmentatur ikkontesta s-sejba, li kien se jkun hemm impatt negattiv sproporzjonat fuq l-utenti. Fuq il-bażi tal-analiżi ekonomika tal-miżuri antidumping, l-ilmentatur argumenta li l-impożizzjoni tal-miżuri kienet se twassal għal żieda limitata biss fil-prezz tal-prodott ikkonċernat u li effett fuq il-kwantità jkun aktar probabbli [2].

(488) Is-simulazzjonijiet fil-post ma kinux ħadu inkonsiderazzjoni li l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina waqfu għalkollox mir-raba' trimestru tal-2016 'il quddiem, kif imsemmi fil-premessa (469), u wkoll ma kinux qiesu l-fatt li xi pajjiżi oħra bdew jimportaw, kif imsemmi fil-premessa (458) [3]. Għaldaqstant, il-Kummissjoni aġġornat is-simulazzjonijiet tagħha kif ġej:

— Bil-preżunzjoni li l-provvisti Ċiniżi kollha jiġu ssostitwiti bi provvisti minn pajjiżi terzi oħra, u b'dazju antidumping preżunt ta' 15 % kontra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajn, l-utent Taljan kien ikun f'pożizzjoni jikseb profitt żgħir ta' bejn 0 % u 1 %;

— Bil-preżunzjoni li l-provvisti Ċiniżi kollha jiġu ssostitwiti bi provvisti minn pajjiżi terzi oħra, u b'dazju antidumping preżunt ta' 10 % kontra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajn, l-utent Taljan kien ikun f'pożizzjoni jikseb profitt żgħir ta' bejn 1 u 2 %;

— Bil-preżunzjoni li l-provvisti kollha miċ-Ċina, mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna jiġu sostitwiti bi provvisti minn pajjiżi terzi oħra (mingħajr ħlas tal-ebda dazju), l-utent Taljan kien ikun f'pożizzjoni jikseb profitt ta' bejn 2 % u 4 %;

Dawn kienu simulazzjonijiet konservattivi billi ma kinux jinkludu l-fattur taż-żidiet possibbli fil-prezzijiet tal-HRF wara l-PI, li ħarġu ikbar minn 30 % meta mqabbel mal-PI, kif deskritt fil-premessa (494).

(489) Rigward il-pretensjonijiet tal-Eurofer ibbażati fuq l-analiżi ekonomika tagħha, dawn jiġu rrifjutati għar-raġunijiet deskritti fil-premessa (469).

(1) Sottomissjoni mill-Eurofer, Kummenti tal-Eurofer dwar id-Dokument ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni, tal-4 ta' April 2017, p. 9. L-ilmentatur semma wkoll li dawn is-simulazzjonijiet qatt ma ġew iddivulgati fil-fajl mhux kunfidenzjali.

(2) Sottomissjoni mill-Eurofer, Analiżi ekonomika tal-impatt ta' miżuri antidumping f'AD 635 fuq importazzjonijiet magħżula ta' prodotti ċatti b'laminazzjoni termali (HRF) fuq il-prodotti downstream tal-UE, mingħajr *data*, mibgħut lis-servizzi tal-Kummissjoni fit-31 ta' Mejju 2017, p. 1.

(3) Dawn il-fatti ma kinux disponibbli fiż-żmien meta seħħew dawn is-simulazzjonijiet.

(490) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (501) li l-profittabbiltà tal-utenti tan-negozji tat-tubi tal-azzar kienet waħda modesta tul il-perjodu ta' investigazzjoni u wara l-perjodu ta' investigazzjoni (sal-31 ta' Marzu 2017). Għalhekk, hija kkonfermat li kien hemm riskju konsiderevoli li dazji *ad valorem* ta' bejn 5,3 % u 33 % (fuq il-prezzijiet ogħla) kienu se jwasslu lill-manifatturi tat-tubi għat-telf, bil-konsiderazzjoni għall-prezzijiet jiżdiedu wara l-perjodu ta' investigazzjoni. *A fortiori*, l-SMEs mill-Konsorzju kienu se jidħlu għal riskju ta' konsegwenzi saħansitra aktar drastiċi billi s-setgħa ta' negozjar *vis-à-vis* il-produtturi tal-Unjoni hija ħafna iżgħar.

6.4.3.4.2.2. Żidiet fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni għas-settur tat-tubi tal-azzar

(491) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, kif spjegat fil-premessa (29), 23 utent imlew kwestjonarji addizzjonali (ta' wara l-PI). Żewġ żjarat ta' verifika addizzjonali twettqu fil-post bil-għan li tiġi vverifikata dik id-*data* ta' wara l-PI.

(492) Barra minn hekk, wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-produttur esportatur stqarr li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat kienu żdiedu minn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, minn EUR 417,5 għal kull tunnellata għal EUR 575 għal kull tunnellata f'Marzu 2017 fl-Ewropa tat-Tramuntana, jew b'37,7 % minn EUR 395 għal kull tunnellata għal EUR 545 għal kull tunnellata fl-Ewropa tan-Nofsinhar tul l-istess perjodu. F'dan ir-rigward, il-Konsorzju sostna li s-suq tal-UE bħalissa hu kkaratterizzat minn żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-HRF.

(493) Barra minn hekk, l-ilmentatur stqarr li r-raġuni ewlenija għaż-żidiet fil-prezz osservati wara l-perjodu ta' investigazzjoni kienet iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u mhux l-impatt tal-investigazzjoni li għaddejja. Għalkemm ammetta li l-prezzijiet kienu jinsabu f'medda ta' bejn EUR 530 għal kull tunnellata u EUR 550 għal kull tunnellata, l-ilmentatur stqarr li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma timponix miżuri provviżorji fil-każ attwali wasslet għal tnaqqis fil-prezzijiet f'Marzu — April 2017.

(494) Il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet bdew jiżdiedu fit-tieni nofs tal-2016, u komplew jiżdiedu matul l-ewwel nofs tal-2017. Dawn iż-żidiet fil-prezzijiet ġew innutati għat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili. Id-*data* miġbura tal-PI wriet li l-prezz żdied fil-perjodu ta' wara l-PI.

— L-ewwel nett, fuq il-bażi tad-*data* mis-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, bħala medja, iż-żidiet fil-prezz tal-prodott simili kienu jammontaw għal 15,3 % għall-perjodu Lulju — Diċembru 2016 u għal 35,7 % għall-perjodu Jannar — Marzu 2017, meta mqabbla mal-prezzijiet medji fil-perjodu ta' investigazzjoni.

— It-tieni, fuq il-bażi ta' *data* mill-utenti li kkooperaw, iż-żidiet fil-prezz tal-prodott simili kienu jammontaw għal 18,2 % għall-perjodu Lulju–Diċembru 2016 u għal 50,4 % għall-perjodu Jannar — Marzu 2017, meta mqabbla mal-prezzijiet medji attwali matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(495) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet bdew jonqsu ftit tul ix-xhur ta' April u Mejju 2017. Madankollu, il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni baqgħu fil-livell ta' madwar EUR 500 għal kull tunnellata tul dawn ix-xhur.

(496) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet żidiet sinifikanti fil-prezzijiet fil-perjodu ta' wara l-PI (sa Marzu 2017), għat-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili. Imbagħad, il-prezzijiet bdew jonqsu ftit, iżda baqgħu f'livell ferm ogħla mill-livell tal-prezzijiet ta' tul il-PI.

6.4.3.4.2.3. Il-profittabbiltà tas-settur tat-tubi tal-azzar

(497) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, ġiet sottomessa l-informazzjoni li ġejja dwar il-profittabbiltà tas-settur tat-tubi tal-azzar:

— ESTA wieġbet li ċ-ċifra globali għall-profittabbiltà għall-2016 rigward it-tubi wweldjati hija ta' madwar – 0,3 % [1]; kif ukoll

— il-Konsorzju stqarr li l-utenti u ċ-ċentri tas-servizzi li huma membri tal-Konsorzju kellhom marġni tal-profitt medju ta' 5 % tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Ippretenda f'dan ir-rigward li żieda b'10 % biss fil-prezz tal-prodott ikkonċernat kieku ġġib SME tipiku f'sitwazzjoni ta' telf mhux sostenibbli ta' 3,6 % [2].

[1] ESTA, messaġġ tal-posta elettronika lis-servizzi tal-Kummissjoni, l-1 ta' Ġunju 2017.
[2] Sottomissjoni mill-Konsorzju, Kummenti fuq id-Dokument ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentati f'isem CIHFR, 8 ta' Mejju 2017, p. 9 u p. 10.

(498) Id-*data* miġbura tul il-PI wriet li l-profittabbiltà kienet tvarja b'mod konsiderevoli kif ġej fost l-utenti individwali:

*Tabella 24*

**Il-profittabbiltà tal-manifatturi tat-tubi tal-azzar** ([1])

| Kategorija ta' manifatturi tat-tubi tal-azzar | Għadd ta' manifatturi tat-tubi tal-azzar | Profittabbiltà tul il-PI | Profittabbiltà mill-1 ta' Lulju 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016 | Profittabbiltà mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Marzu 2017 |
|---|---|---|---|---|
| Membri tal-Konsorzju | 5 (*) | 3,68 % | – 0,87 % | 0,34 % |
| Produtturi tat-tubi tal-azzar relatati ma' produtturi tal-Unjoni (favur l-impożizzjoni ta' miżuri) | 8 (**) | – 3,69 % | – 5,83 % | 0,39 % |
| Produtturi tat-tubi tal-azzar favur l-impożizzjoni ta' miżuri (mhux relatati ma' produtturi tal-Unjoni) | 1 (***) | – 0,33 % | 2,80 % | 6,13 % |
| **Total tal-profittabbiltà medja ponderata** | **14** | **2,01 %** | **– 3,95 %** | **0,37 %** |

*Sors:* it-tweġibiet għall-kwestjonarju ta' wara l-PI minn diversi produtturi tat-tubi tal-azzar

(*) Kif imsemmi fil-premessa (439), 11-il tweġiba waslu mingħand il-membri tal-Konsorzju, li ħamsa minnhom kienu produtturi tat-tubi tal-azzar u s-sitta l-oħra kienu ċentri tas-servizzi (dawn huma l-kumpaniji li jillimitaw l-attivitajiet tagħhom għal operazzjonijiet speċifiċi ta' proċessar bħall-qtugħ, il-qsim jew il-purifikazzjoni tal-prodott).

(**) Kif imsemmi fil-premessa (439), disa' tweġibiet waslu, li minnhom tmienja kienu mingħand produtturi tat-tubi tal-azzar u dik li fadal kienet mingħand ċentru tas-servizzi.

(***) Kif imsemmi fil-premessa (439), waslu żewġ tweġibiet, waħda minnhom mingħand produttur tat-tubi tal-azzar. L-oħra kienet mingħand ċentru tas-servizzi.

(499) It-tabella ta' hawn fuq turi li l-profittabbiltà tal-produtturi tat-tubi tal-azzar ġeneralment tjiebet tul l-ewwel tliet (3) xhur tal-2017 meta mqabbla mal-aħħar nofs tal-2016, u b'mod ġenerali ammontat għal 0,37 %. Il-produtturi tat-tubi tal-azzar spjegaw li billi kienu jistennew żieda fil-prezzijiet tal-HRF tul l-2016, huma xtraw proporzjon ikbar ta' prodotti tal-HRF (bi prezzijiet relattivament aktar baxxi) mis-soltu. Dawn il-prodotti mbagħad intużaw meta l-prezzijiet tal-HRF kienu diġà żdiedu. Madankollu, il-produtturi tat-tubi tal-azzar li saritilhom żjara fuq il-post kienu jistennew deterjorament possibbli tar-riżultati tagħhom fit-tieni trimestru tal-2017.

(500) Barra minn hekk, il-produtturi tat-tubi tal-azzar relatati ma' produtturi tal-Unjoni sostnew li l-marġnijiet tal-profitt baxxi jew saħansitra negattivi kienu dovuti għall-fatt li kellhom jikkompetu ma' produtturi tat-tubi tal-azzar oħrajn li sa ċertu punt kienu jiġu forniti bl-HRF oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

(501) Ġeneralment, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-profittabbiltà tal-utenti fin-negozji tat-tubi tal-azzar kienet waħda modesta tul il-perjodu ta' investigazzjoni u wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

6.4.3.4.2.4. Il-possibbiltà li kwalunkwe żidiet fil-prezz jiġu mgħoddija fis-settur tat-tubi tal-azzar

(502) Il-Konsorzju sostna li l-uniku mod biex wieħed ikun jista' jibqa' jagħmel profitt ikun li kwalunkwe żieda fil-prezz tiġi mgħoddija. Madankollu, il-Konsorzju ssottometta li dan ma kienx possibbli billi kull żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ 'il fuq mil-livelli kompetittivi jwasslu kieku biex l-utenti indipendenti jitilfu ishma mis-suq, li b'hekk

([1]) Dawn il-perċentwali huma l-medja taċ-ċifri tal-profittabbiltà ponderati qabel it-taxxa għall-produtturi kollha tat-tubi tal-azzar, kif murija fid-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-introjtu tagħhom għall-perjodi msemmija fit-tabella, espressi bħala perċentwali b'rabta mal-bejgħ tagħhom fis-suq ħieles tal-Unjoni.

jgħaddu għand utenti integrati, u b'konsegwenza ta' dan anki profitti. Rigward il-possibbiltà li ż-żidiet fl-ispejjeż jiġu mgħoddija, ESTA sostniet li "*sakemm il-produtturi (tat-tubi tal-azzar) tal-UE jkunu f'pożizzjoni jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż lill-klijenti, il-kundizzjonijiet tas-suq jibqgħu ġusti*" ([1]).

(503) Rigward il-mistoqsija jekk il-produtturi tat-tubi tal-azzar kinux f'pożizzjoni jgħaddulhom iż-żidiet fl-ispejjeż, il-Kummissjoni nnutat diskrepanzi fis-sottomissjonijiet li rċeviet.

— Minn naħa, xi utenti (primarjament dawk relatati ma' produtturi tal-Unjoni) indikaw li bi prinċipju, ma esperjenzawx problemi sinifikanti biex jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż lill-klijenti tagħhom tul il-perjodu tal-PI. Madankollu, ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li dan ikun aktar diffiċli b'xi kompetituri jisserħu fuq importazzjonijiet tal-HRF bi prezzijiet baxxi ħafna jew meta l-klijenti tagħhom stess ma jkollhomx prestazzjoni tajba fin-negozju.

— Min-naħa l-oħra, utenti oħrajn (primarjament dawk indipendenti) indikaw tħassib serju dwar jekk kienx se jkun possibbli għalihom jgħaddu lill-klijenti l-prezz tal-HRF. F'dawn ir-rigward, huma rreferew għal:

  — suq kompetittiv ħafna kkaratterizzat minn marġnijiet baxxi u diffikultajiet fil-provvisti tal-HRF — ċirkostanzi li ma jippermettulhomx jgħaddu żieda fl-ispejjeż lill-klijenti tagħhom; kif ukoll

  — sitwazzjoni ta' importazzjonijiet miżjuda ta' prodotti lesti u / jew nofshom lesti (bi prezzijiet aktar baxxi) minn pajjiżi bħat-Turkija, il-FYROM u l-Bjelorussja. Dan naqqas ukoll il-possibbiltà biex tingħadda ż-żieda fl-ispejjeż.

(504) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur sostna li d-dikjarazzjonijiet mill-utenti l-oħrajn (prinċipalment l-utenti indipendenti), b'mod partikolari d-dikjarazzjoni dwar id-"diffikultajiet tal-provvisti tal-HRF" fil-premessa (503), huma spekulattivi u żbaljati.

(505) Il-Kummissjoni kkunsidrat dawn il-kummenti bħala bla bażi.

(506) L-ewwel nett, fit-tweġibiet għall-kwestjonarji mimlijin dawn l-utenti sostnew li xi drabi kellhom diffikultajiet biex jirċievu l-provvisti tal-HRF, billi użaw kliem bħal "dewmien konsiderevoli fit-termini tal-konsenja", jew "kapaċità limitata tal-produtturi, li jirrifletti nuqqas ta' materjal fis-suq". It-tieni, il-Kummissjoni kellha evidenza fil-fajl li l-utenti li saritilhom żjara fuq il-post, kellhom tabilħaqq diffikultajiet sabiex jiġu fornuti jew fornuti fil-ħin. It-tielet, il-Kummissjoni osservat ukoll li l-produtturi ta' tubi li jesportaw ukoll barra l-Unjoni jkollhom inqas possibbiltà li jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni li d-dikjarazzjonijiet li saru mill-utenti ta' hawn fuq huma spekulattivi jew żbaljati.

(507) Barra minn hekk, l-ilmentatur argumenta li dawn id-dikjarazzjonijiet mill-utenti kienu jikkontradixxu l-konklużjonijiet tat-taqsima dwar "skarsezza ta' provvista" "fejn il-Kummissjoni ċaħdet" l-allegazzjoni li l-impożizzjoni tal-miżuri tista' twassal għal nuqqas tal-provvista tal-prodott ikkonċernat/tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni (ara l-premessa (463)).

(508) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni enfasizzat li s-sejba tagħha fit-Taqsima 6.4.3.1 dwar in-nuqqas ta' provvista kienet tikkonsisti f'settijiet ta' analiżi prospettiva. Il-Kummissjoni l-ewwel kienet tat ħarsa lejn il-kwistjoni jekk l-impożizzjoni ta' dazji *ad-valorem* jistgħux jibblukkaw l-importazzjonijiet tal-HRF fl-Unjoni kollha kemm hi. F'dan ir-rigward, kienet sodisfatta li kien hemm importazzjonijiet ta' HRF alternattivi suffiċjenti minn pajjiżi terzi oħra disponibbli. Il-Kummissjoni kompliet tisħaq li wieħed jista' jistenna wkoll li l-produzzjoni tal-Unjoni tespandi u tikkumpensa, tal-anqas parzjalment, għan-nuqqas potenzjali fil-futur għall-importazzjonijiet ta' HRF mill-pajjiżi kkonċernati. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-impożizzjoni tad-dazji x'aktarx ma jwasslux għal nuqqas ta' provvista fil-futur.

(509) Din l-analiżi prospettiva fit-Taqsima 6.4.3.1 hija differenti mid-diffikultajiet ta' xi utenti msemmija hawn fuq biex jiġu forniti mill-industrija tal-Unjoni b'HRF bi kwantitajiet suffiċjenti u fil-ħin fil-preżent. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-argument li r-referenza għad-dikjarazzjoni ta' utenti dwar id-"diffikultajiet ta' provvista" tagħhom fil-premessa (503) ġiet kontradetta permezz tal-analiżi tal-Kummissjoni tal-probabbiltà ta' assenza ta' "nuqqas ta' provvista" fl-evoluzzjoni tal-futur tas-suq tal-HRF fil-premessa (463).

(510) Minħabba d-diskrepanzi li ġew innutati bejn id-diversi kategoriji ta' manifatturi tat-tubi tal-azzar, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm riskju li l-utenti ma jkunux f'pożizzjoni jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż tal-HRF kollha kemm huma lill-klijenti tagħhom.

---

([1]) Madankollu, ESTA ma weġbitx għall-mistoqsija jekk il-produtturi tat-tubi tal-azzar kinux f'pożizzjoni fil-prattika jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż lill-klijenti tagħhom.

6.4.3.4.2.5. Konklużjoni għas-settur tat-tubi tal-azzar

(511) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm riskju konsiderevoli li dazji bil-forma ta' dazji *ad valorem* jikkawżaw telf lis-settur tat-tubi tal-azzar għar-raġunijiet li ġejjin:

— l-HRF huwa l-element ta' spiża ewlieni rigward it-tubi wweldjati;

— il-prezzijiet tal-HRF żdiedu b'mod sinifikanti wara l-perjodu ta' investigazzjoni;

— il-marġnijiet tal-profitti fis-settur tat-tubi tal-azzar huma relattivament żgħar; kif ukoll

— mhuwiex ċar jekk produtturi tat-tubi tal-azzar indipendenti għandhomx il-possibbiltà li jgħaddu lill-klijenti tagħhom kwalunkwe żieda fil-prezz.

(512) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur ikkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li d-dazji *ad valorem* jistgħu jwasslu lis-settur tat-tubi tal-azzar f'telf għal dawn l-erba' raġunijiet:

— L-ewwel nett, il-Kummissjoni bbażat ruħha prinċipalment fuq il-mudell żbaljat ta' Marcegaglia, li ma jikkunsidrax il-prinċipji ekonomiċi fundamentali. F'dan ir-rigward, l-ilmentatur allega li l-impatt ewlieni ta' dazji jkun fuq il-volumi, mhux fuq il-prezzijiet. Barra minn hekk, il-mudell ta' Marcegaglia jinjora kull evidenza dwar l-elastiċità tas-sostituzzjoni għall-HRF. Barra minn hekk l-ilmentatur semma li, minħabba li HRF huwa komodità, l-elastiċità tas-sostituzzjoni bejn il-fornituri alternattivi hija għolja, u, fi kwalunkwe każ, hija la infinita u lanqas żero.

— It-tieni, il-prezzijiet tal-HRF għolew wara l-perjodu tal-investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, iż-żieda fil-prezz tal-HRF jaffettwa il-produtturi tat-tubi, li huwa fattur importanti meta titqies il-kapaċità biex dawn iż-żidiet fl-ispejjeż jingħaddew. Jekk l-utenti jkollhom l-abbiltà li jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż, il-fatt li l-prezzijiet għolew ma jkunx rilevanti, meta jiġi vvalutat l-impatt fuq l-utenti.

— It-tielet, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-fatt li l-profittabbiltà tal-produtturi tat-tubi tal-azzar kien modest. Madankollu, skont l-ilmentatur, il-Kummissjoni lanqas pruvat tagħti ħarsa u tivverifika x'inhi l-pożizzjoni aktar fit-tul jew biex tiġi stabbilita linja bażi għal profittabbiltà tipika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tislet konklużjoni mill-profittabbiltà tal-utenti fi tliet xhur, jiġifieri l-ewwel tliet xhur tal-2017.

— Ir-raba', il-konklużjoni tal-Kummissjoni li kien hemm riskju konsiderevoli li d-dazji jwasslu lill-produtturi tat-tubi tal-azzar f'telf ma tiġix ikkonfermata mis-sejbiet. B'mod partikolari, l-allegazzjoni li kien hemm riskju li l-ispejjeż ma setgħux jingħaddu kompletament ma jiġġustifikax il-konklużjoni li d-dazji *ad valorem* jistgħu jwasslu lis-settur tat-tubi tal-azzar f'telf. Il-Kummissjoni kkaratterizzat b'mod żbaljat ukoll il-fehmiet tal-utenti integrati li jibżgħu li jkun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni, minħabba li utenti oħra li jiddependu fuq l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping kienu jiksbu vantaġġ kompetittiv inġust.

(513) Il-Kummissjoni ċaħdet il-biċċa l-kbira ta' dawn l-allegazzjonijiet kif ġej.

— L-ewwel nett, kif diġà ġie stabbilit fil-premessa (485), l-ewwel saru simulazzjonijiet biex jiġi vvalutat l-impatt possibbli ta' kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri antidumping, fuq il-bażi taċ-ċifri tal-profittabbiltà ta' Marcegaglia (dikjarazzjoni(jiet) tad-dħul) għall-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew ivverifikati fil-post. Wara dan, il-Kummissjoni aġġornat is-simulazzjonijiet tagħha fil-permessa (488), Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-allegazzjoni fil-mudell ekonomiku li, jekk xi fornituri kellhom iżidu l-prezzijiet tagħhom jew jekk il-prodotti tal-HRF tagħhom kellhom ikunu taħt il-miżuri, ix-xerrej (l-utent) jippruva jaqleb għal fornituri oħra li ma jżidux il-prezzijiet tagħhom. Madankollu, din is-suppożizzjoni ma tqisx li hemm obbligi kuntrattwali bejn ix-xerrej (l-utent) u l-fornitur, li għall-inqas li jillimitaw l-elastiċità sostituzzjoni għall-HRF fil-bidu. Tabilħaqq, ħdejn is-suq spot, l-utenti tal-HRF jikkonkludu wkoll kuntratti itwal mal-fornituri tagħhom. Tħassib possibbli ieħor fil-bidu jkun il-fatt li l-istabbiliment ta' relazzjoni ta' negozju ġdida jeħtieġ tal-inqas xi investiment. Madankollu, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-elastiċità tas-sostituzzjoni titjieb maż-żmien.

— It-tieni, l-ilmentatur irrikonoxxa li l-prezzijiet tal-HRF kienu qed jogħlew fir-raba' kwart tal-2016 u fl-ewwel kwart tal-2017 u li dawn iż-żidiet fil-prezzijiet jaffettwaw il-produtturi tat-tubi kollha bl-istess mod.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet, li jekk l-utenti jkollhom l-abbiltà li jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż, il-fatt li l-prezzijiet għolew ma jkunx rilevanti, meta jiġi vvalutat l-impatt fuq l-utenti. Madankollu, kif stipulat fil-premessi minn (502) sa (510), il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-produtturi tat-tubi kollha jkollhomx jgħaddu ż-żidiet tal-ispejjeż.

— It-tielet, fit-Tabella tal-premessa (498), il-Kummissjoni pprovdiet *data* finanzjarja għall-perjodu ta' investigazzjoni (12-il xahar), għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2016 (sitt (6) xhur) u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 (tliet (3) xhur). Minħabba li l-miżuri antidumping jista' jkollhom effett ta' tfixkil u immedjat fuq l-impożizzjoni, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma preżenti fis-settur tat-tubi tal-azzar li ma jissaddadx ([1]), il-Kummissjoni kellha d-dritt li tibbaża s-sejbiet tagħha fuq id-*data* msemmija hawn fuq, li tkopri 21 xahar mingħajr ma tidħol fi studju ta' vijabbiltà fit-tul għas-settur tal-pajpijiet.

— Ir-raba', rigward li jingħaddew iż-żidiet fl-ispejjeż, il-Kummissjoni ibbażat is-sejbiet tagħha fuq il-kummenti, li waslu fit-tweġibiet għall-kwestjonarji ta' wara l-PI. Barra minn hekk, il-possibbiltà jekk l-utenti jistgħux jgħaddu ż-żidiet potenzjali fl-ispejjeż kompliet tiġi diskussa u dokumentata matul il-verifiki fuq il-post. B'riżultat ta' dan, il-konklużjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet (spezzjoni ta' dokumenti u ta' inkjesta), li huma ugwalment validi bħala evidenza għal awtorità ta' investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, hija ma injoratx il-fatt li maġġoranza tal-produtturi tat-tubi tal-azzar li mlew il-kwestjonarju qajmu t-tħassib rigward id-distorsjoni fil-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, hija rrimarkat li jerħgħu jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-utenti kollha għax-xiri ta' HRF ta' inqas mill-livell ta' PMI, minħabba li d-dazji *ad valorem* ineħħu d-dumping għall-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi. Għal xiri ta' HRF 'il fuq mill-livell tal-PMI, se tkun deċiżjoni ta' negozju tal-produttur tat-tubu li jiddeċiedi jekk għandux jissodisfa l-provvista tiegħu mingħand produttur integrat tal-Unjoni jew minn importazzjonijiet.

6.4.3.4.3. L-impatt tal-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-ispejjeż ta' segmenti oħra tal-utenti

6.4.3.4.3.1. Introduzzjoni

(514) L-istatistiki pprovduti mill-ilmentatur ([2]) urew li, apparti l-industrija tat-tubi tal-azzar, anki setturi oħrajn, bħall-kostruzzjoni (20 %), is-settur tal-karozzi (15 %) u l-inġinerija mekkanika (15 %), huma konsumaturi importanti tal-prodott ikkonċernat.

(515) Tul din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni fittxet il-kooperazzjoni ma' għadd ta utenti minn dawk is-setturi l-oħrajn fil-Polonja u fl-Istati Baltiċi. Intbagħtulhom kwestjonarji, iżda ma waslet l-ebda tweġiba.

(516) L-ebda assoċjazzjoni tal-utenti ma ppreżentat ruħha wara l-bidu ta' din il-proċedura apparti l-Assoċjazzjoni tal-Inġinerija Mekkanika u l-Industriji tax-Xogħol fil-Metall tal-Latvja. Madankollu, din tal-aħħar la ssostanzjat l-istqarrijiet tagħhom li miżuri antidumping iwasslu għal żieda fl-ispejjeż għas-settur tal-inġinerija mekkanika u lanqas issottomettiet kummenti addizzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni tistabbilixxi stampa ċara dwar l-impatt potenzjali tal-miżuri f'dan is-settur.

(517) Il-Kummissjoni ħadet ukoll nota tal-opinjonijiet konfliġġenti bejn l-ilmentatur u l-Konsorzju rigward l-impatt possibbli tal-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-ispejjeż ta' segmenti oħra tal-utenti, bħas-settur awtomobilistiku u s-settur tal-kostruzzjoni, li donnhom inqas affettwati mis-settur tat-tubi tal-azzar. Pereżempju, l-industrija awtomobilistika jista' jkun li tħabbat wiċċha ma' spejjeż tal-produzzjoni addizzjonali ta' xi EUR 430 miljun. Madankollu, meta wieħed jalloka l-ispejjeż għal kull unità, dan ikun inqas sinifikanti. Skont stimi mill-Konsorzju u l-ilmentatur, iż-żieda fl-ispejjeż għal karozza ta' daqs medju kienet tkun ta' madwar EUR 24 — 27 għal kull karozza. Is-sitwazzjoni donnha simili fis-settur tal-apparat elettrodomestiku.

6.4.3.4.3.2. Kooperazzjoni mal-utenti u l-assoċjazzjonijiet tal-utenti wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni.

(518) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni ppruvat tistma l-impatt tal-miżura fuq segmenti differenti minn dak tat-tubi tal-azzar.

(519) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fittxet għal darba oħra l-kooperazzjoni ma' għadd ta' utenti fil-Polonja u l-Istati Baltiċi (primarjament fis-settur tal-inġinerija mekkanika) billi bagħtitilhom kwestjonarji addizzjonali ta' wara l-PI, iżda ma rċeviet l-ebda tweġibiet.

([1]) Sottomissjoni tal-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar, l-10 ta' Mejju 2017.
([2]) Sottomissjoni tal-Eurofer, Sottomissjoni li tanalizza l-impatt tad-dazji proviżorji fuq l-utenti, 7 ta' Frar 2017, p. 2.

(520) Barra minn hekk, il-Kummissjoni b'mod proattiv fittxet il-kooperazzjoni ma' 11-il assoċjazzjoni tal-utenti li jirrappreżentaw setturi oħrajn (il-kostruzzjoni, is-settur awtomobistiku, l-inġinerija mekkanika, l-apparat elettrodomestiku). Dawn l-assoċjazzjonijiet kollha rċevew kwestjonarji ta' wara l-PI u ntalbu jibagħtu l-mistoqsijiet lill-membri tagħhom fil-każ li l-assoċjazzjonijiet innifishom ma kellhomx it-tweġibiet għall-mistoqsijiet.

(521) Waslulha żewġ tweġibiet parzjali mingħand assoċjazzjonijiet tal-utenti u tweġiba parzjali mingħand kumpanija li rċeviet il-kwestjonarju ta' wara l-PI permezz tal-assoċjazzjoni tagħha.

— L-ewwel, il-Kumitat Ewropew tal-Manifatturi tat-Tagħmir Domestiku (CECED) sostna li ma kienx f'pożizzjoni jipprovdi d-*data* mitluba, iżda stqarr: "*Il-miżuri antidumping potenzjali tal-UE fuq l-azzar tal-UE kien ikollhom impatt dirett jew indirett fuq il-manifattura tal-apparat f'sens negattiv.... Għal din ir-raġuni, m'aħniex favur miżuri protezzjonisti bħall-miżuri antidumping, li jistgħu jħallu effett negattiv fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tagħna, ħlief jekk ikunu ġustifikati b'evidenza ċara.*" [1]

— It-tieni, Agoria, il-membru Belġjan ta' Orgalime [2], stqarret li l-ispejjeż tal-HRF ivarjaw skont it-tip tal-prodott lest: jistgħu jvarjaw bejn 5 % (għat-trejlers, trakkijiet tal-iskart, ferroviji, tratturi terminali) sa 100 % (għat-torrijiet teleskopiċi tal-krejnijiet). Madankollu, it-tweġiba ma kinitx ċara dwar kieku xi jfisser l-impatt fil-prattika għan-negozju tagħhom.

— It-tielet, Electrolux Home Products Corporation N.V. — li rċeviet it-talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni addizzjonali permezz tal-assoċjazzjoni CEDED –semmiet li hija produttur tal-apparat elettrodomestiku li jaġixxi fis-suq globali. Din il-kumpanija stqarret li "*L-azzar huwa komponent ta' spiża ewlieni għall-prodotti tagħna li jinbiegħu f'suq globali kompetittiv ħafna b'marġnijiet baxxi. Għas-siti ta' produzzjoni Ewropej tagħna, nixtru l-azzar mingħand fornituri Ewropej u nippreferu li nkomplu b'dan il-mod. Madankollu, id-dazji tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-azzar jirriżultaw fi prezzijiet għoljin artifiċjalment għall-azzar domestiku u barrani li qed jirriżultaw fi żvantaġġ kompetittiv għan-negozju tagħha meta mqabbel ma' manifatturi oħra li għandhom fabbriki barra mill-UE u jesportaw il-prodotti lesti tagħhom lejn l-UE* [3]."

(522) Il-Kummissjoni nnutat b'rabta ma' dawn it-tweġibiet li ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* sinifikanti dwar il-profittabbiltà u l-volumi tal-bejgħ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni tistabbilixxi stampa ċara dwar l-impatt potenzjali tal-miżuri fuq setturi differenti minn dak tat-tubi tal-azzar.

(523) Madankollu, meta wieħed iqis ir-rata ta' rispons baxxa mill-utenti u l-assoċjazzjonijiet tal-utenti f'setturi differenti minn dak tat-tubi tal-azzar, l-impatt ta' xi żieda fil-prezz ġie vvalutat bħala inqas sinifikanti milli fuq is-setturi tat-tubi tal-azzar, għalkemm it-tliet tweġibiet (ara l-premessa (521)) jagħtu x'wieħed jifhem li ma jkunux favur l-impożizzjoni ta' miżuri f'dan il-każ.

(524) Wara l-iżvelar, l-ilmentatur l-ewwel argumenta li l-Kummissjoni b'mod żbaljat ikkonkludiet li "l-impatt ta' kwalunkwe żieda fil-prezzijiet ġiet meqjusa inqas sinifikanti" għar-raġunijiet li ġejjin: l-analiżi tal-impatt ta' miżuri possibbli fuq setturi oħra minbarra s-settur tat-tubi tal-azzar hija kkaratterizzata min-nuqqas ta' kwalunkwe *data* jew evidenza vverifikata li tissuġġerixxi impatt materjali fuq segmenti tal-utenti l-oħra; L-unika evidenza ċċitata biex turi impatt fuq l-utenti huma tliet ittri. Barra minn hekk, il-konklużjoni hija kontradizzjoni sfaċċata fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li "ma hemm l-ebda *data* sinifikanti" disponibbli u li hija "ma tistax tistabbilixxi figura ċara dwar l-impatt potenzjali ta' miżuri f'setturi oħra minbarra s-settur tat-tubi tal-azzar" (ara l-premessa (522)). Barra minn hekk, l-ilmentatur allega li waħda mill-assoċjazzjonijiet (Agoria) stqarret li hija tappoġġa l-impożizzjoni ta' dazji *ad valorem*.

(525) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-ilmentatur argumenta fis-sottomissjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2017 li "… għal eżempji juru, li s-setturi kollha, ħlief fis-settur tat-tubi, li l-impatt tad-dazji x'aktarx ikun *de minimis*" u li kien hemm livell baxx ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, huwa veru li Agoria dehret li tindika li tappoġġa l-impożizzjoni tad-dazji *ad valorem*.

(1) Ittra tat-22 ta' Mejju 2017 mingħand id-Direttur Ġenerali tas-CECED lis-servizzi tal-Kummissjoni.
(2) Orgalina hija l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Impriżi tal-Inġinerija, li tirrappreżenta l-interessi tal-industrija mekkanika, elettrika u elettronika, tax-xogħol fil-metall u tal-oġġetti tal-metall.
(3) Ittra riċevuta bil-posta elettronika fit-22 ta' Mejju 2017, mingħajr *data*, mingħand l-uffiċjal kap eżekuttiv u l-viċi president għax-xiri ta' Electrolux Home Products Corporation N.V.

(526) Madankollu, id-dikjarazzjonijiet tal-assoċjazzjoni l-oħra tal-utenti u ta' kumpanija waħda (ara l-premessa (521)) ipprovdew indikazzjonijiet li ma jikkondividux il-valutazzjoni tal-ilmentatur li l-impatt tad-dazji x'aktarx li jkun minimu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ivvalutat iż-żieda fl-ispejjeż għal karozza medja li hija madwar EUR 24 u EUR 27 għal kull karozza (ara l-premessa (517)) u l-impatt probabbli fuq tagħmir domestiku, li kien ikkaratterizzat bħala inqas sinifikanti fil-medda ta' bejn l-EUR 0,63 u EUR 1,43 għal kull tagħmir).

(527) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni irfinat il-konklużjoni ġenerali tagħha u kkonkludiet li l-impatt fuq setturi oħrajn minbarra s-settur tat-tubi tal-azzar ikun inqas sinifikanti.

6.4.3.4.3.3. Konklużjoni dwar is-setturi l-oħrajn barra dak tat-tubi tal-azzar

(528) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-impatt fuq dawk l-utenti l-oħrajn ikun inqas sinifikanti milli fuq is-settur tat-tubi tal-azzar.

6.4.3.5. L-interess tal-utenti relatati ma' produtturi esportaturi

(529) L-importazzjonijiet kollha mill-produttur esportatur Brażiljan CSN lejn l-Unjoni marru għand il-kumpanija sussidjarja Portugiża relatata tagħha, Lusosider. Dik il-kumpanija tal-aħħar primarjament tipproċessa dawk l-importazzjonijiet tal-HRF fi prodotti downstream għall-bejgħ fuq kollox fil-Peniżola Iberika.

(530) Tul seduta ta' smigħ, CSN infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni li kienet pendenti deċiżjoni importanti dwar investiment u li din setgħet taffettwa lil Lusosider, li bħalissa timpjega 250 persuna. Il-produttur esportatur Russu NLMK stqarr li tul iż-żmien, hu kien żviluppa l-operazzjonijiet downstream tiegħu fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa argumenta li "l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping fuq l-HRF, billi tillimita l-possibilitajiet biex wieħed jesporta input importanti mir-Russja għall-impjanti tagħha fl-UE, ixxekkel kieku b'mod serju l-abbiltà ta' NLMK li tkabbar il-produzzjoni downstream tagħha fl-UE." (1)

(531) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, NLMK żdiedet li "… *NLMK xtaqet tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għar-riskji li l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping tista' toħloq b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' forza maġġuri, billi tillimita d-disponibbilta ta' materjal mill-impriża prinċipali tagħna fil-każ li tkun meħtieġa*."

(532) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, tliet utenti relatati mal-produtturi esportaturi ntalbu li jimlew kwestjonarju ta' wara l-PI. Tnejn minnhom imlew kwestjonarju sħiħ filwaqt li dak li fadal ippreżenta tweġiba parzjali. Fuq il-bażi tad-*data*, il-Kummissjoni nnutat li l-profittabbiltà ta' dawn iż-żewġ utenti minn 1,81 % tul il-PI marret għal 14,10 % tul l-ewwel tliet xhur tal-2017. Madankollu, il-profittabbiltà tal-ewwel tliet xhur tal-2017 għal kumpanija waħda nstab li tinkludi profitti li kienu pjuttost eċċezzjonali, u mhux ta' natura permanenti bħala riżultat tal-prezzijiet miżjuda tal-HRF tul il-perjodu ta' wara l-PI.

(533) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur sostna li r-referenza tal-Kummissjoni għad-dikjarazzjoni tal-NLMK (ara l-premessa (531)) ma tistax taħbi li din il-kumpannija ma importatx HRF mingħand il-kumpanija ewlenija tagħha Russa matul il-perjodu kkunsidrat.

(534) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li NLMK ma importatx HRF mingħand il-kumpannija ewlenija tagħha Russa matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, NLMK wriet li l-klijenti tagħha jeħtieġu konferma li l-provvisti ta' HRF minn NLMK huma garantiti fil-każijiet kollha, inkluż f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' forza maġġuri. F'każijiet bħal dawn, l-NLMK li tinsab fl-Unjoni teħtieġ pass lura fuq il-provvisti mingħand il-kumpanija ewlenija tagħha li tinsab fir-Russja. Jew inkella, ma tkun tista' żżomm konsumaturi ikbar u tibqa' kompetittiva fis-suq tal-Unjoni.

(535) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri la hija fl-interess tas-sussidjarja Portugiża, Lusosider, li hija relatata mal-produttur esportatur Brażiljan CSN, u lanqas fl-interess tas-sussidjarja Belġjana, NLMK, li hija relatata mal-produttur esportatur Brażiljan NLMK.

(1) Sottomissjoni tal-25 ta' Ottubru 2016 ta' Novolipetsk Steel (NLMK).

6.4.4. *Konklużjoni dwar l-interess tal-utenti*

(536) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri kienet kontra l-interess tal-utenti. Filwaqt li l-impatt fuq is-settur tat-tubi tal-azzar ikun wieħed evidenti ħafna, l-impatt fuq setturi downstream oħra donnu pjuttost inqas serju.

(537) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur l-ewwel argumenta li l-kliem "probabbli ħafna anqas gravi" huwa dikjarazzjoni qarrieqa u żbaljata, fid-dawl tal-evidenza attwali fil-fajl:

— L-ewwel nett, l-impatt fis-segment tat-tubi huwa kkonċentrat f'parti żgħira ta' dan is-segment, jiġifieri l-produtturi ta' tubi wweldjati li mhumiex relatati mal-produtturi tal-Unjoni tal-HRF u jagħżlu li jiddependu fuq l-importazzjonijiet;

— It-tieni, analiżi qasira tas-setturi l-oħrajn minbarra s-settur tat-tubi tal-azzar ikkonfermat li ma hemm l-ebda impatt materjali.

(538) Il-Kummissjoni ċaħdet il-biċċa l-kbira ta' dawn l-allegazzjonijiet kif ġej.

— L-ewwel nett, kif imsemmi fil-premessa (435), weħidha, Marcegaglia ta' kull sena qed tikkonsma bejn 2,9 u 4,4 miljun tunnellata tal-prodott ikkonċernat/prodott simili. Dan ifisser li din kienet l-unika kumpanija responsabbli waħedha għal madwar bejn 8,5 % u kważi 13 % tal-konsum totali tas-suq ħieles tal-Unjoni, kif stabbilit fit-Tabella tal-premessa (226). Barra minn hekk, l-analiżi tas-suq tat-tubi tal-azzar ma kinitx dipendenti biss fuq l-analiżi Marcegaglia. Kif stabbilit, fil-premessa (8), ġie stabbilit Konsorzju *ad hoc*, għall-għanijiet tal-investigazzjoni, minn aktar minn 30 utent u importatur mhux relatat li jinsabu primarjament, iżda mhux esklussivament, fl-Italja. Dawn jikkonsistu prinċipalment minn SMEs, għalkemm Marcegaglia kien ukoll membru ta' dan il-Konsorzju. F'dan ir-rigward, kif stabbilit fil-premessi (17) u (24), dan il-Konsorzju ppreżenta l-kummenti u nstema' waqt is-seduta ta' smigħ. Barra minn hekk, kif stabbilit fit-Tabella tal-premessa (498), ħames membri tal-Konsorzju kkoperaw billi tipprovdi *data* ta' wara l-IP. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni tal-ilmentatur li l-impatt fuq is-segment tat-tubi huwa kkonċentrat f'parti żgħira ta' dan is-segment.

— It-tieni, fir-rigward tal-allegazzjoni li ma jkun hemm ebda impatt materjali għal setturi oħra minbarra s-settur tat-tubi tal-azzar, il-Kummissjoni rreferiet għad-dikjarazzjonijiet preċedenti tagħha fil-premessa (524) ta' hawn fuq. Hemm impatt, iżda huwa inqas sinifikanti.

(539) Madankollu, u għall-finijiet ta' koerenza, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li kellha tuża l-istess kliem "inqas sinifikanti" fil-konklużjoni bħal fil-parti analitika ta' premessa (528). Għalhekk, il-Kummissjoni bidlet il-konklużjoni preċedenti tagħha, kif stabbilit fil-premessa (536), kif ġej: Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri kienet kontra l-interess tal-utenti. Filwaqt li l-impatt fuq is-settur tat-tubi tal-azzar ikun wieħed evidenti ħafna, l-impatt fuq setturi downstream oħra donnu pjuttost inqas serju.

6.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(540) Il-Kummissjoni kellha tiżen u tibbilanċja, minn naħa, l-interessi qawwija ta' industrija importanti tal-Unjoni li trid titħares mill-prattiki inġusti, u l-effetti probabbilment negattivi tal-miżuri fuq l-utenti, min-naħa l-oħra.

(541) L-impożizzjoni ta' miżuri kieku tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżomm livell sostenibbli ta' profitti. B'kunsiderazzjoni għat-telf akkumulat li ġarrbet sa mill-2013, bl-eċċezzjoni tal-profitt modest li nkiseb fis-sena 2014, tali miżuri jkunu ta' għajnuna sabiex l-industrija tal-Unjoni ssir industrija b'saħħitha u vijabbli.

(542) Min-naħa l-oħra, l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi kontra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna tista' taffettwa b'mod negattiv lill-utenti — li f'parti kbira minnhom jiddependu fuq il-provvista tal-prodott ikkonċernat — b'mod sproporzjonat. Dan kieku jdgħajjef il-kompetittività tagħhom fis-suq downstream, b'mod partikolari dak tat-tubi u l-pajpijiet.

(543) Kif ġie nnutat hawn fuq, sabiex tibbilanċja b'mod xieraq dawk l-interessi opposti u tasal għal konklużjonijiet adegwati f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qisitu meħtieġ li teżamina l-iżviluppi ta' wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri wara Lulju tal-2016. Ħadet ukoll inkonsiderazzjoni li fit-tieni nofs tal-2016, il-prezzijiet tal-HRF żdiedu b'mod sinifikanti u qabżu l-marka ta' EUR 500 għal kull tunnellata fi Frar 2017.

(544) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, il-Kummissjoni investigat aktar l-allegazzjonijiet li l-prezzijiet tal-HRF żdiedu tul il-perjodu ta' wara l-PI. Barra minn hekk, ħeġġet lill-utenti jipprovdu *data* addizzjonali fuq id-diversi setturi ta' utenti, bil-għan li jkun jista' jiġi vvalutat b'mod aktar preċiż l-impatt potenzjali ta' miżuri fuq is-setturi downstream apparti t-tubi u l-pajpijiet. Stiednet ukoll lill-partijiet interessati jikkummentaw fuq il-forma xierqa ta' miżuri.

(545) Wara l-ġbir tad-*data* addizzjonali pprovduta minn diversi partijiet interessati, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tal-HRF żdiedu b'mod sinifikanti tul il-perjodu ta' wara l-PI u li:

— Miżuri definittivi li jippermettu lill-produtturi tal-Unjoni jerġgħu lura għal livelli sostenibbli ta' profitti. Mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri, ma jkunx hemm ċertezza li l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi ssir vijabbli biżżejjed, meta nikkunsidraw ukoll it-telf akkumulat li ġarrbet sa mill-2013, bl-eċċezzjoni tal-profitt modest li nkiseb fis-sena 2014.

— Fejn jidħol l-interess tal-utenti, l-impożizzjoni ta' miżuri f'forma ta' dazji *ad valorem* kontra l-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna kieku taffettwa b'mod negattiv lill-utenti (b'mod partikolari fis-settur tat-tubi tal-azzar) b'mod sproporzjonat li jħalli effett fuq il-prezzijiet u l-impjiegi tagħhom.

(546) Il-Kummissjoni tfakkar is-sejbiet fil-premessa (425) rigward il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni kif ukoll iż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset, b'konformità mal-interess tal-Unjoni, li tbiddel il-forma tal-mizuri biex jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-produtturi tal-Unjoni u l-utenti f'dan il-każ partikolari. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li timponi dazji *ad valorem*, limitati bi prezz minimu tal-importazzjoni ("PMI"), li jikkunsidraw iż-żieda fil-prezzijiet ta' materjal prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin:

— Minn naħa, l-iffissar ta' dazju fil-livell tad-dazju *ad valorem* limitat bil-PMI jippermetti kieku lill-produtturi tal-Unjoni jirkupru mill-effetti tad-dumping dannuż. L-iffissar ta' limitu fil-livell ta' PMI effettiv ifisser xibka ta' sikurezza li tagħtihom il-possibbiltà li jilħqu profittabbiltà sostenibbli;

— Min-naħa l-oħra, l-iffissar ta' livell massimu ta' PMI effettiv jipprevjeni wkoll kwalunkwe effett negattiv taż-żidiet fil-prezz wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li setgħu jkollhom impatt negattiv fuq in-negozju tal-utenti.

(547) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur allega li s-sejbiet tal-Kummissjoni jmorru kontra r-rekwiżiti skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku. Jekk il-miżuri kienu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tkun obbligata li timponihom, sakemm ma jkunx hemm evidenza li l-miżuri jkollhom impatt sproporzjonat fuq l-industriji tal-utenti. Skont l-ilmentatur, ma hemm l-ebda evidenza ta' dan. Barra minn hekk, huwa sostna li l-Kummissjoni kienet tat prijorità lill-interessi ta' sottogrupp ta' utenti żgħar (jiġifieri, ċerti produtturi ta' tubi tal-azzar) u naqset milli twettaq apprezzament għall-interessi varji meħudin bħala unità sħiħa. B'mod aktar ġenerali, huwa allega li r-regoli rigward l-interess tal-Unjoni jipprevedu biss għall-impożizzjoni jew in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri. Fi kliem ieħor, huwa test ta' sempliċi iva jew le.

(548) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-punti u kkunsidrathom bħala legalment żbaljati u spjegat kif normalment jitwettaq it-test tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku:

— Jekk il-miżuri huma fl-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija obbligata li timponihom, sakemm ma jkunx hemm evidenza li l-miżuri jkollhom impatt sproporzjonat fuq l-industriji tal-utenti, l-importaturi, il-konsumaturi jew il-partijiet affettwati direttament. Fil-każ tal-aħħar, l-ebda miżuri ma għandhom jiġu imposti. Madankollu, fl-investigazzjoni attwali, l-ebda xenarju ma huwa inkwistjoni.

— Għall-kuntrarju, l-evidenza disponibbli tindika b'mod ċar il-fatt li l-utenti tal-aktar settur importanti li jużaw il-prodott ikkonċernat (jiġifieri s-settur tat-tubi tal-azzar, li jikkonsma madwar 32 % tal-konsum kollu tal-HRF, ara l-premessa (483)) jistgħu jintlaqtu b'mod sproporzjonat jekk jiġu imposti d-dazji *ad valorem*, anki fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-HRF wara l-perjodu tal-investigazzjoni.

— F'dan ix-xenarju, il-Kummissjoni tista' tbiddel il-forma tal-miżura biex jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn l-interessi li jikkompetu ma' xulxin. F'dan ir-rigward, ingħatat kunsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li tiġi protetta l-industrija tal-Unjoni kontra prattiki inġusti, fuq naħa waħda, filwaqt li jiġu limitati l-effetti negattivi possibbli tal-miżuri fuq l-utenti (l-ewwel nett produtturi tat-tubu tal-azzar), min-naħa l-oħra, mingħajr ma tiddgħajjef l-effikaċja tal-miżura.

(549) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma ħarsitx biss lejn l-interessi astratti involuti, iżda, kif tagħmel is-soltu, anki lejn l-effett konkret probabbli fuq in-negozji rispettivi. B'argument kontra l-PMI, il-Eurofer kitbet lill-Kummissarju għall-Kummerċ u l-President tal-Kummissjoni Ewropea: "Anki jekk il-PIM kellu jkun ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni, *isir limitu massimu fuq il-profittabbiltà tal-industrija tagħna*, anki hekk kif nibdew nirkupraw mill-agħar kriżi f'għexieren ta' snin [1]."

(550) Fil-fehma tal-Kummissjoni, din l-istqarrija pjuttost ikkonfermat fl-opinjoni tagħha li kien fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti dazji *ad valorem* biss taħt il-livell tal-PMI. Filwaqt li l-PMI jimmitiga r-riskju konkret li xi produtturi tat-tubi, inklużi bosta SMEs, jistgħu jagħmlu t-telf, l-iżvantaġġ li jirriżulta minn PMI għall-ilmentatur jidher li huwa prinċipalment li jostakolaw il-proċess ta' marġni ogħla ta' profitt f'perjodu ta' rkupru fejn huwa diġà jkun qed jikseb profitti 'l fuq mil-livell fil-mira.

(551) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Konsorzju talab li l-investigazzjoni preżenti jenħtieġ li tintemm abba'i tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija argumentat li l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping, fi kwalunkwe forma, jista' jkollha effett devastanti fuq il-vijabilità ekonomika tal-utenti indipendenti għar-raġunijiet li ġejjin:

— Is-suq tal-Unjoni tal-HRF huwa kkaratterizzat minn struttura oligopolistika, fejn kważi 90 % HRF jiġu prodotti u forniti, kemm fuq is-suq magħluq u dak ħieles, minn ftit produtturi vertikalment integrati.

— Fid-dawl tal-integrazzjoni vertikali tagħhom, il-produtturi tal-Unjoni fl-istess ħin huma produtturi u proċessuri (utenti) ta' HRF. Dan ifisser li l-utenti indipendenti jsibu lilhom infushom li jkunu kemm il-klijenti kif ukoll il-kompetituri tal-ftit produtturi, iżda b'saħħithom tal-Unjoni.

(552) Il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba. Kif stabbilit fil-premessa (548), ingħatat kunsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li tiġi protetta l-industrija tal-Unjoni kontra prattiki inġusti, fuq naħa waħda, filwaqt li jiġu limitati l-effetti negattivi possibbli tal-miżuri fuq l-utenti (l-ewwel nett produtturi tat-tubu tal-azzar), min-naħa l-oħra. F'dan l-ekwilibriju tal-interessi, l-osservazzjonijiet tal-Konsorzju kienu diġà ġew ikkunsidrati kif xieraq.

(553) Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li timponi dazji *ad valorem*, limitati bil-PMI (ara l-premessa (546)).

## 7. MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

### 7.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (marġni tad-dannu)

#### 7.1.1. *Prezz indikattiv*

(554) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Skont il-ġurisprudenza, il-prezz indikattiv huwa l-prezz li l-industrija tal-Unjoni tista' tilħaq b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-erba' pajjiżi. Il-prezz indikattiv huwa kkalkulat billi jiġu stabbiliti l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott simili u jiżdied magħhom il-marġni tal-profitt li l-industrija tal-Unjoni tista' tilħaq b'mod raġjonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(555) Fejn tidħol id-determinazzjoni tal-profitt fil-mira, id-*data* għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni turi telf biss, bl-eċċezzjoni tas-sena 2014, meta nkiseb profitt żgħir li ma tqiesx adegwat biex wieħed jiddetermina marġni raġonevoli għall-profitt li jista' jintlaħaq fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping Kif stipulat fil-premessa (341), l-industrija tal-Unjoni setgħet ibbenefikat aktar mill-irkupru tas-suq mill-2014 'il quddiem. Però, l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi żdiedu gradwalment u qabdu ishma mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Il-pressjoni kontinwa tal-importazzjonijiet bdiet tinħass bis-sħiħ mit-tieni nofs tal-2015, il-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni.

[1] Ittri datati kemm fis-27 ta' Ġunju 2017 mid-Direttur Ġenerali ta' Eurofer lill-Kummissarju għall-Kummerċ kif ukoll lill-President tal-Kummissjoni Ewropea.

(556) L-ilmentatur talab biex il-Kummissjoni tuża 12,9 % tal-fatturat bħala marġni ta' profitt raġonevoli mhux ta' dannu. Dak kien il-profitt medju qabel it-taxxa fuq il-bejgħ li ntuża f'każ preċedenti dwar dannu materjali li jmur lura għall-2000 fir-rigward tal-istess prodott ikkonċernat ([1]).

(557) Il-Kummissjoni qieset li dak il-marġni tal-profitt ma kienx adegwat u għaldaqstant ma setax jintuża billi dak il-każ imur lura għas-sena 2000 u d-*data* ta' aktar minn 15-il sena ilu ma tistax iżjed titqies rappreżentattiva bit-tibdiliet teknoloġiċi u finanzjarji li l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat minn dakinhar.

(558) Il-Kummissjoni talbet ukoll lis-sitt produtturi tal-Unjoni fil-kampjun jipprovdu *data* dwar il-profittabbiltà fir-rigward tal-prodott simili meta jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni mis-sena 2007 sal-perjodu tal-investigazzjoni, permezz tat-tweġibiet oriġinali tagħhom għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni sabet li l-ebda waħda minn dawk is-snin (magħżula weħidha jew f'forma ta' basket) mhi rappreżentattiva għall-istabbiliment ta' mira għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-ewwel, jiġi osservat li d-*data* dwar il-profittabbiltà għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma tistax titqies punt ta' referiment xieraq għall-kalkolu tal-profitt fil-mira billi l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali ma kinux issodisfati minħabba l-preżenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tul is-snin mill-2015 'il quddiem, miċ-Ċina u mill-erba' pajjiżi. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (133) tar-Regolament definittiv dwar l-importazzjonijiet tal-HRF miċ-Ċina ([2]), is-snin 2012, 2013 u 2014 ma jistgħux jitqiesu snin b'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali, minħabba l-konsegwenzi tal-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro u t-tnaqqis fit-talba għall-azzar fl-2012.

— It-tieni, il-profittabbiltà tvarja b'mod sinifikanti għal kull sena qabel is-sena 2012. B'hekk, la xi sena partikolari weħidha lanqas baskett ma jistgħu jitqiesu rappreżentattivi fihom innifishom. Pereżempju, l-analiżi marret lura sal-2007 biex tiżgura li mill-inqas sena waħda qabel il-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika tittieħed inkonsiderazzjoni. Madankollu, l-2007 u l-2008 kienu partikolarment pożittivi, filwaqt li s-snin ta' wara kienu affettwati mill-kriżi finanzjarja tal-2009 u b'hekk lanqas huma mhuma rappreżentattivi f'kundizzjonijiet normali.

(559) Għalhekk, il-Kummissjoni marret għal prodott ieħor, il-pjanċa tqila, fl-istess settur industrijali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni rreferiet għall-premessa (202) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/336 ([3]), fejn hija kkonfermat is-sejbiet tagħha inklużi fir-Regolament (UE) 2016/1777 ([4]), fejn intuża profitt ta' 7,9 %. F'dan ir-rigward, hemm mill-inqas żewġ karatteristiki komuni: l-ewwel nett, iż-żewġ prodotti huma prodotti fl-istess settur industrijali u t-tieni, iż-żewġ prodotti huma maħdumin b'laminazzjoni termali u mhux flimkien (clad), indurati jew miksijin.

(560) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi żiedet il-marġni ta' profitt ta' 7,9 % mal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(561) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur ikkunsidra li l-mira ta' profitt ta' 7,9 % kienet baxxa wisq: huwa allega li l-Kummissjoni għandha tuża l-profitti miksuba fl-2008 (jiġifieri mira ta' profitt ta' 14,4 %) billi l-Kummissjoni vverifikat id-*data* dwar il-profittabbiltà għal perjodu ta' 10 snin, inkluża s-sena 2008, li kienet is-sena ta' qabel bdiet il-kriżi finanzjarja. Barra minn hekk, argumentat li metodu alternattiv biex jiddetermina l-marġni ta' profitt kien li tibbaża ruħha fuq *data* mill-investigazzjoni ta' qabel fuq prodotti ċatti b'laminazzjoni termali (fl-2000, meta nkiseb marġni ta' profitt ta' 12,9 %). Barra minn hekk, argumentat li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 284/2000/KEFA tal-4 ta' Frar 2000 li timponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-azzar jew azzar mhux illigat, b'wisgħa ta' 600 mm jew aktar, mhux miksijin, ipplattati jew mgħottijin, fil-kojlaturi, mhux maħduma ulterjorment minn b'laminazzjoni termali li joriġinaw fl-Indja u t-Tajwan u għall-aċċettazzjoni ta' impenji offruti minn ċerti produtturi esportaturi u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel (ĠU L 31, 2000, p. 44, para. 338).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 88, premessa (133)).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/336 tas-27 ta' Frar 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv u l-ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 50, 28.2.2017, premessa 202, p. 37).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1777 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 272, 7.10.2016, p. 5).

raġuni għal din l-inkonsistenza mal-approċċ fil-każ taċ-Ċina, fejn intuża profitt mira ta' 7 %. Fl-aħħar nett, hija allegat li ċ-ċaħda tal-profitti tal-HRF favur prodott differenti tikkontradixxi l-prattika preċedenti. F'dan il-kuntest, hija tirreferi għall-każ ta' Rebars, fejn "*il-Kummissjoni tosserva li d-data dwar il-profittabbiltà speċifikament relatata mal-prodott ikkonċernat tikkostitwixxi punt ta' riferiment aktar preċiż mid-data dwar il-profittabilità ta' prodotti oħra tal-azzar jew tas-settur tal-azzar inġenerali.*"

(562) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti. Kif spjegat fil-premessa (558), is-sena 2008 tqieset bħala sena estremament pożittiva u għalhekk mhux rappreżentattiva tal-kundizzjonijiet normali. Barra minn hekk, il-profitt fil-mira miksub fis-sena 2000 huwa wisq 'il bogħod f'dan il-każ biex jikkostitwixxi alternattiva raġonevoli. Anki bis-suppożizzjoni mhux probabbli li ma kien hemm l-ebda bidla teknoloġika u finanzjarja fl-Unjoni mis-sena 2000 'l hawn, kien hemm tal-inqas xi bidliet fid-daqs tas-suq tal-Unjoni mill-2000 bħala riżultat tal-għadd dejjem jikber ta' Stati Membri matul il-perjodu bejn is-sena 2000 u l-2016. Barra minn hekk, il-profitt fil-mira użat fil-każ taċ-Ċina kien ibbażata fuq analiżi prospettiva f'dan it-"theddid ta' dannu" u jkun aktar baxx.

(563) Min-naħa l-oħra, il-Konsorzju ssottometta li l-użu ta' profitt fil-mira ta' 7,9 % ma kienx realistiku u kien għoli wisq għar-raġunijiet li ġejjin:

— Anki jekk iż-żewġ prodotti, kemm l-HRF kif ukoll il-pjanċa tqila tabilħaqq jiġu prodotti fl-istess settur tal-industrija u t-tnejn li huma, b'laminazzjoni termali, għandu jiġi nnutat li l-karatteristiċi fiżiċi ta' dawn iż-żewġ prodotti huma differenti.

— Billi bbażat ruħha fuq il-każ tal-pjanċa tqila, il-Kummissjoni impliċitament ammettiet li l-marġni ta' profitt miksub fl-2011 jista' jkun raġonevolment użat bħala punt ta' referenza għall-kalkolu tal-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu Għalhekk, wieħed għandu jistaqsi għalfejn il-Kummissjoni ma użatx il-marġni ta' profitt tal-2011 stabbilit għall-industrija tal-Unjoni fl-investigazzjoni parallela fl-importazzjonijiet ta' HRF mir-RPĊ, jiġifieri 3,11 %. L-għażla ta' marġni ta' profitt relatat ma' prodott li huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni preżenti kienet tkun aktar xierqa.

(564) Il-produttur esportatur CSN għamel kumment simili u talab lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-marġini tal-profitt ta' 3,11 % miksub fl-2011 billi dan kien il-profitt inkwistjoni eżattament għall-istess ambitu tal-prodott. F'kull każ, CSN argumentat li marġni ta' profitt raġonevoli għandu jiġi stabbilit f'livell mhux ogħla minn 5 % għall-industrija tal-Unjoni fl-investigazzjoni preżenti.

(565) Barra minn hekk, produttur esportatur Ukrajn Metinvest kkummenta li l-użu ta' tali mira ta' profitt ta' 7,9 % kien għoli wisq, u jargumenta li HRF u pjanċi tqal għandhom karatteristiċi fiżiċi differenti. L-argument prinċipali tagħhom kien li s-segment tal-pjanċi tqal ikun marġni ta' profitt ogħla minħabba prezzijiet ogħla ta' bejgħ meta mqabbel ma' prodotti ċatti rrumblati meta l-prezzijiet huma ġeneralment irħas, u għalhekk inqas profittabbiltà. Kumment simili sar minn produttur esportatur Iranjan, Mobarakeh Steel Company, bl-argument li l-profitt fil-mira ta' 7,9 % huwa għoli wisq biex ikun realistiku fl-industrija tal-azzar fl-ambjent ekonomiku attwali. Barra minn hekk, il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas ikkummenta wkoll li l-profitt fil-mira ta' 7,9 % kien għolja żżejjed u illegalment miżjud.

(566) Kif stabbilit skont il-premessa (558), il-marġni tal-profitt miksub f'HRF fl-2011 ma setax jintuża minħabba li f'dik is-sena, is-suq HRF kien għadu milquta ħafna mill-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2009 u għalhekk ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv. Għalhekk, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (559), il-Kummissjoni użat il-profitt fil-mira minn prodott ieħor, jiġifieri pjanċi tqal, f'settur simili għal dan tal-industrija. Konsegwentement, la hemm tluq u lanqas kontradizzjoni mal-prattika standard tal-Kummissjoni.

(567) Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-prezzijiet tal-bejgħ ogħla tal-pjanċi tqal meta mqabbel mal-HRF iwasslu awtomatikament għal profitt ogħla, il-Kummissjoni nnutat li hemm ħafna fatturi varjabbli oħra (bħal pereżempju l-provvista u d-domanda, l-iskarsezza, u l-ispejjeż imġarrba) milli l-livell tal-prezz tal-bejgħ, li jixprunaw il-livell ta' profittabbiltà. B'risposta għall-argument li l-Kummissjoni aċċettat impliċitament li l-profitti mill-2011 jista' jiġi aċċettat bħala parametru referenzjarju raġonevoli, il-Kummissjoni nnutat dan li ġej. L-ewwel nett, filwaqt li kemm il-pjanċi tqal kif ukoll l-HRF jappartjenu għall-istess settur tal-industrija, jiġifieri, l-azzar, dawn il-prodotti għandhom swieq differenti u l-irkupru mill-kriżi ekonomika u finanzjarja ma segwix l-istess pass. Matul l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li ż-żewġ industriji irkupraw b'mod parallel, u lanqas

il-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza f'dan ir-rigward. It-tieni, fil-premessa (221) tar-Regolament (UE) 2016/1777 ([1]) dwar pjanċi tqal, il-Kummissjoni sempliċement osservat li l-profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni żdiedet mill-2009 'l quddiem, iżda ma teskludix li effetti minuri jew marġinali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja kienu għadhom preżenti fl-2011. Fid-dawl tat-tendenza li dejjem qed tiżdied fil-profittabilità u l-impatt li qed jonqos tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq is-suq għal pjanċi tqal, hija għalhekk ikkunsidrat li l-profittabbiltà milħuqa fl-2011 kienet raġonevoli. F'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjoni attwali, l-irkupru tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni wera tendenza differenti minn dak li ġie osservat fil-kuntest tal-investigazzjoni dwar pjanċi tqal. Waqt li, fl-investigazzjoni preżenti, il-profittabbiltà bdiet tirkupra fl-2010 u żdiedet meta mqabbla mal-livelli rreġistrati fl-2009, hija reġgħet naqset fl-2011. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni rkuprat jew bdiet tirkupra mill-kriżi finanzjarja sal-2011 jew li l-livelli ta' profittabbiltà li nkisbu sal-2011 tqiesu raġonevolim, b'mod simili għal dak li ġie osservat fl-investigazzjoni tal-pjanċi tqal.

(568) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat li l-profitt li sar mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu bejn Jannar u Marzu 2017 (ara l-premessa (425)) kien ogħla mill-profitt fil-mira ta' 7,9 %. Għalhekk, hija kkunsidrat li dan il-profitt fil-mira ma kienx għoli wisq fl-ambjent ekonomiku attwali.

7.1.2. *Għall-kalkolu tal-marġni ta' dannu jintuża bħala bażi, b'analoġija, l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.*

(569) Meta produttur esportatur biegħ il-prodott ikkonċernat permezz ta' importaturi relatati, il-prezz tal-esportazzjoni inħadem fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijent indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Dan l-aġġustament ikkonsista mill-ispejjeż imġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid billi tnaqqsu l-ispejjeż BĠA tal-importatur relatat u ammont raġonevoli għal profitt ta' 2 % ([2]), li miegħu mbagħad żdiedu l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni (kolonna 4).

(570) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, l-MMK Group tar-Russja sfida l-approċċ tal-Kummissjoni li applika b'analoġija l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Allega li tali applikazzjoni kienet bi ksur tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku nnifsu, u invalida permezz ta' żball manifest ta' valutazzjoni. Ippretenda wkoll li tali metodu jwassal għall-ġbir ta' dazji żejda. Barra minn hekk, il-produttur esportatur Iranjan Mobarakeh Steel Company argumenta li din il-metodoloġija tikser l-Artikolu 1(1) tar-Regolament bażiku u l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni u ma tippermettix paragun ġust bejn il-prezzijiet tat-tipi ta' prodott importati u dawk tal-industrija domestika. Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Russu PAO Severstal, il-produttur esportatur Iranjan Mobarakeh Steel Company u l-produttur esportatur tal-Ukrajna Metinvest għamlu kummenti simili.

(571) L-ewwel, l-għan tal-kalkolu ta' marġni ta' dannu huwa li jiġi determinat jekk l-impożizzjoni ta' rata ta' dazju aktar baxxa (minn dik ibbażata fuq il-marġni ta' dumping) fuq il-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tkunx biżżejjed biex tneħħi d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li huwa meqjus bħala livell komparabbli mal-prezz tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Fil-każ tal-bejgħ għall-esportazzjoni permezz ta' importaturi relatati, b'analoġija mal-approċċ segwit għall-kalkoli tal-marġni ta' dumping, il-prezz tal-esportazzjoni kien inħadem fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijent indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Billi l-prezz tal-esportazzjoni huwa element indispensabbli għall-kalkolu tal-marġni ta' dannu u billi dan l-Artikolu huwa l-uniku Artikolu fir-Regolament bażiku li jagħti gwida dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'analoġija hija ġġustifikata.

(572) It-tieni, il-Kummissjoni qieset li l-istabbiliment tal-prezz tal-importazzjoni rilevanti għat-twaqqigħ tal-prezz u s-sottokwotazzjoni ma għandux ikun influwenzat minn jekk l-esportazzjonijiet humiex magħmula lil operaturi relatati jew indipendenti fl-Unjoni. Il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni żgurat li ż-żewġ ċirkostanzi jirċievu trattament ugwali. Fi kliem ieħor, l-għan tal-kalkoli tal-marġni ta' dannu mhuwiex li jitkejjel sa liema punt qed jikkawża dannu l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni, iżda pjuttost jekk l-esportazzjonijiet mill-produtturi esportaturi għandhomx tali effett negattiv billi jwaqqgħu l-prezz u joħolqu sottokwotazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-prezz rilevanti li jrid jitqies huwa l-prezz li bih il-prodott ikkonċernat jinbiegħ lill-Unjoni, u mhux il-prezz li bih il-materjali importati jerġgħu jinbiegħu mill-produtturi importaturi fl-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1777 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 272, 7.10.2016, p. 28.

([2]) Dan il-marġni ta' profitt raġjonevoli li ntuża huwa l-istess wieħed li ntuża f'investigazzjoni dwar prodott ieħor simili ħafna, jiġifieri l-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ.

(573) It-tielet, l-Artikolu 2(9) kien applikat biss għal parti żgħira tal-bejgħ totali tal-produtturi esportaturi tal-Ukrajna Metinvest. Kif issemma fid-divulgazzjoni speċifika għal Metinvest, l-Artikolu 2(9) intuża biss fir-rigward tal-bejgħ tagħha permezz ta' kummerċjanti relatati fl-Unjoni. Barra minn hekk, fir-rigward tal-produtturi esportatur Iranjan Mobarakeh Steel Company, u kontra dak li kien spjegat fid-divulgazzjoni speċifika, l-Artikolu 2(9) ma kienx ġie applikat.

(574) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-approċċ segwit kien preċiż u ċaħdet dawn it-talbiet.

7.1.3. *Il-livell tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni*

(575) Wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, żewġ produtturi esportaturi sfidaw il-livell tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u stqarru li l-ammont ta' EUR 7 għal kull tunnellata huwa ssottovalutat. L-ewwel, il-produttur esportatur Russu NLMK ippretenda li l-ammont tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni kellu jkun mill-inqas EUR 40 għal kull tunnellata. It-tieni, li-produttur esportatur tal-Ukrajna Metinvest ippretenda li kellu jkun mill-inqas EUR 9,44 għal kull tunnellata, ammont li allegatament jirrappreżenta l-medja ponderata tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni tal-erba' entitajiet relatati tal-produttur esportatur tal-Ukrajna li jinsabu fl-Unjoni. Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas allega wkoll li l-ispiża ta' wara l-importazzjoni kienet iddikjarata b'mod insuffiċjenti u kienet ibbażata fuq *data* selettiva.

(576) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn it-talbiet. Hija ddeterminat l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni fuq il-bażi tal-analiżi tagħha tal-informazzjoni vverifikata tal-uniku importatur mhux relatat li ppreżenta ruħu. Barra minn hekk, il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas ma pprovda l- ebda prova oħra għar-raġuni għaliex ivvalutaw l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni bħala sottovalutati.

7.1.4. *Kummenti oħra wara d-divulgazzjoni finali.*

(577) Il-produttur esportatur Ukrajnan Metinvest semma aġġustament karatteristiku fiżiku importanti ta' wara d-divulgazzjoni finali tad-dokument ta' informazzjoni. Huwa tenna d-dikjarazzjoni tiegħu wara d-divulgazzjoni finali. Huwa sostna b'mod partikolari, li l-parti l-kbira tal-koljaturi prodotti mill-imtieħen ta' Metinvest jiżnu 8 u 12-il tunnellata, filwaqt li l-istandard tal-industrija tal-Unjoni hija pjuttost ta' 24 tunnellata. Dan il-fatt wassal għal tnaqqis fil-prezzijiet importanti u naturali għal Metinvest matul in-negozjati, li għalih ipproduċiet dawn il-provi u talbet li jsir aġġustament.

(578) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba għar-raġunijiet li ġejjin. Is-siti ta' produzzjoni rilevanti ta' Metinvest saritilhom żjara fuq il-post matul il-perjodu bejn is-17 u l-25 ta' Novembru 2016 u l-25 u s-27 ta' Jannar 2017. Fil-ħin ta' dawn iż-żjarat ta' verifika, din it-talba qatt ma saret u lanqas hemm evidenza tagħha. It-talba dwar id-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi waslet għalhekk tard wisq billi saret biss wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni (it-2 ta' Mejju 2017). Barra minn hekk, din tista' ma tkunx marbuta ma' xi evidenza vverifikata. Kienet, għalhekk, mhux verifikabbli. Barra minn hekk, il-karatteristiċi partikolari ta' tipi differenti tal-prodott kienu riflessi fl-hekk imsejħa l-PCNs, użati biex jirrappurtaw il-bejgħ u l-ispejjeż fil-bidu tal-investigazzjoni. Jekk Metinvest kien ikollha problemi bl-istabbiliment ta' tipi differenti ta' prodotti (l-hekk imsejħa kostruzzjoni tal-PCN), hija kellha tippreżenta din it-talba loġikament fil-bidu tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, ta' min jinnota li aktar minn 99 % tat-tipi kollha ta' prodotti mibjugħa minn produttur esportatur mill-Ukrajna lejn l-Unjoni kienu wkoll prodotti u mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni. Għaldaqstant, it-talba ma tistax tintlaqa'.

(579) Il-produttur esportatur Iranjan Metinvest talab lill-Kummissjoni biex teskludi ċerti tipi ta' prodotti (il-PCNs li jappartjenu għall-grupp 13) mill-kalkoli tal-marġni ta' dannu, billi dawn it-tipi ta' prodotti jirrappreżentaw grupp residwali ta' tipi ta' prodotti, fejn il-gradi tal-azzar kollha differenti minn dawk identifikati biċ-ċifri minn 01 sa 12 jaqgħu. Għaldaqstant, dan il-grupp residwu jinkludi firxa wiesgħa ħafna ta' prodotti.

(580) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prodott ikkonċernat, irrispettivament jekk jagħmilx parti mill-grupp 13 jew le, huwa l-prodotti kollha ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin. Għaldaqstant, id-definizzjoni tal-prodott tinkludi prodott definit sew. Instab ukoll li t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat għandhom l-istess żewġ tipi ta' użu prinċipali, kif stipulat fil-premessa (41).

7.1.5. *Marġnijiet ta' dannu definittivi*

(581) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, il-marġnijiet ta' dannu definittivi jkunu dawn li ġejjin:

| Pajjiż | Kumpanija | Il-marġni tad-dannu |
|---|---|---|
| Il-Brażil | Arcelor Mittal Brasil S.A. u Aperam Inox América do Sul S.A. | 20,2 % |
| | Companhia Siderúrgica Nacional | 15,7 % |
| | Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. | 17,5 % |
| L-Iran | Mobarakeh Steel Company | 34,0 % |
| Ir-Russja | Novolipetsk Steel | 26,1 % |
| | Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 44,0 % |
| | PAO Severstal | 42,4 % |
| L-Ukrajna | Metinvest Group | 35,5 % |

7.2. **Miżuri definittivi**

(582) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dumping, dannu, kawżalità u interess tal-Unjoni, miżuri definittivi antidumping għandhom jiġu imposti sabiex jipprevjenu milli jiġi kkaġunat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(583) Il-miżuri antidumping jistgħu jieħdu forom differenti. Filwaqt li l-Kummissjoni tuża diskrezzjoni kbira meta tagħżel il-forom tal-miżuri, l-iskop jibqa' li jiġu eliminati l-effetti ta' dannu tad-dumping. Dazju *ad valorem* stabbilit skont ir-regola ta' dazju anqas, bejn 5,3 % u 33 % kien stabbilit, kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Marġni ta' dumping | Il-marġni tad-dannu | Dazju antidumping *ad valorem* |
|---|---|---|---|---|
| Il-Brażil | Arcelor Mittal Brasil S.A. and Aperam Inox América do Sul S.A. | 16,3 % | 20,2 % | **16,3 %** |
| | Companhia Siderúrgica Nacional | 73,0 % | 15,7 % | **15,7 %** |
| | Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. | 65,9 % | 17,5 % | **17,5 %** |
| L-Iran | Mobarakeh Steel Company | 17,9 % | 34,0 % | **17,9 %** |
| Ir-Russja | Novolipetsk Steel | 15,0 % | 26,1 % | **15,0 %** |
| | Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 33,0 % | 44,0 % | **33,0 %** |
| | PAO Severstal | 5,3 % | 42,4 % | **5,3 %** |
| L-Ukrajna | Metinvest Group | 19,4 % | 35,2 % | **19,4 %** |

(584) Kif stipulat hawn fuq fil-premessa (546), huwa xieraq li tinbidel il-forma tal-miżuri. Fuq il-bażi tal-fatti speċifiċi għall-każ, il-Kummissjoni qieset li dazju *ad valorem* limitat bi prezz minimu tal- PMI li jieħu inkonsiderazzjoni żżieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni jkun l-aktar forma xierqa ta' miżura f'dan il-każ.

— Minn naħa, l-iffissar ta' dazju fil-livell tad-dazju *ad valorem* limitat bil-PMI jippermetti kieku lill-produtturi tal-Unjoni jirkupru mill-effetti tad-dumping dannuż. L-iffissar ta' limitu fil-livell ta' PMI effettiv ifisser xibka ta' sikurezza li tagħtihom il-possibbiltà li jilħqu profittabbiltà sostenibbli;

— Min-naħa l-oħra, l-iffissar ta' limitu fil-livell ta' PMI effettiv jipprevjeni wkoll kwalunkwe effett negattiv taż-żidiet fil-prezz wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li setgħu jkollhom impatt negattiv fuq in-negozju tal-utenti. Barra minn hekk, jipprevjeni disturbi serji fil-provvista tas-suq tal-Unjoni.

(585) Fejn l-importazzjonijiet isiru bil-prezz tal-fruntiera tal-Unjoni CIF daqs jew akbar mill-PMI stabbilit, m'għandu jitħallas l-ebda dazju. Jekk l-importazzjonijiet isiru bi prezz taħt il-PMI, id-dazju definittiv għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-PMI applikabbli u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju. Fl-ebda każ l-ammont ta' dazju ma għandu jkun ogħla mir-rati ta' dazju *ad valorem* stabbiliti fil-premessa (583) u fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

(586) Għalhekk, jekk l-importazzjonijiet isiru bi prezz taħt il-PMI, l-iżgħar mid-differenza bejn il-PMI applikabbli u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju u r-rati ta' dazju *ad valorem* kif indikat fl-aħħar kolonna tat-tabella fil-premessa (583) ikun irid jitħallas.

(587) Għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tal-PMI, u fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura tul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi PMI wieħed għat-tipi ta' prodott kollha tal-prodott ikkonċernat.

(588) Għall-iskop tal-kalkolu ta' dan il-PMI, ittieħdu inkonsiderazzjoni

— L-ewwel, kemm il-marġnijiet ta' dumping misjuba u l-ammonti tad-dazji meħtieġa għall-eliminazzjoni tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-ewwel pass, PMI bbażat fuq id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni biss);

— It-tieni, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni (it-tieni pass, PMI aġġustat).

(589) Bħala l-ewwel pass, il-PMI bbażat fuq id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni huwa ugwali għall-medja ponderata ta':

— Fejn id-dazji huma bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu: L-ispejjeż tal-produzzjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u profitt (7,9 %) rigward żewġ produtturi esportaturi Brażiljani (CSN u Usiminas) u;

— Fejn id-dazji huma bbażati fuq il-marġni ta' dumping: Il-valur normali, inkluż it-trasport (biex ikun jista' jasal għall-prezz tal-fruntiera CIF tal-Unjoni) rigward il-produtturi esportaturi l-oħrajn.

Il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-PMI, fl-ewwel pass kienet identika għal dik użata fil-każ reċenti tal-GOES ([1]). Bħal fi kwalunkwe investigazzjoni ta' antidumping, il-Kummissjoni ġabret *data* għall-PI, li kienet ivverifikata, sabiex jiġu stabbiliti l-valuri normali għal kull tip ta' prodott u l-prezzijiet indikattivi mhux dannużi għall-industrija tal-Unjoni, anki hawn għal kull tip ta' prodott. Il-prezzijiet indikattivi għall-industrija tal-Unjoni kienu jikkonsistu fl-ispiża tal-produzzjoni li magħhom ġie miżjud profitt raġonevoli. Il-livell tal-PMI huwa l-ewwel pass direttament ibbażat fuq *data* vverifikata għall-PI. B'żieda ma' dan, ittieħdet inkonsiderazzjoni r-regola tad-dazju inferjuri. Fejn id-dazji *ad valorem* kienu bbażati fuq il-marġni ta' dumping, il-valuri normali, li magħhom ġew miżjuda l-ispejjeż tat-trasport biex wieħed ikun jista' jasal għall-prezz tal-fruntiera CIF tal-Unjoni, ġew użati fil-kalkolu tal-PMI. Fejn id-dazji *ad valorem* kienu bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, intuża l-prezz indikattiv mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni. Il-Prezzijiet Minimi tal-Importazzjoni mbagħad kienu kkalkulati bħala l-medja ponderata tal-valuri normali u l-prezzijiet indikattivi li ma jkunux ta' dannu li ġew użati. Il-fattur tal-ponderazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-proporzjon tal-volum tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-kumpaniji fejn id-dazju *ad valorem* huwa bbażat fuq il-marġnijiet ta' dumping u skont il-proporzjon tal-volum ta' importazzjonijiet minn kumpaniji fejn id-dazju *ad valorem* huwa bbażat fuq il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu. Il-PMI huwa medja ponderata tal-prezzijiet kollha (valur normali u prezzijiet indikattivi) tat-tipi ta' prodott differenti.

(590) Bħala t-tieni pass, dan il-PMI sussegwentement tqabbel ma':

— il-prezzijiet tal-bejgħ tal-HRF tul il-perjodu ta' wara l-PI fis-suq tal-Unjoni. Id-*data* dwar dawn il-prezzijiet inkisbet mill-utenti u mill-industrija tal-Unjoni matul l-investigazzjoni wara d-divulgazzjoni tad-Dokument ta' Informazzjoni, kif stipulat fil-premessa (29). L-investigazzjoni żvelat li ġeneralment il-PMI bbażat fuq id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni kien inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ ta' wara l-PI; f'dan il-każ m'għandux jitħallas dazju. Din is-sejba tal-investigazzjoni ġiet korroborrata bl-istqarrijiet tal-industrija tal-Unjoni u diversi utenti.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka, GU L 284, 30.10.2015, p. 130 u segwitu.

— il-prezzijiet tal-materja prima (meħtieġa għall-produzzjoni tal-HRF) wara l-perjodu ta' investigazzjoni fis-suq tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-ilmentatur argumenta li PMI bbażat biss fuq id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni kien ikun issettjat fuq livell baxx wisq u jkun ineffettiv u inadegwat billi l-prezzijiet bdew jiżdiedu wara l-perjodu ta' investigazzjoni mil-livelli storikament baxxi li dehru tul il-PI. Barra minn hekk, l-ilmentatur argumenta li s-suq kien konsiderevolment volatili rigward l-ispejjeż tal-materja prima tul is-snin u li l-prezzijiet tal-materja prima naqsu b'mod sinifikanti tul il-PI ([1]). Il-Kummissjoni rrieżaminat il-volatilità tal-prezzijiet tal-materja prima għall-produzzjoni tal-HRF, b'mod partikolari tal-faħam kokk u tal-mineral tal-ħadid. Stabbilixxiet li b'mod partikolari l-prezzijiet tal-faħam kokk kienu żdiedu b'mod sinifikanti wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(591) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni kkalkulat li l-ispejjeż tal-manifattura għall-produzzjoni tal-HRF żdiedu b'EUR 116 għal kull tunnellata meta jitqabblu l-ispejjeż tal-manifattura tul il-PI mal-ispejjeż tal-manifattura tul il-perjodu Marzu — Mejju 2017.

— Jekk din iż-żieda totali b'EUR 116 għal kull tunnellata fl-ispejjeż tal-manifattura jkollha tiġi attribwita liż-żieda totali fl-ispejjeż tal-materja prima, ikun probabbli ħafna li wieħed jasal għal stima eċċessiva tal-proporzjon tal-materja prima fiż-żieda totali tal-ispejjeż tal-manifattura: huwa aktar probabbli li żdiedu anki spejjeż oħra tal-manifattura (bħall-ispejjeż tal-enerġija u l-kostijiet lavorattivi);

— Min-naħa l-oħra, jekk din iż-żieda totali b'EUR 116 għal kull tunnellata fl-ispejjeż tal-manifattura kellha tiġi attribwita b'mod ugwali lid-diversi komponenti ta' spejjeż tal-manifattura, dan kieku jfisser li EUR 63 biss għal kull tunnellata jistgħu jiġu attribwiti liż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima: ikun wisq probabbli li dan jirriżulta f'sottovalutazzjoni tal-proporzjon taż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima fiż-żieda tal-ispejjeż tal-manifattura billi ġeneralment wieħed jassumi li ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima, b'mod partikolari tal-faħam kokk, kienet ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fl-ispejjeż tal-manifattura wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ċifra kredibbli li tidentifika ż-żieda fl-ispejjeż tal-manifattura bħala riżultat taż-żieda tal-prezzijiet tal-materja prima tvarja bejn EUR 63 u EUR 116 u tirriżulta f'ammont addizzjonali ta' EUR 89,50 għal kull tunnellata.

(592) Fuq il-bażi ta' din il-metodoloġija, il-PMI bbażat fuq *data* tal-perjodu ta' investigazzjoni ġie aġġustat għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni u spiċċa ġie ssettjat fil-livell li ġej

| Pajjiżi kkonċernati | Firxa tal-prodotti | PMI (EUR / tunnellata ta' piż nett tal-prodott) |
|---|---|---|
| Il-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna | It-tipi kollha ta' prodott | EUR 472,27 |

(593) L-ilmentatur ([2]) issottometta kummenti dwar għaliex miżuri bħall-PMI ma jistgħux jitqiesu vjabbli f'dan il-każ:

— L-ewwel, il-PMI kieku ma jwasslux għall-impatt mixtieq billi kienu jkunu bbażati fuq il-prezzijiet partikolarment baxxi li kienu jipprevalu tul il-PI.

— It-tieni, hemm varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija użata għall-manifattura tal-prodotti HRF.

— It-tielet, il-fatti fl-investigazzjoni attwali huma konsiderevolment differenti minn dawk ta' investigazzjonijiet reċenti oħra (bħall-każ tal-GOES miċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti ([3])) fejn il-Kummissjoni imponiet PMI.

— Ir-raba', il-PMI ffissati skont il-prezzijiet tal-PI kieku xejn ma jserrħu moħħ l-industrija, lanqas fil-każ ta' waqgħa oħra fil-prezzijiet tal-HRF.

([1]) Sottomissjoni mill-Eurofer, 30 ta' Mejju 2017, AD635 — Prodotti ċatti b'laminazzjoni termali ("HRF") tal-ħadid, li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna (il-"ħames pajjiżi") — sottomissjoni tal-Eurofer dwar it-tip adegwat ta' miżuri, p. 5.

([2]) Sottomissjoni mill-Eurofer, AD635 — Prodotti ċatti b'laminazzjoni termali ("HRF") tal-ħadid, li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna (il-"ħames pajjiżi") — sottomissjoni tal-Eurofer dwar it-tip adegwat ta' miżuri

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 109).

— Il-ħames, l-esperjenza minn każijiet preċedenti fejn ġew imposti fuq il-PMI turi li ċ-ċirkomvenzjoni jew l-assorbiment tal-PMI ħaġa faċli.

— Is-sitta, il-PMI mhumiex meħtieġa f'dan il-każ billi hawn kapaċità żejda abbundanti fl-Unjoni.

(594) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet. Il-Kummissjoni nnutat li s-sottomissjoni tal-ilmentatur kienet ibbażata fuq artiklu tal-istampa ([1]) li ma kienx jirrifletti l-miżura effettivament magħżula bħala adegwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma imponietx PMI bbażat fuq il-prezzijiet tal-HRF tul il-perjodu ta' investigazzjoni kif deskritt mill-ilmentatur, iżda dazju *ad valorem* limitat bil-PMI li jieħu inkonsiderazzjoni ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tipprovdi l-osservazzjonijiet li ġejjin b'risposta għad-diversi stqarrijiet tal-ilmentatur kif imsemmija fil-premessa (593):

— L-ewwel nett, l-iffissar ta' dazju fil-livell tad-dazju *ad valorem* limitat b'PMI effettiv għandu jippermetti lill-produtturi tal-Unjoni jirkupru mill-effetti tad-dumping dannuż u jikkostitwixxu xibka ta' sikurezza għalihom.

— It-tieni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li hemm varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija użata għall-manifattura tal-prodotti HRF u għalhekk fil-kalkolu tal-PMI kkunsidrat iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

— It-tielet, il-Kummissjoni nnutat li l-fatti fl-investigazzjoni attwali mhumiex daqshekk differenti minn dawk ta' investigazzjonijiet reċenti oħra (bħall-każ tal-GOES) ([2])). Iż-żewġ każijiet ġew ikkaratterizzati minn żidiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

— Ir-raba', rigward l-argument li PMI ffissati fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-PI kieku xejn ma jserrħu moħħ l-industrija, lanqas fil-każ ta' waqgħa oħra fil-prezzijiet tal-HRF, il-Kummissjoni tenniet li fil-każ li l-prezzijiet jerġgħu jaqgħu taħt il-PMI, se jiġi impost id-dazju *ad valorem* (sal-livell tal-PMI).

— Il-ħames, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li hemm ċertu riskju ta' assorbiment jew ċirkomvenzjoni. Għaldaqstant, sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju taċ-ċirkomvenzjoni, il-produtturi esportaturi li jixtiequ jibbenefikaw mill-PMI għandhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fatturi jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ma' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet mhux akkumpanjati minn dik il-fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju antidumping *ad valorem* applikabbli għall-produttur esportatur inkwistjoni skont l-Artikolu1 ta' dan ir-Regolament.

— Is-sitta, il-Kummissjoni tfakkar li biddlet il-forma tal-miżuri, b'konformità mal-interess tal-Unjoni, sabiex jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-produtturi u l-utenti tal-Unjoni f'dan il-każ partikolari.

(595) Wara d-divulgazzjoni finali, il-kummenti li ġejjin kienu magħmula minn partijiet interessati dwar il-metodoloġija użata sabiex jiġi stabbilit il-PMI u l-livell tiegħu.

(596) L-ilmentatur allega li dazju bbażat fuq il-PMI ma kienx xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-ewwel nett, tali PMI jiddefinixxi prezz ta' referenza fis-suq u jgħawweġ il-mekkaniżmi tas-suq;

— It-tieni, il-materja prima tammonta għal aktar minn 50 fil-mija tal-HRF u hija volatili ferm. Il-PMI mhuwiex xieraq f'suq bħal dan;

— It-tielet, PMI wieħed jinkoraġġixxi esportazzjonijiet ta' prodotti b'valur miżjud ogħla;

— Ir-raba', dazju bħal dan jinkoraġġixxi importazzjonijiet minn livelli ferm taħt il-PMI u effettivament jippremjaw lill-produtturi esportaturi li jkunu jkollhm l-aktar dumping jew sottokwotazzjoni;

— Il-ħames, il-PMI ma jistax jipprevjeni dumping li jikkawża dannu;

— Is-sitta, l-impatt ta' PMI għandu impatt fuq il-kawża parallela kontra l-HRF Ċiniżi.

[1] Mlex press report: "Price floor on hot-rolled steel seen as a middle ground for EU dumping-probe conundrum" tal-24 ta' Mejju 2017

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 109).

(597) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn l-argumenti.

— L-ewwel nett, tfakkar, li kif diġà stipulat fil-premessa (594), li hija ma mponietx PMI fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-HRF matul il-perjodu tal-investigazzjoni, iżda dazju *ad valorem* li huwa limitat mill-PMI. Dan il-PMI jqis ukoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Ma ffissatx prezz ta' referenza fis-suq, li jxekkel il-kompetizzjoni minħabba r-raġuni li ġejja: L-impożizzjoni ta' dazju *ad valorem* f'limitu massimu tal-PMI ma kinitx maħsuba biex tiffissa l-prezzijiet f'livelli speċifiċi, iżda pjuttost, kif stabbilit fil-premessa (546), li tneħħi l-effett tad-dumping dannuż u tipproteġi lill-utenti minn kwalunkwe effett negattiv ta' żidiet mhux dovuti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, il-PMI mhuwiex prezz minimu, għalhekk il-produtturi esportaturi, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, xorta jistgħu jbigħu bi prezzijiet aktar baxxi jew 'il fuq mill-PMI. Għalhekk, il-produtturi u l-esportaturi tal-Unjoni xorta jistgħu jikkompetu ma' xulxin billi jiddifferenzjaw il-prezzijiet tagħhom minn xulxin, irrispettivament mill-PMI stabbilit.

— It-tieni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-materja prima tammonta għal iktar minn nofs l-ispiża tal-HRF (ara l-premessa (384)) u li jkun hemm fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija użata biex isiru l-prodotti tal-HRF. Għal din ir-raġuni, kif stabbilit fil-premessa (590), fil-kalkolu tal-PMI ġiet ikkunsidrata ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

— It-tielet, l-użu ta' PMI differenti għal kull tip ta' prodott kien iwassal għal aktar minn 1 000 livelli differenti li kien ikun impossibli biex jiġi implementat.

— Ir-raba', meta l-prezz ikun inqas mill-PMI, kull produttur esportatur irid iħallas id-dazju *ad valorem* individwali tiegħu, li ma jheġġiġx aktar prattiċi ta' dumping.

— Il-ħames, il-PMI huwa stabbilit f'livell ta' prezz li b'mod ċar huwa ogħla mill-prezzijiet tal-produtturi esportaturi kollha matul il-PI, li kollha kienu f'livell inqas minn EUR 400 għal kull tunnellata.

— Is-sitta, fil-premessa (324), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-investigazzjoni attwali tkopri preċiżament l-istess prodott ikkonċernat u prodott simili bħall-investigazzjonijiet dwar iċ-Ċina. Madankollu, kif stabbilit f'aktar dettall fil-premessa (325), l-investigazzjonijiet attwali u dawk dwar iċ-Ċina ma jkoprux l-istess perjodi rilevanti għall-valutazzjoni tax-xejriet għad-dannu u l-kawżalità. Għalkemm huwa minnu li hemm sovrapożizzjoni ta' sitt xhur rigward il-perjodu ta' investigazzjoni bejn iż-żewġ investigazzjonijiet (il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015), id-determinazzjoni tad-dumping u d-dannu sar fuq il-bażi ta' perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni li kienu differenti fl-investigazzjoni attwali u l-investigazzjonijiet taċ-Ċina u li kienu diġà ġew definiti b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku u mħabbra fin-Notifika ta' Bidu. Għalhekk, minħabba n-natura distinta taż-żewġ investigazzjonijiet, il-Kummissjoni ma użatx standard doppju.

(598) L-ilmentatur allega wkoll li l-PMI wieħed imur kontra l-prinċipju tal-UE u tad-WTO li d-dazji antidumping għandhom jiġu imposti fuq bażi speċifika għall-pajjiż u fejn possibbli fuq il-bażi ta' esportatur speċifiku.

(599) Rigward l-allegazzjoni li l-ebda dazji individwali ma japplikaw għal kull produttur esportatur, qed issir referenza għal premessi (585) u (586), li jiddeskrivu l-metodoloġija li bihom dazji individwali japplikaw fil-każ li jkollu jitħallas dazju *ad valorem*. B'riżultat ta' dan, skont l-Artikolu 6.10 tal-Ftehim AD tad-WTO, il-Kummissjoni iddeterminat il-marġni individwali għal kull produttur esportatur magħruf tal-prodott li qed jiġi investigat.

(600) Il-produttur esportatur Russu PAO Severstal talab:

— il-PMI speċifiku tal-kumpanija individwali, li għandu jiġi stabbilit u applikat bħala miżura antidumping, fuq il-bażi tal-prezz ta' esportazzjoni mhux oġġett ta' dumping, li jirriżulta minn din l-investigazzjoni;

— alternattivament, jekk il-Kummissjoni kellha żżomm l-approċċ tagħha fuq PMI stabbilit għall-produtturi esportaturi kollha, li jkun hemm differenzazzjoni fil-prezz għat-tipi ta' prodotti tal-HRF, kemm jekk ikunu f'koljaturi kif ukoll jekk ma jkunux. Ġie argumentat li t-tipi ta' prodott ta' HRF mhux f'koljaturi huma mill-inqas EUR 15 kull tunnellata aktar għaljin, minħabba l-ispejjeż addizzjonali tal-ipproċessar involut għall-proċessi tat-tixqiq u t-tqattigħ Huwa għalhekk talab lill-Kummissjoni biex terġa' tikkalkula mill-ġdid iż-żewġ PMI distinti (wieħed għat-tipi ta' prodotti f'koljaturi, u l-ieħor għat-tipi tal-prodott mhux f'koljaturi).

(601) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn iż-żewġ talbiet ta' dan il-produttur esportatur Russu:

— Hija sostniet li l-metodoloġija li użat hija valida. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rriferiet għall-fatt li din il-metodoloġija, inkluż l-użu ta' baskett għal diversi produtturi esportaturi, kien pereżempju diġà użat f'investigazzjonijiet riċenti oħra, bħall-investigazzjoni dwar il-GOES miċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerika ([1]). Barra minn hekk, jekk PMI ta' kumpanija individwali speċifika jkollu jiġi kkalkulat, dan ikun ifisser li mill-inqas tmien PMI differenti iridu jiġu kkalkulati. Dan ikun ifisser multiplikazzjoni tal-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-awtoritajiet doganali;

— Barra minn hekk, jekk il-prodott ikkonċernat ikunx f'koljaturi jew le, kull produttur esportatur irid iħallas id-dazju *ad valorem* individwali tiegħu, meta l-prezz (jiġifieri l-prezz imħallas għall-prodott ikkonċernat kemm jekk f'koljaturi jew le) ikun inqas mill-PMI, għalkemm il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dan id-dazju *ad valorem* imbagħad jiġi limitat minn tal-PMI. Il-PMI huwa bbażat fuq taħlita ta' tipi ta' prodotti, irrispettivament minn jekk dawn kinux sħaħ jew miftuqa pereżempju.

(602) Il-produttur esportatur mill-Ukranja Metinvest laqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiffissa limitu massimu tad-dazju antidumping f'livell tal-PMI, bħala miżura b'anqas tfixkil minn dazji antidumping *ad valorem*. Madankollu, huwa allega li l-PMI li kien ikkalkulat mill-Kummissjoni kien għoli wisq, minħabba r-raġuni li ġejja: Il-Kummissjoni esaġerat iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, billi fil-kalkoli tagħha ħadet inkunsiderazzjoni l-perjodu minn Marzu sa Mejju 2017, li kien ikkaratterizzat minn tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-faħam għall-kokk. Skont il-metodoloġija tagħha stess minn dan il-produttur esportatur mill-Ukranja, Metinvest allegat li l-valur massimu tal-aġġustament fl-iskala 2 għall-PMI, li jikkorrispondi għal bidla fil-prezzijiet ta' materja prima ewlenija bejn il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2016 sal-31 ta' Marzu 2017) ma jistax jaqbeż it-EUR 58 għal kull tunnellata metrika, u mhux EUR 89,5 għal kull tunnellata. Għaldaqstant hija talbet lill-Kummissjoni li tikkalkula mill-ġdid il-PMI.

(603) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba ta' Metinvest għar-raġunijiet li ġejjin: L-ewwel nett, filwaqt li qieset li l-prezzijiet tal-materja prima biex tipproduċi l-HRF huma kkaratterizzati mill-volatilità tagħhom u jistgħu saħansitra jsiru ogħla mil-livelli tal-prezzijiet matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2017, il-Kummissjoni kellha tikkalkula l-PMI b'tali mod li fl-istess ħin telimina l-effett ta' dumping dannuż u li tipprevjeni li l-utenti jkollhom xi effett negattiv ta' żidiet mhux dovuti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni. It-tieni, il-metodoloġija li ntużat minn Metinvest u li wasslet għal tibdil fil-prezz ta' materja prima ewlenija (mineral tal-ħadid u faħam tal-kokk) għandha l-vantaġġ li hija sempliċi, iżda min-naħa l-oħra ma tqisx materja prima oħra għall-produzzjoni tal-HRF, bħall-iskart. Barra minn hekk, xi wħud jużaw aktar jew inqas skart (jew materja prima oħra) li jkun diffiċli li jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni jkollha kompitu diffiċli biex jiġi stabbilit proporzjon medju tal-materja prima kollha meħtieġa biex tkun prodotta tunnellata waħda ta' HRF madwar id-dinja.

(604) Il-produttur esportatur Russu NLMK ikkummenta li l-Kummissjoni naqset milli tiddivulga kif jixraq id-determinazzjoni tal-PMI għal kull produttur esportatur, b'mod partikolari l-ispejjeż tat-trasport użat. Barra minn hekk, l-ambitu tal-aġġustament tat-"trasport", għall-valur normali ta' NLMK biex jiġi ddeterminat il-PMI speċifiku għall-kumpanija li aktar tard ġiet aggregat ma' oħrajn ma kienx ċar u seta' jkopri spejjeż oħrajn li m'għandhomx ikunu koperti.

(605) Il-Kummissjoni ċċarat li l-ispejjeż tat-trasport li kienu miżjuda mal-valur normali biex wieħed jasal għall-prezz tal-fruntiera CIF għal NLMK (u għall-produtturi esportaturi l-oħra) kienu dawk kif irrappurtat minn NLMK u vverifikat matul l-investigazzjoni fuq il-post. Dan il-fatt huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li l-kalkolu li sar minn NLMK biex wieħed jasal għall-prezz tal-fruntiera CIF fuq il-bażi l-ispejjeż ta' trasport tagħha hija stess huwa simili għal kalkoli tal-Kummissjoni. Bħala riżultat, il-Kummissjoni ma żiditx il-PMI stabbilit fir-rigward ta' NLMK, jew ta' produtturi esportaturi oħra.

(606) Il-produttur esportatur Brażiljan CSN u l-kumpanija relatata tiegħu Lusosider laqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jintroduċi PMI bil-ħsieb li jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-utenti u l-interessi tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, huma argumentaw li l-importazzjonijiet li saru minn mill-ArcelorMittal Group mis-sussidjarja tagħha Brażiljana, jenħtieġ li jiġu injorati f'Pass 1 tal-kalkoli. Barra minn hekk, huma argumentaw li l-Kummissjoni għandha timminimizza l-effett ta' żidiet eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-materja prima fuq il-kalkolu tal-PMI jew permezz ta' limiti massimi ta' varjazzjonijiet straordinarji bħal dawn fuq il-bażi ta' *data* storika

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka (GU L 284, 30.10.2015). Madankollu, għandu jiġi nnutat li f'dan il-każ partikolari tliet (3) PMI ġew ikkalkulati minflok wieħed.

tal-moviment tal-prezz, inkella billi jużaw l-aktar perjodu riċenti bħala l-punt ta' riferiment għall-kalkolu taż-żieda fil-prezz. CSN allegat li l-valur massimu tal-aġġustament fl-iskala 2 għall-PMI, li jikkorrispondi għal bidla fil-prezzijiet ta' livell massimu ta' materja prima ewlenija bejn il-perjodu tal-investigazzjoni minn Marzu sa Mejju 2017 ma jistax jaqbeż t-EUR 68,82 għal kull tunnellata, u mhux EUR 89,5 għal kull tunnellata. Jekk il-paragun isir bejn l-ispejjeż medji tal-materja prima, bejn il-PI u l-perjodu bejn Ġunju u Lulju 2017, il-bidla ma tistax taqbeż EUR 71,62 għal kull tunnellata. Għaldaqstant hija talbet lill-Kummissjoni li tikkalkula mill-ġdid il-PMI.

(607) It-talba tal-produttur esportatur Brażiljan għaldaqstant ġiet rifjutata. L-ewwel nett, l-importazzjonijiet ta' ArcelorMittal mill-Brażil kienu l-oġġett ta' dumping fuq is-suq tal-Unjoni, bħal sitwazzjonijiet ta' produtturi esportaturi oħra u għalhekk ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti. It-tieni, il-Kummissjoni fakkret li kellha tikkalkula l-PMI b'tali mod li fl-istess ħin telimina l-effett ta' dumping dannuż u li tipprevjeni li l-utenti jkollhom xi effett negattiv ta' żidiet mhux dovuti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(608) Il-Konsorzju argumenta, li l-metodoloġija li ntużat mill-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi riveduta, anki fid-dawl tal-livelli massimi tal-materja prima matul il-perjodu bejn Marzu u Mejju 2017 u kkalkulati bl-użu ta' approċċ differenti. Il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li l-metodoloġija li użat hija valida. Anki jekk kien minnu, li kien hemm livelli massimis ta' materja prima matul il-perjodu bejn Marzu u Mejju 2017, il-Kummissjoni nnutat ukoll li, kif imsemmi fil-premessa (591), ma kinitx attribwixxiet kompletament iż-żieda kallkulata ta' EUR 116 għal kull tunnellata fl-ispejjeż tal-manifattura għaż-żieda totali fl-ispejjeż tal-materja prima.

(609) Barra minn hekk il-Konsorzju talab lill-Kummissjoni, biex tistabbilixxi l-PMI f'livell bejn EUR 420 u EUR 430 għal kull tunnellata fuq il-bażi tal-metodoloġija tagħha stess. Il-metodoloġija tagħha kienet ibbażata fuq struttura ta' prezzijiet għal perjodu itwal (sa mill-2013) u fuq il-bażi ta' *data* ta' diversi sorsi differenti u ċerti suppożizzjonijiet bħal li l-industrija tal-Unjoni tbiegħ bi prezz primjum ta' minn EUR 25 sa EUR 30 għal kull tunnellata. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li din il-metodoloġija ma kkunsidratx la l-ispejjeż / il-prezzijiet tal-produtturi esportaturi u l-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u lanqas tal-marġni tad-dumping jew tad-dannu li nstab fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-PMI propost ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku.

(610) Kif stabbilit fil-premessa (36), waqt is-seduta ta' smigħ tat-3 ta' Awwissu, il-produttur esportatur Iranjan qajjem il-kwistjoni ta' żball klerikali fil-kalkolu tad-dumping. Il-produttur esportatur spjega li bi żball ċerti ċifri ġew approssimati, probabbilment minħabba t-tul tagħhom.

(611) Il-Kummissjoni analizzat din l-allegazzjoni u kkonkludiet li fil-kalkolu tad-dumping għall-produttur esportatur Iranjan tabilħaqq kien hemm żball klerikali, li kellu jiġi korrett. Il-kalkolu tad-dumping u l-PMI kellu jiġu kkalkulat mill-ġdid bir-riżultati li ġejjin: il-marġni tad-dumping rivedut u r-rata ta' dazju antidumping għal Mobarakeh Steel Company ammontaw għal 17,9 %, u konsegwentement, il-PMI, aġġustat għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ammonta għal EUR 468,49 kull tunnellata.

(612) Fl-4 ta' Awwissu 2017, il-partijiet kollha ġew infurmati dwar din ir-reviżjoni permezz ta' divulgazzjoni addizzjonali finali u ġew mistiedna biex jikkummentaw dwar dan.

(613) F'każ ta' bidla ta' ċirkostanzi tas-suq, ir-Regolament bażiku jipprovdi diversi għażliet. Jekk il-bidla tkun ta' natura permanenti, l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku jipprovdi li jista' jintalab rieżami tal-ħtieġa li jibqgħu jiġu imposti miżuri. Il-Kummissjoni se tivvaluta mingħajr dewmien il-merti ta' kwalunkwe talba xierqa u ġġustifikata, bil-għan li jinżamm livell bilanċjat ta' protezzjoni kontra d-dumping dannuż.

(614) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur argumenta li l-forma tal-miżura tagħmilha effettivament impossibbli li jwettaq tali reviżjoni. Barra minn hekk, anki jekk reviżjoni interim titwettaq, ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni jkunu wisq kajmani, biex jgħinu lill-industrija tal-Unjoni.

(615) Il-Kummissjoni nnotat li tali analiżi interim jista' jitwettaq malajr, u normalment fi żmien sena.

(616) Il-miżuri tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, huma rriflettew il-qagħda li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn il-miżuri huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet

tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi miżura individwali tal-antidumping.

(617) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri antidumping individwali jekk tibdel l-isem tal-entità tagħha jew tistabbilixxi entità ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġdida. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż: il-modifikazzjoni fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni; il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, il-bidla fl-isem jew il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Il-Kummissjoni se taġġorna l-lista ta' kumpaniji b'miżuri individwali tal-antidumping, jekk dan ikun iġġustifikat.

(618) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' evażjoni, qed jitqies li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej. il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida u ċertifikat validu tal-fabbrika, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet mhux akkumpanjati minn tali fattura u dikjarazzjoni fuq l-unur għandhom ikunu soġġetti għar-rata applikabbli tad-dazju *ad valorem* għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(619) Jekk issir bidla fil-mudell tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni ta' kontra l-elużjoni u, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, jistgħu jiġu imposti dazji *ad valorem*.

(620) Barra minn hekk, sabiex ikun hemm l-aħjar salvagwardja kontra kull assorbiment possibbli tal-miżuri, partikolarment bejn kumpaniji relatati, il-Kummissjoni immedjatament tibda rieżami taħt l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku u tista' tissottoponi l-importazzjonijiet għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jekk issib xi evidenza ta' komportament simili.

(621) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kienet beħsiebha timponi miżuri antidumping definittivi. Huma ngħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan id-divulgazzjoni. Il-kummenti li kienu ppreżentati mill-partijiet l-oħra tqiesu kif xieraq iżda ma kinux tali li wasslu biex biddlu l-konklużjonijiet.

## 8. **IMPOŻIZZJONI RETROATTIVA TA' DAZJI ANTIDUMPING**

(622) Kif imsemmi fil-premessa (20) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni, fuq talba tal-ilmentatur, għamlet soġġetti għar-reġistrazzjoni l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil u mir-Russja mis-7 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

(623) Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, id-dazji jistgħu jiġu imposti b'mod retroattiv "fuq prodotti li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 ġurnata qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji". Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ ma ġewx imposti miżuri proviżorji.

(624) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li waħda mill-kundizzjonijiet legali taħt l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku mhijiex issodisfata u għalhekk id-dazji ma għandhomx jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati.

## 9. **IL-KUMITAT TA' APPELL U L-GĦAMLA TAL-MIŻURA**

(625) Għar-raġunijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 6 u 7 il-Kummissjoni kienet żvelata l-intenzjoni tagħha li timponi l-miżura fil-forma ta' dazji *ad valorem* limitati bi PMI.

(626) Il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku ta opinjoni negattiva dwar l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, u maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-kumitat ivvotaw kontra. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx timponi l-miżura fl-għamla prevista inizjalment.

(627) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]), (ir-"Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat") il-Kummissjoni ppreżentat l-istess abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni lill-kumitat ta' appell għal aktar deliberazzjoni.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Brussels, Belgium.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(628) Matul il-kumitat ta' appell, ġew diskussi emendi possibbli differenti. Il-president tal-kumitat tal-appell ikkonkluda li emenda fir-rigward tal-għamla tal-miżura, li tibdilha minn dazji *ad valorem* limitati bi PMI għal dazji li għandhom jiġu espressi bħala ammont fiss għal kull tunnellata, kellha l-akbar appoġġ possibbli fil-kumitat ta' appell.

(629) Sussegwentement il-Kummisssjoni bidlet l-għamla tal-miżura u żvelat dan it-tibdil fl-għamla lill-partijiet interessati.

(630) Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li timponi miżuri f'għamliet differenti, fost oħrajn fl-għamla ta' ammonti fissi speċifiċi għall-kumpaniji għal kull tunnellata. Meta ddeċidiet dwar l-għamla tal-miżuri, il-Kummissjoni trid tibbilanċja l-interessi differenti involuti, inkluż l-interess tal-utenti u tal-konsumaturi.

(631) Il-Kummissjoni fakkret li hija għalhekk kellha diskrezzjoni wiesgħa dwar kif tqabbel u tibbilanċja l-interessi involuti u dan jista' jiġi rifless fl-għażla tal-forma tal-miżura. Hija sostniet li l-impożizzjoni ta' dazji *ad valorem* għandha r-riskju li tkun ta' piż fuq l-utenti b'mod sproporzjonat, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju li jiżdiedu l-prezzijiet tal-HRF.

(632) Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-ibbilanċjar xieraq kien differenti mill-analiżi inizjali. Hija kkunsidrat li miżura fl-għamla ta' ammont fiss speċifiku għall-kumpaniji għal kull tunnellata rriflettiet b'aktar preċiżjoni d-dannu kkawżat minn kull produttur esportatur li nstab li kienu qed iwettqu dumping. Barra minn hekk, hija żgurat ukoll li d-dazju jneħħi d-dannu kompletament. Fl-aħħar nett, hija żgurat stabbiltà aħjar u prevedibbiltà aħjar għall-utenti u l-konsumaturi, minħabba li tibqa' fissa matul iż-żmien.

(633) Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-dazji fissi speċifiċi għall-kumpaniji għal kull tunnellata iqisu aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti fis-sitwazzjoni speċifika tal-każ preżenti milli d-dazji *ad valorem*, minħabba li jiżguraw li anki meta l-prezzijiet tas-suq dinji jiżdiedu b'mod sinifikanti wara l-perjodu ta' investigazzjoni, ma jżidux il-piż fuqhom b'mod sproporzjonat.

(634) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li huwa xieraq li jiġi impost ammont fiss għal kull tunnellata. Bil-kuntrarju tad-dazji *ad valorem* limitati bi PMI, din it-tip ta' miżura tagħti protezzjoni immedjata lill-industrija tal-Unjoni kontra dumping dannuż f'livell stabbilit ta' dazji, filwaqt li teskludi li l-importaturi u l-utenti jistgħu jiġu mġiegħla jħallsu dazji ogħla fil-futur. Skont dan, hija tikseb it-tip ta' bilanċjar tal-eżerċizzju tal-interessi meħtieġ fl-investigazzjoni preżenti.

(635) L-ammont fiss ta' dazju għal kull tunnellata huwa bbażat fuq livell ugwali għall-marġni ta' dumping jew ta' dannu stabbilit matul l-investigazzjoni għal kull produttur esportatur li kkoopera tal-prodott ikkonċernat, liema nstab li kien iktar baxx, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament.

(636) Il-Kummissjoni stabbilixxiet id-dazju speċifiku bid-diviżjoni tal-inqas ammont tal-marġni ta' dumping u ta' dannu kkalkulat għal kull produttur esportatur ikkonċernat, mat-total ta'esportazzjonijiet għal kull tunnellata tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. It-tabella ta' hawn taħt turi r-rati applikabbli tad-dazju antidumping definitiv, li huma bbażati fuq id-dazji *ad valorem* kif jintwera fit-Tabella fil-Premessa (583).

| Pajjiż | Kumpanija | Rata tad-dazju definittiva — Euro għal kull tunnellata |
|---|---|---|
| Il-Brażil | ArcelorMittal Brasil S.A. | 54,5 |
| | Aperam Inox América do Sul S.A. | 54,5 |
| | Companhia Siderúrgica Nacional | 53,4 |
| | Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. (USIMINAS) | 63,0 |
| | Gerdau Açominas S.A. | 55,8 |

| Pajjiż | Kumpanija | Rata tad-dazju definittiva — Euro għal kull tunnellata |
|---|---|---|
| L-Iran | Mobarakeh Steel Company | 58,0 |
| Ir-Russja | Novolipetsk Steel | 53,3 |
| | Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 96,5 |
| | PAO Severstal | 17,6 |
| L-Ukrajna | Metinvest Group | 60,5 |

(637) Wara d-divulgazzjoni addizzjonali finali tat-22 ta' Settembru 2017, il-produttur esportatur Iranjan stqarr li kien hemm żball klerikali, li sar mill-Kummissjoni, fil-kalkolu tat-total tal-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.

(638) Wara li ġiet analizzata l-allegazzjoni tal-produttur esportatur, il-Kummissjoni aċċettat din it-talba. Konsegwentement, l-ammont ta' dazju fiss rivedut għal kull tunnellata għal kull tunnellata għal Mobarakeh Steel Company (u l-kumpaniji l-oħra kollha) fl-Iran jammonta għal EUR 57,5 għal kull tunnellata netta.

(639) Il-produttur esportatur Iranjan, il-produttur esportatur Brażiljan CSN, appoġġati mill-kumpanija Portugiża relatata Lusosider, il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas, il-produttur esportatur Ukranjan Metinvest issottomettew impenji fuq il-prezzijiet. Il-produttur esportatur Russu NLMK kien diġà ssottometta impenn fuq il-prezzijiet lill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2017.

(640) Ħdax-il (11) parti interessata oħra (seba' produtturi esportaturi, utent wieħed relatat minn wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi, l-ilmentatur; il-Konsorzju u l-Missjoni tal-Brażil lill-Unjoni Ewropea) ssottomettew il-kummenti li ġejjin fis-26 ta' Settembru 2017.

(641) Il-produttur esportatur Brażiljan CSN ikkumenta li bidla bħal din tal-għamla tal-miżura tikkostitwixxi theddida serja għall-eżistenza tal-kumpanija Portugiża relatata Lusosider. Barra minn hekk, dan il-produttur esportatur allega li l-bidla tal-forma tal-miżura ma tiksibx bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-industrija tal-Unjoni minn naħa waħda u ta' Lusosider u utenti oħrajn min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, CSN allegat li, wara bidla fl-għamla tal-miżura, hemm bidla li wieħed ma jistax jiċħad fis-sustanza. Jirriżulta li l-effetti ta' din il-bidla tista' ssib lil Lusosider u utenti oħra mhux ippreparati. Il-kumpanija relatata tagħha Lusosider ikkummentat ukoll li tali bidla sostanzjali fl-għamla tal-miżura tista' ġġiegħlha tmexxi l-produzzjoni tagħha tal-azzar galvanizzat barra l-Unjoni. Barra minn hekk, Lusosider allegat li kien ikollha tabbanduna l-proġett ta' investiment ta' EUR 70 miljun biex tkun tista' tipproduċi 300 000 tunnellata addizzjonali f'sena fil-Portugall. Għaldaqstant, hija allegat li s-suq tal-kostruzzjoni fuq il-Peniżola Iberika fil-futur ikun mingħajr provvista adegwata ta' materja prima, appoġġat b'aktar *data* dwar l-iżviluppi tas-suq tal-Peniżola Iberika.

(642) Il-produttur esportatur Brażiljan Usiminas sostna li d-drittijiet tad-difiża tiegħu ġew miksura, minħabba li perjodu ta' jum u nofs (1,5) ta' xogħol huwa qasir wisq biex jagħmel sottomissjoni xierqa. Huwa talab ukoll lill-Kummissjoni biex tipproċedi bil-proposta preċedenti tagħha li timponi dazji *ad valorem* limitati bi PMI. Barra minn hekk, huwa allega li minħabba l-bidla tal-miżura fil-livell tal-marġni ta' dannu ssir importanti ferm. Għalhekk, huwa tenna li l-ispiża ta' wara l-importazzjoni, li kienet applikata mill-Kummissjoni kienet baxxa wisq u li l-profitt fil-mira użat kien għoli b'mod mhux raġunevoli u illegalment miżjud. Huwa tenna wkoll il-kumment preċedenti tiegħu, li l-importazzjonijiet mill-Brażil, li allegatament ikkawżaw dannu materjali, huma taħt il-limitu "*de minimis*", jekk wieħed jeskludi l-importazzjonijiet mill-produttur esportatur Brażiljan li huwa relatat mal-produttur tal-Unjoni, ArcelorMittal. Il-produttur reġa' indika li kkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx għażlet mira xierqa tal-profitt. Barra minn hekk, huwa kkummenta mill-ġdid li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni fl-investigazzjoni preżenti kienet tidher li hija inkonsistenti mal-konklużjoni, fil-proċediment ta' kontra d-dumping kontra HRF li joriġina miċ-Ċina, li kien hemm biss theddida ta' dannu materjali matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015. Huwa allega wkoll li sempliċi differenza matematika bejn il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati u l-prezz domestiku tal-Unjoni ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' analiżi tal-effett tal-prezz xierqa skont ir-Regolament bażiku.

(643) Il-produttur esportatur Brażiljan mhux fil-kampjun li kkoopera Gerdau kkummenta li l-miżura fl-għamla prevista inizjalment (dazji *ad valorem* limitati għal PMI) kellha l-appoġġ ta' ħafna Stati Membri. Huwa mifhum li l-intenzjoni oriġinali tal-Kummissjoni tibqa' l-aktar trattament xieraq għal din il-kwistjoni.

(644) Il-produttur esportatur mill-Ukranja Metinvest allega li d-divulgazzjoni addizzjonali finali ma kinitx appoġġata minn evidenza soda u ġustifikazzjoni legali u kisret ukoll id-drittijiet tad-difiża tiegħu. Barra minn hekk, huwa allega li l-Kummissjoni injorat numru ta' talbiet legali u argumenti li kienu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-marġni ta' dumping tagħha. Huwa argumenta wkoll li l-livell propost tal-ammont fiss huwa projbittiv, diskriminatorju u sproporzjonat fid-dawl tal-prezzijiet għolja tas-suq u ż-żieda f'daqqa tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra. It-tul taż-żmien tal-miżuri jinħtieġ li jkun limitat għal sentejn. Fl-aħħar nett, huwa qal li l-Kummissjoni għandha tfittex soluzzjonijiet kostruttivi għall-importazzjonijiet mill-Ukrajna skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna u għalhekk jenħtieġ li tingħata preferenza lill-impenji fuq il-prezzijiet, bħalma ġie propost.

(645) Il-produttur esportatur Russu NLMK sostna li l-Kummissjoni kellha tuża l-valur CIF, li jikkorrispondi għall-valur tal-fattura tal-bejgħ ta' Novex, il-kumpanija li topera bħala servizz għall-esportazzjoni ta' NLMK, u li l-aġġustament fuq il-bażi tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku li l-Kummissjoni għamlet meta kkalkulat id-dazju speċifiku ma kienx ġustifikat. Huwa rrefera wkoll għall-offerta ta' impenn fuq il-prezzijiet tiegħu, u lmenta li kien għadu ma rċieva l-ebda tweġiba.

(646) Il-produttur esportatur Russu Severstal allega li l-bidla fl-għamla tal-miżura wara d-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-UE tal-aspettattivi leġittimi u amministrazzjoni xierqa. Huwa ssuġġerixxa li din l-għamla l-ġdida ta' miżuri jenħtieġ li tiġi applikata b'dewmien raġonevoli ta' xahar.

(647) Il-produttur esportatur Russu MMK ikkummenta li hu ma qabilx li l-għamla riveduta magħżula tal-miżura tqis aħjar il-bżonnijiet tal-utenti u tikseb bilanċ aħjar tal-interessi differenti inkwistjoni.

(648) Il-Konsorzju allega li dan it-tip ta' bidla fl-għamla tal-miżura huwa xenarju ta' tħassib għall-utenti indipendenti. Barra minn hekk, huwa allega li l-bidla fl-għamla tal-miżura ma tiksibx bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-industrija tal-Unjoni minn naħa waħda u tal-importaturi u l-utenti min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, huwa allega li, wara l-bidla fl-għamla tal-miżura hemm bidla fis-sustanza li wieħed ma jistax jiċħad. L-effetti sussegwenti tal-miżuri se tkun żieda konsiderevoli tal-prezzijiet tax-xiri tal-utenti, li tpoġġihom f'pożizzjoni ta' kompetizzjoni żvantaġġata fir-rigward il-produtturi tal-Unjoni. Huwa għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u biex iżżomm il-proposta inizjali tagħha sabiex ikun hemm limitu fuq id-dazji *ad valorem* bi PMI.

(649) Kemm il-Konsorzju kif ukoll il-produttur esportatur Russu MMK stieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-impatt tal-iffirmar riċenti ta' *Memorandum* ta' Qbil bejn Tata Steel u ThyssenKrupp, fl-ambitu tal-interess tal-Unjoni, rigward il-kombinament tagħhom tal-operazzjonijiet Ewropej tagħhom, u tal-akkwiżizzjoni riċenti ta' Ilva minn Arcelor Mittal.

(650) L-ilmentatur ikkummenta li hija kompliet ma taqbilx ferm mal-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni li kienet il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jiġux imposti dazji *ad valorem*. F'dan il-kuntest, huwa tenna l-affermazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni baqgħet tinjora t-test ġuridiku stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku. Huwa kkummenta wkoll li d-dazju għal kull tunnellata kien ġie stabbilit fuq il-bażi tal-livelli ta' prezzijiet storikament baxxi, li kien hemm matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jfisser li dan id-dmir ma jkunx biżżejjed biex jitneħħew l-istess marġnijiet ta' dumping dannuż. B'mod partikolari, huwa allega li l-kalkolu tad-dazju fiss ma kkunsidrax l-iżviluppi fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, allega li l-impożizzjoni ta' dazji fissi mhijiex xierqa fl-investigazzjoni attwali minħabba l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti involuti, u rrefera għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni kienet ħadet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 rigward il-ħadid fondut duttili mill-Indja, fil-premessa 386. Barra minn hekk, huwa tenna t-talba preċedenti tiegħu li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra s-sejbiet tal-uffiċċju ta' konsulenza ekonomika, tal-BKP, li kien ħejja studju ekonomiku fit-12 ta' Ġunju 2017 u rapport ta' segwitu fl-24 ta' Lulju 2017. Skont l-Eurofer, dawn jipprovdu evidenza ċara li l-impatt tad-dazji fuq l-utenti se jkun minimu. Fl-aħħar nett, hija qalet li l-Kummissjoni jinħtieġ li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li teskludi s-Serbja mill-investigazzjoni minħabba ż-żieda kontinwa tas-sehem tagħha mis-suq wara l-perjodu ta' investigazzjoni u l-pjanijiet ta' investiment fil-futur.

(651) Il-Missjoni tal-Brażil għall-Unjoni Ewropea kkummentat li l-bidla fl-għamla tal-miżura tidher li toffri protezzjoni eċċessiva lill-produtturi u li tmur kontra xi konklużjonijiet ewlenin ippreżentati fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2017, b'mod partikolari rigward l-importanza tal-PMI li jillimita l-effetti tad-dazji fuq l-importaturi u l-utenti u b'hekk ikun żgurat bilanċ bejn l-interessi differenti. Huwa għalhekk mistenni li l-Kummissjoni terġa' lura mid-deċiżjoni oriġinali rigward il-miżuri definittivi taħt din l-investigazzjoni.

(652) Il-Kummissjoni analizzat dawn is-sottomissjonijiet kollha f'ħafna dettall. Hija ġabret it-temi rikorrenti dwar kif jaħdem it-test tal-interess tal-Unjoni u dwar id-drittijiet tad-difiża minn partijiet differenti interessati fil-premessi li ġejjin u tkellmet dwar il-punti individwali wieħed wieħed.

(653) Diversi partijiet interessati allegaw li bidla fl-għamla tal-miżura ma ħolqitx bilanċ xieraq bejn l-interessi varji. Filwaqt li l-produtturi esportaturi u l-utenti wissew kontra effett sproporzjonat fuq l-utenti, l-ilmentatur żamm il-pożizzjoni tiegħu li d-dazji *ad valorem* ikunu meħtieġa. L-ewwel nett, il-Kummissjoni fakkret li skont il-ġurisprudenza, fl-eżerċizzju ta' bbilanċjar tagħha trid tinkludi l-aspetti legali, ekonomiċi u politiċi tal-fajl. F'dan il-każ, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kienu diverġenti dwar l-analiżi politika tal-eżerċizzju ta' bbilanċjar. F'sitwazzjoni bħal din, l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat jagħti mandat lill-president tal-kumitat tal-appell biex jipprova jsib soluzzjoni li trendi l-aktar appoġġ wiesa' fil-kumitat tal-appell. F'dan il-każ, dan irriżulta fi proposta ta' impożizzjoni ta' dazji fissi.

(654) Il-Kummissjoni sostniet li l-impożizzjoni ta' dazji fissi tassew tikkostitwixxi medjazzjoni xierqa bejn l-interessi kompetittivi għar-raġunijiet li ġejjin f'dan il-każ.

(655) L-ewwel nett, id-dazji fissi jneħħu d-dannu kompletament u jagħtu protezzjoni immedjata lill-industrija tal-Unjoni. Dan iwieġeb għal valutazzjoni politika li tali protezzjoni immedjata u sħiħa kienet iġġustifikata, kif jirriżulta mid-deliberazzjonijiet tal-kumitat tal-appell. B'hekk, l-impożizzjoni ta' dazji bħal dawn tagħti kunsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li jinqerdu l-effetti li jgħawġu l-kummerċ ta' dumping dannuż u li tiġi restawrata l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 21(1) it-tieni (2) sentenza tar-Regolament bażiku.

(656) It-tieni, f'dan il-każ, id-dazji fissi jiżguraw stabbilità u prevedibbiltà għall-utenti u l-konsumaturi, minħabba li jibqgħu stabbli matul iż-żmien. L-impożizzjoni ta' dawn id-dazji għalhekk teskludi li l-utenti u l-konsumaturi jistgħu jiġu mġiegħla jħallsu dazji ogħla jekk il-prezzijiet se jkomplu jiżdiedu, u dan jidher li huwa probabbli. Il-fatt li l-kalkolu ta' dawn id-dazji kien ġie bbażat fuq il-prezzijiet prevalenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jimmedja l-impatt ta' dawn id-dazji fissi, minħabba li ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' *data* kompluta u vverifikata f'mument meta l-prezzijiet kienu baxxi ħafna.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha billi reġgħet lura għall-proposta inizjali tagħha. Dan lanqas ma qassar it-tul ta' żmien tal-miżuri, kif mitlub mill-produttur esportatur Ukrajnjan billi ma kienx hemm raġuni speċifika biex wieħed jiddevja mill-perjodu ordinarju ta' ħames (5) snin indikat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, is-suq huwa suq ta' prodott stabbilit sew f'ambjent regolatorju stabbli, kuntrarjament pereżempju għas-suq għal prodotti innovattivi b'intervent tal-gvern sinifikanti u varjabbli, bħal dak tal-pannelli solari.

(657) Il-prezzijiet jistgħu jkomplu jiżdiedu jekk ikompli l-konsolidament tal-industrija tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni tingħata iktar setgħa ta' negozjar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni aċċettat il-kummenti li l-akkwist ta' Ilva minn konsorzju, li fosthom ArcelorMittal huwa l-azzjonist maġġoritarju, u l-firma bejn Tata Steel u ThyssenKrupp biex jistabbilixxu impriża konġunta huma rilevanti. Madankollu, dawn l-iżviluppi għadhom għaddejjin u, b'mod partikolari għadhom soġġetti għal approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-antitrust. L-impatt possibbli tagħhom fuq is-suq, huwa għaldaqstant inċert u f'kull każ fil-futur biss. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn l-iżviluppi ma jiġġustifikawx li jkun hemm rikalibrazzjoni tal-interessi konkorrenti għall-fini ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-ilmentatur li l-Kummissjoni injorat il-konklużjonijiet tal-uffiċċju ta' konsulenza ekonomika, tal-BKP, il-Kummissjoni tenniet il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (473) u (474). Għaldaqstant, din it-talba ġiet irrifjutata.

(658) Dwar l-argument li l-impożizzjoni ta' dazji fissi mhijiex xierqa fl-investigazzjoni attwali minħabba l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti involuti, il-Kummissjoni nnotat dan li ġej. Hija rrikonoxxiet li d-dazji fissi mhumiex ideali

għall-prodotti li mhumiex omoġenji. Madankollu, f'din l-investigazzjoni partikolari, kif stabbilit fil-premessa (548), l-impożizzjoni ta' dazji *ad valorem* tkun ħalliet impatt fuq l-utenti b'mod sproporzjonat. Kollox ma' kollox, l-impożizzjoni ta' dazji fissi hija għalhekk preferuta f'dan il-każ. Għaldaqstant, din it-talba ma tintlaqax.

(659) Rigward il-kumment tal-ilmentatur li kull tunnellata metrika tad-dazju hija bbażata fuq livelli ta' prezzijiet storikament baxxi prevalenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni fakkret li d-dazji antidumping huma dejjem ibbażati u kkalkulati fuq id-data tal-perjodu ta' investigazzjoni, irrispettivament jekk humiex *ad valorem* jew fissi. Biex jiġu stabbiliti l-marġnijiet ta' dumping fir-rigward tal-prezzijiet fil-PI storikament baxxi, iżda jiġu kkalkulati d-dazji bi prezzijiet ogħla wara l-PI, jitqies li jkun intgħażel dak li jaqbel li jikkunsidra biss ir-riżultat, u ma jkunx iġġustifikat, minħabba li jkollha tintuża *data* minn żewġ perjodi differenti. F'kull każ, id-*data* tal-PI biss kienet kompluta u vverifikata. Iċ-ċirkostanzi invokati mill-ilmentatur mhumiex straordinarji, iżda l-ħidma normali tal-forzi tas-suq. Fl-aħħar nett, fl-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, il-Kummissjoni ħadet ukoll inkunsiderazzjoni l-fatt li l-użu tad-*data* tal-PI jimmodera l-impatt ta' dazji fissi, billi huma bbażati fuq prezzijiet storikament baxxi. Għalhekk, it-talba biex tintuża *data* ta' wara l-PI għall-kalkolu tad-dazju fiss ġiet miċħuda.

(660) Diversi partijiet interessati allegaw li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tagħhom billi ma stabbilixxietx data ta' skadenza sinifikattiva għal kummenti dwar id-divulgazzjoni addizzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għat-tieni sentenza tal-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedi li hija tista' tistabbilixxi skadenza iqsar minn għaxart (10) ijiem għad-divulgazzjonijiet finali addizzjonali. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni kienet obbligata li tistenna r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-kumitat tal-appell li saru fit-22 ta' Settembru. Fl-istess ġurnata, hija bagħtet id-divulgazzjoni addizzjonali finali lill-partijiet interessati kollha, li ma kinitx itwal minn paġna waħda. Għaldaqstant kien il-Ġimgħa filgħaxija meta l-partijiet ġew infurmati u kellhom biżżejjed żmien biex jirreaġixxu dwar dan it-tibdil limitat sat-Tlieta fis-sagħtejn (2) ta' waranofsinhar. Il-partijiet kellhom b'kollox iktar minn tliet ijiem u nofs (3,5) biex iħejju l-kummenti tagħhom dwar test addizzjonali limitat ħafna. Fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, il-Kummissjoni għalhekk osservat id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati. Ir-Regolament bażiku jgħodd il-jiem għad-divulgazzjoni bħala jiem, mhux bħala ġranet tax-xogħol, bħalma huwa mstenni fis-sitwazzjoni preżenti, fejn il-partijiet kollha jafu perfettament l-iskeda, il-partijiet interessati jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jaħdmu fi tmiem il-ġimgħa.

(661) Severstal iddikjara li l-bidla fl-għamla tal-miżura fi stadju tard bħal dan tal-investizzjoni, kisret il-prinċipju ġenerali tal-aspettattivi leġittimi u ta' amministrazzjoni xierqa. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument li dokument ta' divulgazzjoni jagħti aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-konklużjoni finali ta' investigazzjoni. Għall-kuntrarju, l-għan tad-divulgazzjoni huwa li l-partijiet interessati jiġu mgħarrfa dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni u jingħataw il-possibbiltà li jeżerċitaw effettivament id-drittijiet tagħhom ta' difiża. Għal din ir-raġuni, l-ittra ta' akkumpanjament lill-partijiet interessati kollha indikat b'mod espliċitu li "din id-divulgazzjoni ma tippreġudikax kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kummissjoni, imma meta deċiżjoni bħal din tkun ibbażata fuq kwalunkwe fatti u kunsiderazzjonijiet differenti, dawn jiġu ddivulgati lill-kumpanija tiegħek malajr kemm jista' jkun". Dan kien dak li għamlet il-Kummissjoni bil-komunikazzjoni tal-informazzjoni finali addizzjonali tat-22 ta' Settembru 2017. Konsegwentement, parti interessata ma tistax tibbaża ruħha fuq il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi qabel ma l-Kummissjoni tkun għalqet il-proċedura ta' rieżami inkwistjoni jekk il-Kummissjoni tagħżel li taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni ([1]). Dan l-argument, għaldaqstant, irid jiġi miċħud ukoll.

(662) L-allegazzjoni ta' Metinvest li l-għamla proposta tal-miżura hija diskriminatorja, ma kinitx sostanzjata. Is-sempliċi fatt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdiedu wara l-perjodu ta' investigazzjoni ma jagħmilx din il-miżura proposta diskriminatorja fit-tifsira tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku. Filwaqt li d-dumping dannuż instab fir-rigward tal-erba' pajjiżi inkwistjoni, l-ebda sejba bħal din ma teżisti fil-konfront tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra. Għalhekk, ir-raġuni għat-trattament differenti hija l-ħtieġa li tkun irrestawrata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet minn erba' pajjiżi.

(663) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sostniet li l-impożizzjoni ta' dazji fissi kellha l-ikbar appoġġ possibbli fil-Kumitat ta' Appell. Għalhekk hija ma laqgħetx il-kumment ta' Gerdau, li bosta Stati Membri kienu qiesu l-miżuri inizjali bħala fattwalment skorretti. Fil-Kumitat ta' Appell, għadd limitat biss ta' Stati Membri appoġġaw din il-proposta.

(664) Barra minn hekk, diversi partijiet interessati reġgħu ppreżentaw kummenti, li ma kinux parti mid-divulgazzjoni addizzjonali finali: Usiminas semmiet l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u l-profitt fil-mira użati, il-limitu "*de minimis*", l-analiżi tal-effett fuq il-prezzijiet, il-profitt fil-mira, u l-allegazzjoni li s-sejbiet fl-investigazzjoni preżenti

([1]) Ara s-sentenza tas-7 ta' Mejju 1991 fil-Kawża C-69/89 Nakajima All Precision vs il-Kunsill, ECLI:EU:C:1991:186, fil-paragrafu 120. Ara wkoll, iktar reċentement, l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona tal-20 ta' Lulju 2017 fil-Kawża C-256/16 Deichmann, ECLI:EU:C:2017:580, fil-paragrafu 49.

kienu inkonsistenti mas-sejbiet tal-investigazzjoni taċ-Ċina. Metinvest allegat li l-Kummissjoni injorat numru ta' talbiet u argumenti legali ewlenin, filwaqt li NLMK allegat li l-Kummissjoni aġġustat b'mod żbaljat il-prezz tal-esportazzjoni tagħha. Fir-rigward ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni osservat li dawn kienu diġà ġew indirizzati wara d-divulgazzjoni finali. Dwar l-allegazzjonijiet ta' Usiminas, dawn ġew indirizzati f'dawn il-premessi li ġejjin: fir-rigward tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni fil-permessa (576), u rigward il-profitt fil-mira fil-premessi minn (563) sa (565), rigward il-limiti "*de minimis*" fil-premessi minn (252) sa (258), rigward l-analiżi tal-effett fuq il-prezzijiet fil-premessa (273) u fl-aħħar nett rigward l-inkonsistenza mal-investigazzjoni taċ-Ċina fil-premessi (330), (331) u (597). Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' Metinvest u NLMK, il-Kummissjoni rreferiet għal premessi (131) u (132) kif ukoll il-premessa (127) rispettivament u nnotat li l-aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament Bażiku, loġikament kellu effett fuq il-kalkolu tad-dazju fiss.

(665) L-ilmentatur tenna l-fehma tiegħu li l-Kummissjoni kellha tiżvela l-marġni ta' dannu għas-Serbja u l-livell ta' twaqqigħ tal-prezz. Hija talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li teskludi s-Serbja mill-investigazzjoni minħabba ż-żieda kontinwa tas-sehem tagħha mis-suq fis-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-uffiċjal tas-seduta kien irrakkomanda li tiżvela d-dannu u l-marġnijiet ta' twaqqigħ tal-prezzijiet biex jiġi mifhum aħjar jekk il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku humiex issodisfati. Madankollu, skont il-Kummissjoni, id-divulgazzjoni tal-marġni ta' dannu u l-marġinijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet ma kinitx meħtieġa biex tevalwa l-analiżi tagħha dwar il-kumulazzjoni (premessa 238) minħabba li d-*data* kollha meħtieġa kienet ġiet divulgata b'mod xieraq fid-Dokument ta' Informazzjoni. Il-konklużjoni tagħha li l-volum tal-importazzjonijiet Serbi kien negliġibbli kienet ibbażata fuq id-*data* disponibbli dwar il-perjodu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. L-użu tad-*data* ta' wara l-PI ma kienx ġustifikat, minħabba li l-iżviluppi deskritti mill-ilmentatur mhumiex straordinarji, iżda fl-ambitu ta' varjazzjonijiet normali tas-swieq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża l-analiżi tagħha fuq id-dannu fuq il-pjanijiet ta' investiment futuri ta' produtturi esportaturi. Jekk dawn il-pjanijiet jimmaterjalizzaw u jwasslu għal bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi, l-ilmentatur jista' jippreżenta ilment ġdid kontra d-dumping.

(666) Fis-26 u s-27 ta' Settembru 2017, ħames produtturi esportaturi offrew impenji fuq il-prezz. Il-Kummissjoni osservat li dawn l-offerti kienu waslu ħafna wara l-iskadenza stabbilita bl-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku, moqri flimkien mal-Artikolu 20 tar-Regolament Bażiku, li jirreferi għad-divulgazzjoni finali, u mhux għad-divulgazzjoni addizzjonali finali.

(667) L-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku jipprevedi l-possibbiltà li joffri (u jaċċetta) impenji fuq il-prezz f'ċirkostanzi eċċezzjonali wara dik id-data ta' skadenza.

(668) Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dawn iċ-ċirkustanzi humiex issodisfati u jekk l-impenji tal-prezzijiet jistgħux jiġu aċċettati. Madankollu, billi d-divulgazzjoni addizzjonali finali seħħet tard fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq l-analiżi meħtieġa jekk dawn l-impenji tal-prezzijiet kinux aċċettati qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, b'mod eċċezzjonali kif ukoll minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni, speċjalment id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati, il-Kummissjoni se tlesti l-analiżi tagħha fi stadju aktar tard fi żmien xieraq. Dan huwa previst espliċitament mill-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku, li jipprevedi l-possibbiltà li jiġu aċċettati impenji fuq il-prezz f'ċirkostanzi eċċezzjonali, anki wara li tkun ġiet imposta miżura definittiva. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tanalizza wkoll is-sinifikat tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna.

(669) Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma weġbitx għall-offerta tal-impenn fuq il-prezz sottomessa lill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2017 minn NLMK; il-Kummissjoni rreferiet għall-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku, li jipprevedi li l-impenji jistgħu jiġu offruti biss wara li tkun saret determinazzjoni affermattiva proviżorja ta' dumping u dannu. F'dan il-każ partikolari, l-ebda tali determinazzjoni ma kienet saret fi Frar 2017. Għalhekk, l-impenn fuq il-prezz offrut minn NLMK se jiġu analizzati fi stadju aktar tard flimkien ma' offerti oħra.

(670) Barra minn hekk, b'referenza għall-kumment ta' Lusosider li s-suq tal-kostruzzjoni fil-Peniżola Iberika fil-futur se jkun mingħajr il-provvista adegwata ta' materja prima, din it-talba se tiġi analizzata waqt ir-rieżami tal-offerta tal-impenn fuq il-prezz minn CSN / Lusosider.

(671) Il-Kumitat ta' Appell ma tax opinjoni dwar dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

(1) Dazju definittiv antidumping huwa impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux magħqudin flimkien (clad), indurati jew miksijin, li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, u l-Ukrajna.

(2) Il-prodott ikkonċernat ma jinkludix:

— prodotti tal-azzar inossidabbli u azzar elettriku tas-siliċju bil-granijiet orjentati,

— prodotti tal-azzar tal-għodda u tal-azzar ta' veloċità għolja,

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm u ta' wisa' ta' 600 mm jew aktar, u

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar, iżda li ma taqbiżx l-10 mm u ta' wisa' ta' 2 050 mm jew aktar.

Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10 (il-kodiċi TARIC 7225 19 10 90), 7225 30 90, ex 7225 40 60 (il-kodiċi TARIC 7225 40 60 90), 7225 40 90, ex 7226 19 10 (il-kodiċi TARIC 7226 19 10 90), 7226 91 91 u 7226 91 99.

(3) Ir-rati tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Rata tad-dazju definittiva — Euro għal kull tunnellata netta | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|---|
| Il-Brażil | ArcelorMittal Brasil S.A. | 54,5 | C210 |
| | Aperam Inox América do Sul S.A. | 54,5 | C211 |
| | Companhia Siderúrgica Nacional | 53,4 | C212 |
| | Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. (USIMINAS) | 63,0 | C213 |
| | Gerdau Açominas S.A. | 55,8 | C214 |
| L-Iran | Mobarakeh Steel Company | 57,5 | C215 |
| Ir-Russja | Novolipetsk Steel | 53,3 | C216 |
| | Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron Steel Works (PJSC MMK) | 96,5 | C217 |
| | PAO Severstal | 17,6 | C218 |
| L-Ukrajna | Metinvest Group | 60,5 | C219 |

(4) Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun id-dazju fiss kif stabbilit fit-tabella hawn taħt.

| Kumpanija | Rata tad-dazju definittiva — Euro għal kull tunnellata netta | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Il-kumpaniji Brażiljani l-oħrajn kollha | 63,0 | C999 |
| Il-kumpaniji Iranjani l-oħrajn kollha | 57,5 | C999 |
| Il-kumpaniji Russi l-oħrajn kollha | 96,5 | C999 |
| Il-kumpaniji tal-Ukrajna l-oħrajn kollha | 60,5 | C999 |

(5) Għall-produtturi msemmija individwalment u fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun saritilha l-ħsara qabel tidħol fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għaldaqstant, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas jiġi mqassam biex jiġi ddeterminat il-valur doganali skont l-Artikolu 131(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]), ir-rata tad-dazju definittiv, ikkalkulat abbażi tal-paragrafu 2 hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas. Id-dazju pagabbli mbagħad għandu jkun id-differenza bejn ir-rata imnaqqsa tad-dazju definittiv u l-prezz nett imnaqqas, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel l-iżdoganar tal-merkanzija.

(6) Għall-kumpaniji l-oħrajn kollha u f'każijiet fejn il-merkanzija saritilha ħsara qabel ma daħlet fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas huwa mqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 131(2) tar-Regolament (UE) 2015/2447, l-ammont tar-rata tad-dazju antidumping, maħdum abbażi tal-paragrafu 3 hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi mat-tqassim tal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas.

(7) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

(8) Fejn kull produttur esportatur ġdid fil-Brażil jipprovdi xhieda suffiċjenti lill-Kummissjoni li:

(a) ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016);

(b) mhuwiex relatat ma' xi wieħed mill-esportaturi jew produtturi fil-Brażil li huma soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; kif ukoll

(c) effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni, it-Tabella fl-Artikolu 1(2) tista' tiġi emendata billi jiżdied il-produttur esportatur il-ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u għalhekk soġġetti għar-rata tad-dazju medja ponderata tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun, li hija EUR 55,8 għal kull tunnellata netta.

*Artikolu 2*

Il-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mis-Serbja huwa tterminat b'dan ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament bażiku.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/5 tal-5 ta' Jannar 2017 li jagħmel soġġetti għar-reġistrazzjoni l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Russja u l-Brażil għandu jitħassar definittivament mingħajr ġbir retroattiv ta' dazji.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimenftazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-5 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1796

## tal-5 ta' Ottubru 2017

## li jistabbilixxi l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jrid jintuża għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni tal-ġobon lejn l-Istati Uniti tal-Amerka fl-2018 bil-kwoti msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu III, it-Taqsima 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 ([2]) jniedi l-proċedura għall-allokazzjoni ta' liċenzji għall-esportazzjoni tal-ġobon lejn l-Istati Uniti tal-Amerika bil-kwoti msemmija fl-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal ċertu gruppi ta' prodotti u kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli għas-sena tal-kwota 2018. Għalhekk il-punt safejn jistgħu jinħarġu liċenzji tal-esportazzjoni għandhu jinstab billi jiġu stabbiliti koeffiċjenti tal-allokazzjoni li jridu jintużaw għall-kwantitajiet mitluba, u jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009.

(3) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal ċertu gruppi ta' prodotti u kwoti huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli għas-sena tal-kwota 2018. Il-bqija tal-ammonti għandhom jinqasmu bejn l-applikanti bi proporzjon tal-ammonti li applikaw għalihom, billi jintuża l-koeffiċjent tal-allokazzjoni, u skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009.

(4) Minħabba l-iskadenza li jistabbilixxi l-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 biex jiġu stabbiliti l-koeffiċjenti tal-allokazjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1187/2009 fejn jidħlu l-gruppi ta' prodotti u kwoti msejħa "16-Tokjo u 16-, 17-, 18-, 20-, 21-Urugwaj" fil-kolonna 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu multiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stabbiliti fil-kolonna 5 ta' dak l-Anness.

*Artikolu 2*

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1187/2009 fejn jidħlu l-gruppi ta' prodotti u kwoti msejħa "22-, 25-Tokjo u 22-, 25-Urugwaj" fil-kolonna 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jintlaqgħu bil-kwantitajiet li ntalbu fihom.

Il-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jinħarġu għal aktar kwantitajiet imqassma fost l-applikanti skont il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stabbiliti fil-kolonna 6 tal-Anness, wara li jkun laqagħhom l-operatur fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u soġġetti li tingħata l-garanzija mitluba.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

| L-identifikazzjoni tal-grupp skont in-Noti Addizzjonali fil-Kapitlu 4 tal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika | | Identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota | Kwantitajiet disponibbli għas-sena 2018 (f'kg) | Koeffiċjent ta' allokazzjoni previst fl-Artikolu 1 | Koeffiċjent ta' allokazzjoni previst fl-Artikolu 2 |
|---|---|---|---|---|---|
| In-numru tan-nota | Grupp | | | | |
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
| 16 | Not specifically provided for (NSPF) | 16-Tokyo | 908 877 | 0,1296811 | |
| | | 16-Uruguay | 3 446 000 | 0,0880789 | |
| 17 | Blue Mould | 17-Uruguay | 350 000 | 0,0754310 | |
| 18 | Cheddar | 18-Uruguay | 1 050 000 | 0,1212471 | |
| 20 | Edam/Gouda | 20-Uruguay | 1 100 000 | 0,0955026 | |
| 21 | Italian type | 21-Uruguay | 2 025 000 | 0,0704102 | |
| 22 | Swiss or Emmentaler cheese other than with eye formation | 22-Tokyo | 393 006 | | 19,6493175 |
| | | 22-Uruguay | 380 000 | | 4,4705882 |
| 25 | Swiss or Emmentaler cheese with eye formation | 25-Tokyo | 4 003 172 | | 1,0007930 |
| | | 25-Uruguay | 2 420 000 | | 1,4447761 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1797

**tat-23 ta' Mejju 2017**

**dwar l-iskemi ta' għajnuna SA.42393 (2016/C) (ex 2015/N) implimentata mill-Ġermanja għal ċerti konsumaturi aħħarin (tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP) u SA.47887 (2017/N) li l-Ġermanja beħsiebha timplimenta bil-għan li testendi l-iskema ta' sostenn lis-CHP rigward installazzjonijiet ta' CHP użati f'netwerks magħluqa**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 3400)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet ikkonċernati jressqu l-kummenti tagħhom ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Wara li kkunsidrat ukoll it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 108(3) tiegħu,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

(1) Fit-28 ta' Awwissu 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi nnotifikaw lill-Kummissjoni l-abbozz ta' liġi dwar ir-Riforma tal-Att dwar il-Ġenerazzjoni Kkombinata tas-Sħana u tal-Elettriku (*Kraft-Wärme-Kopplungsgesetz*, "il-KWKG 2016, kif innotifikat"), li mbagħad ġie adottat fil-leġiżlazzjoni fil-21 ta' Diċembru 2015. Il-KWKG 2016 issostitwixxa l-Att dwar il-Ġenerazzjoni Kkombinata tas-Sħana u tal-Elettriku tad-19 ta' Marzu 2002 ("il-KWKG 2002").

(2) B'ittra tal-24 ta' Ottubru 2016 ("id-Deċiżjoni tal-Ftuħ"), il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ġermaniżi li kienet approvat l-appoġġ għall-installazzjonijiet u għall-faċilitajiet ta' ħżin ta' sħana u enerġija kkombinati (CHP, Combined Heat and Power) u għan-netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali mogħti fil-qafas tal-KWKG 2016, kif innotifikat, iżda li kienet iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat rigward it-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP għal ċerti konsumaturi aħħarin mogħti skont il-KWKG 2016, kif innotifikat.

(3) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri ta' għajnuna.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti min-naħa tal-partijiet interessati. Hija bagħtithom lill-awtoritajiet Ġermaniżi, li ngħataw l-opportunità jirreaġixxu; il-kummenti tagħhom waslu fit-13 ta' Jannar 2017 b'ittra li ġġib l-istess data.

(5) L-awtoritajiet Ġermaniżi ressqu l-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni ta' ftuħ fl-10 ta' Novembru 2016. Fuq talbiet għal informazzjoni tas-6 ta' Frar 2017, id-29 ta' Marzu 2017 u t-28 ta' April 2017, huma pprovdew informazzjoni addizzjonali fl-10 ta' Frar 2017, fil-31 ta' Marzu 2017 u fit-2 ta' Mejju 2017.

(6) L-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw ukoll lill-Kummissjoni li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħlas addizzjonali għal CHP u t-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP għal ċerti konsumaturi aħħarin, li kienu l-objettiv tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, kienu ġew emendati b'liġi tat-22 ta' Diċembru 2016 li temenda d-dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni tal-elettriku bil-koġenerazzjoni u l-awtoġenerazzjoni (*Gesetz zur Änderung der Bestimmungen zur Stromerzeugung aus Kraft-Wärme-Kopplung und zur Eigenerzeugung*, l-"Att tat-22 ta' Diċembru 2016").

([1]) ĠU C 406 tal-4.11.2016, p. 21.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna mill-Istat SA.42393 (2016/C) (ex 2015/N) — il-Ġermanja — Ir-riforma ta' sostenn għal koġenerazzjoni fil-Ġermanja — Stedina biex jintbagħtu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 406, 4.11.2016, p. 21).

(7) Fid-29 ta' Marzu 2017, l-awtoritajiet Ġermaniżi nnotifikaw lill-Kummissjoni modifika ppjanata tas-sostenn lill-installazzjonijiet ta' CHP li l-Kummissjoni kienet approvat fl-24 ta' Ottubru 2016. In-notifika ta' din l-emenda ġiet irreġistrata taħt SA.47887 (2017/N). Fit-3 ta' April 2017, l-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew informazzjoni addizzjonali. Il-valutazzjoni preliminari ta' dik l-emenda skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE u l-Artikolu 4 of tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 [3] hija inkluża fid-deċiżjoni preżenti (Taqsima 7).

(8) Fil-25 ta' April 2017, fiż-żewġ proċeduri, l-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lill-Kummissjoni li jaċċettaw b'mod eċċezzjonali li d-deċiżjoni fiż-żewġ każijiet SA.42393 u SA.47887 tiġi adottata u nnotifikata bil-lingwa Ingliża.

## 2. DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA LI DWARHA NFETĦET IL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI (ĦLASIJIET ADDIZZJONALI GĦAL CHP IMNAQQSA)

### 2.1. Preżentazzjoni tal-KWKG 2016: objettivi u kuntest

(9) Il-KWKG 2016 (kif innotifikat u kif emendat) jimmira li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-enerġija fil-Ġermanja b'żieda tal-produzzjoni netta tal-elettriku mill-installazzjonijiet ta' CHP għal 110 Twh/sena sal-2020 u għal 120 Twh/sena sal-2025 meta mqabbla mal-produzzjoni annwali attwali ta' 96 TWh/sena. L-awtoritajiet Ġermaniżi jistennew li tali żieda se tikkontribwixxi għal tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'4 miljun tunnellati sal-2020 fis-settur tal-elettriku billi fil-Ġermanja, l-elettriku mill-installazzjonijiet ta' CHP qed jissostitwixxi l-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku minn impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam. Jifforma parti mid-diversi miżuri adottati fil-qafas tal-*Energiewende* (tranżizzjoni enerġetika).

(10) Fil-qafas tal-KWKG 2016, tingħata għajnuna lill-installazzjonijiet ta' CHP ta' effiċjenza għolja ġodda, immodernizzati u mmodifikati [4]. Sal-2019, il-Ġermanja tagħti wkoll appoġġ lill-installazzjonijiet ta' CHP eżistenti li jaħdmu bil-gass fis-settur tat-tisħin distrettwali, bil-għan li l-livell ta' produzzjoni attwali ta' 15 Twh/sena tal-installazzjonijiet eżistenti fis-settur tat-tisħin distrettwali jinżamm u possibbilment jitreġġa' lura għal-livell preċedenti ta' 20 sa 22 TWh/sena. Barra minn hekk, il-KWKG 2016 jappoġġja faċilitajiet ta' ħżin għat-tisħin/tkessiħ ġodda jew faċilitajiet ta' ħżin immodifikati billi dawn iżidu l-flessibilità tal-faċilitajiet ta' CHP u b'hekk jistgħu jgħinu fit-tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-settur tal-elettriku. Fl-aħħar, tista' tingħata l-għajnuna għall-bini jew l-espansjoni ta' netwerks tat-tisħin/tkessiħ peress li l-użu ta' installazzjonijiet ta' CHP f'konnessjoni mat-tisħin distrettwali jżid l-effiċjenza enerġetika tas-sistema. Dawn il-miżuri ta' għajnuna kollha ġew approvati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha [5].

(11) Il-KWKG 2016, kif innotifikat, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016. Ma ssospendiex id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħlas addizzjonali u t-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali. L-Att tat-22 ta' Diċembru 2016 jemenda d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħlas addizzjonali għal CHP, u t-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP għal ċerti konsumaturi finali ("il-KWKG 2016, kif emendat") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017.

(12) Il-KWKG 2002, issostitwit bil-KWKG 2016, kien diġà jsegwi objettivi ta' protezzjoni tal-klima, ħarsien tal-ambjent u effiċjenza enerġetika. B'mod speċifiku, diġà kien jipprovdi ħlas ta' primjum lill-operaturi tal-installazzjonijiet ta' CHP bil-għan li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-Ġermanja jitnaqqsu b'10 miljuni fl-2005 u b'mill-inqas 20 miljun fl-2010 (meta mqabbla mal-1998). Il-primjum ġie stabbilit bil-KWKG 2002 u nkiseb fuq il-prezz miksub mill-bejgħ tal-elettriku. L-appoġġ skont il-KWKG 2002 kien ukoll iffinanzjat bi ħlas addizzjonali (minn hawn 'il quddiem imsemmi wkoll "il-ħlas addizzjonali għal CHP"), u l-KWKG 2002 ipprovda tnaqqis ta' dan il-ħlas addizzjonali lil ċerti konsumaturi aħħarin. Madankollu, il-KWKG 2002 ma ġiex innotifikat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

### 2.2. Il-ħlasijiet addizzjonali għal CHP u t-tnaqqis għal ċerti konsumaturi aħħarin

#### 2.2.1. *Ħlas addizzjonali għal CHP normali u tnaqqis għal ċerti konsumaturi aħħarin skont il-KWKG 2016*

(13) L-appoġġ għal installazzjonijiet ta' CHP, lill-faċilitajiet ta' ħżin u lin-netwerks tat-tisħin/tkessiħ distrettwali huwa ffinanzjat bi ħlas addizzjonali impost fuq l-elettriku fornut lill-konsumaturi aħħarin permezz tal-grilja elettrika pubblika jew permezz ta' netwerk ta' distribuzzjoni magħluq ("il-ħlas addizzjonali għal CHP"). Jinġabar mill-operaturi tan-netwerks bħala suppliment għall-ħlasijiet għan-netwerk. Dan il-ħlas addizzjonali jissejjaħ *KWKG-Umlage* fil-KWKG 2016 (ara l-paragrafu 26(1) tal-KWKG 2016). L-operaturi tan-netwerks huma obbligati jżommu kontijiet separati għall-ħlas addizzjonali għal CHP miġbur (paragrafu 26(1) tal-KWKG 2016, kif innotifikat, u paragrafu 26(3) tal-KWKG 2016, kif emendat).

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9)

[4] L-installazzjonijiet ta' CHP bil-faħam u l-linjite huma esklużi mis-sostenn fil-qafas tal-KWKG 2016.

[5] Qabbel in-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(14) L-ammont tal-ħlas addizzjonali għal CHP jiġi kkalkulat ta' kull sena mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni bħala rata uniformi għal kull kWh fornut lill-konsumaturi aħħarin konnessi mal-grilja pubblika jew ma' netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa.

(15) Il-paragrafu 27b tal-KWKG 2016, kif emendat, jistabbilixxi li l-elettriku maħżun huwa soġġett għall-ħlas addizzjonali għal CHP meta jiġi rtirat mill-faċilità ta' ħżin u mhux meta jiddaħħal fil-faċilità ta' ħżin.

(16) Madankollu, xi kategoriji ta' konsumaturi aħħarin jibbenefikaw minn rata mnaqqsa stabbilita skont il-KWKG 2016. Għall-konsumaturi aħħarin b'konsum annwali ta' aktar minn 1 GWh ("konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B"), il-KWKG 2016, kif innotifikat, stabbilixxa ħlas addizzjonali għal CHP massimu ta' 0,04 EUR ċenteżmu/kWh. Il-kategorija l-oħra ta' konsumaturi aħħarin li tibbenefika minn rata mnaqqsa għal CHP hija dik tal-konsumaturi aħħarin li joperaw fis-settur tal-manifattura b'konsum li jaqbeż il-1 GWh u li għalihom l-ispejjeż tal-elettriku jirrappreżentaw aktar minn 4 % tal-fatturat ("konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C"). Għall-kategorija ta' konsumaturi aħħarin tal-aħħar, il-KWKG 2016, kif innotifikat, jistabbilixxi ħlas addizzjonali għal CHP massimu ta' 0,03 EUR ċenteżmu/kWh (paragrafu 26(2) tal-KWKG 2016, kif innotifikat). Il-konsumaturi aħħarin li jħallsu l-ħlas addizzjonali għal CHP kollu jissejħu "konsumaturi aħħarin tal-Kategorija A".

(17) Ir-rati tal-ħlas addizzjonali għal CHP (f'EUR ċenteżmi/kWh) ([6]) li kienu applikabbli skont il-KWKG 2016, kif innotifikat, għas-sena 2016 huma elenkati fit-Tabella 1 ta' hawn taħt:

*Tabella 1*

**Rati ta' ħlas addizzjonali għal CHP fl-2016**

| Kategorija A | Kategorija B | Kategorija C |
|---|---|---|
| 0,445 | 0,04 | 0,03 |

(18) Abbażi tal-previżjonijiet ([7]) li saru minn operaturi ta' netwerks ta' trażmissjoni biex jiġi ddeterminat il-ħlas addizzjonali għal CHP fl-2016 ([8]), l-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew iċ-ċifri li ġejjin, li juru d-daqs relattiv ta' kull waħda mill-kategoriji u l-importanza tat-tnaqqis:

*Tabella 2*

**Sehem relattiv mill-konsum u mill-finanzjament tas-CHP għal kull kategorija ta' konsumaturi aħħarin**

| | Total | Kat. A | Kat. B | Kat. C |
|---|---|---|---|---|
| Konsum previst f'GWh | 485 149 | 259 748 | 143 883 | 81 518 |
| Sehem mill-konsum totali | 100 % | 53,54 % | 29,66 % | 16,80 % |
| Ħlas addizzjonali għal CHP fl-2016 (EUR ċenteżmi/kWh), imqarreb għall-eqreb numru sħiħ | | 0,445 | 0,04 | 0,03 |
| Ħlas addizzjonali għal CHP previst (total f'miljuni ta' EUR) | 1 239 | 1 157 | 58 | 24 |
| Sehem mid-dħul totali | 100 % | 93 % | 5 % | 2 % |
| Ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali ([1]) fl-2016 (EUR ċenteżmi/kWh), imqarreb għall-eqreb numru sħiħ | 0,255 | | | |

([6]) Ara https://www.netztransparenz.de/de/file/KWKG-Aufschlaege_2016_V01.pdf
([7]) Il-Ġermanja indikat li ċ-ċifri finali mhux se jkunu disponibbli qabel it-tieni nofs tal-2017.
([8]) Previżjonijiet disponibbli fuq: https://www.netztransparenz.de/Portals/1/Content/Kraft-W%C3%A4rme-Kopplungsgesetz/KWK-G-Aufschl%C3%A4ge-Prognosen/KWKG_Prognose_2016_nach_KWKG_2016_Internet.pdf

| | Total | Kat. A | Kat. B | Kat. C |
|---|---|---|---|---|
| Differenza meta mqabbel mal-ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali | | – 0,19 ([2]) | 0,215 ([3]) | 0,225 ([4]) |
| Vantaġġ (f'miljuni ta' EUR), imqarreb għall-eqreb numru sħiħ | | – 494 | 310 | 184 |

([1]) Il-ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali huwa l-ħlas addizzjonali li kien japplika għall-utenti kollha li kieku l-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u C ma jibbenefikawx mit-tnaqqis.

([2]) Kieku l-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u C ma jibbenefikawx mit-tnaqqis, kieku l-ħlas addizzjonali għal CHP għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji A jkun 0,19 EUR ċenteżmi/kWh inqas.

([3]) Kieku l-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u C ma jibbenefikawx mit-tnaqqis, kieku l-ħlas addizzjonali għal CHP jkun 0,215 EUR ċenteżmi/kWh ogħla għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B (meta mqabbel mal-ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali).

([4]) Kieku l-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u C ma jibbenefikawx mit-tnaqqis, kieku l-ħlas addizzjonali għal CHP jkun 0,225 EUR ċenteżmi/kWh ogħla għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C (meta mqabbel mal-ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali).

(19) It-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP ġie introdott mill-KWKG 2002. Għall-konsumaturi aħħarin b'konsum annwali ta' aktar minn 100 000 kWh ("konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B"), il-KWKG 2002 stabbilixxa ħlas addizzjonali għal CHP massimu ta' 0,05 EUR ċenteżmi/kWh. Għall-konsumaturi aħħarin li joperaw fis-settur tal-manifattura b'konsum li jaqbeż il-100 000 kWh u li għalihom l-ispejjeż tal-elettriku jirrappreżentaw aktar minn 4 % tal-fatturat ("konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C"), il-KWKG 2002 stabbilixxa ħlas addizzjonali għal CHP massimu ta' 0,025 EUR ċenteżmi/kWh.

### 2.2.2. *Il-ħlas addizzjonali għal CHP u t-tnaqqis skont il-KWKG 2016, kif emendat fit-22 ta' Diċembru 2016*

(20) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem, it-tnaqqis se jingħata biss lill-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-elettriku u li jkunu eliġibbli għal tnaqqis fis-soprataxxa EEG (jiġifieri l-ħlas addizzjonali li fil-Ġermanja qed jiġi impost fuq l-elettriku għal finijiet ta' ffinanzjar tas-sostenn lis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont l-EEG) abbażi tal-paragrafu 63 (1) tal-Att dwar is-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (*Erneuerbare-Energien-Gesetz*, EEG 2014 ([9])) flimkien mal-paragrafu 64 tal-EEG (ara l-paragrafu 27a tal-KWKG 2016, kif emendat). Dan ir-rekwiżit jimplika li:

(a) l-impriża għandha tifforma parti minn wieħed mis-setturi elenkati fl-Anness 4 mal-EEG;

(b) l-elettriku li huwa soġġett għas-soprataxxa tal-EEG u li ntuża mill-impriża stess kien mill-inqas 1 GWh tul l-aħħar sena finanzjarja fil-punt ta' konsum ikkonċernat;

(c) l-impriża kkonċernata tista' tiġi kklassifikata fil-punt ta' konsum ikkonċernat f'wieħed mis-setturi tal-Anness 4 għall-EEG;

(d) l-intensità elettrika tal-impriża tammonta għal:

— 14 % għall-impriżi tal-lista 1 tal-Anness 4 għall-EEG;

— 20 % għall-impriżi tal-lista 2 tal-Anness 4 għall-EEG;

(e) l-impriża għandha tapplika sistema ta' mmaniġġjar tal-enerġija jew ambjentali ċċertifikata. Jekk ikollha konsum ta' inqas minn 5 GWh, tista' tuża sistemi alternattivi għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.

(f) l-intensità elettrika tal-impriża tiġi kkalkulata bħala l-proporzjon bejn l-ispejjeż tal-elettriku u l-medja aritmetika tal-valur miżjud gross (GVA) tul l-aħħar 3 snin fiskali li ngħalqu. L-ispejjeż rilevanti tal-elettriku jikkorrispondu għall-konsum tal-elettriku preżunt tal-impriża mmultiplikat bil-prezz tal-elettriku preżunt. Il-konsum tal-elettriku preżunt jikkorrispondi għall-medja aritmetika tul l-aħħar 3 snin fiskali li ngħalqu ([10]). Il-prezz tal-elettriku preżunt jikkorrispondi għall-prezz medju tal-elettriku bl-imnut li jgħodd għall-impriżi b'livell simili ta' konsum tal-elettriku.

([9]) L-EEG 2014 huwa disponibbli fuq http://www.gesetze-im-internet.de/eeg_2014/ L-EEG 2014 ġie ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Ġermanja tal-24 ta' Lulju 2014 (BGBl I 2014 Nru 33, p. 1 066).

([10]) Din il-metodoloġija ta' kif wieħed jiddetermina l-intensità elettrika tal-impriża ġiet approvata mill-Kummissjoni fil-każijiet dwar għajnuna mill-Istat SA.38632 u SA.44679 (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2014 dwar għajnuna mill-Istat SA.38632 (2014/N) — il-Ġermanja — EEG 2014 (ĠU C 325, 2.10.2015, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2016 dwar għajnuna mill-Istat SA.44679 (2016/N) — il-Ġermanja — Modifika tal-metodu użat għad-definizzjoni tal-intensità elettrika skont l-EEG (ĠU C 68, 3.3.2017, p. 10).

(21) Għal impriża li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, il-ħlas addizzjonali għal CHP għandu limitu kif ġej:

(a) konsum sa 1 GWh: l-ebda limitu massimu — ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ;

(b) għall-bqija tal-konsum: 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ.

(22) Madankollu, l-ammont totali tal-ħlas addizzjonali huwa limitat, għall-punti ta' konsum kollha li jibbenefikaw minn tnaqqis bil-perċentwali li ġejjin applikati għall-medja aritmetika tal-GVA tal-impriża tul l-aħħar 3 snin ta' kontabilità li ngħalqu, għal:

(a) 0,5 % tal-GVA għall-impriżi li jilħqu intensità elettrika ta' mill-inqas 20 %;

(b) 4 % tal-GVA għall-impriżi b'intensità elettrika taħt l-20 %.

(23) F'kull każ, it-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP li jirriżulta mil-limiti massimi ma jistax jirriżulta f'ammont aktar baxx minn 0,03 EUR ċenteżmi/kWh għall-elettriku li jaqbeż il-1 GWh.

(24) Għas-sena 2017, il-KWKG 2016, kif emendat, jistabbilixxi l-livell tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ b'0,438 EUR ċenteżmi/kWh (paragrafu 37 tal-KWKG 2016, kif emendat).

2.2.3. *Il-pjan ta' aġġustament*

(25) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw ir-rati ta' ħlas addizzjonali għal CHP għall-perjodu 2011-2016 kif ġej:

| | Rata sħiħa (f'EUR ċenteżmi/kWh) | Konsumaturi aħħarin tal-Kat. B | | Konsumaturi aħħarin tal-Kat. C | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | (f'EUR ċenteżmi/kWh) | % tar-rata sħiħa | (f'EUR ċenteżmi/kWh) | % tar-rata sħiħa |
| 2011 | 0,03 | 0,03 | 100 | 0,025 | 83 |
| 2012 | 0,002 | 0,05 | 2 500 | 0,025 | 1 250 |
| 2013 | 0,126 | 0,06 | 48 | 0,025 | 20 |
| 2014 | 0,178 | 0,055 | 31 | 0,025 | 14 |
| 2015 | 0,254 | 0,051 | 20 | 0,025 | 10 |
| 2016 | 0,445 | 0,04 | 9 | 0,03 | 7 |

(26) L-awtoritajiet Ġermaniżi spjegaw li billi l-ħlas addizzjonali kien stabbilit abbażi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament stmati għall-appoġġ u b'mekkaniżmu ta' korrezzjoni fil-każijiet fejn l-istimi kienu għoljin iżżejjed (jew baxxi żżejjed), il-ħlas addizzjonali għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija A ġieli kien baxx ħafna, jew peress li l-appoġġ stmat kien baxx tul ċerta sena jew minħabba korrezzjonijiet għal snin preċedenti li fihom il-ħlas addizzjonali kien għoli żżejjed. Dan ġara, pereżempju, fil-każ tas-sena 2012, fejn il-ħlas addizzjonali għal CHP kien baxx minħabba korrezzjoni dovuta għall-ħlas addizzjonali għal CHP tal-2009, li nstab li kien għoli żżejjed meta mqabbel maċ-ċifri reali. Min-naħa l-oħra, il-ħlas addizzjonali għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija Ċ baqa' f'livell fiss u b'hekk fl-2012 jirrappreżenta perċentwal ogħla tal-ħlas addizzjonali normali.

(27) L-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw pjan ta' aġġustament għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ. Dan il-pjan jimmira biex b'mod progressiv iġib il-ħlasijiet addizzjonali għal CHP imħallsa mill-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ fil-livell ta' 100 %, fil-każ tal-utenti mingħajr użu intensiv tal-elettriku, u fil-livell ta' 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ, fil-każ tal-utenti b'intensità elettrika għolja, sal-2019.

(28) Il-pjan ta' aġġustament jibda mill-2011. Billi l-ħlasijiet addizzjonali mħallsa mill-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ rrappreżentaw total ta' aktar minn 100 % tal-ħlas addizzjonali normali għall-2011 u l-2012, il-pjan ta' aġġustament japplika għall-utenti li ma jużawx l-elettriku b'mod estenżiv mill-2013 'il quddiem biss. Il-konsumaturi tal-Kategorija B fir-realtà ħallsu b'kollx, għall-2013-2016, aktar minn dak li jeħtieġ il-pjan ta' aġġustament (21 % minflok sa 12,5 %), u b'hekk fil-prattika l-aġġustament tagħhom ikollu jsir biss mill-2017 'il quddiem. L-aġġustament tal-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C se jsir mill-2016 'il quddiem peress li għall-perjodu 2013-2015 huma ħallsu total li jaqbeż dak li kien jirrikjedi l-pjan ta' aġġustament (13 % minflok sa 12,5 %).

(29) Fejn jidħlu l-utenti b'intensità elettrika għolja, dawn ħallsu total ta' 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ għall-perjodu mill-2011 sal-2016. Il-pjan ta' aġġustament se jgħodd għalihom fil-prattika mill-2017 'il quddiem.

(30) Għas-snin 2017 u 2018, il-pjan ta' aġġustament huwa bbażat fuq ir-regola li l-ħlas addizzjonali jirrappreżenta darbtejn il-ħlas addizzjonali tas-sena ta' qabel, jiġifieri l-ħlas addizzjonali se jammonta għal 0,060 EUR ċenteżmi/kWh jew 0,080 EUR ċenteżmi/kWh fl-2017, skont jekk il-konsumaturi aħħarin jiffurmawx parti mill-Kategorija B jew Ċ, u għal 0,120 EUR ċenteżmi/kWh jew 0,160 EUR ċenteżmi/kWh fl-2018, skont jekk il-konsumaturi aħħarin jiffurmawx parti mill-Kategorija B jew Ċ. Fl-2019, huma se jħallsu 100 % tal-ħlas addizzjonali. Madankollu, għall-utenti b'intensità elettrika għolja, il-ħlas addizzjonali għal CHP mhux se jkun jista' jaqbeż il-15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ.

(31) Il-pjanijiet ta' aġġustament isegwu l-iskema li ġejja:

*(%)*

| | Konsumaturi aħħarin tal-Kat. B (mingħajr użu intensiv tal-elettriku) | Konsumaturi aħħarin tal-Kat. C (mingħajr użu intensiv tal-elettriku) | Utenti intensivi tal-elettriku |
|---|---|---|---|
| 2011 | 7 | 7 | 7 |
| 2012 | 8,1 | 8,1 | 8,1 |
| 2013 | 9,2 | 9,2 | 9,2 |
| 2014 | 10,3 | 10,3 | 10,3 |
| 2015 | 11,4 | 11,4 | 11,4 |
| 2016 | 12,5 | 12,5 (0,056 EUR ċenteżmi/kWh) | 12,5 |
| 2017 | 18,3 (0,08 EUR ċenteżmi/kWh) | 13,7 (0,06 EUR ċenteżmi/kWh) | 13,7 (0,06 EUR ċenteżmi/kWh) jekk ikun eks konsumatur aħħari tal-Kategorija C u 15 % jekk ikun eks konsumatur aħħari tal-Kategorija B. |
| 2018 | 36,5 (0,16 EUR ċenteżmi/kWh) | 27,4 (0,12 EUR ċenteżmi/kWh) | 15 |
| 2019 | 100 | 100 | 15 |

(32) Fil-każ li l-ħlas addizzjonali għal CHP imħallas fil-passat kien aktar baxx mil-livell stabbilit fil-pjan ta' aġġustament, il-benefiċjarji jintalbu jħallsu d-differenza.

(33) Dan hu l-każ tal-utenti mingħajr użu intensiv tal-elettriku tal-Kategorija Ċ. Għall-2016, se jkunu mitluba jħallsu ammont addizzjonali ta' 0,026 EUR ċenteżmi/kWh peress li huma ħallsu 0,03 EUR ċenteżmi/kWh filwaqt li kellhom iħallsu 0,056 EUR ċenteżmi/kWh skont il-pjan ta' aġġustament (ara l-paragrafu 36 tal-KWKG 2016, kif emendat). Dan l-ammont se jiġi inkluż fil-kont finali għall-2016. Madankollu, l-impriża mhux se jkollha tħallas l-ammont addizzjonali ta' 0,026 EUR ċenteżmi/kWh jekk il-valur totali tat-tnaqqis għall-perjodu 2014-2016 ma jaqbiżx il-EUR 160 000. Il-Ġermanja indikat li dan il-livell limitu jiżgura li t-tnaqqis ma jissodisfax il-kriterji kollha li jikkaratterizzaw għajnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira tar-regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([11]) (*de minimis*).

(34) Il-pjan ta' aġġustament ġie promulgat mill-2016 bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016 (paragrafu 36 tal-KWKG 2016, kif emendat).

### 2.3. **Aktar dettalji dwar l-istabbiliment u l-ġbir tal-ħlas addizzjonali għal CHP**

(35) Sabiex jiġi żgurat li kull operatur ta' netwerk jiġi kkumpensat għall ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-obbligu tiegħu ta' kumpens, il-KWKG 2016 jorganizza sistema li biha l-piż li jirriżulta mill-obbligi ta' xiri u ta' kumpens jinfirex b'mod ugwali bejn l-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni proporzjonalment mal-konsum tal-konsumaturi aħħarin konnessi mal-grilja tagħhom jew in-netwerks ta' distribuzzjoni konnessi man-netwerks ta' trażmissjoni

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1).

tagħhom, u mbagħad huma jingħataw kumpens sħiħ permezz tal-ħlas addizzjonali għal CHP, li huwa wkoll proporzjonali għall-konsum fin-netwerk rispettiv tagħhom (paragrafi 26-28 tal-KWKG 2016, kif innotifikat, u l-paragrafu 29 tal-KWKG 2016, kif emendat). Il-karatteristiki tas-sistema jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

(a) l-operaturi tan-netwerks jiġbru l-ħlas addizzjonali għal CHP mill-konsumaturi aħħarin konnessi mal-grilja tagħhom;

(b) l-operaturi kollha tan-netwerks ta' distribuzzjoni jistgħu jitolbu kumpens sħiħ tal-ispejjeż żejda (li jirriżultaw mill-obbligu tagħhom li jħallsu primjums għall-installazzjonijiet ta' CHP konnessi mal-grilja tagħhom, ara l-premessa 65 tad-deċiżjoni tal-ftuħ) mingħand l-operatur rispettiv tagħhom tan-netwerk ta' trażmissjoni; b'hekk, il-piż jiġi ttrasferit lill-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni;

(c) l-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni jibbilanċjaw il-piż finanzjarju bejniethom b'tali mod li kull wieħed minnhom iġorr l-istess piż proporzjonalment mal-konsum tal-konsumaturi aħħarin konnessi (b'mod dirett jew indirett) mal-grilja tagħhom; imbagħad

(d) l-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni jingħataw kumpens mill-operaturi tan-netwerks ta' distribuzzjoni biex b'hekk kull operatur ta' netwerk iġorr l-istess piż proporzjonalment mal-konsum tal-konsumaturi aħħarin konnessi man-netwerks ta' distribuzzjoni rispettivi u proporzjonalment mal-ħlas addizzjonali għal CHP miġbur. F'termini konkreti, dan jimplika li l-operaturi tan-netwerks ta' distribuzzjoni jittrasferixxu l-flejjes miġbura mill-ħlas addizzjonali għal CHP lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni rispettiv tagħhom (peress li huma wkoll diġà ttrasferixxew il-piż finanzjarju kollu lilhom kif spjegat taħt il-pass b ta' hawn fuq) ([12]).

(36) Din is-sistema tinżamm skont il-KWKG 2016, kif emendat; titfisser, però, f'aktar dettalji u b'mod aktar ċar fil-KWKG 2016, kif emendat. Hemm tibdila waħda ċara rigward kif il-ħlas addizzjonali għal CHP jinġabar mingħand il-benefiċjarji: wara l-emendi introdotti bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016, il-ħlas addizzjonali għal CHP imnaqqas li jħallsu l-utenti b'intensità elettrika għolja jinġabar direttament mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (paragrafu 27(2) tal-KWKG 2016, kif emendat).

(37) Kif diġà ġie deskritt fid-deċiżjoni tal-ftuħ (premessa 79), il-KWKG 2016, kif innotifikat, jistabbilixxi l-metodoloġija li għandha tintuża mill-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni biex jikkalkulaw il-ħlas addizzjonali għal CHP. Minn naħa, il-livell tal-ħlas addizzjonali għal CHP huwa funzjoni tal-ammont ipproġettat tal-għajnuna u l-provvista pproġettata tal-elettriku lill-konsumaturi aħħarin konnessi mal-grilja pubblika u n-netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa. Min-naħa l-oħra, se jqis korrezzjonijiet għas-snin preċedenti u tnaqqis għal ċerti kategoriji ta' konsumaturi aħħarin. Il-liġi wkoll tistabbilixxi limitu ta' kull sena għall-baġit tal-iskema u b'hekk anki tal-ħlas addizzjonali totali (paragrafu 29 tal-KWKG 2016, kif innotifikat).

(38) Din il-metodoloġija tinżamm fil-KWKG 2016, kif emendat (paragrafu 26a tal-KWKG 2016, kif emendat). Madankollu għall-2017, il-KWKG 2016, kif emendat, jiddevja minn din il-metodoloġija u jistabbilixxi l-livell tar-rata normali tal-ħlas addizzjonali għal CHP direttament fil-liġi (b'ammont ta' 0,438 EUR ċenteżmi/kWh, ara l-paragrafu 37(1) tal-KWKG 2016, kif emendat).

### 2.4. **Durata**

(39) L-awtoritajiet Ġermaniżi impenjaw ruħhom li jerġgħu jinnotifikaw it-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għal CHP mhux aktar tard minn 10 snin mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.

### 2.5. **Riċevitur(i)**

(40) Qabel l-emendi li saru bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016, kien hemm żewġ kategoriji ta' benefiċjarji tat-tnaqqis.

(41) Minn naħa, dawn kienu indirizzati lill-hekk imsejħa konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B, jiġifieri l-konsumaturi aħħarin b'konsum annwali li jaqbeż il-1 GWh (ara wkoll il-premessa 15 ta' hawn fuq). L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew li huma m'għandhomx informazzjoni preċiża dwar is-setturi li fihom ikunu qed joperaw il-benefiċjarji tal-Kategorija B, iżda indikaw li b'mod ġenerali, il-kumpaniji mis-setturi tal-manifattura kellhom konsum ta' aktar minn 1 GWh, bl-eċċezzjoni ta' 17-il settur, b'konsum medju ta' 1 GWh/a, kif elenkati fit-Tabella 23 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([12]) Dan il-pass issa qed jiġi spjegat b'mod aktar espliċitu taħt il-paragrafu 28(3) tal-KWKG, kif emendat.

(42) L-informazzjoni pprovduta matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari wkoll uriet li l-impriżi li joperaw fis-settur tas-servizzi ġeneralment ikollhom livelli ta' konsum taħt il-1 GWh, bl-eċċezzjoni ta' ftit setturi, bħall-kura fl-isptarijiet u l-lukandi (ara t-Tabelli 6 u 7 tad-deċiżjoni tal-ftuħ u l-premessa 127 taghha.)

(43) Min-naħa l-oħra, qabel l-emendi li saru permezz tal-Att tat-22 ta' Diċembru 2016, it-tieni kategorija ta' benefiċjarji tat-tnaqqis kienu 'l hekk imsejha konsumaturi aħħarin tal-Kategorija Ċ, jiġifieri konsumaturi aħħarin li joperaw fis-settur tal-manifattura b'konsum li jaqbeż il-1 GWh u li għalihom l-ispejjeż tal-elettriku jirrappreżentaw aktar minn 4 % tal-fatturat.

(44) L-awtoritajiet Ġermaniżi ma pprovdewx informazzjoni ddettaljata dwar is-setturi jew it-tipi ta' impriżi li jikkonformaw ma' dawn il-kundizzjonijiet, iżda indikaw li l-parti l-kbira minnhom jikkwalifikaw bħala utenti b'intensità elettrika għolja skont it-tifsira kif stabbilita fl-Iskema ta' kumpens speċjali "*Besondere Ausgleichregelung*" fil-qafas tal-EEG (il-"BesAR").

(45) Wara l-emendi introdotti bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016, il-benefiċjarji tat-tnaqqis ikunu l-utenti b'intensità elettrika għolja li jissodisfaw il-kriterji deskritti taħt il-premessa 20 ta' hawn fuq. Jiġifieri, l-utenti b'intensità elettrika għolja skont it-tifsira tal-BesAR. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu indikaw matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari li l-kumpaniji li qed jibbenefikaw mis-soprataxxi tal-EEG mnaqqsa u li huma inklużi fil-BesAR kienu qed joperaw primarjament fis-setturi elenkati fit-Tabella 3 ta' hawn taħt.

*Tabella 3*

**Stampa ġenerali tas-setturi tal-BesAR**

| Attivitajiet ekonomiċi [WZ 2008] | Għadd ta' punti ta' twassil | Elettriku b'tariffa preferenzjali [GWh] |
|---|---|---|
| 0800 Minjieri u estrazzjoni għajr materjal li jipproduċi l-enerġija | 171 | 516 |
| 1000 Manifattura ta' prodotti tal-ikel | 414 | 3 754 |
| 1100 Manifattura ta' xorb | 38 | 364 |
| 1300 Manifattura ta' tessuti | 63 | 687 |
| 1600 Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; eċċ. | 142 | 3 038 |
| 1700 Manifattura tal-polpa, tal-karta u tal-prodotti mill-karta | 118 | 11 843 |
| 1800 Manifattura ta' karta u ta' prodotti tal-karta eċċ. | 28 | 353 |
| 1900 Manifattura ta' kokk u prodotti taż-żejt (petroleum) raffinat | 15 | […] (*) |
| 2000 Manifattura tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi | 283 | 28 421 |
| 2200 Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik | 351 | 3 984 |
| 2300 Manifattura tal-ħġieġ u ta' prodotti tal-ħġieġ, ċeramika eċċ. | 285 | 7 550 |
| 2400 Manifattura ta' metalli bażiċi | 280 | 24 351 |
| 2500 Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir | 205 | 1 453 |
| 2600 Manifattura tal-kompjuters eċċ. | 21 | 337 |
| 2700 Manifattura ta' tagħmir elettriku | 26 | 799 |
| 2800 Makkinarju | 21 | 474 |
| 2900 Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers | 30 | 320 |
| 3100 Manifattura tal-għamara | 5 | […] (*) |
| 3800 Attivitajiet ta' ġbir u trattament ta' skart u disponiment minnu; eċċ. | 90 | 544 |
| 4900 Trasport bl-art u trasport permezz ta' servizzi ta' pipeline | 130 | 12 443 |
| Għajnuna lil setturi oħrajn | 61 | 1 624 |
| Total | 2 777 | 105 935 |

(*) *Sigriet kummerċjali*
*Sors:* BAFA, Mejju 2016.

(46) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw ukoll li bis-sistema ta' tnaqqis il-ġdida, il-benefiċjarji se jammontaw għal madwar 2 000 kumpanija tal-manifattura, b'konsum annwali totali stmat tal-elettriku ta' madwar 100 TWh.

### 2.6. **L-objettiv tal-ħlas addizzjonali mnaqqas**

(47) L-awtoritajiet Ġermaniżi spjegaw li fil-fehma tagħhom, it-tnaqqis huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jinżamm is-sostenn għas-CHP peress li dan is-sostenn huwa possibbli biss jekk l-imposti ma jipperikolawx il-kompetittività tal-kumpaniji kkonċernati. L-awtoritajiet Ġermaniżi jibżgħu li l-ħlas addizzjonali sħiħ jista', fuq medda medja ta' żmien, iwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-investimenti u dgħajfien fil-ktajjen tal-valur fil-Ġermanja u jżidu li mingħajr it-tnaqqis, l-appoġġ għas-CHP kif ukoll l-objettiv relatat ta' effiċjenza enerġetika u tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ kieku ma jibqgħux jiġu aċċettati.

(48) Fl-aħħar, l-awtoritajiet Ġermaniżi enfasizzaw li l-piż tal-ħlas addizzjonali għal CHP jiżdied mal-piż diġà maħluq mis-soprataxxa tal-EEG, ukoll immirata biex tipprovdi riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jiġi ffinanzjat appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, b'dan tal-aħħar ikun politika mmirata — bħall-appoġġ għas-CHP — għad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni tal-elettriku fil-Ġermanja.

### 2.7. **Raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura**

(49) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni rrikonoxxiet is-similaritajiet bejn l-appoġġ għas-CHP u l-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u s-similaritajiet bejn il-ħlasijiet addizzjonali għal CHP u s-soprataxxi għall-enerġija rinnovabbli. Irrikonoxxiet li jista' jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed jiffinanzja s-sostenn għas-CHP mill-ħlasijiet addizzjonali fuq l-elettriku u li t-tnaqqis għal ċerti konsumaturi aħħarin jista' jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat sors ta' finanzjament regolari, iżda wkoll sostenibbli, għall-appoġġ u b'hekk jinżammu l-objettivi ambizzjużi dwar it-tibdil fil-klima li qed jiġu segwiti bl-appoġġ għas-CHP. Madankollu, il-Kummissjoni għandha dubji fejn jidħlu l-proporzjonalità u n-neċessità tal-miżura ta' għajnuna u b'hekk anki t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(50) Il-Kummissjoni indikat ukoll li kienet se tuża l-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' proporzjonalità tal-premessi 185 sa 192 tal-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija 2014-2020 ([13]) ("l-EEAG") bħala gwida u osservat, f'dan ir-rigward, li t-tnaqqis mogħti mill-Ġermanja ma kienx limitat għall-istess kategorija ta' utenti, u b'mod partikolari t-tnaqqis ma deherx li kien limitat għall-impriżi li jagħmlu użu intensiv mill-elettriku u li qed jiffaċċjaw il-kompetizzjoni internazzjonali (u għaldaqstant ma jkunux f'pożizzjoni jgħaddu l-ispejjeż tagħhom lill-klijenti).

(51) Għalhekk il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

## 3. **IL-KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI RIGWARD IL-ĦLAS ADDIZZJONALI GĦAL CHP MNAQQAS**

### 3.1. **Kummenti minn BV Glas**

(52) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn BV Glas, il-korp kummerċjali tal-industrija Ġermaniża tal-ħġieġ. BV Glas tindika li l-industrija tal-ħġieġ timpjega b'mod dirett 53 000 ruħ fil-Ġermanja, għandha fatturat ta' EUR 9,2 biljun (2015), li s-settur jinsab espost ħafna għall-kummerċ u li l-parti l-kbira tal-kumpaniji li jipproduċu l-ħġieġ jikkwalifikaw bħala konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C.

(53) BV Glas issostni li l-miżura ma tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat peress li ma tinvolvix flussi finanzjarji mill-baġit tal-Istat. Hija ma tipprovdi l-ebda dettall biex issostni din l-idea, iżda biss tosserva li l-ħlas addizzjonali għal CHP huwa simili għas-soprataxxa tal-EEG, li skont hi wkoll ma tikkwalifikax bħala riżorsa statali, u tirreferi għall-kummenti li hija bagħtet lill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura SA.33995 (2013/C) ([14]). Tqis ukoll li l-miżura mhux qed tipprovdi vantaġġ, mhijiex selettiva u m'għandhiex impatt fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, mingħajr ma tipprovdi aktar spjegazzjonijiet.

---

([13]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

([14]) Kawża dwar Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata mill-Ġermanja għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli u tal-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1585 tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) (implimentata mill-Ġermanja għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli u tal-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija) (ĠU L 250 tal-25.9.2015, p. 122)).

(54) Barra minn hekk, BV Glas tikkunsidra li t-tnaqqis mogħti lill-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ huwa kompatibbli mas-suq intern billi huma neċessarji għall-iżgurar tal-*Energiewende* fil-Ġermanja u tal-objettivi relatati tal-protezzjoni tal-klima. Mingħajr it-tnaqqis, l-objettiv dwar it-tibdil fil-klima segwit bis-saħħa tal-miżuri ta' appoġġ iffinanzjati bil-ħlas addizzjonali jitqiegħed f'periklu: minn naħa, mingħajr tnaqqis, il-ħlas addizzjonali għal CHP mhuwiex sostenibbli għas-setturi kkonċernati. Kieku jirriżulta f'telf ta' tant impjiegi li l-politika dwar l-appoġġ għas-CHP kien ikollha tiġi abbandunata (flimkien mal-objettivi ambizzjużi dwar it-tibdil fil-klima); barra minn hekk, kien ikun probabbli li l-industrija timxi lejn pajjiżi b'politiki dwar il-klima inqas ambizzjużi. Il-proporzjonalità tal-miżura tirriżulta mill-fatt li l-benefiċjarji kkonċernati xorta jħallsu ċertu sehem mill-ħlas addizzjonali għal CHP.

(55) B'mod partikolari fl-industrija tal-ħġieġ, l-għajbien tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP ikun jimplika żieda ta' 17-il darba l-ħlas addizzjonali, li jkollu jitħallas flimkien mat-taxxa fuq l-enerġija, is-soprataxxa ta' EEG u ħlasijiet miżjuda għan-netwerk li jirriżultaw mis-sehem dejjem jiżdied tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-produzzjoni. F'dan il-kuntest, BV Glas tenfasizza li l-investimenti fl-industrija tal-ħġieġ fil-Ġermanja qed jonqsu, u dan hu dovut għall-ħlasijiet addizzjonali għoljin imposti fuq l-enerġija. BV Glas tiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ktajjen tal-valur marbuta mal-industrija tal-ħġieġ; dawn kieku jispiċċaw ukoll kieku l-industrija tal-ħġieġ titmexxa lejn pajjiżi oħrajn.

(56) BV Glas tqis ukoll li l-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-Kategorija Ċ għall-konsumaturi aħħarin li joperaw fis-settur tal-manifattura ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni u tikkonforma wkoll mal-loġika tas-sistema peress li b'mod ġenerali, għall-kuntrarju tal-fornituri ta' servizz, is-settur tal-manifattura huwa prenditur tal-prezzijiet, jiffaċċja kompetizzjoni internazzjonali qawwija u ma jistax jgħaddi l-ispejjeż lill-klijenti. Barra minn hekk, BV Glas issostni li ġeneralment, is-settur tas-servizzi għandu emissjonijiet aktar baxxi tas-$CO_2$, u d-delokalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' servizz, kieku, ma timplikax riskji ta' rilokazzjoni ta' tnixxijiet ta' karbonju; dawk ukoll ġeneralment jitmexxew lejn Stat Membru ieħor u ma joħorġux barra mill-Unjoni.

(57) BV Glas tispjega wkoll li l-industrija tal-ħġieġ diġà laħqet livell għoli ta' effiċjenza enerġetika u li rata ogħla ta' ħlasijiet imposti kieku ma sservix ta' inċentiv għal aktar tnaqqis. Barra minn hekk, BV Glas tispjega li l-utenti b'intensità elettrika għolja qed jiġu inċentivati b'mod kontinwu biex itejbu l-effiċjenza enerġetika minħabba s-sehem għoli li jirrappreżentaw il-prezzijiet tal-enerġija mit-total tal-ispejjeż tal-produzzjoni (ta' spiss bejn 20 % u 50 %). Qed jiġi enfasizzat ukoll li tul is-snin l-industrija Ġermaniża tal-ħġieġ tejbet b'mod kontinwu r-rata tagħha ta' effiċjenza enerġetika u li l-industrija Ġermaniża tal-ħġieġ qed tieħu sehem f'diversi inizjattivi mmirati biex itejbu l-effiċjenza enerġetika. Tifforma wkoll parti minn ftehim (permezz tal-Federazzjoni tal-Industriji Ġermaniżi BDI) li bih l-industrija impenjat ruħha li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika b'1,35 % fis-sena.

(58) Fl-aħħar nett, BV Glas tqis li aspettattivi leġittimi jipprevjenu l-irkupru fil-każ attwali, billi f'deċiżjoni tal-2002, il-Kummissjoni kkonkludiet li verżjoni preċedenti tal-KWKG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna.

### 3.2. **Trimet**

(59) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll ittra qasira mingħand Trimet, li fiha Trimet tqis it-tnaqqis bħala meħtieġ peress li l-ħlas addizzjonali sħiħ kieku jirrappreżenta ammont ta' madwar EUR […] (*) u b'hekk kieku jikkonsma parti kbira mir-riżultat tal-grupp. Trimet indikat li kienet favur l-idea li t-tnaqqis għandu jiġi limitat għall-utenti intensivi fl-użu tal-elettriku eliġibbli għal tnaqqis fis-soprataxxa ta' EEG fil-qafas tal-BesSAR.

## 4. **KUMMENTI SOTTOMESSI MILL-AWTORITAJIET ĠERMANIŻI WARA D-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ RIGWARD IL-ĦLAS ADDIZZJONALI GĦAL CHP IMNAQQAS**

(60) L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ma kienx iġġustifikat peress li matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari ntwera li t-tnaqqis kien meħtieġ u proporzjonat. Il-Ġermanja ma tipprovdix elementi addizzjonali fuq dan il-punt, iżda tindika li s-sistema ta' tnaqqis ġiet emendata u li issa t-tnaqqis jingħata biss lill-utenti intensivi fl-użu tal-elettriku li qed jiffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali.

(61) L-awtoritajiet Ġermaniżi jenfasizzaw li s-sistema l-ġdida ta' tnaqqis li ġiet introdotta bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016 hija bbażata kollha fuq il-kriterji ta' eleġibbiltà u ta' proporzjonalità użati għall-għoti tat-tnaqqis fis-soprataxxa EEG fil-qafas tal-BesAR li l-Kummissjoni approvat fil-kawża SA.38632 (2014/N) il-Ġermanja — EEG 2014 — Riforma tal-liġi dwar l-enerġija rinnovabbli.

(*) *Sigriet kummerċjali.*

(62) L-awtoritajiet Ġermaniżi jispjegaw ukoll li l-objettiv tal-ħlas addizzjonali għal CHP huwa li jikkontribwixxi għall-għan komuni tal-effiċjenza enerġetika u tal-ħarsien tal-ambjent. Huma jammettu li teoretikament, tnaqqis fil-prezzijiet tal-elettriku inġenerali jista' jnaqqas l-inċentiv biex wieħed jiffranka l-elettriku, iżda li dan mhuwiex il-każ hawnhekk peress li għal min jagħmel użu intensiv mill-elettriku, il-prezz tal-elettriku fih innifsu huwa inċentiv suffiċjenti biex huwa jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-ħlas addizzjonali għal CHP, imqarr imnaqqas, iżid l-ispejjeż tal-elettriku għal dawk il-kumpaniji u l-inċentiv biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(63) L-awtoritajiet Ġermaniżi jagħtu eżempju ta' kumpanija b'konsum tal-enerġija annwali totali ta' 10 GWh li għandha potenzjal ta' ffrankar ta' 1 GWh. L-iffrankar potenzjali jammonta għal EUR 112 000 kieku jitħallas il-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ. Bi ħlas addizzjonali għal CHP imnaqqas, l-iffrankar xorta jkun jammonta għal EUR 109 000 ([15]). L-awtoritajiet Ġermaniżi jenfasizzaw li l-eżempju juri li l-iffrankar tal-elettriku huwa vallapena anki bit-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għal CHP. Barra minn hekk, il-benefiċjarji ġeneralment jużaw sistema ċċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija. Għaldaqstant, hekk kif qed jiżdied l-għarfien, il-probabbiltà li l-kumpaniji jidentifikaw u jimplimentaw miżuri ta' effiċjenza enerġetika sejra potenzjalment tiżdied. Barra minn hekk, minħabba l-paralleliżmu bejn l-iskemi ta' tnaqqis għall-ħlas addizzjonali għal CHP u għas-soprataxxa EEG, l-inċentivi għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija suppost jiżdiedu aktar bis-saħħa tas-soprataxxa EEG.




(64) L-awtoritajiet Ġermaniżi jenfasizzaw li s-sistema ta' tnaqqis il-ġdida li ġiet introdotta bl-Att tat-22 ta' Diċembru 2016 għandha fil-mira tagħha lil dawk l-utenti li jużaw ħafna elettriku soġġetti għall-kompetizzjoni internazzjonali, jiġifieri dawk mhedda b'falliment jew b'delokalizzazzjoni kieku jkollhom iġarrbu l-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ, iżda dawn il-kumpaniji madankollu se jibqgħu jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tal-appoġġ (jiġifieri, 15 % tal-ħlas addizzjonali, għajr jekk il-ħlas addizzjonali jilħaq ċertu livell ta' GVA).

(65) L-awtoritajiet Ġermaniżi nnutaw li t-tnaqqis għandu impatt limitat peress li f'termini relattivi, il-ħlas addizzjonali għal CHP ma tantx huwa għoli. F'kull każ, skont huma, l-impatti negattivi jiġu kkumpensati minn impatt pożittiv.

(66) Abbażi tad-data disponibbli dwar il-kumpaniji eliġibbli għas-soprataxxa EEG imnaqqsa, l-awtoritajiet Ġermaniżi sabu permezz ta' simulazzjoni li l-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ kieku jammonta għal 0,255 EUR ċenteżmi/KWh li kieku ma jgħodd l-ebda tnaqqis (il-ħlas addizzjonali għal CHP "nozzjonali" fit-tabella ta' hawn taħt) u li din ir-rata xorta tirrappreżenta bejn 1 u 9 % tal-GVA għal kampjun ta' madwar 100 kumpanija eliġibbli għall- imposti mnaqqsa tal-EEG u b'konsum ta' aktar minn 1 GWh. Ġew ipprovduti ċifri aġġornati matul l-investigazzjoni formali li juru li għall-ewwel 20 kumpanija eliġibbli għall-BeSAR (skont il-konsum), il-ħlas addizzjonali għal CHP nozzjonali kieku jirrappreżenta bejn 0,8 u 6 % (abbażi taċ-ċifri tal-2015) tal-GVA u l-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ (li jammonta għal 0,445 EUR ċenteżmi/kWh) jirrappreżenta bejn 1 % u 11 % tal-GVA.

([15]) Suppożizzjoni: It-tariffi tal-elettriku wara t-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali tal-EEG b'11,2 EUR ċenteżmi/kWh.

(67) Ġiet sottomessa wkoll is-simulazzjoni li ġejja sabiex jintwera l-impatt possibbli ta' ħlas addizzjonali sħiħ fuq il-kumpaniji:

*Tabella 4*

**Simulazzjoni tal-impatt ta' ħlas addizzjonali sħiħ**

| | Ħlas addizz-jonali għal CHP nozzjo-nali | Ħlas addizz-jonali skont il-liġi tas-CHP tal-2016 | Konsumatur aħħari | Konsum (GWh) | Piż mingħajr trattament preferenzjali (GWh) | Piż skont il-liġi tas-CHP KWKG 2016 (EUR) | Żieda fil-piż bil-fattur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kat. B | 0,255 | 0,04 | Industrija 1 | 10 | 0,0255 | 8 050 | 3,17 |
| | | | Industrija 2 | 100 | 0,255 | 44 050 | 5,79 |
| Kat. C | 0,255 | 0,03 | Industrija 3 | 1 000 | 2,55 | 304 150 | 8,38 |

(68) Fl-aħħar mill-aħħar, il-Ġermanja enfasizzat li l-piż tal-ħlas addizzjonali għal CHP jiżdied mal-piż preeżistenti li jirriżulta mis-soprataxxa tal-EEG.

## 5. DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA NNOTIFIKATA SOĠĠETTA GĦAL EŻAMINAZZJONI PRELIMINARI (SA.47887)

(69) L-appoġġ għall-installazzjonijiet ta' CHP ġodda b'kapaċità installata ta' bejn 1 u 50 MWel li ġie nnotifikat mill-awtoritajiet Ġermaniżi bħala SA.42393 (2015/N) u approvat bid-deċiżjoni tal-ftuħ irid jingħata, mix-Xitwa 2017/2018, lill-operaturi magħżula bl-offerti (ara l-premessa 91 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ). Il-parteċipazzjoni f'dawn l-offerti kellha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-elettriku kollu prodott fl-installazzjoni CHP jiġi injettat fil-grilja pubblika u li, jekk l-elettriku prodott mill-installazzjoni CHP jiġi kkonsmat direttament mill-proprjetarju tal-installazzjoni CHP jew jiġi injettat f'netwerk ta' distribuzzjoni magħluq mingħajr l-ewwel ma jiġi injettat fil-grilja pubblika, l-installazzjoni kkonċernata ma tkunx eliġibbli biex tieħu sehem fl-offerti. L-awtoritajiet Ġermaniżi kienu indikaw li mingħajr dik l-esklużjoni kieku ma kinux ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-proċedura tal-offerti. Ġie spjegat li, ladarba l-elettriku CHP li jiġi kkonsmat mill-produttur stess huwa eliġibbli għal soprataxxa EEG mnaqqsa, l-installazzjonijiet ta' CHP użati għall-awtokonsum kien ikollhom vantaġġ sistematiku meta mqabbla mal-installazzjonijiet ta' CHP li jipprovdu l-elettriku lill-grilja (ara l-premessa 94 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ).

(70) Fid-29 ta' Marzu 2017, l-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lill-Kummissjoni li kienu qegħdin jikkunsidraw li jagħmlu użu mill-awtorizzazzjoni stipulata fil-paragrafu 33a(2)(b)(bb) tal-KWKG 2016, kif emendat, biex jippermettu l-parteċipazzjoni fl-offerti ta' installazzjonijiet CHP li l-elettriku tagħhom jiddaħħal f'netwerk ta' distribuzzjoni magħluq flok li jiġi pprovdut lill-grilja pubblika. L-installazzjonijiet ta' CHP użati għall-awtokonsum, però, jibqgħu ineliġibbli għal parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-offerti u l-emenda nnotifikata ma tikkonċernahomx.

(71) Rigward l-installazzjonijiet ta' CHP użati f'netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa, l-awtoritajiet Ġermaniżi spjegaw li l-esklużjoni kienet oriġinarjament ibbażata fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin: meta l-produzzjoni u l-konsum iseħħu fl-istess netwerk magħluq, it-tariffi tan-netwerk jistgħu jkunu aktar baxxi meta mqabbla ma' kostellazzjoni fejn il-konsum kollu jiġi prodott minn installazzjonijiet ta' CHP barra min-netwerk ta' distribuzzjoni magħluq. F'ċerti ċirkostanzi, dan jista' jippermetti lill-operatur tal-installazzjoni ta' CHP fin-netwerk ta' distribuzzjoni magħluq jikseb prezz aħjar għall-elettriku prodott meta mqabbel ma' operatur li jdaħħal l-elettriku fil-grilja pubblika. Fi proċedura tal-offerti li fiha l-operaturi jikkompetu għal primjum fiss li jitħallas b'żieda mal-prezz tas-suq, l-operaturi ta' installazzjonijiet ta' CHP maħsuba biex jintużaw f'netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa setgħu kieku jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv, u li kieku dan il-vantaġġ kompetittiv kien sistematiku u sinifikanti, kien jippermetti lil dawk l-operaturi b'mod strateġiku jissottomettu offerti ogħla mill-ispejjeż tagħhom, ħaġa li kienet twassal għal kumpens żejjed. L-awtoritajiet Ġermaniżi żiedu li l-effett imsemmi hawn fuq jista' possibbilment jinqala' anki barra min-netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa, iżda li vantaġġ għall-operatur ta' xi installazzjoni CHP ikun fattibbli biss jekk ikun hemm għadd żgħir biss ta' konsumaturi aħħarin konnessi mal-istess grilja. Għaldaqstant, fi grilja pubblika, l-effett ġeneralment ma jwassalx għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(72) Madankollu, wara li wettqu studju aktar fid-dettall tal-kwistjoni, l-awtoritajiet Ġermaniżi osservaw li netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa jiġu f'konstellazzjonijiet differenti u li ġeneralment, it-tariffi tan-netwerks mhux qed jiġu ffrankati, jew l-iffrankar ikun ta' livell pjuttost baxx u r-riskji ta' offerti strateġiċi msemmija fil-premessa 71 ta' hawn fuq huma ħafna aktar baxxi milli wieħed jassumi. Din il-konklużjoni tirriżulta minn għadd ta' osservazzjonijiet li l-awtoritajiet Ġermaniżi rnexxielhom jagħmlu fil-frattemp.

(73) L-ewwel, sabiex l-offerti strateġiċi jsiru realtà, l-installazzjoni tas-CHP ikollha bżonn tikseb prezz ħafna aħjar għall-elettriku prodott, u dan jimplika li l-iffrankar fit-tariffi tan-netwerk għandu jkun sostanzjali. Biex ikun hemm effett li jista' jitkejjel, sehem kbir mill-produzzjoni irid jinbiegħ għall-konsum lokali. Inkella m'hemmx potenzjal biex wieħed jikseb prezzijiet aħjar.

(74) It-tieni, il-benefiċjarji ta' tariffi tan-netwerk aktar baxxi huma l-konsumaturi aħħarin kollha fin-netwerk ta' distribuzzjoni magħluq, irrispettivament minn jekk jikkonkludux kuntratt ta' provvista mal-operatur CHP jew le. Għaldaqstant, l-operatur CHP kien ikollu jidħol f'kuntratti mal-konsumaturi aħħarin kollha jew għallinqas mal-maġġoranza tagħhom. Jekk ikun hemm ħafna konsumaturi aħħarin konnessi man-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa, probabbli li dan jirriżulta f'imġiba kkaratterizzata minn opportuniżmu. Il-konsumaturi aħħarin ma jkunux lesti jħallsu lill-operatur ta' CHP prezzijiet ogħla billi t-tariffi tan-netwerk ikunu aktar baxxi f'kull każ. Billi l-installazzjonijiet ta' CHP ikunu assi fit-tul, l-operatur ikollu, barra minn hekk, jiżgura li jkollu kuntratti fit-tul mal-maġġoranza tal-konsumaturi aħħarin konnessi man-netwerk ta' distribuzzjoni magħluq, ħaġa li min-naħa tagħha tnaqqas il-possibbiltà li wieħed jikseb prezzijiet (ħafna) ogħla mingħand il-konsumaturi aħħarin.

(75) It-tielet, il-konsumaturi aħħarin fin-netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa ta' spiss ikunu utenti industrijali intitolati għal tariffi tan-netwerk imnaqqsa minħabba eżenzjonijiet differenti fil-paragrafu 19 tar-Regolament dwar it-Tariffi tan-Netwerks tal-Elettriku (*Stromnetzentgeltverordnung*). Billi t-tnaqqis huwa bbażat fuq il-profil tal-konsum stabbli jew speċifiku tal-konsumaturi aħħarin kkonċernati u mhux fuq il-fatt li n-netwerk huwa netwerk ta' distribuzzjoni magħluq, ftit li xejn ikun hemm marġni għal tnaqqis sinifikanti fit-tariffi tan-netwerks li jkunu jistgħu jintużaw għan-negozjar ta' prezzijiet ogħla.

(76) B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi osservaw li l-allegat vantaġġ kompetittiv ma kienx neċessarjament sinifikanti u wkoll ma kienx ikun sistematiku, bil-konsegwenza li r-riskju ta' tfigħ ta' offerti strateġiċi kien ikun ħafna aktar baxx milli kien maħsub inizjalment (jekk jeżisti wara kollox). Għaldaqstant, l-awtoritajiet Ġermaniżi qed jikkunsidraw li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' installazzjonijiet ta' CHP li jipproduċu l-elettriku li jiġi injettat f'netwerk ta' distribuzzjoni magħluq għall-offerti mingħajr tibdil ulterjuri fid-disinn tal-proċedura ta' offerti. Madankollu, jekk investigazzjonijiet oħrajn tul il-proċedura leġiżlattiva li għaddejja juru li għad hemm tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u li hemm bżonn ta' miżuri speċifiċi fid-disinn tal-proċedura tal-offerti, l-awtoritajiet Ġermaniżi impenjaw ruħhom li jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawk l-effetti u bi kwalunkwe kontromiżura. F'kull każ, l-awtoritajiet Ġermaniżi impenjaw ruħhom li jinkludu fl-evalwazzjoni tal-iskema ta' appoġġ tas-CHP anki l-parteċipazzjoni tal-installazzjonijiet ta' CHP li jipproduċu elettriku li jiddaħħal f'netwerks ta' distribuzzjoni magħluqa.

(77) L-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li l-installazzjonijiet ta' CHP ikkonċernati huma l-installazzjonijiet ta' CHP deskritti taħt il-premessi 23 u 63 tad-deċiżjoni tal-ftuħ u li għalihom l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu pprovdew il-kalkoli tal-kostijiet totali livellati tal-produzzjoni ta' enerġija (LCOE) li ġejjin.

*Tabella 5*

**Kalkoli LCOE għal proġetti implimentati minn kuntratturi, mhux fil-qafas tal-BesAR, ikbar minn 100 kWel, fuq 15-il sena (2016 sa 2030) sa 10 MW u fuq 20 sena (2016 sa 2035) aktar minn 10 MW, rata ta' skont ta' 30 % fis-sena — f'EUR ċenteżmi/kWh (valuri tal-2013)**

| Settur li fih huwa attiv il-klijent tal-kuntrattur | Manifattura tal-komponenti tal-karozzi | manifattur tal-karozzi | manifattur tal-karozzi | manifattur tal-karozzi | manifattur tal-karozzi | manifattur tal-karozzi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tip ta' installazzjoni | BHKW 5 | BHKW 5 | DT 1 | GT 1 | BHKW 6 | GUD 1 |
| Kapaċità elettrika | 2 000 kW | 2 000 kW | 5 000 kW | 10 000 kW | 10 000 kW | 20 000 kW |
| Sigħat b'tagħbija sħiħa | 4 500 h/a | 8 000 h/a | 5 500 h/a | 5 500 h/a | 5 500 h/a | 5 000 h/a |
| Rata tal-awtokonsum | 50 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 80 % |
| LCOE | 10,42 | 7,22 | 12,13 | 8,42 | 8,49 | 11,56 |
| Prezz tas-suq medju | 6,77 | 6,25 | 6,25 | 6,25 | 6,25 | 5,87 |
| Differenza bejn LCOE u prezz tas-suq | 3,65 | 0,97 | 5,88 | 2,17 | 2,24 | 5,7 |

(78) Bħall-installazzjonijiet ta' CHP l-oħra li jistgħu jipparteċipaw fl-offerti, se jkollhom ikunu installazzjonijiet ta' CHP ta' effiċjenza għolja sabiex ikunu eliġibbli.

(79) L-għajnuna lill-installazzjonijiet ta' CHP magħżula fil-proċedura tal-offerti tingħata bħala primjum b'żieda mal-prezz tas-suq matul 30 000 siegħa ta' tħaddim b'tagħbija sħiħa. Ma jitħallas l-ebda primjum meta l-valur tal-kuntratti dwar il-provvista tal-elettriku bi prezz fis-siegħa jkun żero jew taħt iż-żero fil-kambju spot (ġurnata bil-quddiem) għall-Ġermanja (paragrafu 7(8) tal-KWKG 2016, kif innotifikat, paragrafu 7(7) tal-KWKG 2016, kif emendat). L-elettriku ġġenerat tul dak il-perjodu m'għandux jittieħed inkonsiderazzjoni għall-kalkolu tal-għadd ta' sigħat b'tagħbija sħiħa li matulhom jista' jingħata l-appoġġ. L-operatur tas-CHP huwa wkoll responsabbli għall-ibbilanċjar.

## 6. VALUTAZZJONI TAT-TNAQQIS FIL-ĦLAS ADDIZZJONALI GĦAL CHP

### 6.1. L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat

(80) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(81) Sabiex ikun determinat jekk miżura tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżura:

(a) tkunx tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi jew ċerti setturi (vantaġġ selettiv);

(b) hijiex imputabbli lill-Istat u tinvolvix riżorsi statali;

(c) twassalx għal tgħawwiġ jew theddida ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;

(d) tistax taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

#### 6.1.1. *Vantaġġ selettiv*

(82) Kif fakkret il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016 fil-kawżi magħquda *Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group* u *Il-Kummissjoni vs Banco Santander u Santusa* ([16]), sabiex tiġi stabbilita s-selettività ta' miżura fiskali jew imposta, jeħtieġ li ssir verifika ta' jekk dik il-miżura tintroduċix, bejn operaturi li huma, fid-dawl tal-għan segwit mis-sistema fiskali ġenerali kkonċernata, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, distinzjoni li mhijiex iġġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali ta' dik is-sistema.

(83) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kienet sabet li fil-prinċipju, il-ħlas addizzjonali għal CHP irid jitħallas fuq kull kWh fornut lill-konsumaturi aħħarin permezz tal-grilja pubblika jew tan-netwerk ta' distribuzzjoni magħluq imħaddem mill-operaturi tan-netwerks rispettivi. Dan il-ħlas addizzjonali huwa ħlas addizzjonali uniformi bil-kWh. Kif deskritt fit-taqsimiet 2.2.1 u 2.3 ta' hawn fuq, is-sistema għad-determinazzjoni tal-ħlas addizzjonali bażikament ma nbidlitx fil-qafas tal-KWKG 2016, kif emendat, u tibqa' bbażata fuq il-prinċipju ta' ħlas addizzjonali għal CHP uniformi. Il-ħlas addizzjonali għal CHP normali kien jammonta għal 0,445 EUR ċenteżmi/kWh fl-2016 u jammonta għal 0,438 EUR ċenteżmi/kWh fl-2017.

(84) B'hekk, billi jillimita l-ħlas addizzjonali għal CHP rispettivment għal 0,04 EUR ċenteżmi/kWh u għal 0,03 EUR ċenteżmi/kWh, rispettivament, il-KWKG 2016, kif innotifikat, inaqqas il-ħlas addizzjonali għal CHP tal-kumpaniji li jikkwalifikaw bħala konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B jew Ċ u b'hekk jeħlishom minn piż li normalment ikollhom iġorru. Barra minn hekk, billi jillimita l-ħlas addizzjonali għal CHP għal 0,056 EUR ċenteżmi/kWh fl-2016, għal 0,06 u 0,08 EUR ċenteżmi/kWh fl-2017 u għal 0,12 EUR ċenteżmi/kWh u 0,16 EUR ċenteżmi/kWh fl-2018, il-KWKG 2016, kif emendat, inaqqas il-piż finanzjarju addizzjonali tal-impriżi li jikkwalifikaw bħala konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B jew Ċ u b'hekk jeħlishom minn piż li normalment ikollhom iġorru. Billi l-ħlas addizzjonali għal CHP jiġi limitat għal 15 % tal-ħlas addizzjonali sħiħ (u għal 0,5 % jew 4 % tal-GVA tagħhom) għall-utenti li jużaw ħafna elettriku li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-premessa 20 ta' hawn fuq tal-KWKG 2016, kif emendat, dan inaqqas ukoll il-piż finanzjarju addizzjonali tal-impriżi li jikkwalifikaw bħala konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B jew Ċ u b'hekk jeħlishom minn piż li normalment huma kien ikollhom iġorru. Tali tnaqqis jikkostitwixxi vantaġġ ([17]).

([16]) Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group*, kawżi magħquda C-20/15 P u C-21/15 P, ECLI:EU:C:2016:981, paragrafu 60.

([17]) Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *Austria vs il-Kummissjoni*, T-251/11, ECLI:EU:T:2014:1060, paragrafu 112; Sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281, paragrafu 55.

(85) Il-vantaġġ huwa wkoll selettiv. Fil-fatt, fejn tidħol il-Kategorija Ċ, it-tnaqqis huwa limitat għas-settur tal-manifattura biss. Fil-qafas ta' dan is-settur, it-tnaqqis jingħata ulterjorment biss lill-kumpaniji li jkollhom konsum annwali ta' aktar minn 1 GWh u li jkollhom spejjeż tal-elettriku li jirrappreżentaw aktar minn 4 % tal-fatturat tagħhom (kriterju li jeskludi setturi oħra tal-manifattura peress li huma normalment ma jilħqux dawk il-valuri, ara l-premessa 127 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.) L-istess osservazzjoni tapplika għat-tnaqqis mogħti lill-utenti li jużaw ħafna elettriku li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-premessa 20 ta' hawn fuq. It-tnaqqis huwa selettiv minħabba li jingħata lill-impriżi li joperaw f'setturi speċifiċi biss, u fis-settur it-tnaqqis jingħata biss lill-impriżi li jilħqu konsum ta' 1 GWh f'ċertu punt ta' konsum partikolari u meta jilħqu ċertu livell limitu ta' intensità elettrika.

(86) Rigward il-Kategorija B, il-vantaġġ huwa limitat għall-impriżi li jilħqu livell ta' konsum annwali ta' 1 GWh. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, minkejja li l-Kategorija B donnha miftuħa għas-setturi kollha, il-livell limitu ta' 1 GWh *de facto* jeskludi lil diversi setturi u impriżi mill-ekonomija li normalment qatt ma jilħqu dan il-livell limitu ta' konsum.

(87) Madankollu, fid-dawl tal-objettiv segwit bil-ħlas addizzjonali (kontribut lejn l-appoġġ lis-CHP), il-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B jew Ċ u l-utenti intensivi tal-elettriku jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili. B'mod partikolari, dawk il-konsumaturi aħħarin jikkonsmaw elettriku injettat fil-grilja pubblika jew f'netwerk magħluq bħall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija A. B'mod simili għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija A jibbenefikaw ukoll mil-livell aktar baxx ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ minħabba l-appoġġ lis-CHP ta' effiċjenza enerġetika għolja ffinanzjat bil-ħlas addizzjonali għal CHP.

(88) L-awtoritajiet Ġermaniżi ma ssottomettew l-ebda kumment dwar is-selettività tal-miżura.

(89) BV Glas donnha targumenta li l-fatt li t-tnaqqis huwa limitat għas-settur tal-manifattura jikkonforma mal-loġika tas-sistema peress li l-impriżi li joperaw fis-settur tal-manifattura ġeneralment jaħtfu l-prezzijiet u ma jkunu jistgħu jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali tagħhom lill-klijenti filwaqt li s-setturi tas-servizzi ġeneralment jgħaddu l-ħlasijiet addizzjonali lill-klijenti.

(90) Il-Kummissjoni tinnota l-ewwel li, meta l-Kummissjoni stabbilixxiet li ċerta miżura toħloq differenzi bejn impriżi li, fir-rigward tal-objettiv tal-miżura inkwistjoni, jkunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, huwa l-obbligu tal-Istat Membru li jkun introduċa tali differenzjazzjoni fit-tariffi bejn impriżi li juri li dan huwa fil-fatt iġġustifikat min-natura u mill-iskema ġenerali tas-sistema inkwistjoni ([18]). L-awtoritajiet Ġermaniżi ma ppretendewx li t-tnaqqis isegħ skont in-natura u l-iskema ġenerali tal-ħlas addizzjonali għal CHP. B'mod partikolari, il-Ġermanja ma saħqitx li l-ħlas addizzjonali għas-CHP jissejjes fuq il-prinċipju li l-ħlas addizzjonali għas-CHP jiġi impost fuq impriżi biss jekk huma jkunu jistgħu jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali tagħhom lill-klijenti tagħhom. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ma jappoġġjawx is-suppożizzjoni — mhux sustanzjata — li s-sistema normali ta' tariffi tal-ħlas addizzjonali għal CHP tissejjes fuq il-prinċipju li l-ħlas addizzjonali għal CHP jiġi impost fuq impriżi biss jekk huma jkunu jistgħu jgħaddu l-ispejjeż żejda tagħhom lill-klijenti tagħhom.

(91) L-ewwel, l-eliġibbiltà għat-tnaqqis fil-qafas tal-KWKG 2016, kif innotifikat, ma tiddependix minn jekk l-impriżi jurux li huma ma jistgħux jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali tagħhom lill-klijenti tagħhom. It-tieni, ma ġie pprovdut l-ebda element li wera li s-setturi u l-impriżi kollha li jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-Kategoriji B u Ċ *de facto* ma jistgħux jgħaddu l-ispejjeż żejda tagħhom u li dawk esklużi mit-tnaqqis jistgħu jgħaddu l-ispejjeż żejda kollha tagħhom. It-tielet, l-argument ta' BV Glas, li huwa normali li t-tnaqqis jiġi limitat għall-impriżi li joperaw fis-settur tal-manifattura, jikkontradixxi l-fatt li t-tnaqqis jingħata lill-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B: jistgħu jkunu attivi fis-settur tas-servizzi u m'hemmx għalfejn ikunu jikkunsmaw ħafna elettriku. Fejn jidħol il-KWKG 2016, kif emendat, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma ssottomettewx l-argument li l-ħlas addizzjonali għal CHP kien ibbażat fuq l-abbiltà tal-konsumaturi aħħarin li jgħaddu l-ispejjeż. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ħila li wieħed jgħaddi l-ispejjeż mhijiex kundizzjoni formali ta' eliġibbiltà għat-tnaqqis.

(92) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li wieħed ma jistax iqis li t-tnaqqis jikkonforma mal-loġika tas-sistema ta' ħlas addizzjonali għal CHP u tinsisti fuq il-konklużjoni tagħha li t-tnaqqis li qed jiġi eżaminat jikkostitwixxi vantaġġ selettiv għall-benefiċjarji tat-tnaqqis.

(93) L-awtoritajiet Ġermaniżi introduċew ukoll il-paragrafu 27b tal-KWKG 2016, kif emendat, li jistabbilixxi li l-elettriku maħżun huwa suġġett għall-ħlas addizzjonali għal CHP meta jiġi rtirat mill-faċilità ta' ħżin u mhux meta jiddaħħal fil-faċilità ta' ħżin. Il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni hija fin-natura u fl-iskema ġenerali

([18]) Sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni vs in-Netherlands,* C-279/08 P, ECLI:EU:C:2011:551, paragrafu 32.

tas-sistema tal-ħlas addizzjonali għal CHP (u b'hekk ma tikkostitwixxix vantaġġ selettiv): timmira biex tiġi evitata t-taxxa doppja — prinċipju li qed jiġi applikat b'mod ġenerali fis-sistemi tat-taxxi jew tal-imposti. Din id-dispożizzjoni tikkonforma mal-prinċipju li l-ħlas addizzjonali huwa dovut meta l-elettriku jittieħed mill-grilja u jiġi kkonsmat. Il-Ġermanja spjegat li l-elettriku maħżun fil-faċilità ta' ħżin madankollu għadu ma ġiex ikkonsmat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni pprovduta fil-paragrafu 27b tal-KWKG 2016, kif emendat, mhijiex waħda selettiva.

6.1.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(94) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni sabet li t-tnaqqis kien imputabbli lill-Istat billi kull tnaqqis ingħata bil-liġi (KWKG 2016) u għaldaqstant kien imputabbli lill-Istat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-BAFA (jiġifieri l-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kontroll tal-Esportazzjoni, awtorità federali ogħla subordinata għall-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija) huwa inkarigat biex jivverifika li l-operaturi eliġibbli biss jingħataw l-appoġġ.

(95) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha li t-tnaqqis kien iffinanzjat minn riżorsi statali.

(96) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel osservat li għall-iffinanzjar tal-appoġġ lis-CHP, il-Ġermanja introduċiet ħlas addizzjonali speċjali, il-ħlas addizzjonali għal CHP (ara l-paragrafu 26 tal-KWKG 2016, kif innotifikat, u l-paragrafu 26 tal-KWKG 2016, kif emendat, li jistabbilixxu l-ħlas addizzjonali għal CHP u jagħtu d-dritt lill-operaturi tan-netwerks li jimponu l-ħlas addizzjonali għal CHP fuq il-konsumaturi aħħarin) u ddefinixxiet l-għan tiegħu (jiġifieri, l-iffinanzjar tal-politiki tal-Istat fil-qasam tal-enerġija: Appoġġ lis-CHP u sussidji għall-investimenti għan-netwerks ta' ħżin u għan-netwerks distrettwali ta' tisħin/tkessiħ) u l-metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-ammont tiegħu, li għal xi kategoriji ta' konsumaturi aħħarin jiġi stabbilit direttament mill-Istat (konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ u utenti b'użu intensiż tal-elettriku). Issir ukoll korrezzjoni tad-defiċits u l-eċċessi tal-ħlas addizzjonali għal CHP miġbur (meta mqabbel mal-appoġġ meħtieġ) fis-sena ta' wara, u b'hekk jiġi żgurat li l-operaturi tan-netwerks jingħataw kumpens sħiħ għall-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-obbligu tagħhom li jħallsu l-appoġġ, iżda fl-istess ħin huwa implikat li ma jistgħux jużaw id-dħul mill-ħlas addizzjonali għall-ebda skop għajr l-iffinanzjar tal-appoġġ għall-elettriku mis-CHP, il-ħżin tat-tisħin u t-tkessiħ u t-tisħin/tkessiħ distrettwali. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li, bħal fil-kawża li tat lok għas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013 fil-każ *Association Vent de Colère* ([19])!, l-Istat kien, fi ħdan il-qafas tal-KWKG 2016, ħoloq sistema fejn l-ispejjeż imġarrba mill-operaturi tan-netwerks b'rabta mal-appoġġ għall-elettriku CHP, faċilitajiet ta' ħżin u netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali jkunu kompletament ikkumpensati mill-ħlas addizzjonali għal CHP impost fuq il-konsumaturi aħħarin tal-elettriku. Din iċ-ċirkostanza tagħmel distinzjoni bejn il-każ preżenti mill-każ li ta lok għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 fil-kawża *PreussenElektra* ([20]) billi f'dan il-każ tal-aħħar il-fornituri tal-elettriku kellhom jiffinanzjaw l-ispejjeż addizzjonali mir-riżorsi tagħhom stess. Barra minn hekk, la l-appoġġ tas-CHP mogħti lill-ġeneraturi tal-elettriku CHP u lanqas is-sussidji għall-investimenti mogħtija lill-operaturi tan-netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali u tal-faċilitajiet ta' ħżin ma jikkostitwixxu prezzijiet jew tariffi għal oġġetti jew servizzi. Fil-fatt, l-appoġġ lis-CHP jitħallas mill-operaturi tan-netwerks lill-operaturi tal-installazzjonijiet ta' CHP minkejja li l-elettriku ma jkunx qed jinbiegħ lill-operaturi tan-netwerks, iżda lil terzi; f'ċerti każijiet, jiġi saħansitra kkonsmat mill-istess operatur tal-installazzjoni CHP. Barra minn hekk, fejn jidħlu n-netwerk tat-tisħin/tkessiħ distrettwali u l-faċilitajiet ta' ħżin, dawn jibqgħu proprjetà tal-operatur li jitlob għas-sussidju, u l-ħlas tas-sussidju ma jintitola lill-operaturi tan-netwerks tal-elettriku għall-ebda dritt rigward in-netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali u l-faċilitajiet ta' ħżin ikkonċernati (dwar l-appoġġ lin-netwerks ta' tisħin/t-kessiħ distrettwali u l-faċilitajiet ta' ħżin ara l-premessi 33 sa 45 tad-deċiżjoni tal-ftuħ).

(97) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni nnotat li l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni jaqdu rwol speċjali fis-sistema. Dawn ġew inkarigati bil-kalkolu tal-ħlas addizzjonali għas-CHP fuq il-bażi tal-metodoloġija stabbilita fil-KWKG 2016 u jimmaniġġjaw il-flussi finanzjarji tal-ħlas addizzjonali għas-CHP. Il-piż finanzjarju li rriżulta mill-appoġġ lis-CHP, lin-netwerk ta' tisħin distrettwali u lis-sistemi ta' tisħin hu ttrasferit lilhom kollu kemm hu; imbagħad, huma jridu jiżguraw li l-piż finanzjarju jitqassam b'mod indaqs bejn l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni (b'mod proporzjonat għall-konsumaturi aħħarin tal-kategoriji A, B u Ċ konnessi mal-grilja) u li dawn jiġu ttrasferiti l-ħlas addizzjonali għas-CHP mill-operaturi tan-netwerk ta' distribuzzjoni biex jiġu kkumpensati għall-piż finanzjarju li jirriżulta mill-appoġġ. Dawn iridu jwissu wkoll lill-BAFA f'każ li l-baġit ikun se jinqabeż.

([19]) Is-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent De Colère u Oħrajn*, C-262/12 ECLI:EU:C:2013:851.
([20]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, ECLI:EU:C:2001:160.

F'dak ir-rigward, dawn juru similaritajiet għas-sitwazzjoni tas-Samenwerkende Elektriciteits-Produktiebedrijven NV fil-każ li wassal għas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 fil-kawża *Essent Network Noord* ([21]) u ma' dik tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni fil-każ li wassal għas-sentenza tal-10 ta' Mejju 2016 fil-kawża *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni (EEG 2012)* ([22]).

(98) Barra minn hekk, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kienet sabet li l-elementi li ġejjin ikkonfermaw li l-ħlas addizzjonali għas-CHP jinsab taħt il-kontroll tal-Istat: il-ħlas addizzjonali għas-CHP irid jitqiegħed f'kont separat sabiex ir-regolatur ikun jista' jivverifika n-nuqqas ta' sussidji inkroċjati bejn id-diversi attivitajiet tal-operaturi tan-netwerk. Barra minn hekk, il-liġi teħtieġ li l-fatturar bejn l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni jiġi kkontrollat minn awditur jew minn kontabilista kkwalifikat. Finalment, il-liġi tillimita wkoll il-baġit totali tal-miżura u l-ammont totali tal-ħlas addizzjonali. Meta jkun hemm riskju li l-baġit jinqabeż, l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni jridu jwissu lill-BAFA li mbagħad tikkalkola rati ta' appoġġ ġodda iżda mnaqqsa bl-għan li tiżgura li l-baġit ma jinqabiżx. Din hi konferma oħra li l-ħlas addizzjonali għas-CHP jikkostitwixxi riżorsa taħt il-kontroll tal-Istat.

(99) L-awtoritajiet Ġermaniżi ma ppreżentawx kummenti f'dan ir-rigward. BV Glas ikkummentat li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat għaliex mhijiex qed tixħet piż fuq il-baġit tal-Istat. Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li skont il-ġurisprudenza stabbilita, m'hemmx għalfejn li r-riżorsi jgħaddu mill-baġit tal-Istat biex jitqiesu riżorsi tal-Istat. Biżżejjed li dawn jibqgħu taħt il-kontroll pubbliku ([23]). Huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat li għandhom jitqiesu li huma għajnuna bit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.Barra minn hekk, il-Qorti sabet li "[d]-distinzjoni bejn l-għajnuna mogħtija mill-Istat u l-għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat isservi sabiex tinkludi fid-definizzjoni ta' għajnuna mhux biss l-għajnuna mogħtija direttament mill-Istat, iżda wkoll l-għajnuna mogħtija minn korpi pubbliċi jew privati nnominati jew stabbiliti mill-Istat" ([24]).

(100) Fuq il-bażi ta' dawk l-elementi, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni tagħha li l-ħlas addizzjonali għas-CHP jikkwalifika bħala riżorsa tal-Istat u li, għalhekk, ir-rati mnaqqsa tal-ħlas addizzjonali għas-CHP huma ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat ukoll. Dan it-tnaqqis huwa ffinanzjat minn riżorsi tal-Istat bħala l-appoġġ tas-CHP. Kwalunkwe tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP ġie stabbilit fil-liġi u u involva kontroll mill-istat sal-istess punt bħall-ħlas addizzjoanli sħiħ tas-CHP (ara iktar 'il fuq). Għaldaqstant, anki t-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP irid jitqies bħala ffinanzjat minn riżorsi tal-Istat ([25]).

6.1.3. *L-effett fuq il-kummerċ u l-impatt fuq il-kompetizzjoni*

(101) Fir-rigward tat-tnaqqisiet tal-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP, dawn jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni bejn l-intrapriżi fi ħdan l-istess settur peress li mhux l-intrapriżi kollha huma eliġibbli (skont il-livell tal-konsum tagħhom tal-elettriku u/jew l-importanza rispettiva tal-ispejjeż tal-elettriku meta mqabbla mal-fatturat għal u/jew skont l-importanza rispettiva tal-ispejjeż tal-elettriku meta mqabbla mal-GVA) u huwa probabbli wkoll li dawn jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kompetizzjoni mal-intrapriżi fi Stati Membri oħra. Tabilħaqq, l-intrapriżi li jibbenefikaw minn tnaqqis tipikament ikunu attivi f'ċerti setturi tal-manifattura fejn l-ispejjeż tal-elettriku jirrappreżentaw sehem ikbar tal-ispejjeż tal-produzzjoni (industrija tal-metall, settur tal-karta u kimiku, industrija tal-ħġieġ, raffineriji, industrija tal-injam, settur tal-ikel u tal-għalf, ara l-premessa 127 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ u anki t-Tabella 3 iktar 'il fuq). Kumpaniji attivi f'setturi bħas-settur kimiku, l-industrija tal-karta, il-manifattura ta' karozzi u l-provvista awtomobilistika huma f'kompetizzjoni ma' intrapriżi li jinsabu fi Stati Membri oħra.

(102) BV Glas issottomettiet li ma kien hemm ebda impatt fuq il-kompetizzjoni iżda ma spjegatx għalxiex. BV Glas donnha timplika li ma jkun hemm ebda impatt fuq il-kompetizzjoni għaliex il-miżura għandha l-għan li tnaqqas żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' intrapriżi fi Stati Membri oħra. Peress li l-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP

([21]) Is-Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord u Oħrajn,* C-206/06, ECLI:EU:C:2008:413.

([22]) Is-Sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni,* T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281.

([23]) Is-Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni,* C-482/99 EU:C:2002:294, il-punt 37, u s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni,* T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281, il-punt 83.

([24]) Għal dan il-għan, ara s-sentenza tat-22 ta' Marzu 1977, *Steinike & Weinlig,* C-78/76, EU:C:1977:52, il-punt 21; is-Sentenza tas-17 ta' Marzu 1993, *Sloman Neptun* vs *Bodo Ziesemer,* il-kawżi magħquda C-72/91 u C-73/91, EU:C:1993:97, il-punt 19, u s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni,* T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281, il-paragrafu 81.

([25]) Ara wkoll is-Sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni,* T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281, il-punt 112, u s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *L-Awstrija* vs *Il-Kummissjoni,* T-251/11, ECLI:EU:T:2014:1060, il-punt 76.

jeżistu wkoll fi Stati Membri oħra (pereżempju fi Franza ([26])), dak l-argument mhuwiex sostnut mill-fatti. Barra minn hekk, hi ġurisprudenza stabbilita li l-fatt li miżura hi mmirata biex tarmonizza permezz ta' miżuri unilaterali, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri ma jipprevjenux lil tali miżura milli tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat ([27]).

6.1.4. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(103) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP mogħtija lill-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ u lil utenti elettrointensivi previsti fil-KWKG 2016 jinvolvu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-Trattat.

## 6.2. **L-għajnuna eżistenti/għajnuna ġdida u l-legalità tal-għajnuna**

(104) BV Glas saħqet li l-KWKG 2016 hi simili ħafna għall-KWKG 2002 u, għalhekk, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti.

(105) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li hemm ħafna similaritajiet bejn il-KWKG 2002 u l-KWKG 2016, dan ma jistax iwassal għall-konklużjoni li l-iskema ta' għajnuna tat-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għas-CHP kif prevista mill-KWKG 2016 tikkwalifika bħala skema ta' għajnuna eżistenti.

(106) Hu minnu li l-Liġi tat-12 ta' Mejju 2000 għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bażi tas-CHP ("il-KWKG 2000"), waħda mill-prekursuri tal-KWKG 2016, ġiet ikkunsidrata mill-Kummissjoni li ma tinvolvi ebda għajnuna mill-Istat ([28]). Madankollu, hekk kif il-Kummissjoni nnotat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha (premessa 288), il-KWKG 2000 ġiet abolita diġà fl-2002 u sostitwita mill-KWKG 2002 li min-naħa tagħha ġiet issostitwita mill-KWKG 2016.

(107) B'hekk, il-miżura ta' għajnuna ma tistax titqies bħala għajnuna eżistenti, b'mod partikolari peress li hemm diversi differenzi sostanzjali bejn il-KWKG 2000 u l-KWKG 2016 u fil-fatt anki bejn il-KWKG 2000 u l-KWKG 2002.

(108) L-ewwel differenza hi li t-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP li huma s-suġġett tal-investigazzjoni formali ma kienx jeżisti fil-KWKG 2000 u l-Kummissjoni ma eżaminatux fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Mejju 2002 dwar l-Għajnuna mill-Istat NN 68/2000 — Il-Ġermanja — Liġi għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bażi tas-sħana u tal-enerġija kkombinati tat-12 ta' Mejju 2000 ([29]).

(109) Barra minn hekk, skont il-KWKG 2000, il-liġi sempliċiment stabbilixxiet obbligu ta' xiri flimkien mal-prezz li għandu jitħallas għal dak il-prodott. Kien hemm qsim tal-piżijiet bejn l-operaturi tan-netwerk. Madankollu, il-liġi ma stabbilixxiet ebda ħlas addizzjonali għas-CHP biex tiffinanzja l-appoġġ u, kif intqal fil-premessa preċedenti, ma kien hemm ebda ħlas addizzjoanli mnaqqas tas-CHP għal ċerti kategoriji ta' konsumaturi aħħarin.

(110) Il-KWKG 2016 hi differenti mill-KWKG 2000 fl-aspetti li ġejjin: l-ewwel, l-obbligu ta' xiri ġie ssostitwit mill-obbligu li jitħallas primjum għall-elettriku li ħafna mid-drabi ma jinxtarax mill-operatur tan-netwerk. It-tieni, il-KWKG 2016 tipprovdi wkoll għal appoġġ għall-elettriku li jiġi awtokkonsmat, jiġifieri għajnuna li lanqas ma hi injettata fil-grilji operati mill-operaturi tan-netwerk. It-tielet, il-KWKG 2016 tipprovdi wkoll għal appoġġ għal netwerks ta' ħżin tas-sħana u ta' tisħin distrettwali, jiġifieri infrastruttura mhux relatata mal-grilja tal-elettriku. Ir-raba', il-liġi tiggarantixxi li l-operaturi tan-netwerk jiġu kkumpensati bis-sħiħ għall-ispejjeż żejda tagħhom permezz tal-ħlas addizzjonali għas-CHP stabbilit mil-liġi u l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni jiċċentralizzaw il-flussi finanzjarji marbuta mal-pagamenti tal-primjum u l-ħlas addizzjonali għas-CHP. Il-ħlas addizzjonali għas-CHP hu ħlas addizzjonali uniformi għal kull kWh fin-netwerks kollha. Il-ħames, il-liġi fiha baġit massimu li jillimita wkoll iż-żieda tal-ħlas addizzjonali għas-CHP. U s-sitt, il-KWKG 2016 tipprovdi għal limitu massimu għall-ħlas addizzjonali tas-CHP għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ. Finalment, l-appoġġ għall-installazzjonijiet tas-CHP, għan-netwerks ta' tisħin distrettwali eċċ. hu disponibbli biss wara li tkun inkisbet awtorizzazzjoni mingħand il-BAFA. Konferma tal-eliġibbiltà għall-appoġġ bħal din ma kinitx teżisti taħt il-KWKG 2000.

([26]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.36511 (2014/C) (ex 2013/NN) — Franza — Mekkaniżmu ta' sostenn għall-enerġiji rinnovabbli u l-limitu massimu tas-CSPE — Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 348, 3.10.2014, p. 78)

([27]) Is-Sentenza tal-1 ta' Frar 2017, *Portovesme* vs *Il-Kummissjoni*, C-606/14 P, ECLI:EU:C:2017:75, il-punt 91.

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002 dwar l-Għajnuna mill-Istat NN 68/2000 — Il-Ġermanja — Liġi għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bażi tas-sħana u tal-enerġija kkombinati tat-12 ta' Mejju 2000 (ĠU C 164, 10.7.2002, p. 5).

([29]) *Ibidem.*

(111) Il-KWKG 2002 diġà tippreżenta diversi tibdiliet importanti fil-KWKG 2000: obbligu li jitħallas primjum minbarra l-prezz tas-suq (minflok sempliċi obbligu ta' xiri tal-elettriku għal prezz partikolari), garanzija pprovduta mil-liġi li l-operaturi tan-netwerk se jiġu kkumpensati għall-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-obbligu li jħallsu l-primjum, il-ħolqien ta' ħlas addizzjonali uniformi tas-CHP, rwol ċentrali tal-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fiċ-ċentralizzazzjoni tal-flussi finanzjarji marbuta mal-pagamenti ta' appoġġ u mal-ħlas addizzjonali għas-CHP u l-introduzzjoni ta' limiti massimi għall-ħlas addizzjonali tas-CHG għal żewġ kategoriji ta' konsumaturi aħħarin (Kategorija B u Kategorija Ċ). Barra minn hekk, l-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni mill-BAFA biex jinkiseb aċċess għall-appoġġ ġie introdott fl-2002. Fl-2009, il-KWKG 2002 ġiet emendata biex tipprovdi appoġġ għall-awtokonsum u għan-netwerks ta' tisħin distrettwali wkoll. Fl-2012, il-KWKG 2002 ġiet emendata biex tinkludi wkoll appoġġ għall-faċilitajiet ta' ħżin tat-tisħin u tat-tkessiħ kif ukoll għan-netwerks ta' tkessiħ distrettwali. Il-limitazzjoni tal-baġit ġiet introdotta bil-KWKG 2016.

(112) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni b'hekk tikkonkludi li l-KWKG 2016 għandha diversi karatteristiċi komuni mal-KWKG 2002 iżda li din ma tistax tikkwalifika bħala miżura ta' għajnuna eżistenti peress li d-deċiżjoni fil-kawża NN 68/2000 ([30]) ma kinitx tikkonċerna l-KWKG 2002 iżda l-KWKG 2000 u peress li l-KWKG 2016 tippreżenta diversi tibdiliet sostanzjali meta mqabbla mal-KWKG 2000.

(113) Is-similaritajiet bejn il-KWKG 2002 u l-KWKG 2016 (obbligu ta' ħlas ta' primjum minbarra l-prezz tas-suq, garanzija pprovduta mil-liġi li l-operaturi tan-netwerk se jiġu kkumpensati għall-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-obbligu ta' ħlas tal-primjum, l-introduzzjoni ta' ħlas addizzjonali uniformi tas-CHP u l-introduzzjoni ta' ħlas addizzjonali mnaqqas tas-CHP għal ċerti konsumaturi aħħarin, ir-rwol ċentrali tal-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fiċ-ċentralizzazzjoni tal-flussi finanzjarji marbuta mat-tali pagamenti u l-ħlas addizzjoanli tas-CHP, l-awtorizzazzjonijiet mill-BAFA biex jinkiseb aċċess għall-appoġġ) u d-differenzi mill-KWKG 2000 fil-fatt wasslu għall-konklużjoni li t-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP mogħti skont il-KWKG 2002 diġà kkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni tagħraf li skont l-Artikolu 1(a)(iv) flimkien mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589, huwa biss it-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għas-CHP li ngħata 10 snin qabel l-24 ta' Ottubru 2016 jikkwalifika bħala għajnuna eżistenti.

(114) Barra minn hekk, il-Ġermanja ssottomettiet il-pjan ta' aġġustament li jibda mill-2011 u b'hekk tirrikonoxxi b'mod espliċitu li t-tnaqqisiet tal-ħlas addizzjonali għas-CHP mill-2011 involva għajnuna ġdida mill-istat meta mqabbla mal-KWKG 2002.

### 6.3. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(115) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mill-Istat lil installazzjonijiet tas-CHP b'effiċjenza għolja, lil faċilitajiet tal-ħżin u lil netwerks tat-tisħin/tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija mogħtija skont il-KWKG 2016 kienet kompatibbli mas-suq intern.

(116) Madankollu, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk il-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ jistgħux jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3) c) tat-TFUE.

(117) Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' hawn taħt tkopri biss it-tnaqqis mogħti lil konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ wara l-2007 u lil utenti elettrointensivi deskritti fil-premessa 20 iktar 'il fuq. Din id-Deċiżjoni ma tkoprix tnaqqis mogħti lil intrapriżi ferrovjarji għal pagamenti ta' ħlas addizzjonali għas-CHP. Dak it-tnaqqis ġie approvat bid-deċiżjoni SA.43666 ([31]).

(118) Il-ħlas addizzjonali limitat jeħles lil konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ u lil utenti elettrointensivi minn parti mill-ħlas addizzjonali għas-CHP li normalment kien ikollhom iġarrbu fl-operazzjonijiet ta' kuljum tagħhom bħala parti mill-ispejjeż tal-elettriku tagħhom; b'hekk, dan inaqqas l-ispejjeż operatorji għall-kumpaniji kkonċernati.

(119) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jipprevedi għall-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat fi ħdan l-Unjoni. L-Artikolu 107(2) u 107(3) tat-Trattat jipprovdi għal eżenzjonijiet minn dak il-prinċipju.

(120) Kif il-Kummissjoni nnotat fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, it-tnaqqis ma jaqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-EEAG. L-ewwel, il-ħlas addizzjonali għas-CHP ma jikkwalifikax bħala taxxa ambjentali skont it-tifsira tat-taqsima 3.7.1 tal-EEAG. Tabilħaqq, il-ħlas addizzjonali għas-CHP ifittex objettiv speċifiku, jiġifieri li jiffinanzja appoġġ għall-installazzjonijiet tas-CHP. Għall-kuntrarju tat-taxxi ambjentali, il-ħlas addizzjonali għas-CHP m'għandux effett li jbiddel l-imġiba (ara l-paragrafi 167 u 181 tal-EEAG). M'għandux l-għan li jbiddel l-imġiba ta' dawk li jħallsu l-ħlas addizzjonali għas-CHP minnu nnifsu. B'hekk, il-valutazzjoni tat-tnaqqis tiegħu skont

([30]) *Ibidem.*

([31]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Awwissu 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.43666 (2015/N) — Il-Ġermanja — Tnaqqis tal-ħlas addizzjonali tal-KWKG għall-intrapriżi ferrovjarji (ĠU C 406, 4.11.2016, p. 1).

is-sezzjoni 3.7.1. tista' tiġi eskluża. Il-ħlas addizzjonali għas-CHP jippreżenta ħafna similaritajiet mal-ħlasijiet addizzjonali għar-rinnovabbli li huma ddedikati għall-finanzjament tal-appoġġ għall-elettriku rinnovabbli peress li għandu objettiv ambjentali indirett li jnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-produzzjoni tal-elettriku permezz tal-finanzjament tal-appoġġ għall-koġenerazzjoni. Madankollu, is-Sezzjoni 3.7.2 tal-EEAG tapplika biss għal ħlasijiet addizzjonali ddedikati għall-finanzjament tal-appoġġ tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u b'hekk ma tkoprix il-finanzjament ta' miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija bħal CHP b'effiċjenza għolja fl-enerġija. Ebda Linja Gwida oħra tal-Kummissjoni ma tista' tapplika għall-miżura nnotifikata.

(121) Madankollu, il-Kummissjoni tista' tiddikajra miżura ta' għajnujna bħala kompatibbli direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jekk tkun neċessarja u proporzjonata u jekk l-effetti pożittivi għall-ilħuq tal-objettiv komuni jkunu jegħlbu l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jitqiesu ssodisfati jekk il-mistoqsijiet li ġejjin jistgħu jitwieġbu fl-affermattiv:

(a) Il-miżura ta' għajnuna li hija ppjanata għandha objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar? ([32])

(b) Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat hija maħsuba għal ċirkostanzi meta l-għajnuna tkun tista' ġġib magħha titjib materjali li s-suq waħdu mhux kapaċi jikseb, pereżempju billi ssewwi falliment tas-suq)?

(c) L-għajnuna hija mfassla tajjeb sabiex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni? ([33]) B'mod partikolari:

— Il-miżura tal-għajnuna hija strument xieraq u meħtieġ, jiġifieri hemm strumenti oħrajn, iktar adattati?

— Hemm effett ta' inċentiv, jiġifieri l-għajnuna tbiddel l-imġiba tal-impriżi?

— Il-miżura tal-għajnuna hija proporzjonali, jiġifieri l-istess bidla fl-atteġġjament tista' tinkiseb b'inqas għajnuna?

(d) It-tfixkil fil-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ huma limitati sabiex il-bilanċ ġenerali jkun pożittiv?

6.3.1. *Objettiv ta' interess komuni*

(122) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni osservat li l-ħlas addizzjonali għal CHP huwa ddedikat għall-finanzjament tal-appoġġ għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u għalhekk b'mod indirett jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi fil-mira ta' dawk il-miżuri ta' appoġġ, jiġifieri, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-produzzjoni tal-elettriku permezz taż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-settur tal-elettriku, li l-Kummissjoni osservat li jikkorrispondi għal objettiv ta' interess komuni.

(123) Il-Kummissjoni osservat ukoll li tnaqqis ta' ħlasijiet addizzjonali għal CHP iddedikat għall-finanzjament tas-sostenn għall-koġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija jista' wkoll jikkontribwixxi b'mod indirett għall-objettiv tal-miżuri ta' appoġġ iffinanzjati mill-ħlasijiet addizzjonali (jiġifieri ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika fil-produzzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ marbuta mal-konsum tal-elettriku) għax jista' jgħin jiggarantixxi bażi ta' finanzjament suffiċjenti għall-miżuri ta' appoġġ stess b'mod simili għal kif it-tnaqqis fil-finanzjament ta' appoġġ għall-elettriku rinnovabbli jgħin jiggarantixxi bażi ta' finanzjament suffiċjenti għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli (ara t-Taqsima 3.7.2 tal-EEAG u b'mod partikolari l-paragrafu 182 tal-EEAG). Għalhekk, jekk ikun meħtieġ tnaqqis sabiex jiġi garantit il-finanzjament ta' dawk il-miżuri ta' appoġġ, b'mod indirett dan jikkontribwixxi wkoll għall-objettivi fil-mira tal-miżuri ta' appoġġ eżaminati fit-taqsimiet 3.3.1 sa 3.3.5 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(124) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-Unjoni għadha ma stabbilixxietx miri obbligatorji għall-kull Stat Membru għall-produzzjoni ta' elettriku CHP b'effiċjenza għolja, għall-kuntrarju tal-każ fir-rigward tal-enerġiji rinnovabbli. Għalhekk, ġeneralment il-ħtiġijiet ta' finanzjament għas-sostenn ta' installazzjonijiet ta' CHP huma anqas mill-ħtiġijiet ta' finanzjament għas-sostenn tal-enerġija rinnovabbli, li jagħmilha anqas imperattiva li jiġu ffinanzjati l-miżuri ta' appoġġ minn imposta fuq il-konsum tal-elettriku. Madankollu, id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]) stabbilixxiet mira ewlenija għall-effiċjenza enerġetika ta' 20 % u tipprevedi miri

([32]) Is-Sentenza tal-14 ta' Jannar 2009, *Kronoply* vs *il-Kummissjoni*, T-162/06 ECLI:EU:T:2009:2, speċjalment il- paragrafi 65, 66, 74 u 75.

([33]) Is-Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2001, *Agrana Zucker und Stärke* vs *il-Kummissjoni*, Kawża T-187/99, ECLI:EU:T:2001:149, paragrafu 74. Is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2002 *Graphischer Maschinenbau vs il-Kummissjoni*, Kawża T-126/99, EU:T:2002:116, il-paragrafi 41-43. Is-Sentenza tal-15 ta' April 2008, *Nuova Agricast*, Kawża C-390/06, ECLI:EU:C:2008:224, il-paragrafi 68-69.

([34]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza li għalihom installazzjonijiet ta' CHP ta' effiċjenza għolja, netwerks ta' tisħin distrettwali effiċjenti fl-enerġija u sistemi ta' ħżin jistgħu jagħtu kontribut importanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jivvalutaw il-potenzjal tagħhom għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, inklużi installazzjonijiet ta' CHP, tisħin distrettwali u biex jużaw il-potenzjali identifikat. B'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal miżuri ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika potenzjalment jistgħu jsiru sinifikanti wkoll, u b'hekk iżidu l-ħtieġa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffinanzjaw il-miżuri mill-imposta fuq il-konsum tal-enerġija. Barra minn hekk, il-mira ta' titjib ta' 27 % fl-effiċjenza enerġetika għall-2030 li l-Kunsill Ewropew approva fit-23 ta' Ottubru 2014 ([35]) ser tkompli tmexxi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha lejn aktar tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ u lejn aktar iffrankar tal-enerġija.

(125) Sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi finali tal-elettriku partikolarment affettwati mill-kostijiet ta' finanzjament tal-promozzjoni ta' CHP b'effiċjenza għolja (u l-promozzjoni relatata ta' netwerks ta' tisħin distrettwali effiċjenti fl-enerġija u faċilitajiet ta' ħżin tas-sħana mqabbda mal-installazzjonijiet ta' CHP) ikunu jistgħu jitpoġġew fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti, il-Ġermanja jista' jkollha tagħti tnaqqis parzjali, b'mod partikolari peress li l-ħlas addizzjonali għal CHP iżid mal-ħlas addizzjonali tal-EEG sabiex jiffinanzja sett ta' miżuri ta' sostenn fis-settur tal-elettriku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tiġi miġġielda l-bidla fil-klima. Tabilħaqq, il-falliment jew id-delokalizzazzjoni ta' wisq kumpaniji partikolarment affettwati mill-ħlas addizzjonali tal-EEG jew CHP jistgħu jagħmlu erożjoni tal-bażi ta' finanzjament: Minflok ma jħallsu ħlas addizzjonali mnaqqas, il-kumpaniji rilevanti ma jikkontribwixxu bl-ebda mod għall-finanzjament, u dan jimplika sforz finanzjarju saħansitra akbar minn konsumaturi finali oħra għall-finanzjament tal-appoġġ tas-CHP, li jerġa' jnaqqas l-aċċettabilità tal-ħlas addizzjonali u għalhekk tal-appoġġ tas-CHP bħala tali.

(126) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kienet osservat li filwaqt li l-ħlas addizzjonali għas-CHP ma kienx immirat biex joħloq inċentivi għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija iżda biex jiffinanzja miżuri ta' effiċjenza enerġetika biss, għandu jkun evitat li l-kobor tat-tnaqqis iġiegħel lill-kumpaniji jkunu anqas effiċjenti fl-enerġija, peress li dan imur kontra l-objettiv tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija sostnuti.

(127) Rigward ir-riskju li jitnaqqsu l-inċentivi sabiex wieħed ikun effiċjenti fl-enerġija, l-awtoritajiet Ġermaniżi ddikjaraw li t-tnaqqis ma jeliminax l-inċentivi għall-utenti li jużaw ħafna elettriku biex ikunu effiċjenti fl-enerġija peress li l-ħlas addizzjonali għal CHP jirrappreżenta biss proporzjon żgħir tal-kostijiet tal-elettriku. Is-sempliċi prezz tal-elettriku fih innifsu, minħabba l-proporzjon għoli tal-kostijiet tal-enerġija mqabbla mal-kostijiet totali tal-produzzjoni, jipprevedi inċentiv biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika (ara l-premessi 62 u ta' wara hawn fuq). Barra minn hekk, BV Glas iddikjarat li l-utenti li jużaw ħafna elettriku huma inċentivati b'mod kontinwu biex itejbu l-effiċjenza enerġetika minħabba l-proporzjon għoli li l-prezzijiet tal-enerġija jirrappreżentaw fil-kostijiet tal-produzzjoni totali (spiss bejn 20 % u 50 %).

(128) Il-Kummissjoni taqbel li fil-każ ta' kumpaniji li jużaw ħafna elettriku esposti għall-kummerċ internazzjonali, is-sempliċi prezz tal-elettriku fih innifsu jista' jipprovdi inċentiv biex iżidu l-effiċjenza enerġetika minħabba li f'kumpaniji li jużaw ħafna enerġija, l-enerġija tirrappreżenta proporzjon għoli tal-kostijiet ta' produzzjoni. Dan l-inċentiv ser ikun aktar importanti għall-kumpaniji li qed jaffaċċjaw ċertu livell ta' kummerċ internazzjonali peress li l-pressjoni kompetittiva ser iġġiegħel lill-kumpaniji jkunu effiċjenti. Peress li dawn il-kumpaniji ser ikollhom iħallsu tal-anqas 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP, dan il-kontribut minimu fil-verità ser isaħħaħ l-inċentivi li l-kumpaniji li jużaw ħafna elettriku u li qed jaffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali jridu jinvestu f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika. Minkejja dan, ma ġie pprovdut l-ebda element biex juri li t-tnaqqis ma jeliminax l-inċentivi għall-kumpaniji li ma jużawx ħafna elettriku. Madankollu, l-awtoritajiet Ġermaniżi llimitaw it-tnaqqis għal utenti li jużaw ħafna elettriku u li jaffaċċjaw ċertu livell ta' kompetizzjoni internazzjonali mill-1 ta' Jannar 2017 u l-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji fl-2016 setgħu jitqiesu bħala utenti li jużaw ħafna enerġija. It-tnaqqis huwa wkoll soġġett għall-parteċipazzjoni f'sistema ta' mmaniġġjar tal-enerġija jew ambjentali. Finalment, kif ser jiġi eżaminat f'aktar dettall hawn taħt, l-awtoritajiet Ġermaniżi żammew kontribuzzjoni proprja ta' 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis, kif emendat, mhux ser ineħħi l-inċentivi għall-utenti li jużaw ħafna enerġija biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tagħhom. Fir-rigward tal-perjodu 2011-2018 u fir-rigward tal-utenti li ma jużawx ħafna elettriku, l-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw pjan ta' aġġustament li ser iżid l-inċentivi għall-effiċjenza enerġetika għall-utenti li ma jużawx ħafna elettriku.

(129) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħlasijiet addizzjonali għal CHP imnaqqsa jikkontribwixxu għal objettiv komuni.

([35]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014.

6.3.2. *Ħtieġa ta' intervent mill-Istat, adegwatezza tal-għajnuna u u effett ta' inċentiv*

(130) Fit-taqsimiet 3.3.1.2, 3.3.2.2, 3.3.4.2 u 3.3.5.2 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-promozzjoni ta' installazzjonijiet ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija u installazzjonijiet ta' ħżin tat-tisħin/tkessiħ ma titwassalx mis-suq biss u li l-miżuri ta' għajnuna (u l-finanzjament tagħhom) kienu meħtieġa biex jinċentivaw l-investimenti lejn u/jew l-operat ta' dawk l-installazzjonijiet u faċilitajiet.

(131) Il-miżuri ta' għajnuna eżaminati fit-taqsimiet 3.3.1 sa 3.3.5 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ huma kollha mmirati biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-enerġija u biex inaqqsu l-marka tal-karbonju tal-produzzjoni tal-elettriku u għalhekk tal-konsum. Huma mmirati li jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima.

(132) Filwaqt li l-ħlas addizzjonali għal CHP mhux l-unika mezz ta' finanzjament konċepibbli, huwa xieraq li l-miżuri ta' għajnuna jiġu ffinanzjati għall-produzzjoni ta' elettriku koġenerat b'effiċjenza għolja, netwerks ta' tisħin distrettwali effiċjenti fl-enerġija u faċilitajiet ta' ħżin tas-sħana abbażi ta' ħlas addizzjonali fuq l-elettriku kkunsmat mill-konsumaturi finali mqabbda mal-grilja u rtirati mill-grilja, minħabba r-rabta mill-qrib bejn il-miżuri sostnuti u l-elettriku rtirat mill-grilja. Barra minn hekk, tali ħlas addizzjonali jipprovdi fluss ta' finanzjament relattivament stabbli u ma jostakolax id-dixxiplina baġitarja. Dawn huma r-raġunijiet għaliex ta' spiss, tali sistema ta' finanzjament tintuża biex jiġi ffinanzjat l-appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Kif issemma' diġà fil-premessa 125 t'hawn fuq, il-ħtiġijiet tal-finanzjament għall-miżuri ta' appoġġ tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jsiru sinifikanti u b'hekk tiżdied il-ħtieġa għall-Istati Membri li jkunu jistgħu jiffinanzjaw il-miżuri mill-ħlasijiet addizzjonali tal-elettriku.

(133) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għas-CHP jista' jitqies neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-protezzjoni ambjentali segwita mill-miżuri eżaminati fit-taqsimiet 3.3.1 sa 3.3.5 tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ jekk, fin-nuqqas tat-tnaqqis tal-finanzjament tal-ħlas addizzjonali għas-CHP, dawk il-miżuri u l-għan segwit minn dawk il-miżuri, jitpoġġew f'riskju.

(134) Dan jista' jkun il-każ jekk il-pagament tal-ħlas addizzjonali kollu tas-CHP jimplika d-delokalizzazzjoni jew il-falliment ta' għadd kbir ta' impriżi jew setturi. Min-naħa l-oħra, dan inaqqas b'mod sinifikanti l-aċċettabilità tal-ħlas addizzjonali għas-CHP kif ukoll l-għadd ta' pagaturi tal-ħlas addizzjonali u jirriskja li jipperikola l-miżuri ta' għajnuna bħala tali.

(135) Fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ tagħha (premissa (274)), il-Kummissjoni indikat li l-kriterji żviluppati fil-paragrafi 185, 186 u 187 tal-EEAG jistgħu jservu bħala gwida sabiex jiġu identifikati s-setturi li jinsabu f'riskju ta' delokalizzazzjoni jew falliment f'każ ta' ħlasijiet addizzjonali tal-enerġija għoljin wisq immirati lejn il-finanzjament tal-appoġġ tal-koġenerazzjoni. Dan jidher adegwat, b'mod partikolari minħabba li, minn naħa waħda, il-miżuri li huma ffinanzjati mill-ħlas addizzjonali għas-CHP iservu l-istess għan ambjentali bħall-miżuri li huma ffinanzjati mill-ħlasijiet addizzjonali rinnovabbli li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-taqsima 3.7.2 tal-EEAG (il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jirriżultaw mill-produzzjoni tal-elettriku) u minħabba li, min-naħa l-oħra, il-ħlas addizzjonali għas-CHP fil-Ġermanja iżid mal-ħlasijiet addizzjonali rinnovabbli (il-ħlas addizzjonali EEG fil-Ġermanja) u huwa strutturat b'mod simili. Minħabba li huwa impost proporzjonalment mal-elettriku meħud mill-grilja, il-ħlas addizzjonali għas-CHP ser ikollu impatt, b'mod partikolari, fuq l-impriżi li għalihom l-ispejjeż tal-elettriku jirrappreżentaw sehem importanti ta' valur miżjud gross u li ma jistgħux jgħaddu faċilment l-ispejjeż tagħhom lill-konsumaturi aħħarin minħabba l-intensità tal-kummerċ internazzjonali tas-settur li fihom dawn huma attivi. Dawk huma l-impriżi li l-kriterji previsti fil-paragrafi 185, 186 u 187 tal-EEAG jimmiraw li jidentifikaw.

(136) Matul l-investigazzjoni preliminari, l-awtoritajiet Ġermaniżi spjegaw li tnaqqis fil-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP kien meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-kumpanji (utenti tal-enerġija) ikkonċernati u li ultimament, dawn ikunu meħtieġa sabiex jiġi żgurat il-finanzjament għall-miżuri ta' appoġġ. Madankollu, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni biex juru li t-tnaqqis fil-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP kien meħtieġ għat-tipi kollha ta' impriżi jew setturi inklużi fi ħdan il-kategoriji tal-konsumaturi aħħarin Ċ u B sabiex jiġi żgurat il-finanzjament tal-miżuri ta' għajnuna stipulati fil-KWKG tal-2016, kif ġie nnotifikat. Dawn ipprovdew biss informazzjoni relatata ma' utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali u eliġibbli għat-tnaqqis ta' ħlasijiet addizzjonali rinnovabbli, filwaqt li, madankollu, irrikonoxxew li l-konsumaturi aħħarin fil-Kategoriji B u Ċ ma kinux kollha impriżi bħal dawn.

(137) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni osservat li hija aċċettat il-fatt li xi setturi li jużaw l-enerġija b'mod intensiv u b'esponiment għoli għall-kummerċ internazzjonali kellhom probabbiltà għolja li jiġu affettwati b'mod sinifikanti mill-ħlas addizzjonali sħiħ tal-EEG u li din it-theddida għall-kompetittività u l-vijabilità tagħhom tkun

biżżejjed sabiex tipperikola l-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli ([36]). Jekk wieħed jassumi li l-benefiċjarji jikkorrispondu għall-kumpaniji eliġibbli għall-appoġġ skont l-EEG, il-ħlas addizzjonali għas-CHP kollu jkun jirrappreżenta, għal għadd sinifikanti ta' dawk il-kumpanija, bejn 1 % u 9 % ta' valur miżjud gross. Tabilħaqq, dan jikkostitwixxi piż sinifikanti, b'mod partikolari peress li dan jiżdied mal-piż li diġà jirriżulta mill-ħlas addizzjonali tal-EEG, ħlas addizzjonali li jiffinanzja miżuri li jsegwu l-istess għan ambjentali bħall-miżuri ffinanzjati mill-ħlas addizzjonali għas-CHP.

(138) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma pprovdew l-ebda informazzjoni addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika liema sehem tal-benefiċjarji tabilħaqq jikkorrispondi għall-impriżi eliġibbli għat-tnaqqis fil-ħlasijiet addizzjonali tal-EEG jew għal tnaqqis fit-Taqsima 3.7.2 tal-EEAG u lanqas ma pprovdew informazzjoni li turi l-ħtieġa ta' tnaqqis anke għall-kumpaniji li la jużaw l-enerġija b'mod intensiv u lanqas ma jiffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li BV Glas issostni li t-tnaqqis kollu huwa meħtieġ, din ma ppreżentatx informazzjoni li tindika li anke t-tnaqqis għall-utenti li ma jużawx l-enerġija b'mod intesiv huwa meħtieġ. Fil-fatt, l-informazzjoni ppreżentata minn BV Glas hija limitata għall-utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv. Madankollu, mill-1 ta' Jannar 2017, it-tnaqqis ser ikun limitat għall-utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv li jikkwalifikaw għal tnaqqis tal-ħlas addizzjonali rinnovabbli (jiġifieri għall-EIU f'riskju ta' rilokazzjoni jew falliment). Utenti li ma jużawx l-enerġija b'mod intensiv tal-Kategorija B u Ċ mhumiex ser jibqgħu jkunu eliġibbli għat-tnaqqis. Għall-utenti li ma jużawx l-enerġija b'mod intensiv, l-awtoritajiet Ġermaniżi ipprovdew pjan ta' aġġustament li beda mill-2011, li skontu, it-tnaqqis ser jitneħħa kompletament sal-2019, filwaqt li anke t-tnaqqis mogħti lill-utenti li ma jużawx l-enerġija b'mod intensiv ġie aġġustat abbażi ta' pjan ta' aġġustament ippreżentat lill-Kummissjoni (ara wkoll it-taqsima 6.4 t'hawn taħt dwar il-pjan ta' aġġustament).

(139) Abbażi ta' dawk l-elementi, b'mod partikolari l-modifiki u l-pjan ta' aġġustament ipprovduti mill-awtoritajiet Ġermaniżi li jiżguraw li t-tnaqqis huwa limitat għal utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv esposti għall-kummerċ internazzjonali, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis huwa adegwat u meħtieġ sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-appoġġ ta' kofinanzjament u li jkollu effett ta' inċentiv.

6.3.3. *Proporzjonalità*

(140) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni osservat li t-tnaqqis ma jistax jikkorrispondi għal eżenzjonijiet sħaħ jew ikun tant sinifikanti li jipperikola l-għan tal-miżura ta' appoġġ minħabba li dan jirriżulta f'piż kbir wisq fuq il-konsumaturi l-oħrajn aħħarin (premessa 269 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ). Barra minn hekk, tnaqqis sinifikanti żżejjed iżid it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li tirriżulta minnu. Huwa għalhekk li skont l-EEAG, sa fejn huwa kkonċernat it-tnaqqis fil-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-impriżi eliġibbli għat-tnaqqis għandhom iħallsu kontribut minimu li jikkorrispondi fil-prinċipju għal 15 % tal-imposta normali (ara l-paragrafu 188 tal-EEAG), bil-possibbiltà ta' tnaqqis addizzjonali meta l-imposta tirrappreżenta aktar minn sehem partikolari ta' GVA tal-kumpanija (paragrafu 189 tal-EEAG).

(141) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha (premessa 282), il-Kummissjoni indikat li din kellha tuża l-paragrafi 188 u 189 tal-EEAG bħala gwida sabiex tivvaluta l-proporzjonalità tat-tnaqqis. Dan jidher adegwat, b'mod partikolari minħabba li, min-naħa l-oħra, il-miżuri li huma ffinanzjati mill-ħlas addizzjonali għas-CHP iservu l-istess għan ambjentali bħall-miżuri li huma ffinanzjati mill-ħlasijiet addizzjonali rinnovabbli li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-taqsima 3.7.2 tal-EEAG (il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jirriżultaw mill-produzzjoni tal-elettriku) u minħabba li, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis jimmira lejn l-iżgurar tas-sostenibilità tal-finanzjament ta' dawk il-miżuri ta' appoġġ billi jiġi limitat il-piż għall-impriżi jew dawk li huma affettwati b'mod partikolari mill-ħlasijiet addizzjonali tal-enerġija iżda li minnhom għadhom jeħtieġu kontribuzzjoni proprja suffiċjenti.

(142) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha (premessa 283), il-Kummissjoni osservat li matul l-investigazzjoni preliminari, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma wrewx li l-limiti massimi ta' 0,04 u 0,03 EUR cent/kWh kienu limitati għall-minimi meħtieġa. L-awtoritajiet Ġermaniżi ma wrewx li tnaqqis inqas sinifikanti ma kienx ikun aċċettabbli. Dawn insistew fuq l-effett ta' kumulazzjoni mal-EEG iżda ma pprovdew l-ebda informazzjoni konkreta relatata mal-benefiċjarji tat-tnaqqis li jqabblu l-proporzjon bejn it-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għas-CHP u l-GVA mal-proporzjon bejn ħlasijiet addizzjonali tas-CHP ftit ogħla (pereżempju 15 %) u l-GVA jew mal-proporzjon bejn it-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali għas-CHP ikkumulat għat-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali tal-EEG u l-GVA.

([36]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-kawża SA.38632 (2014/N) — il-Ġermanja — EEG 2014 (ĠU C 325, 2.10.2015, p. 4).

(143) L-awtoritajiet Ġermaniżi ma pprovdew l-ebda informazzjoni addizzjonali matul l-investigazzjoni formali. BV Glas ippreżentat li t-tnaqqis kien limitat għall-minimu meħtieġ iżda ma tatx spjegazzjoni għaliex it-tnaqqis ikun limitat għall-minimu.

(144) Madankollu, il-Ġermanja mmodifikat il-KWKG 2016 u bħala riżultat, mill-1 ta' Jannar 2017, it-tnaqqis huwa limitat għall-utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv li jikkwalifikaw għal tnaqqis tal-ħlas addizzjonali rinnovabbli u l-ħlas addizzjonali ser ikun mill-inqas 15 % tal-ħlas addizzjonali (ara l-premessa 21 t'hawn fuq). L-utenti li ma jużawx l-enerġija b'mod intensiv mhumiex ser jibqgħu jkunu eliġibbli għat-tnaqqis. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew pjan ta' aġġustament li beda mill-2011 għall-konsumaturi aħħarin preċedenti tal-Kategorija B u Ċ li skontu, sal-2019, it-tnaqqis ser jitneħħa totalment għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategoriji B u Ċ li ma jikkwalifikawx bħala utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv u li skontu ġie aġġustat it-tnaqqis mogħti lill-utenti li ma użawx l-enerġija b'mod intensiv fil-passat. L-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew ukoll pjan ta' aġġustament, li beda mill-2011, għall-konsumaturi aħħarin preċedenti tal-Kategorija B u Ċ li jikkwalifikaw bħala utenti li jużaw l-enerġija b'mod intensiv.

(145) Abbażi ta' dawk l-elemnti, b'mod partikolari l-modifiki introdotti mill-1 ta' Jannar 2017, fil-livell ta' tnaqqis u l-pjan ta' aġġustament ipprovdut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali tas-CHP huma proprozjonati mal-għan segwit.

6.3.4. *Tgħawwiġ fil-kompetizzjoni*

(146) Il-Kummissjoni osservat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha li kellha matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari, li din ma kisbitx biżżejjed elementi li jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta l-bilanċ globali tat-tgħwwiġ potenzjali fil-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, billi għadha ma ngħatatx prova tal-ħtieġa, tal-adegwatezza, tal-effett ta' inċentiv u tal-proporzjonalità tal-miżura ta' għajnuna, f'dan l-istadju l-Kummissjoni tiddubita kemm il-miżura ta' għajnuna tiżgura li t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li tirriżulta minn tnaqqis għal xi kumpaniji minn parti mill-ispejjeż operattivi normali tagħhom ikun limitat u li l-bilanċ globali tal-miżura jkun pożittiv.

(147) Fil-kummenti tagħhom dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ (premessa 287), l-awtoritajiet Ġermaniżi enfasizzaw li t-tgħawwiġ huwa limitat minħabba l-impatt pożittiv tal-miżuri ffinanzjati mill-ħlas addizzjonali għas-CHP u minħabba li, bl-emendi adottati fit-22 ta' Diċembru 2016, it-tnaqqis ser ikun limitat għall-minimu neċessarju sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-ħlas addizzjonali għas-CHP.

(148) Fir-rigward tal-impatti pożittivi, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni osservat li l-miżuri ffinanzjati mill-ħlas addizzjonali għas-CHP kienu mmirati lejn it-tnaqqis importanti f'termini ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ u kienu importanti wkoll biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-elettriku kkoġenerat fis-suq tal-elettriku. Dawn l-impatti pożittivi huma mogħtija fil-qosor fil-premessi 9 u 10 t'hawn fuq.

(149) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva 2012/27/UE stabbilixxiet mira ewlenija ta' 20 % dwar l-effiċjenza enerġetika u tobbliga lill-Istati Membri jivvalutaw il-potenzjal tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inklużi l-installazzjonijiet tas-CHP, it-tisħin distrettwali u l-faċilitajiet ta' ħażna u sabiex jintuża l-potenzjal identifikat. Barra minn hekk, il-mira ta' titjib ta' 27 % fl-effiċjenza enerġetika għall-2030 li l-Kunsill Ewropew approva fit-23 ta' Ottubru 2014 ([37]) ser tkompli tmexxi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha lejn aktar tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ u lejn aktar iffrankar tal-enerġija. Bħala riżultat, hemm ħtiġijiet ta' finanzjament għal miżuri ta' sostenn tal-effiċjenza enerġetika u jistgħu wkoll potenzjalment isiru aktar sinifikanti fil-futur minħabba li l-mira ta' 20 % għadha ma ntlaħqitx u wara li tintlaħaq trid tkompli tittejjeb biex tilħaq il-mira tal-2030. Għalhekk, l-iżgurar tad-disponibbiltà u tas-sostenibbiltà tal-mezzi finanzjarji għall-installazzjonijiet ta' CHP, it-tisħin distrettwali u l-faċilitajiet tal-ħżin huwa element importanti biex iwitti t-triq għal żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-enerġija u għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$. Tabilħaqq, il-Kummissjoni sabet ukoll fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha li kien għad hemm fallimenti tas-suq f'dan il-qasam u li l-miżuri ta' sostenn kienu għadhom meħtieġa biex iżidu l-effiċjenza enerġetika.

(150) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li bl-emendi introdotti fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Ġermanja tillimita l-eliġibbiltà għat-tnaqqis għal impriżi eliġibbli għal tnaqqis taħt il-BesAR, jiġifieri għal impriżi u setturi li huma l-aktar fir-riskju ta' delokalizzazzjoni u falliment fil-każ ta' ħlas tal-ħlas addizzjonali kollu u li b'hekk ikun jikkostitwixxi l-akbar theddida għas-sostenibbiltà tal-ħlas addizzjonali. Ukoll, il-benefiċjarji għadhom meħtieġa jikkontribwixxu s-sehem tagħhom għall-finanzjament tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis ma jimminax l-inċentivi tal-benefiċjarji biex jibqgħu effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

([37]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014.

(151) Finalment, il-Kummissjoni tinnota li t-tnaqqis jingħata lill-impriżi kollha attivi fl-istess settur meta jkunu fl-istess sitwazzjoni f'termini ta' intensità elettrika.

(152) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-bilanċ globali tal-miżuri ta' għajnuna huwa pożittiv għaliex l-effetti pożittivi tiegħu jegħlbu d-distorsjoni possibbli tal-kompetizzjoni.

### 6.4. **Pjan ta' aġġustament**

(153) It-tnaqqis fil-ħlasijiet addizzjonali għal CHP ġie introdott fl-2002 bil-KWKG 2002. L-awtoritajiet Ġermaniżi semmew f'dak ir-rigward li fl-2002, il-Kummissjoni sabet li l-KWKG 2000 li kien applikabbli dak iż-żmien ma kienx jinkludi għajnuna mill-Istat u ma kienx jindika lill-Ġermanja li l-KWKG 2002 se jkun att notifikabbli ([38]). Huma sostnew li l-fatt li l-Kummissjoni ma oġġezzjonatx għall-KWKG 2002 u ddikjarat li l-KWKG 2000 ma kienx jikkostitwixxi għajnuna jqajjem raġunijiet leġittimi li t-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP ma jikkostitwixxix għajnuna, tal-anqas sal-2014 meta l-Kummissjoni adottat l-EEAG tal-2014 u għamlitha ċara li l-iskemi ta' sostenn rinnovabbli jew CHP iffinanzjati mill-ħlasijiet addizzjonali jikkostitwixxu għajnuna. Ukoll, BV Glas sostniet li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat NN 68/2000 — il-Ġermanja — Il-liġi għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bażi ta' sħana u enerġija kkombinati tat-12 ta' Mejju 2000 (id-"Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2002") ħolqot aspettattivi leġittimi li l-KWKG 2002 u mbagħad il-KWKG 2016 ma kien fihom l-ebda għajnuna.

(154) Madankollu, il-Ġermanja ppreżentat lill-Kummissjoni pjan ta' aġġustament li jibda fl-2011 u b'mod progressiv jaġġusta l-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ għall-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-proporzjonalità introdotti mil-Liġi tat-22 ta' Diċembru 2016 u inkorporati fil-KWKG 2016, kif emendat (jiġifieri tnaqqis limitat għal utenti b'użu intensiv tal-elettriku li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-premessa 20 t'hawn fuq u tnaqqis limitat għal 85 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP jew għal 4 % jew 0,5 % tal-GVA, skont l-intensità elettrika tal-impriża).

(155) Dan jallinja l-ħlasijiet tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP tal-konsumaturi aħħarin preċedenti kollha tal-Kategorija B u Ċ li jikkwalifikaw bħala utenti b'użu intensiv tal-elettriku għal-livelli kompatibbli sal-2018. Filwaqt li l-Kummissjoni tivvaluta dan il-pjan ta' aġġustament fuq il-bażi biss tal-Artikolu 107(3)c tat-TFUE, il-paragun bil-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-EEAG fir-rigward tal-aġġustament tat-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali RES applikati qabel l-1 ta' Lulju 2014 juri li l-aġġustament progressiv tal-ħlas addizzjonali għal CHP previst fil-pjan sottomess jippermetti li jitqiesu l-ħlasijiet tal-passat tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP kompatibbli mas-suq intern.

(156) Fil-fatt, il-pjan jipprevedi żieda progressiva fil-ħlas addizzjonali għal CHP għall-konsumaturi aħħarin tal-kategoriji B u Ċ mill-2011 'il quddiem sabiex fl-2019 ikollhom iħallsu l-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ (100 %). Din it-triq hija aktar stretta mid-dispożizzjoni tranżitorja fir-rigward tat-tnaqqis fil-finanzjament tar-RES previst fl-EEAG. Għall-EIU, il-pjan diġà jipprevedi aġġustament għal 15 % fl-2018, għalhekk aktar kmieni minn dak li teħtieġ il-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġustament tat-tnaqqis fil-finanzjament tar-RES (ara l-paragrafu 193 tal-EEAG). Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' aġġustament ippreżentat jagħmel it-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP fil-passat kompatibbli mas-suq intern.

(157) Billi l-ħlasijiet addizzjonali għal CHP imħallsa mill-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija B u tal-Kategorija Ċ irrappreżentaw total ta' aktar minn 100 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ għall-2011 u għall-2012 imħallas mill-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija A, il-pjan ta' aġġustament japplika għall-utenti mingħajr użu intensiv tal-elettriku mill-2013 'il quddiem biss. Il-konsumaturi tal-Kategorija B fir-realtà ħallsu għall-2013-2016 aktar minn dak li jeħtieġ il-pjan ta' aġġustament (21 % minflok sa 12,5 %), u b'hekk fil-prattika l-aġġustament tagħhom ikollu jsir biss mill-2017 'il quddiem. L-aġġustament tal-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija Ċ se jsir mill-2016 'il quddiem peress li għall-perjodu 2013-2015 huma ħallsu total li jaqbeż dak li kien jirrikjedi l-pjan ta' aġġustament (13 % minflok sa 12,5 %).

(158) Fejn jidħlu l-utenti b'intensità elettrika għolja, dawn ħallsu total ta' 15 % tal-ħlas addizzjonali għal CHP sħiħ għall-perjodu mill-2011 sal-2016. Il-pjan ta' aġġustament se jgħodd għalihom fil-prattika mill-2017 'il quddiem.

([38]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat NN 68/2000 — il-Ġermanja — Il-liġi għall-protezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bażi ta' sħana u enerġija kkombinati tat-12 ta' Mejju 2000 (ĠU C 164, 10.7.2002, p. 5).

(159) Għalhekk fid-dawl tal-ammonti attwali ta' ħlas addizzjonali għal CHP imħallsa mill-benefiċjarji fis-snin preċedenti l-implimentazzjoni tal-pjan ta' aġġustament mhi se tirrikjedi l-ebda żieda tal-ħlas addizzjonali fis-snin preċedenti, ħlief għall-2016 għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C li ma jikkwalifikawx bħala utenti b'użu intensiv tal-elettriku. Madankollu, din iż-żieda fil-ħlas addizzjonali għal CHP diġà ġiet ippromulgata fil-liġi tat-22 ta' Diċembru 2016 u l-ħlas addizzjonali għal CHP miżjud għal din il-kategorija ta' konsumaturi aħħarin ġie inkluż fil-kont finali għall-2016. Tabilħaqq, skont il-Paragrafu 36 tal-KWKG 2016 kif emendat, il-ħlas addizzjonali ta' EUR 0,026/kWh huwa dovut, sakemm it-tnaqqis għall-perjodu 2014-2016 ma jkunx taħt EUR 160 000 (jiġifieri 20 % taħt il-livell limitu *de minimis*).

(160) Il-Kummissjoni ssib ukoll li l-punt tat-tluq tal-pjan ta' aġġustament fl-2011 huwa ġġustifikat. Tabilħaqq f'Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew qabel fuq il-mira ta' 20 % ta' effiċjenza enerġetika li għandha tintlaħaq sal-2020. Matul l-2010 u l-2011, l-UE adottat bosta Pjanijiet ta' Azzjoni u Komunikazzjonijiet ([39]) biex tenfasizza l-importanza tal-effiċjenza enerġetika u l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi, inkluż fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u inkluż permezz ta' skemi, biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. Dan flimkien ukoll mad-Direttiva 2012/27/UE wasslu biex l-Istati Membri jżidu l-miżuri ta' sostenn u l-ħlasijiet addizzjonali, inkluż il-ħlas addizzjonali għal CHP, bdew jiżdiedu bħala riżultat.

(161) Fir-rigward tal-aspettattivi leġittimi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2002, il-Kummissjoni tinnota li d-Deċiżjoni tagħha tal-2002 ma kinitx relatata mat-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għal CHP u mhuwiex ċar kif għalhekk tista' tqajjem aspettattivi leġittimi dwar in-nuqqas tal-għajnuna. Fi kwalunkwe każ, jekk nassumu li seta' kien hemm aspettattivi leġittimi abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2002 u abbażi tal-istatus tal-każistika (*PreussenElektra* ([40])), dawk l-aspettattivi leġittimi kienu jintemmu sa mhux aktar tard mill-2011 għaliex bosta żviluppi fil-każistika u fil-prattika tal-każijiet kienu jwasslu lil operatur ekonomiku prudenti u informat biex jirrealizza li ma kienx aktar possibbli li wieħed jassumi li t-tnaqqis tal-ħlas addizzjonali għal CHP ma kienx se jikkostitwixxi għajnuna.

(162) Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ripetut iddeċidiet li d-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jestendi għal kwalunkwe persuna f'sitwazzjoni fejn l-istituzzjoni Komunitarja tkun ħolqitlu aspettattivi li huma ġġustifikati b'assigurazzjonijiet preċiżi li jkunu ngħataw lilu. Madankollu, meta operatur ekonomiku prudenti u informat ikun f'pożizzjoni fejn ikun jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura Komunitarja ta' natura li taffettwa l-interessi tiegħu, dan l-operatur ma jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju ta' dan il-prinċipju meta tkun adottata din il-miżura. ([41]).

(163) Tabilħaqq, sadanittant, il-Qorti ċċarat fis-sentenza tagħha *Essent* tas-17 ta' Lulju 2008 ([42]) il-konfini tas-sentenza *PreussenElektra* ([43]) u kkonkludiet li jikkwalifika wkoll bħala riżorsa tal-Istat ħlas addizzjonali impost mill-Istat u ġestit minn entità maħtura mill-Istat anke jekk il-flus ma jgħaddux minn fond jew kont direttament ġestit mill-Istat; barra minn hekk, fit-22 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fuq limitu massimu introdott b'liġi Awstrijaka li eżentat kumpaniji f'industriji intensivi fl-enerġija mill-obbligu li jixtru

([39]) Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 kkonfermaw il-mira għall-effiċjenza enerġetika bħala waħda mill-miri ewlenin tal-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni għal impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Skont dan il-proċess u sabiex ikun implimentat dan l-għan fuq il-livell nazzjonali, l-Istati Membri huma mitluba jiffissaw miri nazzjonali bi djalogu mill-qrib mal-Kummissjoni u jindikaw, fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, kif biħsiebhom jilħquhom. Ara wkoll Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Enerġija 2020 — Strateġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u b'sigurtà (COM(2010) 639 finali tal-10 ta' Novembru 2010). Din tqiegħed l-effiċjenza enerġetika fil-qalba tal-istrateġija tal-Unjoni tal-enerġija għall-2020 u tiddeskrivi l-ħtieġa għal strateġija ġdida tal-effiċjenza enerġetika li tippermetti lill-Istati Membri kollha jiddiżakkoppjaw l-użu tal-enerġija mit-tkabbir ekonomiku. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 li jirrikonoxxu li l-mira għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni ma kinitx fit-triq it-tajba u li hija meħtieġa azzjoni determinata sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal konsiderevoli għal iktar iffrankar tal-enerġija fil-bini, fit-trasport, fil-prodotti u fil-proċessi. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika 2011 Il-Komunikazzjoni kkonfermat li l-Unjoni mhijiex fit-triq it-tajba sabiex tilħaq il-mira tagħha għall-effiċjenza enerġetika.Bħala rimedju, il-Pjan għall-Effiċjenza fl-Enerġija 2011 spjega sensiela ta' politiki u miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika li kienu jkopru l-katina tal-enerġija kollha, inkluż il-ġenerazzjoni tal-enerġija ta' sħana u elettriku u jissottolinja li s-sħana residwa għandha tiġi rkuprata fejn possibbli u għandu jsir użu akbar minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja fejn possibbli..

([40]) Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, *PreussenElektra*, il-Kawża C-379/98, ECLI:EU:C:2001:160.

([41]) Is-Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, *Forum 187 v Il-Kummissjoni*, Il-kawżi magħquda C-182/03, C-217/03, ECLI:EU:C:2005:266, il-paragrafu 147.

([42]) Is-Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord u Oħrajn*, C-206/06, ECLI:EU:C:2008:413.

([43]) Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, *PreussenElektra*, il-Kawża C-379/98, ECLI:EU:C:2001:160.

enerġija ekoloġika jekk l-ispejjeż għall-enerġija ekoloġika jkunu aktar minn 0,5 % tal-valur tal-produzzjoni rispettiv tagħhom ([44]). Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni kkonfermat il-pożizzjoni tagħha f'deċiżjoni finali li l-livell limitu Awstrijak għall-utenti intensivi fl-użu tal-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([45]).

(164) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-pjan ta' aġġustament fil-prattika jwassal għal aġġustament għall-konsumaturi aħħarin tal-Kategorija C li ma jikkwalifikawx bħala utenti b'użu intensiv tal-elettriku fl-2016. Fl-2016, kwalunkwe operatur ekonomiku prudenti u informat ikun irrealizza li qabel jemmen li t-tnaqqis ma jikkostitwixxi l-ebda għajnuna, ikun prudenti li jistenna l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għaliex kien magħruf li l-KWKG 2016 kien ġie nnotifikat lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(165) Finalment, il-Kummissjoni tinnota li l-pjan ta' aġġustament jevita tfixkil finanzjarju kbir wisq u wisq f'daqqa għal impriżi individwali u f'dak is-sens jikkontribwixxi wkoll għas-sostenibbiltà tal-finanzjament tas-sostenn CHP kif deskritt taħt il-premessi 124 u ta' wara t'hawn fuq.

(166) Għat-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali għal CHP applikat qabel id-data tal-bidu tal-pjan ta' aġġustament, il-Kummissjoni tqis li fid-dawl tal-istat ta' żvilupp ta' CHP ferm effiċjenti (il-perjodu qabel l-istabbiliment tal-mira tal-UE ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika) l-ammonti tat-tnaqqis mogħtija skont il-KWKG 2002 wara Novembru 2006 jistgħu jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE u għalhekk jaqgħu taħt ir-Regolament skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li kien applikabbli f'dak iż-żmien (għajnuna *de minimis*) jew li t-tnaqqis mogħti minn Diċembru 2008 sa Diċembru 2010 jaqa' taħt il-Qafas Komunitarju Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali ([46]).

### 6.5. **Konklużjoni**

(167) Il-Kummissjoni ssib li l-Ġermanja implimentat illegalment ħlasijiet addizzjonali għal CHP imnaqqsa għal ċerti konsumaturi aħħarin bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madankollu, il-Kummissjoni ssib li dak it-tnaqqis kif emendat bil-Liġi tat-22 ta' Diċembru 2016 u kif ikkomplimentat mill-pjan ta' aġġustament huwa kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

## 7. L-EŻAMI PRELIMINARI TAL-ESTENSJONI MAĦSUBA TAL-APPOĠĠ TAS-CHP ABBAŻI TAL-KWKG 2016, KIF EMENDAT BIL-LIĠI TAT-22 TA' DIĊEMBRU 2017

(168) Kif deskritt taħt il-premessa 7, l-awtoritajiet Ġermaniżi nnotifikaw emenda għall-iskema ta' appoġġ tas-CHP li l-Kummissjoni approvat fl-24 ta' Ottubru 2016. Dik l-emenda tikkonsisti fit-tibdil tal-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-installazzjonijiet ta' CHP sabiex ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fl-offerti li se jiġu organizzati mix-xitwa tal-2017/2018 biex jintgħażlu proġetti ta' CHP li se jibbenefikaw mill-appoġġ. B'riżultat ta' dik l-emenda, l-installazzjonijiet ta' CHP li jinjettaw l-elettriku f'netwerks tad-distribuzzjoni magħluqa se jkunu eliġibbli wkoll biex jieħdu sehem f'dawn l-offerti ("l-emenda"). Is-CHP użat għall-awtokonsum madankollu jibqa' mhux eliġibbli għas-sostenn u mhuwiex ikkonċernat mill-emenda notifikata. It-taqsima li jmiss fiha l-eżami preliminari skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2015/1589 ta' dik l-emenda.

### 7.1. **L-eżistenza ta' għajnuna:**

(169) B'riżultat tal-emenda deskritta taħt it-taqsima 5 hawn fuq, kategorija oħra ta' operaturi CHP ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fl-offerti biex jiksbu primjum fiss fuq il-prezz tas-suq għall-elettriku. L-emenda għalhekk iżżid iċ-ċirku ta' benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna approvata. Din ma tibdilx il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-eżistenza ta' għajnuna li saret fil-premessi 123, 128 sa 137, 139 u 144(a) tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ. L-emenda għalhekk tikkostitwixxi wkoll skema ta' għajnuna.

(170) B'mod partikolari, l-emenda tagħti lill-installazzjonijiet CHP ikkonċernati l-aċċess għall-offerti organizzati għall-installazzjonijiet CHP li jinjettaw l-elettriku fil-grilji pubbliċi. L-installazzjonijiet CHP magħżula fl-offerta se jiksbu primjum fuq il-prezz tas-suq. Dan jagħtihom vantaġġ fuq produtturi oħra tal-elettriku li qed jieħdu biss il-prezz tas-suq għall-elettriku li jipproduċu. Billi huma biss l-operaturi tal-installazzjonijiet CHP u ċerti tipi biss ta'

([44]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2009 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.26036 (C 24/2009) — L-Awstrija — Għajnuna lil Konsumaturi Kbar tal-Elettriku (ĠU C 217, 11.9.2009, p. 12).

([45]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/528/UE tat-8 ta' Marzu 2011 dwar miżura ta' għajnuna mill-Istat C 24/09 (ex N 446/08) — Għajnuna mill-Istat lin-negozji konċentrati fl-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika fl-Awstrija (ĠU L 235, 10.9.2011, p. 42).

([46]) ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1.

operaturi CHP li jistgħu jieħdu sehem fl-offerta, il-vantaġġ huwa selettiv. Is-sostenn huwa ffinanzjat mill-ħlas addizzjonali CHP deskritt taħt it-taqsimiet 2.2 u 2.3 hawn fuq u għalhekk huwa ffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq taħt it-taqsima 6.1.2 hawn fuq. Il-vantaġġ aktarx li jaffettwa wkoll il-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kompetizzjoni. Tabilħaqq, l-operaturi tal-installazzjonijiet ta' CHP li jinjettaw l-elettriku f'netwerks tad-distribuzzjoni magħluqa jinsabu f'kompetizzjoni mal-fornituri tal-elettriku li jinjettaw l-elettriku fil-grilji pubbliċi. Billi l-elettriku injettat fil-grilji pubbliċi huwa soġġett għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri, anke l-emenda li testendi l-possibbiltà għal installazzjonijiet CHP li jinjettaw l-elettriku f'netwerks tad-distribuzzjoni magħluqa aktarx li taffettwa l-kummerċ u l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri.

## 7.2. **Legalità**

(171) Billi ż-żieda ta' kategorija ġdida ta' installazzjonijiet ta' CHP eliġibbli biex jieħdu sehem fl-offerti għadha ma ġietx adottata, il-Ġermanja kkonformat mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

## 7.3. **Kompatibilità**

### 7.3.1. *Kontribut għal objettiv ta' interess komuni*

(172) L-objettiv tal-appoġġ jibqa' l-istess kif deskritt fil-premessa 148 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ: huwa indirizzat lejn żieda fil-livell ta' protezzjoni ambjentali permezz tal-promozzjoni tal-elettriku minn koġenerazzjoni ferm effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li l-installazzjonijiet ta' CHP li jsiru eliġibbli biex jieħdu sehem fl-offerti jkomplu jkunu soġġetti għar-rekwiżit ta' effiċjenza għolja f'konformità mal-paragrafu 139 tal-EEAG.

(173) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-emenda tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni bl-istess mod li kienet tikkontribwixxi l-iskema oriġinali (ara f'dan ir-rigward it-taqsima 3.3.1.1 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ).

### 7.3.2. *Ħtieġa ta' intervent mill-Istat u ta' effett ta' inċentiv*

(174) L-installazzjonijiet ta' CHP li jinjettaw l-elettriku fi grilja privata jikkorrispondu għat-tip ta' installazzjonijiet ta' CHP imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ bħala "*Kontraktor*" (ara l-premessa 23 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ) u li għalihom l-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew kalkoli tal-Kost Livellat tal-Enerġija u paraguni mal-projezzjonijiet tal-prezz tas-suq (ara t-Tabella 5 hawn fuq).

(175) L-Istati Membri jeħtieġ li juru li l-għajnuna mill-Istat hija meħtieġa biex tirrimedja falliment tas-suq li nkella jibqa' mhux indirizzat (ara l-paragrafu 37 tal-EEAG). Fil-każ tal-koġenerazzjoni, il-Kummissjoni tippreżumi li miżuri ta' effiċjenza enerġetika jimmiraw esternalitajiet negattivi billi joħolqu inċentivi individwali biex jiksbu miri ambjentali għall-effiċjenza enerġetika u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra (ara l-paragrafi 35 u 142 tal-EEAG).

(176) Skont il-paragrafu 49 tal-EEAG, l-Istat Membru jrid juri li l-għajnuna għandha l-effett li tinċentiva lill-benefiċjarji jibdlu l-imġiba tagħhom f'konformità mal-objettiv ta' interess komuni segwit.

(177) Il-kalkoli pprovduti mill-awtoritajiet Ġermaniżi (ara t-Tabella 5) juru li l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-elettriku minn CHP b'effiċjenza għolja (LCOE) huma ogħla mill-prezz tas-suq tal-elettriku u li mingħajr is-sostenn din l-attività aktarx li ma tkunx ekonomikament vijabbli.

(178) L-installazzjonijiet ta' CHP li huma kkonċernati mill-emenda se jiksbu sostenn biss jekk jintgħażlu fi proċess ta' offerti kompetittiv, għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżit tal-forma li jinsab fil-paragrafu 51 tal-EEAG (ara l-paragrafu 52 tal-EEAG).

(179) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-awtoritajiet Ġermaniżi wrew li l-għajnuna għall-installazzjonijiet ta' CHP li jinjettaw l-elettriku fi grilji privati hija meħtieġa u li l-iskema ta' għajnuna se jkollha effett ta' inċentiv.

### 7.3.3. *L-adegwatezza tal-għajnuna, il-proporzjonalità u l-evitar ta' tgħawwiġ bla bżonn fil-kompetizzjoni*

(180) F'konformità mal-paragrafu 145 tal-EEAG, l-għajnuna mill-Istat tista' titqies bħala strument xieraq biex jiġu ffinanzjati l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, indipendenti mill-forma li tingħata fiha. Il-primjums fuq il-prezz tas-suq huma strumenti tal-għajnuna xierqa biex jikkompensaw lill-impjanti ta' CHP għall-ispejjeż ogħla tal-produzzjoni tal-elettriku minn koġenerazzjoni ferm effiċjenti għaliex jimmiraw lejn l-element tal-ispiża addizzjonali li mhuwiex kopert mill-prezz tas-suq.

(181) L-emenda nnotifikata żżid kategorija ġdida ta' operaturi CHP li jistgħu jieħdu sehem fl-offerta sabiex jiksbu primjum fuq il-prezz tas-suq. Dan jikkorrispondi għall-għajnuna operatorja għall-produzzjoni ta' elettriku f'installazzjonijiet ta' CHP ferm effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għalhekk il-paragrafu 151 tal-EEAG huwa applikabbli għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità.

(182) Għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità, il-paragrafu 151 tal-EEAG jagħmel referenza għall-kundizzjonijiet li japplikaw għall-għajnuna operatorja għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif stabbilit fit-taqsima 3.3.2.1 tal-EEAG.

(183) L-impjanti ta' CHP ikkonċernati mill-emenda jaqgħu fil-kategorija ddefinita fil-paragrafu 151(a) tal-EEAG: l-elettriku prodott se jinbiegħ lill-pubbliku (minkejja li għal numru aktar limitat ta' klijenti mill-elettriku mibjugħ fil-grilja pubblika).

(184) Għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità, il-paragrafu 151 tal-EEAG jagħmel referenza għall-kundizzjonijiet li japplikaw għall-għajnuna operatorja għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif stabbilit fit-taqsima 3.3.2.1 tal-EEAG.

(185) Skont il-paragrafu 124 tal-EEAG, l-għajnuna trid tingħata bħala primjum minbarra l-prezz tas-suq li bih il-ġeneraturi jbigħu l-elettriku tagħhom direttament fuq is-suq. Barra minn hekk, il-benefiċjarji jridu jkunu soġġetti għal responsabbiltajiet tal-ibbilanċjar standard, sakemm ma jeżistix l-ebda suq tal-ibbilanċjar likwidu tal-istess ġurnata u finalment l-iskema trid tiżgura li l-ġeneraturi ma jkollhom l-ebda inċentiv biex jiġġeneraw l-elettriku meta l-prezzijiet tas-suq huma negattivi.

(186) L-iskema ta' għajnuna tikkonforma mal-paragrafu 124(a) tal-EEAG minħabba li l-għajnuna mħallsa lil impriżi magħżula se titħallas bħala primjum fuq il-prezz tas-suq u l-operatur tal-installazzjoni ta' CHP se jkollu jbigħ l-elettriku fuq is-suq (ara l-premessa 79 hawn fuq). L-operatur huwa soġġett ukoll għar-responsabbiltajiet tal-ibbilanċjar normali (ara l-premessa 79 hawn fuq). Finalment, l-iskema ma toħloqx inċentivi biex jiġi prodott l-elettriku fi żmien ta' prezzijiet negattivi. Tabilħaqq l-għajnuna titħallas bħala primjum fiss u għal ammont limitat ta' sigħat b'tagħbija sħiħa. Dan iżid l-inċentivi biex l-elettriku jinbiegħ fi żminijiet ta' domanda ogħla, għaliex dan jimmassimizza d-dħul u għall-kuntrarju jnaqqas l-inċentivi li jiġi prodott fi żminijiet ta' prezzijiet negattivi. Barra minn hekk, il-Ġermanja tissospendi l-appoġġ fi żminijiet ta' prezzijiet negattivi (ara l-premessa 79 hawn fuq).

(187) Il-paragrafu 126 tal-EEAG jirrikjedi li, mill-1 ta' Jannar 2017, l-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti.

(188) L-emenda tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit għaliex tikkonsisti fiż-żieda ta' kategorija ta' operaturi CHP eliġibbli biex jieħdu sehem fl-offerti li se jiġu organizzati mix-xitwa tal-2017/2018. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-offerti strateġiċi, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Ġermaniżi wettqu studju dwar l-ekonomiji tal-installazzjonijiet ta' CHP li jinjettaw l-elettriku fi grilji privati li żvela li l-vantaġġ kompetittiv kien ferm aktar limitat milli maħsub inizjalment (jekk jeżisti), sabiex ir-riskju tal-offerti strateġiċi kien baxx biżżejjed biex jagħmilha possibbli li dawn it-tip ta' installazzjonijiet ta' CHP jiġu inklużi fl-istess offerta. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li se jinkludu dan l-element fl-evalwazzjoni tal-offerti u indikaw ukoll li jekk jinstabu sinjali ta' offerti strateġiċi, l-awtoritajiet Ġermaniżi se jindirizzawhom fil-qafas tad-disinn tal-offerta u se jinnotifikaw l-emendi għall-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u għad-disinn tal-offerta lill-Kummissjoni.

### 7.3.4. *Trasparenza*

(189) L-emenda ma tbiddilx l-impenn ipprovdut mill-awtoritajiet Ġermaniżi, li jiġu implimentati l-kundizzjonijiet kollha stipulati fit-taqsima 3.2.7 tal-EEAG. Il-miżuri jikkonformaw mad-dispożizzjoni dwar it-trasparenza.

### 7.3.5. *Konklużjoni*

(190) Abbażi tar-raġunijiet stipulati fit-taqsimiet 7.3.1 sa 7.3.4, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-appoġġ lill-installazzjonijiet ta' CHP ġodda ta' effiċjenza għolja użati f'networks ta' distribuzzjoni magħluqa huwa konformi mal-EEAG, b'mod partikolari t-taqsima 3.4 tiegħu, u għaldaqstant huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

It-tnaqqis fil-ħlasijiet addizzjonali għal CHP li l-Ġermanja implimentat skont il-KWKG 2016 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)c tat-TFUE wara li saru l-emendi tat-22 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 2*

L-għajnuna individwali mogħtija abbażi tal-iskemi ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jekk, meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni taċċetta l-pjan ta' aġġustament għall-perjodu 2011-2019, kif innotifikat mill-Ġermanja. Il-Ġermanja għandha tinforma lill-Kummissjoni bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' aġġustament.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna lill-installazzjonijiet ta' CHP ġodda ta' effiċjenza għolja użati f'networks ta' distribuzzjoni magħluqa, approvata bid-Deċiżjoni C(2016)6714, li l-Ġermanja beħsiebha timplimenta abbażi tal-paragrafu 33a(2)(b)(bb) tal-KWKG 2016, kif emendat bil-Liġi tat-22 ta' Diċembru 2016, minħabba li l-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

Margrethe VESTAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT